49	Cyfluthrin Nru CAS 68359-37-5 (stereokimika mhux dikjarata) Nru CIPAC 385	(RS),-α-cyano-4-fluoro-3-phenoxybenzyl-(1RS,3RS;1RS,3SR)-3-(2,2-dichlorovinyl)-2,2-dimethycyclopropanecarboxylate	920 g/kg	1 ta' Jannar 2004	31 ta' Diċembru 2013	Jista' jkun awtorizzat biss l-użu bħala insettiċida Użi barra dawk ornamentali fis-serer u għat-trattament taż-żerriegħa bħalissa mhumiex appoġġati b'mod adegwat u ma wrewx li huma aċċettabbli skont il-kriterji meħtieġa mill-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Sabiex ikunu appoġġati awtorizzazzjonijiet għal tali użi, dejta u informazzjoni li jippruvaw l-aċċettabilità tagħhom għall-konsumaturi umani u l-ambjent, ikollhom ikunu ġġenerati u ssottomessi lill-Istati Membri. Dan sejjer ikun il-każ b'mod partikolari fil-konfront tad-dejta sabiex ikunu kkalkolati fid-dettalji kollha r-riskji tal-użu fuq il-weraq fil-beraħ u r-riskji relatati mad-dieta tat-trattament tal-weraq tal-uċuħ tar-raba' li huma tajbin għall-ikel. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi, il-konklużjonijiet tar-rapport tar-reviżjoni dwar is-cyfluthrin, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-3 ta' Diċembru 2002 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din l-istima komplessiva: — L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien ta' artropodi li ma jkunux fil-mira tal-applikazzjoni. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jnaqqsu r-riskju b'mod adegwat.
50	Iprodione Nru CAS 36734-19-7 Nru CIPAC 278	3-(3,5-diklorofenil)-Nisopropil-2,4-diossi-immidażolidina-1-karbossimid	960 g/kg	1 ta' Jannar 2004	►**M184** 31 ta' Ottubru 2017 ◄	Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu bħala fungiċida u nematiċida. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-iprodione, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-3 ta' Diċembru 2002. F'din l-analiżi ġenerali, l-Istati Membri: — għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-potenzjal ta' kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'rati għolja ta' użu (partikolarment l-użu fit-turf) fuq il-ħamrija aċiduża (bil-pH taħt is-6) f'kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli, — iridu jqisu sewwa r-riskju li jinħoloq għall-invertebrati akkwatiċi jekk is-sustanza attiva tiġi applikata direttament viċin l-ilmijiet tal-wiċċ. Fejn hu l-każ, għandhom ikunu applikati miżuri ta' tnaqqis tar-riskju.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
51	Linuron Nru CAS 330-55-2 Nru CIPAC 76	3-(3,4-dichlorophenyl)-1-methoxy-1-methylurea	900 g/kg	1 ta' Jannar 2004	►**M184** 31 ta' Lulju 2017 ◄	Jista' ikun awtorizzat biss l-użu bħala erbiċida Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-linuron, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-3 ta' Diċembru 2002 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din l-istima komplessiva l-Istati Membri: — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-annimali slavaġ, artropodi li ma jkunux fil-mira tal-applikazzjoni u organiżmi li jgħixu fl-ilma. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jnaqqsu r-riskju, fejn ikun xieraq. — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-opertauri.
52	Maleic hydrazide Nru CAS 123-33-1 Nru CIPAC 310	6-hydroxy-2H-pyridazin-3-one	940 g/kg.	1 ta' Jannar 2004	►**M184** 31 ta' Ottubru 2017 ◄	Jista' jkun awtorizzat biss l-użu bħala regolatur tat-tkabbir. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-maleic hydrazide, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-3 ta' Diċembru 2002 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din l-istima komplessiva l-Istati Membri: — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-artropodi li ma jkunux fil-mira tal-applikazzjoni u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni jkunu jinkludu miżuri li jnaqqsu r-riskju, fejn ikun xieraq, — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-possibbiltà ta' kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art meta s-sustanza attiva tkun applikata f'reġjuni li għandhom kundizzjonijiet tal-ħamrija u/jew klimatiċi vulnerabbli. Miżuri li jnaqqsu r-riskju għandhom ikunu applikati, fejn ikun xieraq.
53	Pendimethalin Nru CAS 40487-42-1 Nru CIPAC 357	N-(1-ethylpropyl)-2,6-dinitro-3,4-xylidene	900 g/kg	1 ta' Jannar 2004	►**M184** 31 ta' Lulju 2017 ◄	Jista' ikun awtorizzat biss l-użu bħala erbiċida Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-pendimethalin, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-3 ta' Diċembru 2002 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din l-istima komplessiva l-Istati Membri:

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-organiżmi li jgħixu fl-ilma u pjanti terrestri li ma jkunux fil-mira tal-applikazzjoni. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri tat-taffija tar-riskju, fejn xieraq, — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-possibbiltà li s-sustanza attiva tkun trasprortata għal distanza qasira permezz tal-arja.
54	Propineb Nru CAS 12071-83-9 (monomeru), 9016-72-2 (omopolimeru) Nru CIPAC 177	Polymeric zinc 1,2-propylenebis(dithiocarbamate)	Is-sustanza attiva teknika għandha tħares l-ispeċifikazzjoni FAO	1 ta' April 2004	►**M196** 31 ta' Jannar 2018 ◄	Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala fungużida. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jiġu kkunsidrati l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-propineb, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-26 ta' Frar 2003. F'din l-istima komplessiva: — L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-potenzjal ta' kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art meta s-sustanza attiva hi applikata fir-reġjuni b'ħamrija vulnerabbli u/jew kundizzjonijiet ta' klima estremi — L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni ta' mammiferi żgħar, organiżmi akkwatiċi u artropodi. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq — L-Istati Membri għandhom josservaw is-sitwazzjoni akuta ta' espożizzjoni tad-dieta tal-konsumaturi minħabba reviżjonijiet futuri tal-livelli massimi ta' residwu
55	Propyzamide Nru CAS 23950-58-5 Nru CIPAC 315	3,5-dichloro-N-(1,1-dimethyl-prop-2-ynyl)benzamide	920 g/kg	1 ta' April 2004	►**M196** 31 ta' Jannar 2018 ◄	Jistgħu jiġu awtorizzati biss użi bħala erbiida. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jiġu kkunsidrati l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-propyzamide, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fis-26 ta' Frar 2003. F'din l-istima komplessiva, l-Istati Membri: — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-operaturi u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet għal awtorizzazzjoni jinkludu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-protezzjoni ta' għasafar u mammiferi slavaġ b'mod partikolari jekk is-sustanza ġiet applikata matul l-istaġun tat-trobbija. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu l-miżuri tat-taffija tar-riskju, fejn xieraq
56	Mecoprop Nru CAS 7085-19-0 Nru CIPAC 51	(RS)-2-(4-chloro-o-tolyloxy)-aċidu propjoniku	930 g/kg	1 ta' Ġunju 2004	31 ta' Mejju 2014	Awtorizzat għall-użi ta' erbiċida biss. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-mecoprop, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-15 ta' April 2003 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni globali: — L-Istati Membri għandhom joqgħodu attenti b'mod partikolari għal kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri tat-taffija tar-riskju, fejn jixraq. — L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien ta' artropodi mhux fil-mira. Għandhom jiġu applikati miżuri tat-taffija tar-riskju, fejn jixraq.
57	Mecoprop-P Nru CAS 16484-77-8 Nru CIPAC 475	(R)-2-(4-chloro-o-tolyloxy)-aċidu propjoniku	860 g/kg	1 ta' Ġunju 2004	►**M196** 31 ta' Jannar 2018 ◄	Awtorizzat għall-użi ta' erbiċida biss. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-mecoprop-P, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-15 ta' April 2003 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni globali: — L-Istati Membri għandhom joqgħodu attenti b'mod partikolari għal kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għat-taffija tar-riskju, fejn xieraq.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
58	Propiconazole Nru CAS 60207-90-1 Nru CIPAC 408	(±)-1-[2-(2,4-dichlorophenyl)-4-propyl-1,3-dioxolan-2-ylmethyl]-1H-1,2,4-triazole	920 g/kg	1 ta' Ġunju 2004	►**M196** 31 ta' Jannar 2018 ◄	Awtorizzat għall-użi ta' fungiċida biss. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-propiconazole, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-15 ta' April 2003 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni globali: — L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-protezzjoni ta' artropodi mhux fil-mira u organiżmi akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri tat-taffija tar-riskju, fejn jixraq. — L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien ta' organiżmi tal-ħamrija għal rati ta' applikazzjonijiet li jaqbżu s-625 g a.i./ha (eż. l-użu fil-lon). Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' mitigazzoni tar-riskju (eż. skema ta' applikazzjoni lokalizzata), fejn xieraq.
59	trifloxystrobin Nru CAS 141517-21-7 Nru CIPAC 617	Methyl (E)-methoxyimino-{(E)-a-[1-a-(a,a,a-trifluoro-m-tolyl)ethylideneaminooxyl]-o-tolyl}acetate	960 g/kg	1 ta' Ottubru 2003	►**M184** 31 ta' Lulju 2017 ◄	Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu bħala funġiċida. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jiġi kkunsidrati l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-trifloxystrobin, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-15 ta' April 2003. F'din l-istima ġenerali: — L-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-ħarsien tal-ilma ta' taħt l-art, meta tiġi applikata s-sustanza attiva f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet ta' klima vulnerabbli. Għandhom jiġu applikati miżuri ta' tnaqqis ta' riskju u/jew jistgħu jibdew programmi ta' monitoraġġ fejn ikun xieraq.
60	Carfentrazone ethyl Nru CAS 128639-02.1 Nru CIPAC 587	Ethyl (RS)-2-chloro-3-[2-chloro-5-(4-difluoromethyl-4,5-dihydro-3-methyl-5oxo-1H 1,2,4-triazol-1-yl)-4-fluorophenyl]propionate	900 g/kg	1 ta' Ottubru 2003	►**M184** 31 ta' Lulju 2017 ◄	Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu bħala erbiċida. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jiġu kkunsidrati l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-carfentrazone-ethyl, u partikolarment l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-15 ta' April 2003. F'din l-istima ġenerali:

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— L-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-ħarsien tal-ilma ta' taħt l-art, meta tiġi applikata s-sustanza attiva f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet ta' klima vulnerabbli. Għandhom jiġu applikati miżuri tat-tnaqqis tar-riskju fejn ikunu xierqa.
61	Mesotrione Nru CAS 104206-8 Nru CIPAC 625	2-(4-mesyl-2-nitrobenzoyl) cyclohexane-1,3-dione	920 g/kg L-impurità tal-manifattura 1-cyano-6-(methylsulfonyl)-7-nitro-9H-xanthen-9-one hija kkunsidrata li tkun ta' tħassib tossikoloġiku u għandha tibqa' taħt 0,0002 % (w/w) fil-prodott tekniku.	1 ta' Ottubru 2003	►**M184** 31 ta' Lulju 2017 ◄	Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu bħala erbiċida. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jiġu kkunsidrati l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-mesotrione, u partikolarment l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-15 ta' April 2003.
62	Fenamidone Nru CAS 161326-34-7 Nru CIPAC 650	(S)-5-methyl-2-methylthio-5-phenyl-3-phenylamino-3,5-dihydroimidazol-4-one	975 g/kg	1 ta' Ottubru 2003	►**M184** 31 ta' Lulju 2017 ◄	Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu bħala funġiċida. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jiġu kkunsidrati l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-fenamidone, u partikolarment l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-15 ta' April 2003. F'din l-istima ġenerali l-Istati Membri: — għandhom joqogħdu partikolarment attenti għat-tħaris tal-ilma ta' taħt l-art, meta tiġi applikata sustanza attiva f'reġjuni ta' ħamrija u/jew kundizzjonijiet ta' klima vulnerabbli, — għandhom joqogħdu partikolarment attenti għat-tħaris ta' artropodi li ma għandhomx jinqerdu, — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għat-tħaris ta' organiżmi tal-ilma. Għandhom jiġu applikati miżuri tat-tnaqqis tar-riskju fejn ikunu xierqa.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
63	Isoxaflutole Nru CAS 141112-29-0 Nru CIPAC 575	5-cyclopropyl-4-(2-methylsulfonyl-4-trifluoromethylbenzoyl) isoxazole	950 g/kg	1 ta' Ottubru 2003	►**M184** 31 ta' Lulju 2017 ◄	Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu bħala erbiċida. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jiġu kkunsidrati l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-isoxaflutole, u partikolarment l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-15 ta' April 2003. F'din l-istima ġenerali l-Istati Membri: — għandhom joqogħdu partikolarment attenti għat-tħaris tal-ilma ta' taħt l-art, meta tiġi applikata sustanza attiva f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet ta' klima vulnerabbli. Fejn meħtieġ għandhom jiġu applikati miżuri għat-tnaqqis ta' riskji.
64	Flurtamone Nru CAS 96525-23-4	(RS)-5-methylamino-2-phenyl-4-(a,a,a-trifluoro-m-tolyl) furan-3 (2H)-one	960 g/kg	1 ta' Jannar 2004	►**M184** 31 ta' Ottubru 2017 ◄	Użu biss bħala ħerbiċidji jistgħu jiġu awtorizzati. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmi fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport dwar reviżjoni fuq il-flurtamone, u partikolarment l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif finalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, tal-4 ta' Lulju 2003, għandhom jiġu kkunsidrati. F'din l-istima ġenerali l-Istati Membri: — għandhom jagħtu attenzjoni għall-protezzjoni tal-ilma tal-art, meta s-sustanza attiva hija applikata f'reġjuni b'ħamrija vulnerabbli u/jew kundizzjonijiet klimatiċi, — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-alga u pjanti akkwatiċi oħrajn. Fejn meħtieġ għandhom jiġu applikati miżuri għat-tnaqqis ta' riskji.
65	Flufenacet Nru CAS 142459-58-3 Nru CIPAC 588	4′-fluoro-N-isopropyl-2-[5-(trifluoromethyl)-1,3,4-thiadiazol-2-yloxy]acetanilide	950 g/kg	1 ta' Jannar 2004	►**M184** 31 ta' Ottubru 2017 ◄	Użu biss bħala ħerbiċidji jistgħu jiġu awtorizzati. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport dwar reviżjoni fuq il-flufenacet, u partikolarment l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif finalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali nhar l-4 ta' Lulju 2003, għandu jiġi kkunsidrat. F'din l-istima ġenerali l-Istati Membri:

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— għandhom jagħtu attenzjoni speċjali għall-protezzjoni tal-ilma tal-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli, — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni ta' alga u pjanti akkwatiċi, — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-operaturi. Għandhom jiġu applikati miżuri dwar tnaqqis ta' riskju fejn jinħtieġ.
66	Iodosulfuron Nru CAS 185119-76-0 (primarju) 144550-36-7 (iodosulfuron-methyl-sodium) Nru CIPAC 634 (primarju) 634.501 (iodosulfuron-methyl-sodium)	4-iodo-2-[3-(4-methoxy-6-methyl-1,3,5-triazin-2-yl)-ureidosulfonyl]benzoate	910 g/kg	1 ta' Jannar 2004	►**M184** 31 ta' Ottubru 2017 ◄	Użu biss bħala ħerbiċidi jistgħu jiġu awtorizzati. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmi fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport dwar reviżjoni fuq l-iodosulfuron, u partikolarment l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif finalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali nhar l-4 ta' Lulju 2003, għandhom jiġu kkunsidrati. F'din l-istima ġenerali l-Istati Membri: — għandhom jagħtu attenzjoni għall-potenzjal tal-iodosulfuron u l-metaboliti tiegħu dwar il-kontaminazzjoni tal-ilma tal-art, fejn is-sustanza attiva hija applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli, — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni ta' pjanti akkwatiċi. Għandhom jiġu applikati miżuri dwar tnaqqis ta' riskju meta meħtieġ.
67	Dimethenamid-p Nru CAS 163515-14-8 Nru CIPAC 638	S-2-chloro-N-(2,4-dimethyl-3-thienyl)-N-(2-methoxy-1-methylethyl)-acetamide	890 g/kg (valur preliminarju bbażat fuq pjanta pilota)	1 ta' Jannar 2004	►**M184** 31 ta' Ottubru 2017 ◄	Użu biss bħala ħerbiċida jistà jiġi awtorizzat. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport dwar ir-reviżjoni fuq id-dimethenamid-p, u partikolarment l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif finalizzat mill-Kumitat Parmanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, nhar l-4 ta' Lulju 2003, għandu jiġi kkunsidrat. F'din l-istima ġenerali l-Istati Membri: — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-potenzjal ta' metaboliti tad-dimethenamid-p għall-kontaminazzjoni ta' ilma tal-art, meta s-sustanza attiva hija applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kondizzjonjiet klimatiċi vulnerabbli, — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni ta' sistemi ekoloġiċi akkwatiċi, speċjalment dawk tal-pjanti akkwatiċi.

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						Għandhom jiġu applikati miżuri dwar tnaqqis ta' riskju meta meħtieġ. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 dwar l-ispeċifikar ta' materjal tekniku kif manifatturat kummerċjalment.
68	Picoxystrobin Nru CAS 117428-22-5 Nru CIPAC 628	Methyl (E)-3-methoxy-2-{2-[6-(trifluoromethyl) -2-pyridyloxymethyl]phenyl} acrylate	950 g/kg (valur preliminarju bbażat fuq pjanta pilota)	1 ta' Jannar 2004	►**M184** 31 ta' Ottubru 2017 ◄	Użu biss bħala fungiċida jistà jiġi awtorizzat. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport dwar ir-reviżjoni fuq il-picoxystrobin, u partikolarment l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif finalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali nhar l-4 ta' Lulju 2003, għandhom jiġu kkunsidrati. F'din l-istima ġenerali l-Istati Membri: — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-ilma tal-art, meta s-sustanza attiva hija applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli, — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-organiżmi tal-ħamrija, — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tas-sistemi ekoloġiċi akkwatiċi. Għandhom jiġu applikati miżuri ta' tnaqqis ta' riskju meta meħtieġ. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 dwar l-ispeċifikar ta' materjal tekniku kif manifatturat kummerċjalment.
69	Fosthiazate Nru CAS 98886-44-3 Nru CIPAC 585	(RS)-S-sec-butyl O-ethyl 2-oxo-1,3-thiazolidin-3-ylphosphonothioate	930 g/kg	1 ta' Jannar 2004	►**M184** 31 ta' Ottubru 2017 ◄	Huma biss użi bħala insettiċidi jew nematiċidi li jistgħu jkunu awtorizzati. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-fosthiazate, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-4 ta' Lulju 2003. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għal kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tkun applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli;

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-għasafar u l-mammiferi b'mod partikulari jekk is-sustanza hija applikata matul l-istaġun tat-tgħammir; — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-organiżmi tal-ħamrija li mhumiex il-mira. Miżuri ta' tnaqqis tar-riskju għandhom ikunu applikati fejn hu xieraq. Sabiex jitnaqqas ir-riskju potenzjali lill-għasafar iż-żgħar, l-awtorizzazzjonijiet tal-prodott għandhom jirrikjedu li jinkiseb livell għoli ħafna ta' inkorporazzjoni ta' granuli fl-art. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 dwar l-ispeċifikazzjoni ta' materjal tekniku kif kummerċjalment manifatturat.
70	Silthiofam Nru CAS 175217-20-6 Nru CIPAC 635	N-allyl-4,5-dimethyl-2-(trimethylsilyl)thiophene-3-carboxamide	950 g/kg	1 ta' Jannar 2004	►**M184** 31 ta' Ottubru 2017 ◄	Użu bħala fungiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati. Użu ieħor għajr trattament ta' żerriegħa, illum mhumiex appoġġjati adegwatament minn dejta. Sabiex jiġu appoġġjati awtorizzazzjonijiet għal dan l-użu, trid tiġi ġġenerata u sottomessa lill-Istati Membri dejta u informazzjoni li tipprova l-aċċettazzjoni tagħhom mill-konsumaturi, operaturi u l-ambjent. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport dwar ir-reviżjoni fuq is-silthiofam, u partikolarment l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif finalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-4 ta' Lulju 2003 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-operaturi. Fejn jixraq għandhom jiġu applikati miżuri ta' tnaqqis tar-riskju.
71	Coniothyrium minitans Razza CON/M/91-08 (DSM 9660) Nru CIPAC 614	Mhux applikabbli	Għad-dettalji tal-purità u Kontroll ta' produzzjoni ara r-Rapport Reviżjonali	1 ta' Jannar 2004	►**M184** 31 ta' Ottubru 2017 ◄	Użi għal fungiċidju biss jistgħu jiġu awtorizzati. Meta jiġu mogħtija awtorizzazzjonijiet, il-konklużjonijiet tar-rapport reviżjonali fuq il-Coniothyrium minitans, u partikolarment l-Appendiċijiet I u II tal-istess, kif finalizzat fill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-4 ta' Lulju 2003 għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni. F'din il-valutazzjoni komplessiva: — L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lis-sigurtà tal-operatur u l-ħaddiem sabiex jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni jinkludu miżuri protettivi xierqa.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
72	Molinate Nru CAS 2212-67-1 Nru CIPAC 235	S-ethyl azepane-1-carbothioate; S-ethyl perhydroazepine-1-carbothioate; S-ethyl perhydroazepine-1-thiocarboxilate	950 g/kg	1 ta' Awwissu 2004	31 ta' Lulju 2014	Użu biss bħala erbiċida huwa awtorizzat. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijietli jinsabu fir-rapporti ta' reviżjoni dwar is-sustanza molinate, u partikolarment l-Appendiċijiet I u II ta' dan, bħalma l-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali kien iffinalizza fl-4 ta' Lulju 2003 għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni. F'din l-istima komplessiva: — L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-possibbiltà li l-ilma li jinsab taħt l-art ikun kontaminat meta s-sustanza attiva tkun użata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli. Kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għandha tinkludi, fejn hu xieraq, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju. — L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-possibbiltà li s-sustanza attiva tkun trasprortata għal distanza qasira permezz tal-arja.
73	Thiram Nru CAS 137-26-8 Nru CIPAC 24	tetramethylthiuram disulfide; bis (dimethylthiocarba-moyl)-disulfide	960 g/kg	1 ta' Awwissu 2004	►**M196** 30 ta' April 2018 ◄	Użu biss bħala fungużida jew bħala element kimiku li jbiegħed l-insetti eċċ. jista' jkun awtorizzat. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-thiram, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II ta' dan, bħalma l-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali kien iffinalizza fl-4 ta' Lulju 2003 għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni. F'din l-istima totali: — L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi. Fejn hu xieraq, miżuri għal mitigazzjoni ta' riskji għandhom ikunu applikati — L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-protezzjoni ta' mammiferi u għasafar żgħar meta is-sustanza hi użata bħala trattament għaż-żerriegħa. Fejn hu xieraq, miżuri għal mitigazzjoni ta' riskji għandhom ikunu applikati.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
74	Ziram Nru CAS 137-30-4 Nru CIPAC 31	Zinc bis (dimethyldithiocarbamate)	950 g/kg (FAO - deskrizzjoni) Arseniku: massimu 250 mg/kg Ilma: massimu ta' 1,5 %	1 ta' Awwissu 2004	►**M196** 30 ta' April 2018 ◄	Użu biss bħala fungużida jew bħala element kimiku li jbiegħed l-insetti eċċ. jista' jkun awtorizzat. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijet fir-rapport ta' reviżjoni dwar ziram, u partikolarment l-Appendiċijiet I u II ta' dan, bħalma l-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali kien iffinalizza fl-4 ta' Lulju 2003 għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni. F'din l-istima totali: — L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-protezzjoni ta' artropodi mhux fil-mira u organiżmi akkwatiċi. Fejn hu xieraq, miżuri għal mitigazzjoni ta' riskji għandhom ikunu applikati, — L-Istati Membri għandhom josservaw l-espożizzjoni dijetetika akuta tal-konsumaturi fid-dawl tar-reviżjonijiet futuri tal-Livelli Massimi ta' Residwi.
75	Mesosulfuron Nru CAS 400852-66-6 Nru CIPAC 441	2-[(4,6-dimethoxypyrimidin-2-ylcarbamoyl)sulfamoyl]-α-(methanesulfonamido)-p-toluic acid	930 g/kg	1 ta' April 2004	►**M196** 31 ta' Jannar 2018 ◄	Użi bhala erbicida biss jistgħu jiġu awtorizzati. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-mesosulfuron, u b'mod partikolari l-Appendicijiet I u II tiegħu, kif finalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-3 ta' Ottubru 2003, għandhom jiġu kkunsidrati. F'din l-istima ġenerali l-Istati Membri: — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari dwar il-protezzjoni tal-pjanti akkwatiċi; — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-potenzjal tal-mesosulfuron u l-mertaboliti tiegħu għal kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tkun applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli. Miżuri ta' tnaqqis tar-riskju għandhom ikunu applikati fejn hu xieraq.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
76	Propoxycarbazone Nru CAS 145026-81-9 Nru CIPAC 655	2-(4,5-dihydro-4-methyl-5-oxo-3-propoxy-1H-1,2,4-triazol-1-yl) carboxamidosulfonylbenzoicacid-methylester	≥ 950 g/kg (espressi bħala propoxy-carbazone-sodium)	1 ta' April 2004	►**M196** 31 ta' Jannar 2018 ◄	Użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-propoxycarbazone, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-3 ta' Ottubru 2003 għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni. F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri jridu: — jagħtu attenzjoni partikolari għall-potenzjal tal-propoxycarbazone u l-prodotti metaboliċi tagħha fil-kontaminazzjoni tal-ilma tal-pjan, meta sustanzi attivi jiġu applikati f'reġjuni li jkollhom ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli, — jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-ekosistemi akkwatiċi, speċjalment dawk tal-pjanti akkwatiċi. Għandhom jiġu applikati miżuri ta' trażżin tar-riskju fejn jixraq.
77	Zoxamide Nru CAS 156052-68-5 Nru CIPAC 640	(RS)-3,5-Dichloro-N-(3-chloro-1-ethyl-1-methylacetonyl)-p-toluamide	950 g/kg	1 ta' April 2004	►**M196** 31 ta' Jannar 2018 ◄	L-użu biss bħala funġiċida jista jkun awtorizzat. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar iz-zoxamide, u partikolarment l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-3 ta' Ottubru 2003 għandhom jiġu kkunsidrati.
78	Klorprofam Nru CAS 101-21-3 Nru CIPAC 43	Iżopropil 3-klorofenilkarbanejt	975 g/kg	1 ta' Frar 2005	►**M43** 31 ta' Lulju 2017 ◄	L-użu tiegħu huwa awtorizzat biss bħala erbiċida u għat-trażżin tan-nebbieta. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni fuq il-klorprofam, u partikolarment l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif finalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Novembru 2003. F'din l-istima komplessiva l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-protezzjoni ta' operaturi, konsumaturi u artropodi li mhux suppost jiġu milquta. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jipprovdu miżuri ta' tnaqqis ta' riskji, meta dan huwa approprjat.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
79	Aċidu Benżojku Nru CAS 65-85-0 Nru CIPAC 622	Aċidu Benżojku	990 g/kg	1 ta' Ġunju 2004	►**M196** 31 ta' Jannar 2018 ◄	L-użu bħala diżinfettant biss huwa awtorizzat. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni fuq l-aċidu benżojku, u partikolarment l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Pemanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali nhar it-28 ta' Novembru 2003 għandhom jiġu kkunsidrati.
80	Flazasulfuron Nru CAS 104040-78-0 Nru CIPAC 595	1-(4,6-dimethoxypyrimidin-2-yl)-3-(3-trifluoromethyl-2-pyridylsulphonyl)urea	940 g/kg	1 ta' Ġunju 2004	►**M196** 31 ta' Jannar 2018 ◄	L-użu bħala erbiċida biss huwa awtorizzat. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-flazasulfuron, u partikolarment l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Novembru 2003 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din l-istima komplessiva, l-Istati Membri — għandhom joqogħdu attenti partikolarment għall-possibbiltà ta' kontaminazzjoni tal-ilma tat-tisqija, meta s-sustanza attiva tintuża f'reġjuni b'kundizzjonijiet ta' ħamrija u/jew klima vulnerabbli, — għandhom joqogħdu attenti partikolarment għall-protezzjoni tal-pjanti li jgħixu fl-ilma. Fejn approprjat miżuri li jnaqqsu r-riskju ta' mitigazzjoni għandhom jiġu applikati. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 fuq speċifikazzjoni tal-materjal tekniku bħala fabbrikant kummerċjali [kif kummerċjalment manifatturat].
81	Pyraclostrobin Nru CAS 175013-18-0 Nru CIPAC 657	methyl N-(2-{[1-(4-chlorophenyl)-1H-pyrazol-3-yl]oxymethyl}phenyl) N-methoxy carbamate	975 g/kg L-impurità ta' manifattura d-dimethyl sulfate (DMS) hija kkunsidrata li hija ta' riskju tossikoloġiku u ma għandhiex taqbeż konċentrazzjoni ta' 0,0001 % fil-prodott tekniku.	1 ta' Ġunju 2004	►**M196** 31 ta' Jannar 2018 ◄	L-użi bħala fungiċida u regolatur għat-tkabbir tal-pjanti biss jistgħu jiġu awtorizzati. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-pyraclostrobin, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Novembru 2003. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri: — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-organiżmi akkwatiċi, speċjalment il-ħut,

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-artropodi terrestri u l-ħniex. Miżuri ta' tnaqqis tar-riskju għandhom ikunu applikati fejn hu xieraq. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 fuq speċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif kummerċjalment manifatturat.
82	Kinossifen Nru CAS 124495-18-7 Nru CIPAC 566	5, 7-dikloro-4 (ż-fluworofenossi) kinolin	970 g/kg	1 ta' Settembru 2004	►**M196** 30 ta' April 2018 ◄	Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala funġiċida. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-kinossifen, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II ta' miegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Novembru 2003. L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-organiżmi akkwatiċi. Iridu jiġu applikati miżuri tat-taffija tar-riskji u jridu jinbdew programmi tal-monitoraġġ fiż-żoni vulnerabbli meta approprjat.
83	Alfa ċipermetrin Nru CAS 67375-30-8 Nru CIPAC	Sieħeb fit-tiġrija li jkun fih (S)-a-ċjano-3 fenossi-benzil-(1R)-ċis-3-(2,2-diklorovinil)-2,2-dimetilċiklopropan carbossilat u (R)-a-ċjano-3 fenoss-benzil-(1S)-ċis-3-(2,2-diklorovinil)-2,2-dimetilċiklopropan carbossilat (= ċis-2 par iżomeri taċ- ċiperme-trin)	930 g/kg CIS-2	1 ta' Marzu 2005	►**M43** 31 ta' Lulju 2017 ◄	Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala insettiċida. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' rivista dwar l-alfaċipermetrin, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II ta' miegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-13 ta' Frar 2004. F'din l-istima ġenerali: — L-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tal-organiżmi akkwatiċi, lin-naħal u lill-artropodi mhux fil-mira u jridu jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni jinkludu miżuri għat-taffija tar-riskji. — L-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari lis-saħħa tal-operatur u jridu jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni jinkludu l-miżuri protettivi approprjati.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
84	Benalaksil Nru CAS 71626-11-4 Nru CIPAC 416	Metil N-fenilaċetil–N-2, 6– kżililil–DL-alaninat	960 g/kg	1 ta' Marzu 2005	►**M43** 31 ta' Lulju 2017 ◄	Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala funġiċidi. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-benalaksil, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II ta' miegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-13 ta' Frar 2004. F'din l-istima ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni b'mod partikolari għall-potenzjal tal-kontaminazzjoni tal-ilma tal-wiċċ, meta tiġi applikata s-sustanza attiva fir-reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jipprovdu miżuri għat-taffija tar-riskji, meta approprjati.
85	Bromossimil Nru CAS 1689-84-5 Nru CIPAC 87	3,5 dibromo – 4-idrossibenżoni-tril	970 g/kg	1 ta' Marzu 2005	►**M43** 31 ta' Lulju 2017 ◄	Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala erbiċidi. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-bromossinil, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II ta' miegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-13 ta' Frar 2004. F'din l-istima ġenerali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni speċjali għall-protezzjoni tal-għasafar u l-mammiferi selvaġġi, b'mod partikolari jekk is-sustanza tiġi applikata fix-xitwa u għall-orġaniżmi akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għat-taffija tar-riskji, meta approprjati.
86	Desmedifam Nru CAS 13684-56-5 Nru CIPAC 477	etil 3′-fenilkarbamoj-lossikarbanilat etil 3′-fenilkarbamoj-lossikarbanilat	Min. 970 g/kg	1 ta' Marzu 2005	►**M43** 31 ta' Lulju 2017 ◄	Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala erbiċidi. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar id-desmedifam, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II ta' miegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-13 ta' Frar 2004. F'din l-istima ġenerali, L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-organiżmi akkwatiċi u l-ħniex. Għandhom jiġu applikati l-miżuri għat-taffija tar-riskji jekk approprjati

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
87	Jossinil Nru CAS 13684-83-4 Nru CIPAC 86	4-idrossi-3,5-di-jodobenżoni- tril	960 g/kg	1 ta' Marzu 2005	28 ta' Frar fL-użi bħala fungiċida u batteriċida biss 2015	Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala erbiċidi. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-jossinil, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II ta' miegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-13 ta' Frar 2004. F'din l-istima ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-għasafar u l-mammiferi selvaġġi b'mod partikolari jekk is-sustanza tiġi applikata fix-xitwa jew lill-organiżmi akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għat-taffija tar-riskji, meta approprjati.
88	Fenmedifam Nru CAS 13684-63-4 Nru CIPAC 77	metil 3-(3-metilcarbanilojlossi) y)karbanilat; 3-metoksikarbonilaminofenil 3′-metilkarbanilat	Min. 970 g/kg	1 ta' Marzu 2005	►**M43** 31 ta' Lulju 2017 ◄	Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala erbiċidi. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-fenmedifam, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II ta' miegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-13 ta' Frar 2004. F'din l-istima ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-organiżmi akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għat-taffija tar-riskji, meta approprjati.
89	Pseudomonas chlororaphis Razza: MA 342 Nru CIPAC 574	Mhux applikabbli	L-ammont tal-metabolita sekondarja 2,3-deepoxy-2,3-dide-hydrorhizoxin (DDR) fis-sustanza fermentata fil-punt tal-formulazzjoni tal-prodott ma tridx tkun aktar mill-limitu tal-kwantifikazzjoni (LOQ ta' 2 mg/l).	1 ta' Ottubru 2004	►**M196** 30 ta' April 2018 ◄	Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu bħala fungiċida ġo makkinarju magħluq għat-trattament ta' żerriegħa. Meta jinħarġu awtorizzazzjonijiet, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni fuq il-Pseudomonas chlororaphis, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II ta' dan, kif finalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-30 ta' Marzu 2004. F'din l-istima komprensiva, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lis-sigurtà ta' operaturi u ħaddiema. Miżuri li jimmitigaw ir-riskju għandhom jittieħdu fejn xieraq.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
90	Mepanipirim Nru CAS 110235-47-7 Nru CIPAC 611	N-(4-metil-6-prop-1-inil-pirimidin-2-il)anilin	960 g/kg	1 ta' Ottubru 2004	►**M196** 30 ta' April 2018 ◄	Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala funġiċida. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-mepanipirim, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II ta' miegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-30 ta' Marzu 2004. F'din l-istima ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-organiżmi akkwatiċi. Għandhom jiġu applikati miżuri għat-taffija tar-riskji, meta approprjati.
91	Acetamiprid Nru CAS 160430-64-8 Nru CIPAC Għadu mhux allokat	(E)-N1-[(6-chloro-3-pyridyl)methyl]-N2-cyano-N1-methylacetamidine	≥ 990 g/kg	1 ta' Jannar 2005	►**M196** 30 ta' April 2018 ◄	Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala insettiċida. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom ikunu kkunsidrati l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-Acetamiprid, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif finalizzati fid-29 ta' Ġunju 2004 fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali. F'din l-evalwazzjoni sħiħa l-Istati Membri — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-espożizzjoni tal-ħaddiem, — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-organiżmi akkwatiċi. Miżuri għat-tnaqqis tar-riskju għandhom ikunu applikati fejn xieraq.
92	Thiacloprid Nru CAS 111988-49-9 Nru CIPAC 631	(Z)-N-{3-[(6-Chloro-3-pyridinyl)methyl]-1,3-thiazolan-2-yliden}cyanamide	≥ 975 g/kg	1 ta' Jannar 2005	►**M196** 30 ta' April 2018 ◄	Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala insettiċida. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom ikunu kkunsidrati l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-Thiacloprid, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif finalizzati fid-29 ta' Ġunju 2004 fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali. F'din l-evalwazzjoni sħiħa l-Istati Membri: — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-artropodi mhux ittargitjati, — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-organiżmi akkwatiċi,

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-potenzjal ta' kontaminazzjoni tal-ilma tal-art, meta s-sustanza attiva tkun applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli. Miżuri għat-tnaqqis tar-riskju għandhom ikunu applikati fejn xieraq.
93	Ampelomyces quisqualis Razza: AQ 10 miġbura mill-kultura Nru CNCM I-807 Nru CIPAC Mhux assenjat	Mhux applikabbli		1 ta' April 2005	►**M43** 31 ta' Lulju 2017 ◄	L-użu biss bħala funġiċida jista' jkun awtorizzat. Huma u jingħataw l-awtorizzazzjonijiet, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-Ampelomyces quisqualis, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II ta' dan ir-rapport, kif ġew finalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-8 ta' Ottubru 2004 għandhom ikunu kkunsidrati.
94	Imazosulfuron Nru CAS 122548-33-8 Nru CIPAC 590	1-(2-chloroimidazo[1,2-α]pyridin-3-ylsul-phonyl)-3-(4,6-dimethoxypyrimidin-2-yl)urea	≥ 980 g/kg	1 ta' April 2005	►**M43** 31 ta' Lulju 2017 ◄	L-użu biss tal-erbiċida jista' jkun awtorizzat. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-imazosulfuron, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-8 ta' Ottubru 2004. F'din l-evalwazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tal-pjanti tal-ilma u tal-art li mhumiex fil-mira. Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju għandhom jiġu applikati fejn hu xieraq.
128	Dimoxystrobin Nru CAS 149961-52-4 Nru CIPAC 739	(E)-o-(2,5-dimethylphenoxymethyl)-2-methoxyimino-N-methylphenylacetamide	≥ 980 g/kg	1 ta' Ottubru 2006	►**M86** 31 ta' Jannar 2018 ◄	PARTI A L-użu biss bħala funġiċida jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Fil-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom id-domoxystrobin għall-użu ta' ġewwa, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jaċċertaw li kull dejta u informazzjoni meħtieġa tiġi pprovduta qabel ma tingħata tali awtorizzazzjoni. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar id-dimoxystrobin, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-27 ta' Jannar 2006 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri għandhom — jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-ilma tal-pjan, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'sitwazzjoni fejn il-fattur tal-interċettazzjoni tal-ħxejjex ikun baxx, jew fir-reġjunijiet ta' ħamrija vulnerabbli u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli; — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-organiżmi akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu li jitressqu — valutazzjoni tar-riskju ottimizzata għall-għasafar u għall-mammiferi bil-konsiderazzjoni tal-formulazzjoni tas-sustanzi attivi; — valutazzjoni tar-riskju komprensiva dwar l-ambjent akkwatiku bil-konsiderazzjoni tar-riskju għoli u kroniku lill-ħut u l-effettività tal-miżuri ta' mitigazzjoni potenzjali tar-riskju partikolarment bil-konsiderazzjoni ta' ħruġ aċċidentali u dranaġġ. Huma għandhom jaċċertaw li n-notifikanti li fuq talba tagħhom id-dimoxystrobin ġie inkluż f'dan l-Anness jipprovdu tali studji lill-Kummissjoni fi żmien sentejn mill-approvazzjoni.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
129	Clopyralid Nru CAS 1702-17-6 Nru CIPAC 455	3,6-dichloropyridine-2-carboxylic acid	≥ 950 g/kg	1 ta' Mejju 2007	►**M120** 30 ta' April 2018 ◄	PARTI A Użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Fl-assessjar tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-clopyralid li mhux għall-applikazzjoni fir-rebbiegħa, l-Istati Membri għandhom jagħtu importanza partikolari għall-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jassiguraw li tiġi pprovduta kull dejta u informazzjoni meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-clopyralid, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-4 ta' April 2006 għandhom jiġu kkunsidrati. F'dan l-assessjar globali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-protezzjoni ta' pjanti li mhumiex fil-mira u l-ilma tal-pjan taħt kundizzjonijiet vulnerabbli. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' trażżin tar-riskju u programmi ta' monitoraġġ għandhom jitniedu għall-verifika tal-potenzjal ta' kontaminazzjoni tal-ilma tal-pjan fiż-żoni li huma vulnerabbli, fejn dan huwa xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu li jitressqu iktar studji bħala konferma tar-riżultati fuq il-metaboliżmu tal-annimali. Huma għandhom jaċċertaw li n-notifikanti li fuq talba tagħhom il-clopyralid ġie inkluż f'dan l-Anness jipprovdu tali studji lill-Kummissjoni fi żmien sentejn mill-approvazzjoni.
130	Cyprodinil Nru CAS 121522-61-2 Nru CIPAC 511	(4-cyclopropyl-6-methyl-pyrimidin-2-yl)-phenyl-amine	≥ 980 g/kg	1 ta' Mejju 2007	►**M120** 30 ta' April 2018 ◄	PARTI A L-użu bħala funġiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar is-cyprodinil, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-4 ta' April 2006 għandhom jiġu kkunsidrati.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri għandhom: — jagħtu attenzjoni partikolari għas-sigurtà tal-operturi u jaċċertaw li l-kundizzjonijiet ta' użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir għall-protezzjoni personali xieraq. — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-għasafar, il-mammiferi u l-organiżmi akkwatiċi. Kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għat-trażżin tar-riskju bħalma huma l-buffer zones. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu li jitressqu iktar studji biex jikkonfermaw il-valutazzjoni tar-riskji għall-għasafar u l-mammiferi u għall-preżenza possibbli tar-residwi tal-prodott metaboliku CGA 304075 fl-ikel li joriġina mill-annimali. Huma għandhom jaċċertaw li n-notifikanti li fuq talba tagħhom is-cyprodinil ġie inkluż f'dan l-Anness jipprovdu tali studji lill-Kummissjoni fi żmien sentejn mill-approvazzjoni.
131	Fosetyl Nru CAS 15845-66-6 Nru CIPAC 384	Ethyl hydrogen phosphonate	≥ 960 g/kg (espress bħala fosetyl-Al)	1 ta' Mejju 2007	►**M120** 30 ta' April 2018 ◄	PARTI A L-użu bħala funġiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-fosetyl, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-4 ta' April 2006 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri jridu: — jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-organiżmi akkwatiċi, l-għasafar u l-mammiferi u l-artropodi li mhumiex fil-mira tas-sustanza. Kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għat-trażżin tar-riskju, fejn huwa xieraq, bħalma huma l-buffer zones. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu li jitressqu iktar studji bħala konferma tal-valutazzjoni tar-riskju għall-artropodi li mhumiex fil-mira, b'mod partikolari fir-rigward tal-irkuprar fl-egħlieqi, u għall-mammiferi erbivori. Huma għandhom jaċċertaw li n-notifikanti li fuq talba tagħhom il-fosetyl ġie inkluż f'dan l-Anness jipprovdu tali studji lill-Kummissjoni fi żmien sentejn mill-approvazzjoni.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
132	Trinexapac Nru CAS 104273-73-6 Nru CIPAC 732	4-(cyclopropyl-hydroxymethylene)-3,5-dioxo- cyclohexane-carboxylic acid	≥ 940g/kg (espress bħala trinexapac-ethyl)	1 ta' Mejju 2007	►**M120** 30 ta' April 2018 ◄	PARTI A Huma biss użi bħala regolatur tal-iżvilupp tal-pjanti li jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-trinexapac, u b'modpartikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-4 ta' April 2006 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri: — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-għasafar u l-mammiferi. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, fejn ikunu xierqa.
133	Dichlorprop-P Nru CAS 15165-67-0 Nru CIPAC 476	(R)-2-(2,4-dichlorophenoxy) propanoic acid	≥ 900 g/kg	1 ta' Ġunju 2007	►**M121** 30 ta' April 2018 ◄	►**M89** PARTI A Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu bħala erbiċida biss. Fir-rigward taċ-ċereali, tista' tiġi awtorizzata biss l-applikazzjoni fir-rebbiegħa u f'rati li ma jaqbżux it-800 g tas-sustanza attiva għal kull ettaru għal kull applikazzjoni. L-użu fuq il-bwar ma għandux jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar id-diklorprop-P, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-23 ta' Mejju 2006. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom iqisu b'mod partikolari l-protezzjoni tal-għasafar, il-mammiferi, l-organiżmi akkwatiċi u l-pjanti mhux fil-mira. Fejn xieraq, il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jnaqqsu r-riskju. ◄

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
134	Metconazole Nru CAS 125116-23-6 (stereokimika mhux dikjarata) Nru CIPAC 706	(1RS,5RS:1RS,5SR)-5-(4-chlorobenzyl)-2,2-dimethyl-1-(1H-1,2,4-triazol-1-ylmethyl) cyclopentanol	≥ 940 g/kg (total ta' cis- u trans-isomers)	1 ta' Ġunju 2007	►**M121** 30 ta' April 2018 ◄	PARTI A L-użi bħala fungiċida u regolatur għat-tkabbir tal-pjanti biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-metconazole, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-23 ta' Mejju 2006. F'din il-valutazzjoni globali: — L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi, għasafar u mammiferi. Il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' tnaqqis tar-riskju, skont il-każ, — l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari lis-sikurezza tal-operatur. Il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' protezzjoni skont il-każ.
135	Pyrimethanil Nru CAS 53112-28-0 Nru CIPAC mhux allokat	N-(4,6-dimethylpyrimidin-2-yl) aniline	≥ 975 g/kg (l-impurità tal-manifattura tas-cyanamide hija meqjusa bħala tħassib tossikoloġiku u ma għandhiex taqbeż 0,5 g/kg fil-materjal tekniku)	1 ta' Ġunju 2007	►**M120** 30 ta' April 2018 ◄	PARTI A L-użi bħala funġiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-pyrimethanil, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-23 ta' Mejju 2006. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri: — iridu jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-organiżmi akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, fejn ikun xieraq, bħalma huma żoni ta' lqugħ, — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għas-sigurtà tal-operaturi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu tagħmir ta' protezzjoni personali xieraq.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu l-preżentazzjoni ta' studji ulterjuri sabiex jikkonfermaw il-valutazzjoni tar-riskju għall-ħut. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikanti li fuq talba tagħhom il-pyrimethanil ġie inkluż f'dan l-Anness jipprovdu tali studji lill-Kummissjoni fi żmien sentejn mill-approvazzjoni.
136	Triclopyr Nru CAS 055335-06-3 Nru CIPAC 376	3,5,6-trichloro-2-pyridyloxyacetic acid	≥ 960 g/kg (bħala Triclopyr butoxyethyl ester)	1 ta' Ġunju 2007	►**M121** 30 ta' April 2018 ◄	►**M137** PARTI A Jistgħu jiġu awtorizzati biss użi bħala erbiċida. Jiġu awtorizzati biss użi b'total ta' applikazzjoni annwali ta' massimu ta' 480 g ta' sustanza attiva għal kull ettaru. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-triklopir, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf fit-12 ta' Diċembru 2014. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom: — jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-ilma tal-pjan li jinsab f'kundizzjonijiet vulnerabbli. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jnaqqsu r-riskju u programmi ta' monitoraġġ għandhom jitniedu fiż-żoni li huma vulnerabbli fejn dan huwa xieraq; — jagħtu attenzjoni partikolari għas-sikurezza tal-operturi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir xieraq għall-protezzjoni personali; — jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien ta' għasafar, mammiferi, organiżmi akkwatiċi u pjanti li mhumiex fil-mira. Fejn xieraq, il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jnaqqsu r-riskju. ◄

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
137	Metrafenone Nru CAS 220899-03-6 Nru CIPAC 752	3′-bromo-2,3,4,6′-tetramethoxy-2′,6-dimethylbenzophenone	≥ 940 g/kg	1 ta' Frar 2007	►**M113** 30 ta' April 2018 ◄	PARTI A L-użi bħala funġiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-metrafenone u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-14 ta' Lulju 2006. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 fuq speċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif inhu manifatturat kummerċjalment.
138	Bacillus subtilis (Cohn 1872) Razza QST 713, identika għar-razza AQ 713 Numru tal koltivazzjoni ta' ġbir: NRRL B -21661 Nru CIPAC mhux assenjat	Mhux applikabbli		1 ta' Frar 2007	►**M113** 30 ta' April 2018 ◄	►**M158** PARTI A L-użi bħala fungiċida u batteriċida biss jistgħu jiġu awtorizzati. ◄ PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-Bacillus subtilis, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-14 ta' Lulju 2006.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
139	Spinosad Nru CAS 131929-60-7 (Spinosyn A) 131929-63-0 (Spinosyn D) Nru CIPAC 636	Spinosyn A: (2R,3aS, 5aR, 5bS, 9S,13S,14R,16aS, 16bR)-2-(6-deoxy-2,3,4-tri-O-methyl-α-L-mannopyranosyloxy)-13-(4-dimethylamino-2,3,4,6-tetradeoxy-ß-D-erythropyranosyloxy)-9-ethyl-2,3,3a,5a,5-b,6,7,9,10,11,12,13,14,15,16a,16b-hexadecahydro-14-methyl-1H-8-oxacyclododeca[b]as-indacene-7,15-dione Spinosyn D: (2S,3aR, 5aS, 5bS, 9S,13S,14R,16aS, 16bS)-2-(6-deoxy-2,3,4-tri-O-methyl-α-L-mannopyranosyloxy)-13-(4-dimethylamino-2,3,4,6-tetradeoxy-ß-D-erythropyranosyloxy)-9-ethyl-2,3,3a,5a,5-b,6,7,9,10,11,12,13,14,15,16a,16b-hexadecahydro-4,14-dimethyl-1H-8-oxacyclododeca[b]as-indacene-7,15-dione Spinosad huwa taħlita ta' of 50-95 % spinosyn A u 5-50 % spinosyn D	≥ 850 g/kg	1 ta' Frar 2007	►**M113** 30 ta' April 2018 ◄	PARTI A Huma biss użi bħala insettiċidi li jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-iSpinosad b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-14 ta' Lulju 2006. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri — iridu jagħtu attenzjoni partikolari għal ħarsien tal-organiżmi akkwatiċi; — iridu jagħtu attenzjoni partikolari għar-riskju għall-ħniex meta s-sustanza tintuża fis-serer. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
140	Thiamethoxam Nru CAS 153719-23-4 Nru CIPAC 637	(E,Z)-3-(2-chloro-thiazol-5-ylmethyl)-5-methyl-[1,3,5]oxadiazinan-4-ylidene-N-nitroamine	≥ 980 g/kg	1 ta' Frar 2007	►**M113** 30 ta' April 2018 ◄	►**M65** PARTI A L-użu professjonali bħala insettiċida biss jista' jiġi awtorizzat. L-użu bħala trattament taż-żerriegħa jew trattament tal-ħamrija ma għandux jiġi awtorizzat għaċ-ċereali li ġejjin, meta dawn iċ-ċereali jinżergħu minn Jannar sa Ġunju. xgħir, millieġ, ħafur, ross, segala, sorgu, triticale, qamħ. It-trattamenti fuq il-weraq ma għandhomx ikunu awtorizzati għaċ-ċereali li ġejjin: xgħir, millieġ, ħafur, ross, segala, sorgu, triticale, qamħ. L-użu bħala trattament taż-żerriegħa, trattament tal-ħamrija jew applikazzjoni fuq il-weraq ma għandhomx ikunu awtorizzati għall-għelejjel li ġejjin, bl-eċċezzjoni tal-użu fis-serer u tat-trattamenti fuq il-weraq wara li joħorġu l-fjuri: Alfalfa (*Medicago sativa*) lewż (*Prunus amygdalus*; *P. communis*; *Amygdalus communis*) anisi (*Pimpinella anisum*); badjan jew anisi stilla (*Illicium verum*); karwija (*Carum carvi*); kosbor (*Coriandrum sativum*); kemmun (*Cuminum cyminum*); bużbież (*Foeniculum vulgare*); frott tal-ġnibru (*Juniperus communis*) tuffieħ (*Malus pumila*; *M. sylvestris*; *M. communis*; *Pyrus malus*) berquq (*Prunus armeniaca*) avokado (*Persea americana*) banana (*Musa sapientum*; *M. cavendishii*; *M. nana*) fażola (*Phaseolus* spp.) għollieq (*Rubus fruticosus*) blueberry, blueberry Ewropea, wild bilberry, whortleberry (*Vaccinium myrtillus*); blueberry Amerikana (*V. corymbosum*) ful, ful iż-żwiemel, (*Vicia faba* var. *major*; var. *equina*; var. *Minor*) qamħ Saraċin (*Fagopyrum esculentum*) ħarrub, siġra tal-ħarrub, ħarrub ('locust bean') (*Ceratonia siliqua*)

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						żerriegħa taż-żejt tar-rignu (*Ricinus communis*)
						ċiras (*Prunus avium*)
						qastan (*Castanea* spp.)
						ċiċri (*Cicer arietinum*)
						bżar aħmar (*Capsicum frutescens*; *C. annuum*); bżar tal-kukki, bżar tal-Ġamajka (*Pimenta officinalis*)
						silla (*Trifolium* spp.)
						kafe (*Coffea* spp. *arabica, robusta, liberica*)
						qoton (*Gossypium* spp.)
						fażola tal-għajn, fażola għajnha sewda (*Vigna unguiculata*)
						cranberries (*Vaccinium macrocarpon*); European cranberries (*Vaccinum oxycoccus*)
						ħjar (*Cucumis sativus*)
						passolina sewda (*Ribes nigrum*); ħamra u bajda (*R. rubrum*)
						tamal (*Phoenix dactylifera*)
						frott tas-sebuqa (*Sambucus nigra*)
						ir-ribes (*Ribes uva-cripsa*)
						grejpfrut (*C. paradisi*)
						għeneb (*Vitis vinifera*)
						ġewż tal-art/karawett (*Arachis hypogea*)
						ġellewż (*Corylus avellana*)
						qanneb (*Cannabis sativa*)
						japanese rose (*Rosa rugosa*)
						kiwi (*Actinidia chinensis*)

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						mill-familja tal-legumi: sieq l-għasfur/trifoll (*Lotus corniculatus*); lespedeza (*Lespedeza* spp.); kudzu (*Pueraria lobata*); sesbania (*Sesbania* spp.); sanfwan, esparcette (*Onobrychis sativa*); silla (*Hedysarum coronarium*)
						lumi u lajm (*Citrus limon*); lajm qares (*C. aurantiifolia*); lajm ħelu (*C. limetta*)
						għads (*Lens esculenta*; *Ervum lens*)
						żerriegħa tal-kittien (*Linum usitatissimum*)
						lupini (*Lupinus* spp.)
						qamħirrun/qamħ (*Zea mays*)
						żerriegħa tal-bettieħ (*Cucumis melo*)
						żerriegħa tal-mustarda: mustarda bajda (*Brassica alba; B. hirta*; *Sinapis alba*); mustarda sewda (*Brassica nigra; Sinapis nigra*)
						okra (*Abelmoschus esculentus*); gombo (*Hibiscus esculentus*)
						żebbuġ (*Olea europaea*)
						larinġ: larinġa ħelwa (*Citrus sinensis*); larinġa qarsa (*C. aurantium*)
						ħawħ u nuċiprisk (*Prunus persica*; *Amygdalus persica*; *Persica laevis*)
						lanġas (*Pyrus communis*)
						piżelli piżella tal-ġnien (*Pisum sativum*); piżelli (field pea) (*P. arvense*)
						nagħniegħ (*Mentha* spp.: *M. piperita*)
						kaki (*Diospyros kaki*: *D. virginiana*)
						pistaċċi (*Pistacia vera*)
						għanbaqar u prun selvaġġ greengage, mirabelle, damson (*Prunus domestica*); prun selvaġġ (*P. spinosa*)
						żerriegħet il-pepprin (*Papaver somniferum*)
						qargħa aħmar, qargħa xitwi ('squash'), gourds u qargħa bagħli (*Cucurbita* spp.)
						pyrethrum, (*Chrysanthemum cinerariifolium*)

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						sfarġel (*Cydonia oblonga*; *C. vulgaris*; *C. japonica*) żerriegħa tal-kolza (*Brassica napus* var. *oleifera*) lampun (*Rubus idaeus*) żerriegħa tal-għosfor (*Carthamus tinctorius*) serradella/sieq l-għasfur (*Ornithopus sativus*) ġulġlien (*Sesamum indicum*) fażola tas-sojja (*Glycine soja*) ħwawar: weraq randa (*Laurus nobilis*); xibta (*Anethum graveolens*); żerriegħa tal-fienu (*Trigonella foenumgraecum*); żagħfran (*Crocus sativus*): sagħtar (*Thymus vulgaris*); żagħfran tal-Indja (*Curcuma longa*) frawli (*Fragaria* spp.) żerriegħa tal-ġirasol (*Helianthus annuus*) mandolin (*Citrus tangerina*); mandolin (*Citrus reticulata*) klementini (*C. unshiu*); liftija u rapa tan-nevew (*Brassica rapa* var. *rapifera u oleifera* spp.) ġulbiena sewda/ġulbiena komuni (*Vicia sativa*) viper's Grass (*Scorzonera hispanica*) ġewż (*Jugland* spp.: *J. regia*) dulliegħ (*Citrullus vulgaris*) ħruġ ta' fjuri ornamentali fis-sena tat-trattament. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-tijametossam, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif ġie ffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-14 ta' Lulju 2006 u l-konklużjonijiet tal-addendum tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-tijametossam kif ġie ffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-15 ta' Marzu 2013 għandhom jiġu kkunsidrati.

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti: — għall-potenzjal ta' kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, partikolarment tas-sustanza attiva u l-prodotti metaboliċi tagħha NOA 459602, SYN 501406 u CGA 322704, meta s-sustanza attiva tiġi applikata fir-reġjuni li għandhom ħamrija vulnerabbli u/jew kundizzjonijiet klimatiċi, — il-protezzjoni tal-organiżmi akkwatiċi, — ir-riskji fit-tul għall-annimali erbivori żgħar jekk is-sustanza tintuża fit-trattament taż-żrieragħ. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li: — il-kisi taż-żerriegħa jsir biss f'faċilitajiet professjonali għat-trattament taż-żerriegħa. Dawk il-faċilitajiet iridu japplikaw l-aqwa metodi disponibbli biex jiżguraw li r-rilaxx ta' trab ikun minimizzat waqt l-applikazzjoni għaż-żerriegħa, il-ħażna u t-trasport, — għandu jintuża tagħmir xieraq tal-ħrit u ż-żrigħ biex jiżgura livell għoli ta' inkorporazzjoni fil-ħamrija, jimminimizza t-tixrid ta' żerriegħa u jimminimizza l-emissjoni tat-trab, — il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni jkunu jinkludu, fejn xieraq, miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju biex jiġu protetti n-naħal, — jinbdew programmi ta' monitoraġġ biex jivverifikaw l-esponiment reali tan-naħal għat-tijametossam f'inħawi użati b'mod estensiv min-naħal għat-tfittxija tal-ikel jew minn min irabbi n-naħal, fejn u kif ikun xieraq. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju. In-notifikatur għandu jressaq informazzjoni konfermattiva fir-rigward ta' dan li ġej: (a) ir-riskju għal pollinaturi li mhumiex in-naħal tal-għasel; (b) ir-riskju għan-naħal tal-għasel li jfittxu n-nektar jew it-trab tad-dakra għall-ikel f'għelejjel sussegwenti; (c) l-assorbiment potenzjali permezz tal-għeruq sabiex joħorġu l-fjuri mill-ħxejjex slavaġ;

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						(d) ir-riskju għan-naħal tal-għasel li jfittxu n-nida tal-għasel tal-insetti għall-ikel; (e) l-esponiment ta' guttazzjoni potenzjali u r-riskju akut u fit-tul għas-soppravivenza u l-iżvilupp tal-kolonja, u r-riskju għad-duqqajs tan-naħal li jirriżulta minn tali esponiment; (f) l-esponiment għat-trab li jinġarr mir-riħ wara l-ħrit u ż-żrigħ u r-riskju akut u fuq perjodu twil ta' żmien għas-soppravivenza u l-iżvilupp tal-kolonja, u r-riskju għad-duqqajs tan-naħal li jirriżulta minn tali esponiment; (g) ir-riskju akut u fuq terminu twil ta' żmien għas-soppravivenza u l-iżvilupp tal-kolonja u r-riskju għad-duqqajs tan-naħal fil-każ tan-naħal tal-għasel minħabba l-inġestjoni tan-nektar u t-trab tad-dakra. In-notifikatur għandu jippreżenta tali informazzjoni lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sal-31 ta' Diċembru 2014. ◄
141	Fenamiphos Nru CAS 22224-92-6 Nru CIPAC 692	(RS)-ethyl 4-methylthio-m-tolyl isopropyl-phosphoramidate	≥ 940 g/kg	1 ta' Awwissu 2007	►**M140** 31 ta' Lulju 2018 ◄	PARTI A Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu bħala nematiċida applikat permezz tal-irrigazzjoni bit-taqtir fis-serer bi struttura permanenti. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-fenamiphos u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-14 ta' Lulju 2006. F'din il-valutazzjoni globali: — L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-organiżmi akkwatiċi, organiżmi tal-ħamrija li mhumiex fil-mira u għall-ilma tal-pjan f'qagħdiet vulnerabbli. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' taffija tar-riskju u programmi ta' monitoraġġ għandhom jitniedu biex tiġi verifikata l-kontaminazzjoni potenzjali tal-ilma ta' taħt l-art fiż-żoni li huma vulnerabbli, fejn dan huwa xieraq.

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
142	Ethephon Nru CAS 16672-87-0 Nru CIPAC 373	2-chloroethyl-phosphonic acid	≥ 910 g/kg (materjal tekniku – MT) L-impuritajiet tal-manifattura MEPHA (Mono 2-chloroethyl ester, 2-chloroethyl phosphonic acid) u 1,2-Dichloroethane huma ta' tħassib tossikoloġiku u ma għandhomx jaqbżu 20 g/kg u 0,5 g/kg f'materjal tekniku.	1 ta' Awwissu 2007	►**M140** 31 ta' Lulju 2018 ◄	PARTI A Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu bħala regolatur tat-tkabbir tal-pjanti. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-konklużjonijiet tar-rapport tar-reviżjoni dwar l-ethephon, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-14 ta' Lulju 2006.
143	Flusilazole (2) Nru CAS 85509-19-9 Nru CIPAC 435	Bis(4-fluorophenyl)(-methyl) (1H-1,2.4-triazol-1-ylmethyl)silane	925 g/kg	1 ta' Jannar 2007	30 ta' Ġunju 2008 (2)	PARTI A Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala funġiċida fuq l-uċuħ tar-raba' li ġejjin: — ċereali għajr ir-ross (2), — qamħirrum (2), — iż-żerriegħa tal-kolza (2), — pitravi taz-zokkor (2), f'rati li ma jaqbżux il-200 g sustanza attiva kull ettaru għal kull applikazzjoni. L-użi li ġejjin ma għandhomx ikunu awtorizzati: — applikazzjoni mill-arja, — applikazzjonijiet minn fuq id-dahar jew bl-idejn, sew jekk dak li jkun ikun dilettant jew professjonist,

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— il-ġardinaġġ privat tad-dar. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu applikati l-miżuri kollha xierqa għat-taffija tar-riskju. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-protezzjoni ta': — l-organiżmi akkwatiċi. Fejn ikun rilevanti, jeħtieġ li tinżamm distanza adegwata bejn l-uċuħ trattati u l-ilmijiet tal-wiċċ. Din id-distanza tista' tkun tiddependi mill-applikazzjoni jew le ta' metodi jew tagħmir li jnaqqsu t-tifrix aċċidentali, — l-għasafar u l-mammiferi. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għat-taffija tar-riskju, bħalma huma l-użu f'waqtu tal-prodott u l-għażla ta' dawk il-formulazzjonijiet li, minħabba l-preżentazzjoni fiżika tagħhom jew il-preżenza ta' aġenti li jiżguraw evitar adegwat, jimminimizzaw l-esponiment tal-ispeċi kkonċernata. — l-operaturi, li jeħtiġilhom jilbsu lbies protettiv adegwat, partikolarment ingwanti, coveralls, buz tal-lastku u l-protezzjoni tal-wiċċ jew in-nuċċalijiet tas-sikurezza waqt it-taħlit, it-tagħbija, l-applikazzjoni u t-tindif tat-tagħmir, sakemm l-espożizzjoni għas-sustanza attiva ma tkunx adegwatament prekluża mid-disinn u l-kostruzzjoni tat-tagħmir innifsu, jew inkella bl-immuntar ta' komponenti protettivi speċifiċi fuq l-istess tagħmir. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-flusilazole, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, għandhom jiġu kkunsidrati; L-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li d-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet jirrappurtaw sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru ta' kull sena dwar l-inċidenzi ta' problemi tas-saħħa fost l-operaturi. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li jingħata tagħrif, bħal dejta dwar il-bejgħ u s-servej tax-xejriet tal-użu, ħalli tkun tista' tinkiseb stampa realistika tal-kundizzjonijiet tal-użu u l-impatt tossikoloġiku possibbli tal-flusilazole. L-Istati Membri għandhom jitolbu li jiġu ppreżentati aktar studji biex jindirizzaw il-proprjetajiet potenzjali tal-flusilazole għat-taħwid tal-endokrina fi żmien sentejn mill-adozzjoni, min-naħa tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-IżviluppEkonomiku (OECD), tal-Linji gwida użati għall-Ittestjar

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						dwar it-taħwid tal-endokrini. Għandhom jiżguraw li n-notifikatur li fuq talba tiegħu il-flusilazole jkun iddaħħal f'dan l-Anness jipprovdi dawn l-istudji lill-Kummissjoni fi żmien sentejn mill-adozzjoni tal-linji gwida msemmija hawn fuq.
▼M2						
144	Karbendażim Nru CAS 10605-21-7 Nru CIPAC 263	Benżimidażol-2-ilkarbamat tal-metil	≥ 980 g/kg Impuritajiet rilevanti 2-ammino-3-idrossifenażin (AHP): mhux iktar minn 0.0005 g/kg 2,3-dijamminofenażin (DAP): mhux iktar minn 0,003 g/kg	l-1 ta' Ġunju 2011	30 ta' Novembru 2014	PARTI A Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala funġiċida fuq l-uċuħ tar-raba' li ġejjin: — ċereali — żerriegħa tar-rapa — zokkor u pitravi tal-għalf — qamħirrum b'rati li ma jaqbżux — 0,25 kg sustanza attiva għal kull ettaru għal kull applikazzjoni għaċ-ċereali u ż-żerriegħa tar-rapa; — 0,075 kg sustanza attiva għal kull ettaru għal kull applikazzjoni għaz-zokkor u l-pitravi tal-għalf — 0,1 kg sustanza attiva għal kull ettaru għal kull applikazzjoni għall-qamħirrum. L-użi li ġejjin ma għandhomx ikunu awtorizzati: — applikazzjoni mill-arja; — applikazzjonijiet minn fuq id-dahar jew bl-idejn, sew jekk minn utenti dilettanti jew inkella professjonali; — ġardinaġġ fid-dar. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu applikati l-miżuri kollha xierqa għall-mitigazzjoni tar-riskji. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-protezzjoni ta':

▼M2

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— l-organiżmi akkwatiċi. Għandhom jiġu applikati miżuri ta' mitigazzjoni biex titnaqqas l-espożizzjoni tal-ilmijiet tal-wiċċ. Dan għandu jinkludi li tinżamm distanza bejn iż-żoni trattati u l-ilmijiet tal-wiċċ biss jew flimkien mal-użu ta' tekniki jew tagħmir biex jitnaqqas il-moviment tal-kurrent; — ħniex u makroorganiżmi tal-ħamrija oħrajn. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju, bħall-għażla tal-aktar taħlita xierqa ta' numri u l-ħin ta' meta ssir l-applikazzjoni, u, jekk ikun meħtieġ, il-livell ta' konċentrazzjoni tas-sustanza attiva; — għasafar (ir-riskju fit-tul). Skont ir-riżultati tal-evalwazzjoni tar-riskju għal użi speċifiċi, jistgħu jinħtieġu miżuri ta' mitigazzjoni mmirati biex titnaqqas l-espożizzjoni; — l-operaturi, li jeħtiġilhom jilbsu lbies protettiv adegwat, partikolarment ingwanti, coveralls, buz tal-lastku u l-protezzjoni tal-wiċċ jew in-nuċċalijiet tas-sikurezza waqt it-taħlit, it-tagħbija, l-applikazzjoni u t-tindif tat-tagħmir, sakemm l-espożizzjoni għas-sustanza attiva ma tkunx adegwatament prekluża mid-disinn u l-kostruzzjoni tat-tagħmir innifsu, jew inkella bl-immuntar ta' komponenti protettivi speċifiċi fuq l-istess tagħmir. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-karbendażim, u partikolarment l-Appendiċijiet I u II tiegħu. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu li l-applikant jipprovdi dan li ġej lill-Kummissjoni: — sa mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru 2011, jagħti informazzjoni dwar ir-rilevanza tossikoloġika u ekotossikoloġika tal-impurità AEF037197; — sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2012 l-eżami tal-istudji inklużi fil-lista tal-abbozz tar-rapport ta' rivalutazzjoni tas-16 ta' Lulju 2009 (Volum 1, Livell 4, "Aktar informazzjoni", pp. 155 – 157).

▼M2

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2013, jagħti informazzjoni dwar id-destin u l-imġiba (ir-rotta tad-degradazzjoni erobika fil-ħamrija) u r-riskju fit-tul għall-għasafar.

▼B

145	Captan Nru CAS 133-06-02 Nru CIPAC 40	N-(trichloromethylthio)cyclohex-4-ene-1,2-dicarboximide	≥ 910 g/kg Impuritajiet: Perchloromethylmercaptan (R005406): mhux iktar minn 5 g/kg Folpet: mhux iktar minn 10 g/kg Carbon tetrachloride mhux aktar minn 0,1 g/kg	1 ta' Ottubru 2007	►**M139** 31 ta' Lulju 2018 ◄	PARTI A L-użi bħala fungiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-captan għall-użi għajr dawk tat-tadam, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jiżguraw li tiġi pprovduta kull dejta jew informazzjoni meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-captan u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fid-29 ta' Settembru 2006. F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — għall-ħarsien tal-operaturi u l-ħaddiema. Kundizzjonijiet awtorizzati ta' użu għandhom jippreskrivu l-applikazzjoni tat-tagħmir protettiv personali tal-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju adattati għat-tnaqqis tal-espożizzjoni; — għall-espożizzjoni djetetika tal-konsumaturi fid-dawl ta' reviżjonijiet futuri tal-Livelli Massimi tar-Residwi; — ħarsien tal-ilma ta' taħt l-art taħt kundizzjonijiet vulnerabbli. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' taffija tar-riskju u programmi ta' monitoraġġ għandhom jitniedu fiż-żoni li huma vulnerabbli fejn dan huwa xieraq; — ħarsien ta' għasafar, mammiferi u organiżmi akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għat-taffija tar-riskju.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu l-preżentazzjoni ta' studji ulterjuri sabiex jikkonfermaw il-valutazzjoni tar-riskju li tifrex fuq medda twila ta' żmien għall-għasafar u l-mammiferi, kif ukoll għall-valutazzjoni tossikoloġika dwar il-metaboliti li potenzjalment jinsabu fl-ilma ta' taħt l-art taħt kundizzjonijiet vulnerabbli. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikanti li fuq talba tagħhom il-captan ġie inkluż f'dan l-Anness jipprovdu tali studji lill-Kummissjoni fi żmien sentejn mill-approvazzjoni.
146	Folpet Nru CAS 133-07-3 Nru CIPAC 75	N-(trichloromethylthio)phthalimide	≥ 940 g/kg Impuritajiet: Perchloromethylmercaptan (R005406): mhux iktar minn 3,5 g/kg Carbon tetrachloride mhux aktar minn 4 g/kg.	1 ta' Ottubru 2007	►**M139** 31 ta' Lulju 2018 ◄	PARTI A L-użi bħala fungiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-folpet għall-użi għajr dawk ta' trattament tal-qamħ tax-xitwa, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jiżguraw li tiġi pprovduta kull dejta u informazzjoni meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-folpet, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fid-29 ta' Settembru 2006. F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — għas-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema. Kundizzjonijiet awtorizzati ta' użu jridu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir protettiv personali adattat; — għall-espożizzjoni djetetika tal-konsumaturi fid-dawl ta' reviżjonijiet futuri tal-Livelli Massimi tar-Residwu; — għall-ħarsien ta' għasafar, mammiferi u organiżmi akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għat-taffija tar-riskju.

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu l-preżentazzjoni ta' studji ulterjuri sabiex jikkonfermaw il-valutazzjoni tar-riskju għal għasafar, mammiferi u ħniex. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikanti li fuq talba tagħhom il-folpet ġie inkluż f'dan l-Anness jipprovdu tali studji lill-Kummissjoni fi żmien sentejn mill-approvazzjoni.
147	Formetanate Nru CAS 23422-53-9 Nru CIPAC 697	3-dimethylaminomethyleneaminophenyl methylcarbamate	≥ 910 g/kg	1 ta' Ottubru 2007	►**M139** 31 ta' Lulju 2018 ◄	PARTI A Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala insettiċidi u akariċidi. PARTI B Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-formetanate għall-użi għajr dawk fit-tadam tal-għelieqi u arbuxxelli ornamentali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jiżguraw li tiġi pprovduta kwalunkwe dejta jew informazzjoni meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-formetanate b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fid-29 ta' Settembru 2006. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri: — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien ta' għasafar, mammiferi, artropodi mhux fil-mira u naħal u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn xieraq, miżuri tat-taffija tar-riskju; — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għas-sikurezza tal-operaturi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu tagħmir ta' protezzjoni personali xieraq; — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għal espożizzjoni djetetika ta' konsumaturi fid-dawl ta' reviżjonijiet futuri ta' Livelli Massimi ta' Residwu.

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu l-preżentazzjoni ta' studji ulterjuri sabiex jikkonfermaw il-valutazzjoni tar-riskju għal għasafar, mammiferi u artropodi mhux fil-mira. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikant li fuq talba tiegħu ġie inkluż il-formetanate f'dan l-Anness, jipprovdi studji bħal dawn lill-Kummissjoni fi żmien sentejn mill-approvazzjoni.
148	Methiocarb Nru CAS 2032-65-7 Nru CIPAC 165	4-methylthio-3,5-xylyl methylcarbamate	≥ 980 g/kg	1 ta' Ottubru 2007	►**M139** 31 ta' Lulju 2018 ◄	►**M107** PARTI A L-użi bħala repellent fit-trattament taż-żrieragħ u bħala insettiċida jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-metjokarb għall-użi għajr dak tat-trattament taż-żrieragħ tal-qamħirrum, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jiżguraw li tiġi pprovduta kull dejta jew informazzjoni meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-metjokarb, b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fid-29 ta' Settembru 2006. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għal dan li ġej: — il-protezzjoni tal-għasafar, il-mammiferi u artropodi mhux fil-mira, filwaqt li jkun żgurat li l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni jinkludu miżuri tal-mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq; — is-sikurezza tal-operaturi u l-persuni fil-viċin, filwaqt li jkun żgurat li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali xieraq; — l-espożizzjoni djetetika tal-konsumaturi. ◄

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
149	Dimethoate Nru CAS 60-51-5 Nru CIPAC 59	O,O-Dimethyl-S-(N-methylcarbamoylmethyl) phosphorodithioate; 2-Dimethoxyphosphinothioylthio-N-methylacetamide	≥ 950 g/kg Impuritajiet: — omethoate: mhux iktar minn 2 g/kg — isodimethoate: mhux iktar minn 3 g/kg	1 ta' Ottubru 2007	►**M139** 31 ta' Lulju 2018 ◄	PARTI A L-użu bħala insettiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar id-dimethoate, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-24 ta' Novembru 2006 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri: — iridu jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien ta' għasafar, mammiferi, organiżmi akkwatiċi u artropodi oħra li mhumiex fil-mira. Il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu l-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq, bħal żoni ta' salvagwardja u tnaqqis tal-flussi ta' tifwir u ta' dranaġġ għal ġol-ilma tal-wiċċ; — iridu jagħtu attenzjoni partikolari għall-espożizzjoni tad-dieta tal-konsumaturi; — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għas-sikurezza tal-operaturi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu tagħmir ta' ħarsien personali xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu l-preżentazzjoni ta' studji ulterjuri sabiex jikkonfermaw il-valutazzjoni tar-riskju għall-għasafar, il-mammiferi u l-artropodi mhux fil-mira, kif ukoll kif ukoll sabiex jikkonfermaw il-valutazzjoni tossikoloġika fuq metaboliti potenzjalment preżenti fl-uċuħ. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikant li fuq talba tiegħu ġie inkluż id-dimethoate f'dan l-Anness, jipprovdi studji bħal dawn lill-Kummissjoni fi żmien sentejn mill-approvazzjoni.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
150	Dimethomorph Nru CAS 110488-70-5 Nru CIPAC 483	(E,Z) 4-[3-(4-chlorophenyl)-3-(3,4-dimethoxyphenyl)acryloyl]-morpholine	≥ 965 g/kg	1 ta' Ottubru 2007	►**M139** 31 ta' Lulju 2018 ◄	PARTI A L-użi bħala funġiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar id-dimethomorph b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-24 ta' Novembru 2006. F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — għall-ħarsien tal-operaturi u l-ħaddiema. Kundizzjonijiet awtorizzati ta' użu jridu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir protettiv personali adattat; — għall-ħarsien ta' għasafar, mammiferi u organiżmi akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' tnaqqis tar-riskju, fejn ikun xieraq.
151	Glufosinate Nru CAS 77182-82-2 Nru CIPAC 437.007	ammonium(DL)-homoalanin-4-yl(methyl)phosphinate	950 g/kg	1 ta' Ottubru 2007	►**M139** 31 ta' Lulju 2018 ◄	►**M57** PARTI A L-użi biss bħala erbiċida għal applikazzjoni fi strixxi jew lokalizzata jista' jiġi awtorizzat f'rati li ma jaqbżux 750 g sustanza attiva/ha (tal-wiċċ trattat) għal kull applikazzjoni u massimu ta' żewġ applikazzjonijiet fis-sena. PARTI B Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-glufosinat fir-rigward prinċipali tal-espożizzjoni tal-operatur u l-konsumatur, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jiżguraw li tiġi pprovduta kull dejta u informazzjoni meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din.

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-glufosinat partikolarment l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-24 ta' Novembru 2006. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom partikolarment jagħtu każ: (a) lis-sigurtà tal-operaturi u l-ħaddiema u tal-persuni fil-qrib; fejn huma xierqa, il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' ħarsien; (b) il-possibilità ta' kontaminazzjoni tal-ilma tal-pjan, fejn is-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'kundizzjonjiet vulnerabbli tal-ħamrija u/jew il-klima; (c) il-ħarsien ta' mammiferi, artropodi mhux fil-mira u pjanti mhux fil-mira. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu l-applikazzjoni ta' żennuni li jnaqqsu d-drift u tarki tal-isprejs u l-ittikkettjar rispettiv ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Fejn xieraq, dawk il-kondizzjonijiet għandhom jinkludu aktar miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju. ◄
152	Metribuzin Nru CAS 21087-64-9 Nru CIPAC 283	4-amino-6-tert-butyl-3-methylthio-1,2,4-triazin-5(4H)-one	≥ 910 g/kg	1 ta' Ottubru 2007	►**M139** 31 ta' Lulju 2018 ◄	PARTI A L-użi bħala erbiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati PARTI B Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-metribuzin għall-użi għajr dawk bħala erbiċida selettiv ta' wara l-emerġenza għall-patata l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jiżguraw li tiġi pprovduta kull dejta u informazzjoni meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din.

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-metribuzin b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-24 ta' Novembru 2006. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri: — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-algae, pjanti akkwatiċi, pjanti mhux fil-mira li jinsabu barra mill-għalqa ttrattata u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn xieraq, miżuri tat-tnaqqis tar-riskju. — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għas-sikurezza tal-operaturi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu tagħmir ta' ħarsien personali xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu l-preżentazzjoni ta' dejta ulterjuri sabiex jikkonfermaw il-valutazzjoni tar-riskju għall-ilma tal-pjan. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikanti li fuq talba tagħhom il-metribuzin ġie inkluż f'dan l-Anness jipprovdu tali studji lill-Kummissjoni fi żmien sentejn mill-approvazzjoni.
153	Phosmet Nru CAS 732-11-6 Nru CIPAC 318	O,O-dimethyl S-phthalimidomethyl phosphorodithioate; N-(dimethoxyphosphinothioylthiomethyl)phatalimide	≥ 950 g/kg Impuritajiet: — phosmet oxon: mhux iktar minn 0,8 g/kg — iso phosmet: mhux iktar minn 0,4 g/kg	1 ta' Ottubru 2007	►**M139** 31 ta' Lulju 2018 ◄	PARTI A L-użi bħala insettiċidi u akariċidi biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-phosmet b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-24 ta' Novembru 2006. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri: — iridu jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien ta' għasafar, mammiferi, organiżmi akkwatiċi, naħal u artropodi oħra mhux fil-mira. Il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq, bħal żoni ta' salvagwardja u t-tnaqqis tal-flussi ta' tifwir u ta' dranaġġ għal ġol-ilma tal-wiċċ,

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— jistgħu jagħtu attenzjoni partikolari għas-sigurtà tal-operaturi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu tagħmir ta' ħarsien personali u apparat portettiv għan-nifs xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu l-preżentazzjoni ta' studji ulterjuri sabiex jikkonfermaw il-valutazzjoni tar-riskju għall-għasafar (riskju qawwi) u mammiferi erbivori (riskju fit-tul). Huma għandhom jiżguraw li n-notifikant li fuq talba tiegħu ġie inkluż il-phosmet f'dan l-Anness, jipprovdi studji bħal dawn lill-Kummissjoni fi żmien sentejn mill-approvazzjoni.
154	Propamocarb Nru CAS 24579-73-5 Nru CIPAC 399	Propyl 3-(dimethylamino)propylcarbamate	≥ 920 g/kg	1 ta' Ottubru 2007	►**M139** 31 ta' Lulju 2018 ◄	PARTI A L-użi bħala funġiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-propamocarb għall-użi għajr dawk għall-applikazzjonijiet tal-weraq, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, fir-rigward tal-espożizzjoni tal-ħaddiema u għandhom jassiguraw li tiġi pprovduta kull dejta jew informazzjoni meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-propamocarb b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-24 ta' Novembru 2006. F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — għall-ħarsien tal-operaturi u l-ħaddiema. Il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' ħarsien, fejn huma xierqa. — għat-trasferiment ta' residwi ta' ħamrija għal uċuħ bin-newba u uċuħ suċċessivi; — għall-ħarsien tal-ilmijiet tal-wiċċ u tal-pjan f'żoni vulnerabbli; — ħarsien ta' għasafar, mammiferi u organiżmi akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn huma xierqa.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
155	ethoprophos Nru CAS 13194-48-4 Nru CIPAC 218	O-ethyl S,S-dipropyl phosphorodithioate	> 940 g/kg	1 ta' Ottubru 2007	►**M139** 31 ta' Lulju 2018 ◄	►**M93** PARTI A Użi biss bħala nematiċidju u insettiċidju fl-applikazzjoni tal-ħamrija jistgħu jkunu awtorizzati. Applikazzjoni waħda biss kull staġun tista' tiġi awtorizzata, b'rata li ma taqbiżx is-6 kg ta' sustanza attiva/ha. L-awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu limitati għall-utenti professjonali. PARTI B Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom l-ethoprophos għal użi oħra barra dik ta' patata li ma titkabbarx għall-konsum tal-bniedem jew tal-annimali, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 29(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u għandhom jiżguraw li tkun provduta kwalunkwe dejta u informazzjoni meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-ethoprophos b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-16 ta' Marzu 2007. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti: (a) għall-espożizzjoni djetetika tal-konsumaturi; (b) għas-sigurtà tal-operaturi, fejn jiżguraw li l-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jistipulaw l-applikazzjoni adegwata ta' tagħmir protettiv personali u respiratorju u miżuri oħra li jtaffu r-riskju bħalma huwa l-użu ta' sistema magħluqa ta' trasferiment għat-tqassim tal-prodott; (ċ) għall-ħarsien ta' għasafar, mammiferi u organiżmi akwatiċi, ilma ta' fuq u taħt l-art taħt kondizzjonijiet vulnerabbli. Il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju, bħalma huma żoni ta' lqugħ u l-ksib tal-inkorporazzjoni kompleta ta' granuli fil-ħamrija. ◄

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
156	Pirimiphos-methyl Nru CAS 29232-93-7 Nru CIPAC 239	O-2-dietilammino-6-metilpirimidin-4-yl O,O-dimethylphosphorothioate	> 880 g/kg	1 ta' Ottubru 2007	►**M139** 31 ta' Lulju 2018 ◄	PARTI A Użi biss bħala insettiċidju għall-ħażna ta' wara l-ħsad jistgħu jkunu awtorizzati. Tagħmir li jinżamm fl-idejn ma għandux jiġi awtorizzat. PARTI B Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-pirimiphos-methyl għall-użi għajr dawk ta' trattament taż-żieragħ tal-qamħirrun, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jiżguraw li tiġi pprovduta kull dejta jew informazzjoni meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-pirimiphos-methyl b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-15 ta' Marzu 2007. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — għas-sigurtà tal-operatur. Kundizzjonijiet awtorizzati ta' użu għandhom jippreskrivu l-applikazzjoni tat-tagħmir protettiv personali adegwat inkluż tagħmir respiratorju protettiv kif ukoll miżuri li jnaqqsu r-riskju għat-tnaqqis tal-espożizzjoni; — għall-espożizzjoni djetetika tal-konsumaturi fid-dawl ta' reviżjonijiet futuri tal-Livelli Massimi ta' Residwi;

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
157	Fipronil Nru CAS 120068-37-3 Nru CIPAC 581	(±)-5-amino-1-(2,6-dichloro-α,α,α-trifluoro-para-tolyl)-4-trifluoromethylsulfinylpyrazole-3-carbonitrile	≥ 950 g/kg	1 ta' Ottubru 2007	►**M197** 30 ta' Settembru 2017 ◄	►**M73** PARTI A Jistgħu jiġu awtorizzati biss użi bħala insettiċida biex tintuża bħala trattament taż-żerriegħa. L-użi għandhom jiġu awtorizzati biss għaż-żieragħ maħsuba biex jinżergħu fis-serer u ż-żieragħ tal-kurrat, il-basal, ix-shallots u l-grupp tal-ħxejjex *Brassica* maħsuba biex jinżergħu fl-għelieqi u li jinħasdu qabel iwarrdu. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif jissemmew fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni għall-fipronil, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif finalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-15 ta' Marzu 2007 u l-konklużjonijiet tal-addenda tar-rapport ta' reviżjoni għall-fipronil kif finalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tas-16 ta' Lulju 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu kas l-aktar: (a) l-imballaġġ tal-prodotti li se jitqiegħdu fis-suq ħalli tiġi evitata l-ġenerazzjoni ta' prodotti tad-degradazzjoni li huma ta' tħassib; (b) il-potenzjal li jkun kontaminat l-ilma ta' taħt l-art b'mod speċjali minn metaboliti li huma aktar persistenti mill-kompost ġenitur, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli; (c) il-protezzjoni ta' għasafar u mammiferi granivori, organiżmi akkwatiċi, artropodi mhux fil-mira u naħal tal-għasel. L-Istati Membri għandhom ukoll jiżguraw li: (a) iż-żieragħ jinksew biss f'faċilitajiet professjonali tat-trattament taż-żerriegħa; dawn il-faċilitajiet iridu japplikaw l-aqwa metodi disponibbli ħalli jiżguraw li tkun minimizzata l-għabra li toħroġ waqt l-applikazzjoni għaż-żerriegħa, il-ħażna u t-trasport;

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						(b) jintuża tagħmir xieraq tal-ħrit u ż-żrigħ ħalli jkun żgurat livell għoli ta' inkorporazzjoni fil-ħamrija, li t-tixrid taż-żerriegħa jkun mill-anqas u daqstant ieħor l-emissjoni tal-għabra; (c) it-tikketta taż-żrieragħ trattati jkollha l-indikazzjoni li ż-żrieragħ ġew trattati bil-fipronil u ssemmi l-miżuri li jtaffu r-riskji previsti fl-awtorizzazzjoni; (d) jinbdew programmi ta' monitoraġġ biex meta u kif jixraq, jivverifikaw l-esponiment reali tan-naħal għall-fipronil fi nħawi użati b'mod estensiv min-naħal biex jiġbor l-ikel jew min-nissiela tan-naħal. Meta jixraq, il-kundizzjonijiet għall-użu għandu jkun fihom miżuri li jtaffu r-riskji. In-notifikatur għandu jressaq informazzjoni konfermattiva dwar: (a) ir-riskju għad-dakkara ħlief in-naħal tal-għasel; (b) ir-riskju akut u fit-tul għas-sopravivenza u l-iżvilupp tal-kolonja u r-riskju għad-duqqajs tan-naħal minn metaboliti tal-pjanti u tal-ħamrija ħlief il-metaboliti fotoliżi tal-ħamraija. (c) l-esponiment potenzjali għall-għabra li ttir mar-riħ wara l-ħrit u ż-żrigħ u r-riskju akut u fit-tul għas-sopravivenza u l-iżvilupp tal-kolonja, u r-riskju għad-duqqajs tan-naħal meta l-ikel tan-naħal fuq il-veġitazzjoni jkun espost għall-għabra li ttir mar-riħ; (d) ir-riskju akut u fit-tul għas-sopravivenza u l-iżvilupp tal-kolonja u r-riskju għad-duqqajs tan-naħal meta jiġbor l-ikel mill-qtar tal-għasel tal-insetti; (e) l-esponiment potenzjali għall-fluwidu tal-guttazzjoni u r-riskju akut u fit-tul għas-sopravivenza u l-iżvilupp tal-kolonja, u r-riskju għad-duqqajs tan-naħal;

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						(f) l-esponiment potenzjali għal residwi tal-għabra tad-dakra u n-nektar, il-qtar tal-għasel, u l-fluwidu tal-guttazzjoni tal-għelejjel u l-ħaxix ħażin li jkun hemm wara, inklużi l-metaboliti persistenti tal-ħamrija (RPA 200766, MB 46136 u MB 45950). In-notifikatur għandu jressaq din l-informazzjoni lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sat-30 ta' Marzu 2015. ◄
158	Beflubutamid Nru CAS 113614-08-7 Nru CIPAC 662	(RS)-N-benzyl-2-(4-fluoro-3-trifluoromethylphenoxy) butanamide	≥ 970 g/kg	1 ta' Diċembru 2007	►**M139** 31 ta' Lulju 2018 ◄	PARTI A L-użi bħala erbiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-beflubutamid, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-15 ta' Mejju 2007. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri: — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għar-riskju għal organiżmi akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq.
159	Il-virus tal-polijedroża nukleari Spodoptera exigua Nru CIPAC Mhux allokat	Mhux applikabbli		1 ta' Diċembru 2007	30 ta' Novembru 2017	PARTI A L-użi bħala insettiċidi biss jistgħu jiġu awtorizzati.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-iSpodoptera exigua NPV, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-15 ta' Mejju 2007.
160	Prosulfocarb Nru CAS 52888-80-9 Nru CIPAC 539	S-benzyl dipropyl(t-hiocarbamat)	970 g/kg	1 ta' Novembru 2008	31 ta' Ottubru 2018	PARTI A L-użi bħala erbiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-prosulfocarb u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fid-9 ta' Ottubru 2007. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — għas-sikurezza tal-operaturi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali xieraq, — għall-ħarsien ta' organiżmi akkwatiċi u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn xieraq, miżuri li jtaffu r-riskju bħal żona ta' lqugħ,

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— għall-protezzjoni ta' pjanti li mhumiex il-mira u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn xieraq, miżuri li jtaffu r-riskju bħala żona ta' lqugħ bla ebda sprej fuq il-post.
161	Fludioxonil Nru CAS 131341-86-1 Nru CIPAC 522	4-(2,2-difluoro-1,3-benzodioxol-4-yl)-1H-pyrrole-3-carbonitrile	950 g/kg	1 ta' Novembru 2008	31 ta' Ottubru 2018	PARTI A L-użi bħala funġiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-fludioxonil għall-użi għajr dawk ta' trattament taż-żrieragħ, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jassiguraw li tiġi pprovduta kull dejta jew informazzjoni meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din: — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-potenzjal tal-kontaminazzjoni tal-ilma tal-pjan, b'mod partikolari għall-metaboliti fotoliżi tal-ħamrija tagħha s-CGA 339833, u s-CGA 192155 f'żoni vulnerabbli, — iridu jagħtu attenzjoni partikolari għal protezzjoni tal-ħut u l-invertebri akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-fludioxonil u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fid-9 ta' Ottubru 2007.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
162	Clomazone Nru CAS 81777-89-1 Nru CIPAC 509	2-(2-chlorobenzyl)-4,4-dimethyl-1,2-oxazolidin-3-one	960 g/kg	1 ta' Novembru 2008	31 ta' Ottubru 2018	PARTI A L-użi bħala erbiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-clomazone u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fid-9 ta' Ottubru 2007. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — għas-sikurezza tal-operaturi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali xieraq, — għall-protezzjoni ta' pjanti li mhumiex il-mira u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn xieraq, miżuri li jtaffu r-riskju bħala żoni ta' lqugħ.
163	Benthiavalicarb Nru CAS 413615-35-7 Nru CIPAC 744	[(S)-1-{[(R)-1-(6-fluoro-1,3-benzothiazol-2-yl)ethyl]carbamoyl}-2-methylpropyl]carbamic acid	≥ 910 g/kg L-impuritajiet manifatturati li ġejjin huma ta' tħassib tossikoloġiku u kull waħda minnhom ma għandhiex taqbeż ċertu ammont fil-materjal tekniku. 6,6′-difluoro-2,2′-dibenzothiazole: < 3.5 mg/kg bis(2-amino-5-fluorophenyl) disulfide: < 14 mg/kg	1 ta' Awwissu 2008	31 ta' Lulju 2018	PARTI A L-użu bħala funġiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-benthiavalicarb, b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-22 ta' Jannar 2008. F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — lis-sigurtà tal-operatur, — lill-ħarsien ta' organiżmi artropodi mhux immirati.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						Il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq. Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-benthiavalicarb għall-użu għajr dawk ta' trattament fis-serer, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jassiguraw li tiġi pprovduta kull dejta u tagħrif meħtieġ qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 dwar l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif kummerċjalment manifatturat.
164	Boscalid Nru CAS 188425-85-6 Nru CIPAC 673	2-Chloro-N-(4′-chlorobiphenyl-2-yl)nicotinamide	≥ 960 g/kg	1 ta' Awwissu 2008	31 ta' Lulju 2018	PARTI A L-użu bħala funġiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-boscalid, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-22 ta' Jannar 2008. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari — lis-sigurtà tal-operatur, — lir-riskju fit-tul għall-għasafar u l-organiżmi tal-ħamrija, — lir-riskju tal-akkumulazzjoni fil-ħamrija jekk is-sustanza hija użata f'uċuħ tar-raba' perenni jew fl-uċuħ suċċessivi tar-raba' fir-rotazzjoni tal-ħsad. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju adegwati, fejn xieraq.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
165	Carvone CAS No 99-49-0 (taħlita d/l) Nru CIPAC 602	5-isopropenyl-2-methylcyclohex-2-en-1-one	≥ 930 g/kg bi proporzjon d/l ta' mill-inqas 100:1	1 ta' Awwissu 2008	31 ta' Lulju 2018	PARTI A Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu bħala regolatur tat-tkabbir tal-pjanti. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-carvone b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-22 ta' Jannar 2008. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari għar-riskju tal-operaturi. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq.
166	Fluoxastrobin Nru CAS 361377-29-9 Nru CIPAC 746	(E)-{2-[6-(2-chlorophenoxy)-5-fluoropyrimidin-4-yloxy]phenyl}(5,6-dihydro-1,4,2-dioxazin-3-yl)methanone O-methyloxime	≥ 940 g/kg	1 ta' Awwissu 2008	31 ta' Lulju 2018	PARTI A L-użu bħala funġiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-fluoxastrobin b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-22 ta' Jannar 2008. F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — lis-sigurtà tal-operatur, b'mod partikolari meta jittratta l-konċentrat mhux imħallat. Il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri ta' ħarsien adegwati, bħall-ilbies ta' maskra ta' protezzjoni għall-wiċċ, — lill-ħarsien ta' organiżmi akkwatiċi. Miżuri ta' tnaqqis tar-riskju għandhom ikunu applikati, fejn hu xieraq,

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— lil-livelli ta' residwi tal-metaboliti tal-fluoxastrobin, meta t-tiben minn żoni ttrattati jintuża bħala għalf. Il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu restrizzjonijiet għall-għalf tal-annimali, fejn xieraq, — lir-riskju tal-akkumulazzjoni fil-ħamrija, jekk is-sustanza hija użata f'uċuħ tar-raba' perenni jew fl-uċuħ suċċessivi tar-raba' fir-rotazzjoni tal-ħsad. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu l-preżentazzjoni ta': — dejta li tippermetti li ssir evalwazzjoni tar-riskju komprensiva tal-ilma fejn jitqies it-tifrix tal-bexx, il-fawran, id-dranaġġ u l-effettività ta' miżuri ta' tnaqqis potenzjali ta' riskju, — dejta dwar it-tossiċità ta' metoboliti mhux tal-firien jekk it-tiben miż-żoni trattati għandu jintuża bħala għalf. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikant li fuq talba tiegħu ġie inkluż il-fluoxastrobin f'dan l-Anness, jipprovdi studji bħal dawn lill-Kummissjoni fi żmien sentejn mill-approvazzjoni.
167	Paecilomyces lilacinus (Thom) Samson 1974 strain 251 (AGAL: Nru 89/030550) Nru CIPAC 753	Mhux applikabbli		1 ta' Awwissu 2008	31 ta' Lulju 2018	PARTI A L-użu bħala nematiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-Paecilomyces lilacinus u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-22 ta' Jannar 2008. F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari:

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— lis-sigurtà tal-operatur (għalkemm ma kienx meħtieġ li jiġi stipulat AOEL, bħala regola ġenerali, il-mikroorganiżmi għandhom jitqiesu bħala sensitizzaturi potenzjali), — lill-ħarsien ta' artropodi mhux immirati fejn jgħixu l-weraq. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq.
168	Prothioconazole Nru CAS 178928-70-6 Nru CIPAC 745	(RS)-2-[2-(1-chlorocyclopropyl)-3-(2-chlorophenyl)-2-hydroxypropyl]-2,4-dihydro-1,2,4-triazole-3-thione	≥ 970 g/kg L-impuritajiet manifatturati li ġejjin huma ta' tħassib tossikoloġiku u kull waħda minnhom ma għandhiex taqbeż ċertu ammont fil-materjal tekniku. — Toluene: < 5 g/kg — Prothioconazole-desthio (2-(1-chlorocyclopropyl)1-(2-chlorophenyl)-3-(1,2,4-triazol-1-yl)-propan-2-ol): < 0,5 g/kg (LOD)	1 ta' Awwissu 2008	31 ta' Lulju 2018	PARTI A L-użu bħala funġiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-prothioconazole, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-22 ta' Jannar 2008. F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — lis-sigurtà tal-operatur fl-applikazzjonijiet ta' bexx. Il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri xierqa ta' ħarsien, — lill-ħarsien ta' organiżmi akkwatiċi. Miżuri ta' tnaqqis tar-riskju għandhom ikunu applikati, fejn hu xieraq, — lill-ħarsien tal-għasafar u l-mammiferi żgħar. Miżuri ta' tnaqqis tar-riskju għandhom ikunu applikati fejn hu xieraq. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu l-preżentazzjoni ta':

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— tagħrif biex jippermetti li ssir evalwazzjoni tal-esponiment tal-konsumaturi għad-derivattivi tal-metaboliti tat-tirazole fl-uċuħ ewlenin tar-raba', fir-rotazzjoni tal-ħsad, u fil-prodotti li joriġinaw mill-annimali, — tqabbil tal-mod ta' azzjoni tad-derivattivi tal-metaboliti tal-prothioconazole u tat-triazole biex tkun tista' ssir l-evalwazzjoni tat-tossiċità li tirriżulta mill-esponiment kombinat ta' dawn il-komposti, — tagħrif li jkompli jindirizza r-riskju fit-tul għall-għasafar u l-mammiferi granivori li jiġi mill-użu tal-prothioconazole bħala trattament għażżerriegħa. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikant li fuq talba tiegħu ġie inkluż il-prothioconazole f'dan l-Anness, jipprovdi studji bħal dawn lill-Kummissjoni fi żmien sentejn mill-approvazzjoni.
169	Amidosulfuron Nru CAS 120923-37-7 Nru CIPAC 515	3-(4,6-dimethoxypyrimidin-2-yl)-1-(N-methyl-N-methylsulfonyl-aminosulfonyl)urea jew 1-(4,6-dimethoxypyrimidin-2-yl)-3-mesyl(-methyl) sulfamoylurea	≥ 970 g/kg	1 ta' Jannar 2009	31 ta' Diċembru 2018	PARTI A L-użi bħala erbiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom l-amidosulfuron għall-użi għajr dawk f'mergħat, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jassiguraw li tiġi pprovduta kull dejta u informazzjoni meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-amidosulfuron u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-22 ta' Jannar 2008. F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari:

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— għall-ħarsien tal-ilma tal-art minħabba kontaminazzjoni potenzjali tal-ilma tal-art minn uħud mill-prodotti ta' degradazzjoni meta huwa applikat f'reġjuni b'kundizzjonijiet klimatiċi u/jew ħamrija vulnerabbli, — għall-protezzjoni ta' pjanti akkwatiċi. F'relazzjoni ma' dawn ir-riskji identifikati, il-miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju bħal żoni ta' lqugħ, għandhom jiġu applikati fejn adatt.
170	Nicosulfuron Nru CAS 111991-09-4 Nru CIPAC 709	2-[(4,6-dimethoxypyrimidin-2-ylcarbamoyl)sulfamoyl]-N,N-dimethylnicotinamide jew 1-(4,6-dimethoxypyrimidin-2-yl)-3-(3-dimethylcarbamoyl-2-pyridylsulfonyl)urea	≥ 910 g/kg	1 ta' Jannar 2009	31 ta' Diċembru 2018	PARTI A L-użi bħala erbiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar in-nicosulfuron u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-22 ta' Jannar 2008. F'dan l-assessjar globali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-espożizzjoni potenzjali tal-ambjent akkwatiku għall-metabolita DUDN meta n-nicosulfuron huwa applikat f'reġjuni b'kundizzjonijiet ta' ħamrija vulnerabbli, — lill-protezzjoni ta' pjanti akkwatiċi u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn xieraq, miżuri li jtaffu r-riskju bħal żoni ta' lqugħ, — lill-protezzjoni ta' pjanti li mhumiex il-mira u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn xieraq, miżuri li jtaffu r-riskju bħala żona ta' lqugħ bla ebda sprej fuq il-post, — lill-ħarsien tal-ilma tal-wiċċ u taħt l-art taħt kundizzjonijiet tal-ħamrija u klimatiċi vulnerabbli.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
171	Clofentezine Nru CAS 74115-24-5 Nru CIPAC 418	3,6-bis(2-chlorophenyl)-1,2,4,5-tetrazine	≥ 980 g/kg (materjal niexef)	1 ta' Jannar 2009	31 ta' Diċembru 2018	PARTI A L-użu bħala akariċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jiġu kkunsidrati l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-clofentezine, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-11 ta' Mejju 2010. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif immanifatturat kummerċjalment, li għandha tkun ikkonfermata u appoġġata b'dejta analitika xierqa. Il-materjal tat-test użat fil-fajls tat-tossiċità għandu jiġi mqabbel u vverifikat ma' din l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku; — lis-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir adegwat ta' protezzjoni personali fejn xieraq; — lill-potenzjal għat-trasport bl-ajru fuq distanza kbira; — lir-riskju għall-organiżmi li mhumiex fil-mira. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jnaqqsu r-riskju, fejn meħtieġ. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikant iressaq quddiem il-Kummissjoni programm ta' sorveljanza li jevalwa l-possibbiltà tat-trasport fl-atmosfera fuq distanza kbira tal-clofentezine u jevalwa r-riskji għall-ambjent relatati ma' dan sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2011. Ir-riżultati ta' dan il-programm ta' sorveljanza għandhom jitressqu bħala rapport ta' sorveljanza lill-Istat Membru relatur u lill-Kummissjoni sal-31 ta' Lulju 2013. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikant iressaq studji konfermattivi dwar il-metaboliti tal-clofentezine marbutin mal-valutazzjoni tar-riskju tossikoloġiku u ambjentali tagħhom, lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M23						
172	Dikamba Nru CAS 1918-00-9 Nru CIPAC 85	3,6-dikloro-2-aċidu metossibenżoiku	≥ 850 g/kg	fl-1 ta' Jannar 2009.	fil-31 ta' Diċembru 2018.	PARTI A L-użi bħala erbiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar dikamba, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-27 ta' Settembru 2011. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-pjanti mhux fil-mira. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri xierqa li jtaffu r-riskju, fejn xieraq. In-notifikatur għandu jippreżenta informazzjoni ta' konferma fir-rigward ta' dan li ġej: (a) l-identifikazzjoni u l-kwantifikazzjoni ta' grupp ta' prodotti li jbiddlu l-ħamrija ffurmati fi studju ta' inkubazzjoni tal-ħamrija; (b) il-potenzjal għat-trasport fl-atmosfera fuq distanza kbira. In-notifikatur għandu jippreżenta tali informazzjoni lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità sat-30 ta' Novembru 2013.
173	Difenokonażol Nru CAS 119446-68-3 Nru CIPAC 687	3-kloro-4-[(2RS,4RS;2RS,4SR)-4-metil-2-(1H-1,2,4-triażol-1-ilmetil)-1,3-diossolan-2-il]fenil 4-klorofenil etere	≥ 940 g/kg Kontenut massimu ta' Toluwen: 5 g/kg	fl-1 ta' Jannar 2009.	fil-31 ta' Diċembru 2018.	PARTI A L-użu bħala funġiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar difenokonażol, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-27 ta' Settembru 2011.

▼M23

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-organiżmi akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri xierqa li jtaffu r-riskju, fejn xieraq. In-notifikatur għandu jippreżenta informazzjoni ta' konferma fir-rigward ta' dan li ġej: (a) aktar dejta dwar l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku; (b) ir-residwi tal-metaboliti derivattivi tat-triażol (TDMs) fl-għelejjel primarji, l-għelejjel rotazzjonali, il-prodotti bażiċi pproċessati u l-prodotti li ġejjin mill-annimali; (c) il-potenzjal ta' effetti ta' tħarbit endokrinali fuq il-ħut (studju dwar iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-ħut) u r-riskju kroniku għall-ħniex mis-sustanza attiva u l-metabolit CGA 205375 ([16]); (d) l-impatt possibbli tal-proporzjon tal-isomeru varjabbli fil-materjal tekniku u tad-degradazzjoni u/jew konverżjoni preferenzjali tat-taħlita ta' isomeri fuq il-valutazzjoni tar-riskju għall-ħaddiema, il-valutazzjoni tar-riskju għall-konsumaturi u fuq l-ambjent. In-notifikatur għandu jippreżenta lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità l-informazzjoni stabbilita fil-punt (a) sal-31 ta' Mejju 2012, l-informazzjoni stabbilita fil-punti (b) u (c) sat-30 ta' Novembru 2013 u l-informazzjoni stabbilita fil-punt (d) fi żmien sentejn mill-adozzjoni tal-gwida speċifika.

▼B

174	Diflubenzuron Nru CAS 35367-38-5 Nru CIPAC 339	1-(4-chlorophenyl)-3-(2,6-difluorobenzoyl) urea	≥ 950 g/kg impurità: max. 0,03 g/kg 4-chloroaniline	1 ta' Jannar 2009	31 ta' Diċembru 2018	PARTI A L-użi bħala insettiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jiġu kkunsidrati l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar id-diflubenzuron, u b'mod partikolari l-

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-11 ta' Mejju 2010. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif immanifatturat kummerċjalment, li għandha tkun ikkonfermata u appoġġata b'dejta analitika xierqa. Il-materjal tat-test użat fil-fajls tat-tossiċità għandu jiġi mqabbel u vverifikat ma' din l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku; — lill-protezzjoni tal-organiżmi akkwatiċi; — lill-protezzjoni ta' organiżmi terrestri; — lill-protezzjoni ta' artropodi li mhumiex fil-mira, inklużi n-naħal. Il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn meħtieġ. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikant jippreżenta aktar studji dwar ir-rilevanza tossikoloġika potenzjali tal-impurità u l-metabolit 4-chloroaniline (PCA) lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2011.
▼M23						
175	Imazakwin Nru CAS 81335-37-7 Nru CIPAC 699	2-[(RS)-4-isopropil-4-metil-5-osso-2-imidażolin-2-il]kwinolina-3-aċidu karbossiliku	≥ 960 g/kg (taħlita raċemika)	fl-1 ta' Jannar 2009.	fil-31 ta' Diċembru 2018.	PARTI A Huma biss l-użi bħala regolatur tal-iżvilupp tal-pjanti li jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar imazakwin, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-27 ta' Settembru 2011. In-notifikatur għandu jippreżenta informazzjoni ta' konferma fir-rigward ta' dan li ġej: (a) aktar dejta dwar l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku;

▼M23

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						(b) l-impatt possibbli tal-proporzjon tal-isomeru varjabbli fil-materjal tekniku u tad-degradazzjoni u/jew konverżjoni preferenzjali tat-taħlita ta' isomeri fuq il-valutazzjoni tar-riskju għall-ħaddiema, il-valutazzjoni tar-riskju għall-konsumaturi u fuq l-ambjent. In-notifikatur għandu jippreżenta lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità, l-informazzjoni stabbilita fil-punt (a) sal-31 ta' Mejju 2012 u l-informazzjoni stabbilita fil-punt (b) fi żmien sentejn wara l-adozzjoni tal-gwida speċifika.

▼B

176	Lenacil Nru CAS 2164-08-1 Nru CIPAC 163	3-cyclohexyl-1,5,6,7-tetrahydrocyclopentapyrimidine-2,4(3H)-dione	≥ 975 g/kg	1 ta' Jannar 2009	31 ta' Diċembru 2018	PARTI A L-użi bħala erbiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jiġu kkunsidrati l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-lenacil, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-11 ta' Mejju 2010. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — għar-riskju lill-organiżmi akkwatiċi, speċjalment l-algae u l-pjanti akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju, bħalma huma żoni ta' paraventu bejn żoni ttrattati u korpi tal-ilma fuq wiċċ l-art; — għall-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'kundizzjonijiet ta' ħamrija jew klima vulnerabbli. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju u għandhom jinbdew programmi tas-sorveljanza biex tiġi vverifikata l-kontaminazzjoni potenzjali tal-ilma ta' taħt l-art mill-metaboliti IN-KF 313, M1, M2 u M3 f'żoni vulnerabbli, fejn meħtieġ. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikant iressaq tagħrif konfermattiv lill-Kummissjoni dwar l-identità u l-karatterizzazzjoni tal-metaboliti tal-ħamrija Polar B u Polars u metaboliti M1, M2 u M3 li nstabu

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						fl-istudji tal-lysimeter, u d-dejta ta' konferma dwar l-uċuħ rotazzjonali, inklużi l-effetti fitotossiċi li jista' jkun hemm. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikant jipprovdi din l-informazzjoni lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012. Jekk deċiżjoni dwar il-klassifika tal-lenacil skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] tidentifika l-ħtieġa għal aktar tagħrif dwar ir-rilevanza tal-metaboliti IN-KE 121, IN-KF 313, M1; M2, M3, Polar B u Polars, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu li dan it-tagħrif jiġi ppreżentat. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikant jipprovdi din l-informazzjoni lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur min-notifika ta' din id-deċiżjoni dwar il-klassifikazzjoni.
177	Oxadiazon Nru CAS 19666-30-9 Nru CIPAC 213	5-tert-butyl-3-(2,4-dichloro-5-isopropoxyphenyl)-1,3,4-oxadiazol-2(3H)-one	≥ 940 g/kg	1 ta' Jannar 2009	31 ta' Diċembru 2018	PARTI A L-użi bħala erbiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jiġu kkunsidrati l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-oxadiazon, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-11 ta' Mejju 2010. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif immanifatturat kummerċjalment, li għandha tkun ikkonfermata u appoġġata b'dejta analitika xierqa. Il-materjal tat-test użat fil-fajls tat-tossiċità għandu jiġi mqabbel u vverifikat ma' din l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku; — għall-potenzjal ta' kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art bil-metabolit AE0608022 fejn is-sustanza attiva tintuża f'sitwazzjonijiet fejn huma mistennija kundizzjonijiet anerobiċi fuq żmien twil jew f'reġjuni b'kundizzjonijiet ta' ħamrija jew klima vulnerabbli. Il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jridu jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn meħtieġ. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikatur jippreżenta lill-Kummissjoni:

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— aktar studji dwar ir-rilevanza tossikoloġika potenzjali ta' impurità fl-ispeċifikazzjoni teknika proposta; — tagħrif li jiċċara aktar l-okkorrenza tal-metabolit AE0608033 fl-uċuħ ewlenin u fl-uċuħ rotazzjonali; — aktar testijiet fuq l-uċuħ rotazzjonali (dawn huma l-uċuħ tal-għeruq u taċ-ċereali) u studju tal-metaboliżmu dwar l-annimali li jixtarru biex jikkonferma l-valutazzjoni tar-riskju għall-konsumatur; — tagħrif biex ikompli jiġi indirizzat ir-riskju għall-għasafar u l-mammali li jieklu l-ħniex, u r-riskju fuq tul ta' żmien għall-ħut. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikant jipprovdi din l-informazzjoni lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012.
178	Picloram Nru CAS 1918-02-1 Nru CIPAC 174	4-amino-3,5,6-trichloropyridine-2-aċtu karboksiliku	≥ 920 g/kg	1 ta' Jannar 2009	31 ta' Diċembru 2018	PARTI A L-użi bħala erbiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jiġu kkunsidrati l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-picloram, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-11 ta' Mejju 2010. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — għall-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta l-picloram jintuża f'reġjuni b'kundizzjonijiet ta' ħamrija jew klima vulnerabbli. Il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jridu jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn meħtieġ; L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikant jippreżenta lill-Kummissjoni:

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— aktar tagħrif li jikkonferma li l-metodu analitiku ta' sorveljanza li jintuża fit-testijiet għar-residwi jikkwantifika b'mod korrett ir-residwi tal-picloram u l-konġugati tiegħu; — studju dwar il-fotoliżi tal-ħamrija għall-konferma tal-valutazzjoni tad-degradazzjoni tal-picloram. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikant jipprovdi din l-informazzjoni lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012.
179	Pyriproxyfen Nru CAS 95737-68-1 Nru CIPAC 715	4-phenoxyphenyl (RS)-2-(2-pyridyloxy)propyl ether	≥ 970 g/kg	1 ta' Jannar 2009	31 ta' Diċembru 2018	PARTI A L-użi bħala insettiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-pyriproxyfen, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-11 ta' Mejju 2010 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — lis-sikurezza tal-operaturi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni tat-tagħmir ta' protezzjoni personali, fejn xieraq; — għar-riskju lill-organiżmi akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn jeħtieġ. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikant jippreżenta aktar tagħrif li jikkonferma żewġ punti fil-valutazzjoni tar-riskju, dawn huma r-riskju għall-insetti akkwatiċi mill-pyriproxfen u mill-metabolit DPH-pyr u r-riskju tal-pyriproxfen għall-insetti li jdakkru l-pjanti bil-polline. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikant jipprovdi din l-informazzjoni lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
180	Bifenox Nru CAS 42576-02-3 Nru CIPAC 413	Methyl 5-(2,4-dichlorophenoxy)-2-nitrobenzoate	≥ 970 g/kg ta' impuritajiet: mass. 3 g/kg 2,4-dichlorophenol mass. 6 g/kg 2,4-dichloroanisole	1 ta' Jannar 2009	31 ta' Diċembru 2018	►**M85** PARTI A Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu bħala erbiċida. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar il-bifenoks u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-14 ta' Marzu 2008. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil: (a) is-sikurezza tal-operaturi u li jkun żgurat li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-użu ta' tagħmir tal-protezzjoni personali meta xieraq; (b) l-esponiment dijetetiku tal-konsumaturi għar-residwu tal-bifenoks fi prodotti li ġejjin mill-annimali u minn uċuħ tar-raba' rotazzjonali suċċessivi; (c) il-kundizzjonijiet ambjentali li jwasslu għall-formazzjoni potenzjali ta' nitrofen. L-Istati Membri għandhom jimponu restrizzjonijiet fejn jidħlu l-kundizzjonijiet tal-użu, meta jixraq fid-dawl tal-punt (c). ◄
181	Diflufenican Nru CAS 83164-33-4 Nru CIPAC 462	2′,4′-difluoro-2-(α,α,α-trifluoro-m-tolyloxy) nicotinanilide	≥ 970 g/kg	1 ta' Jannar 2009	31 ta' Diċembru 2018	TAQSIMA A L-użi bħala erbiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						TAQSIMA B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar id-diflufenican, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-14 ta' Marzu 2008. F'din l-evalwazzjoni globali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-ħarsien ta' organiżmi akkwatiċi. Miżuri li jtaffu r-riskju bħaż-żoni ta' protezzjoni għandhom ikunu applikati, fejn xieraq, — għall-protezzjoni ta' pjanti mhux fil-mira. Miżuri li jtaffu r-riskju bħaż-żoni ta' lqugħ interni mhux trattati għandhom ikunu applikati, fejn xieraq.
182	Fenoxaprop-P Nru CAS 113158-40-0 Nru CIPAC 484	Aċidu R)-2[4-[(6-chloro-2-benzoxazo-lyl)oxy]-phenoxy]-propanoic	≥ 920 g/kg	1 ta' Jannar 2009	31 ta' Diċembru 2018	TAQSIMA A L-użi bħala erbiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati. TAQSIMA B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-fenoxaprop-P, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-14 ta' Marzu 2008. F'din l-evalwazzjoni globali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — lis-sikurezza tal-operaturi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali xieraq, — lill-protezzjoni ta' pjanti li mhumiex fil-mira, — lill-preżenza tal-prodott mefenpyr-diethyl li jagħti sigurtà fi prodotti formulati fir-rigward tal-esponiment tal-operaturi, tal-ħaddiema u tal-persuni fil-qrib,

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— lill-persistenza tas-sustanza u ta' xi ftit mill-prodotti ta' degradazzjoni tagħha f'żoni u f'partijiet aktar kesħin fejn jista' jkun hemm kundizzjonijiet anerobiċi. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju, fejn xieraq.
183	Fenpropidin Nru CAS 67306-00-7 Nru CIPAC 520	(R,S)-1-[3-(4-tert-butylphenyl)-2-methylpropyl]-piperidine	≥ 960 g/kg (raċemat)	1 ta' Jannar 2009	31 ta' Diċembru 2018	TAQSIMA A L-użu bħala funġiċida biss jista' jiġi awtorizzat. TAQSIMA B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-fenpropidin, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-14 ta' Marzu 2008. F'din l-evalwazzjoni globali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — is-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali xieraq, — lill-ħarsien ta' organiżmi akkwatiċi u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn xieraq, miżuri li jtaffu r-riskju bħal żona ta' lqugħ. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu l-preżentazzjoni ta': — tagħrif li jkompli jindirizza r-riskju fit-tul għall-mammiferi erbivori u għall-għasafar insektivori li jiġi mill-użu tal-fenpropidin. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikatur jipprovdi dejta u tagħrif konfirmatorji lill-Kummissjoni fi żmien sentejn mill-approvazzjoni.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
184	Quinoclamine Nru CAS 2797-51-5 Nru CIPAC 648	2-amino-3-chloro-1,4-naphthoquinone	≥ 965 g/kg ta' impuritajiet: dichlone (2,3-dichloro-1,4-naphthoquinone) max. 15 g/kg	1 ta' Jannar 2009	31 ta' Diċembru 2018	TAQSIMA A L-użi bħala erbiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati. TAQSIMA B Waqt l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-quinoclamine għall-użi għajr dawk għat-tiżjin jew għall-pjanti tal-mixtliet, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jiżguraw li jiġu pprovduti kwalunkwe dejta u tagħrif meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-quinoclamine, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-14 ta' Marzu 2008. F'din l-evalwazzjoni globali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — lis-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema u tal-persuni fil-qrib u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu tagħmir ta' protezzjoni personali xieraq, — lill-ħarsien ta' organiżmi akkwatiċi, — lill-ħarsien tal-għasafar u l-mammiferi żgħar. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri xierqa li jtaffu r-riskju, fejn meħtieġ.
185	Chloridazon Nru CAS 1698-60-8 Nru CIPAC 111	5-amino-4-chloro-2-phenylpyridazin-3(2H)-one	920 g/kg L-impurità tal-manifattura 4-amino-5-chloro-isomer hija kkunsidrata bħala waħda li kapaċi tkun tossikoloġika u l-livell massimu ta' 60 g/kg hu stabbilit.	1 ta' Jannar 2009	31 ta' Diċembru 2018	PARTI A Jistgħu jiġu awtorizzati biss użi bħala erbiċidi f'applikazzjoni ta' 2,6 Kg/ha kull tielet sena fl-istess għalqa. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jiġu kkunsidrati l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-chloridazon u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-4 ta' Diċembru 2007.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — għas-sikurezza tal-operaturi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali xieraq, — għall-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi, — għall-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'kundizzjonijiet vulnerabbli tal-ħamrija u/jew klimatiċi. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri biex jitnaqqas ir-riskju u, fejn jinħass il-bżonn, għandhom jitniedu programmi ta' monitoraġġ biex jivverifikaw kontaminazzjoni potenzjali tal-ilma ta' taħt l-art mill-metaboliti B u B1 fiż-żoni li huma vulnerabbli.
186	Tritosulfuron Nru CAS 142469-14-5 Nru CIPAC 735	1-(4-methoxy-6-trifluoromethyl-1,3,5-triazin-2-yl)-3-(2-trifluoromethyl-benzenesulfonyl)urea	≥ 960 g/kg L-impurità manifatturata li ġejja hija ta' tħassib tossikoloġiku u ma għandhiex taqbeż ċertu ammont fil-materjal tekniku: 2-Amino-4-methoxy-6-(trifluormethyl)-1,3,5-triazine: <0,2 g/kg	1 ta' Diċembru 2008	30 ta' Novembru 2018	PARTI A L-użi bħala erbiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-tritosulfuron, b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-20 ta' Mejju 2008. F'din l-evalwazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — għall-possibbiltà ta' kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'kundizzjonijiet vulnerabbli tal-ħamrija u/jew tal-klima, — għall-ħarsien ta' organiżmi akkwatiċi, — għall-ħarsien ta' mammiferi żgħar. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
187	Flutolanil Nru CAS 66332-96-5 Nru CIPAC 524	α,α,α-trifluoro-3′-isopropoxy-o-toluanilide	≥ 975 g/kg	1 ta' Marzu 2009	28 ta' Frar 2019	PARTI A L-użu bħala funġiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-flutolanil għall-użu għajr dawk ta' trattament tat-tuberu tal-patata, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jiżguraw li tiġi pprovduta kull dejta u tagħrif meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-flutolanil, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-20 ta' Mejju 2008. F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-ħarsien tal-ilma taħt l-art, meta s-sustanza attiva hija applikata fir-reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet ta' klima vulnerabbli. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.
188	Benfluralin Nru CAS 1861-40-1 Nru CIPAC 285	N-butyl-N-ethyl-α,α,α-trifluoro-2,6-dinitro-p-toluidine	≥ 960 g/kg Impuritajiet: — ethyl-butyl-nitrosamine: Massimu ta' 0,1 mg/kg	1 ta' Marzu 2009	28 ta' Frar 2019	PARTI A L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-benfluralin għall-użu għajr dawk ta' ħass u indivja, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jiżguraw li tiġi pprovduta kull dejta u tagħrif meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-benfluralin, u b'mod partikolaril-Appendiċijiet I u

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-20 ta' Mejju 2008. F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-ħarsien tas-sikurezza tal-operaturi. Kundizzjonijiet awtorizzati tal-użu għandhom jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir protettiv personali xieraq u miżuri għat-tnaqqis tar-riskju biex titnaqqas l-espożizzjoni, — lir-residwi f'ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u jivvalutaw l-espożizzjoni djetetika tal-konsumaturi, — lill-ħarsien tal-għasafar, il-mammiferi, l-ilma fuq wiċċ l-art u organiżmi akkwatiċi. B'rabta ma' dawn ir-riskji identifikati, miżuri għat-tnaqqis tar-riskji, fosthom żoni bafer, għandhom jiġu applikati fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu li jiġu ppreżenati aktar studji dwar il-metaboliżmu tar-rotazzjoni tal-ħsad u biex jikkonfermaw il-valutazzjoni tar-riskju għall-metabolit B12 u għal organiżmi akkwatiċi. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikanti li fuq talba tagħhom ġiet inkluża l-benfluralin f'dan l-Anness jipprovdu dawn l-istudji lill-Kummissjoni fi żmien sentejn mill-approvazzjoni.
189	Fluazinam Nru CAS 79622-59-6 Nru CIPAC 521	3-chloro-N-(3-chloro-5-trifluoromethyl-2-pyridyl)-α,α,α-trifluoro-2, 6-dinitro-p-toluidine	≥ 960 g/kg Impuritajiet: 5-chloro-N-(3-chloro-5-trifluoro-methyl-2-pyridyl)-α,α,α-trifluoro-4,6-dinitro-o-toluidine — mhux iktar minn 2 g/kg	1 ta' Marzu 2009	28 ta' Frar 2019	PARTI A L-użu bħala funġiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-fluazinam għall-użi għajr dawk tat-tadam, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jiżguraw li tiġi pprovduta kull dejta jew informazzjoni meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-fluazinam, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-20 ta' Mejju 2008.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-ħarsien tas-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema. Kundizzjonijiet awtorizzati tal-użu għandhom jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir protettiv personali xieraq u miżuri għat-tnaqqis tar-riskju biex titnaqqas l-espożizzjoni, — lir-residwi f'ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u jivvalutaw l-espożizzjoni djetetika tal-konsumaturi, — lill-ħarsien ta' organiżmi akkwatiċi. B'rabta ma' dan ir-riskju identifikat, il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, bħal żoni ta' lqugħ, għandhom jiġu applikati fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu biex jiġu ppreżentati aktar studji biex jikkonfermaw il-valutazzjoni tar-riskju għal organiżmi akkwatiċi u makroorganiżmi tal-ħamrija. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikanti li fuq talba tagħhom il-fluazinam ġie inkluż f'dan l-Anness jipprovdu dawn l-istudji lill-Kummissjoni fi żmien sentejn mill-approvazzjoni.
190	Fuberidazole Nru CAS 3878-19-1 Nru CIPAC 525	2-(2′-furyl)benzimidazole	≥ 970 g/kg	1 ta' Marzu 2009	28 ta' Frar 2019	PARTI A L-użu bħala funġiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-fuberidazole għall-użi għajr dawk ta' trattament taż-żrieragħ, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jassiguraw li tiġi pprovduta kull dejta u informazzjoni meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-fuberidazole, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-20 ta' Mejju 2008. F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari:

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— lis-sikurezza tal-operaturi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali adegwat, — lir-riskju fit-tul għal mammiferi u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn xieraq, il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju. F'dan il-każ għandu japplika l-użu ta' tagħmir adegwat li jiżgura grad għoli ta' inkorporazzjoni fil-ħamrija u tixrid mill-inqas waqt l-applikazzjoni. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri xierqa li jtaffu r-riskju, fejn xieraq.
191	Mepiquat Nru CAS 15302-91-7 Nru CIPAC 440	1,1-dimethylpiperidinium chloride (mepiquat chloride)	≥ 990 g/kg	1 ta' Marzu 2009	28 ta' Frar 2019	PARTI A L-użu bħala regolatur tat-tkabbir tal-pjanti biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-mepiquat għall-użu għajr dak fix-xgħir, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jassiguraw li tiġi pprovduta kull dejta u tagħrif meħtieġ qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-mepiquat, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-20 ta' Mejju 2008. L-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għar-residwi f'ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u jivvalutaw l-espożizzjoni djetetika tal-konsumaturi.
192	Diuron Nru CAS 330-54-1 Nru CIPAC 100	3-(3,4-dichlorophenyl)-1,1-dimethylurea	≥ 930 g/kg	1 ta' Ottubru 2008	30 ta' Settembru 2018	PARTI A L-użi bħala erbiċida biss b'rati li ma jaqbżux 0,5 kg/ha (medja arejika) jistgħu jiġu awtorizzati.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar id-diuron, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-11 ta' Lulju 2008 għandhom jitqiesu. F'din l-istima ġenerali l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — lis-sikurezza tal-operatur; il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jippreskrivu l-użu ta' tagħmir personali ta' protezzjoni, jekk ikun xieraq, — lill-protezzjoni ta' organiżmi tal-ilma u pjanti mhux fil-mira. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' mitigazzoni tar-riskju, fejn xieraq.
193	Bacillus thuringiensis subsp. aizawai RAZZA: ABTS -1857 Kollezzjoni tal-kultura: Nru SD-1372, RAZZA: GC-91 Kollezzjoni tal-kultura: Nru NCTC 11821	Mhux applikabbli	Ebda impuritajiet relevanti	1 ta' Mejju 2009	30 ta' April 2019	PARTI A L-użi bħala insettiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-Bacillus thuringiensis subsp.Aizawai ABTS-1857 (SANCO/1539/2008) u GC-91 (SANCO/1538/2008) u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali. Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.
194	Bacillus thuringiensis subsp. israeliensis(serotip H-14) RAZZA: AM65-52 Kollezzjoni tal-kultura: Nru ATCC-1276	Mhux applikabbli	Ebda impuritajiet relevanti	1 ta' Mejju 2009	30 ta' April 2019	PARTI A L-użi bħala insettiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-Bacillus thuringiensis subsp israeliensis (serotip H-14) AM65-52

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						(SANCO/1540/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali jridu jkunu kkunsidrati. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.
195	Bacillus thuringiensis subsp. kurstaki RAZZA: ABTS 351 Kollezzjoni tal-kultura: Nru ATCC SD-1275 RAZZA: PB 54 Kollezzjoni tal-kultura: Nru CECT 7209 RAZZA: SA 11 Kollezzjoni tal-kultura: Nru NRRL B-30790 RAZZA: SA 12 Kollezzjoni tal-kultura: Nru NRRL B-30791 RAZZA: EG 2348 Kollezzjoni tal-kultura: Nru NRRL B-18208	Mhux applikabbli	Ebda impuritajiet relevanti	1 ta' Mejju 2009	30 ta' April 2019	PARTI A L-użi bħala insettiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-Bacillus thuringiensis subsp subsp kurstaki ABTS 351 (SANCO/1541/2008), PB 54 (SANCO/1542/2008), SA 11, SA 12 u EG 2348 (SANCO/1543/2008) u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali jridu jkunu kkunsidrati. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.
196	Bacillus thuringiensis subsp. Tenebrionis RAZZA: NB 176 (TM 14 1) Kollezzjoni tal-kultura: Nru SD-5428	Mhux applikabbli	Ebda impuritajiet relevanti	1 ta' Mejju 2009	30 ta' April 2019	PARTI A L-użi bħala insettiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-Bacillus thuringiensis subsp tenebrionis NB 176 (SANCO/1545/2008)u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali jridu jkunu kkunsidrati. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
197	Beauveria bassiana RAZZA: ATCC 74040 Kollezzjoni tal-kultura: Nru ATCC74040 RAZZA: GHA Kollezzjoni tal-kultura: Nru ATCC74250	Mhux applikabbli	Livell massimu ta' beauvericin: 5 mg/kg	1 ta' Mejju 2009	30 ta' April 2019	PARTI A L-użi bħala insettiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-Beauveria bassiana ATCC 74040 (SANCO/1546/2008) u GHA (SANCO/1547/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali jridu jkunu kkunsidrati. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.
198	Cydia pomonella Granulovirus (CpGV)	Mhux applikabbli	►**M122** Konċentrazzjoni minima: 1×10^{13} OB/l (korpi ta' okklużjoni/l) u Mikroorganiżmi li jikkontaminaw (*Bacillus cereus*) fil-prodott formulat < 1×10^{7} CFU/g ◄	1 ta' Mejju 2009	30 ta' April 2019	PARTI A L-użi bħala insettiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar is-Cydia pomonella Granulovirus (CpGV) (SANCO/1548/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali jridu jkunu kkunsidrati. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.
199	Lecanicillium muscarium (qabel kienet Verticilium lecanii) RAZZA: Ve 6 Kollezzjoni tal-kultura: Nru CABI (=IMI) 268317, CBS 102071, ARSEF 5128	Mhux applikabbli	Ebda impuritajiet relevanti	1 ta' Mejju 2009	30 ta' April 2019	PARTI A L-użi bħala insettiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-Lecanicillium muscarium (li qabel kienet Verticilium lecanii) Ve 6 (SANCO/1861/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali jridu jkunu kkunsidrati. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
200	Metarhizium anisopliae var. anisopliae (qabel kienet Metarhizium anisopliae) RAZZA: BIPESCO 5/F52 Kollezzjoni tal-kultura: Nru M.a. 43; Nru 275-86 (akronimi V275 jew KVL 275); Nru KVL 99-112 (Ma 275 jew V 275); Nru DSM 3884; Nru ATCC 90448; Nru ARSEF 1095	Mhux applikabbli	Ebda impuritajiet relevanti	1 ta' Mejju 2009	30 ta' April 2019	PARTI A L-użi bħala insettiċidi u akariċidi biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-Metarhizium anisopliae var. anisopliae (qabel kien il-Metarhizium anisopliae) BIPESCO 5 u F52 (SANCO/1862/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali jridu jkunu kkunsidrati. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.
201	Phlebiopsis gigantea RAZZA: VRA 1835 Kollezzjoni tal-kultura: Nru ATCC90304 RAZZA: VRA 1984 Kollezzjoni tal-kultura: Nru DSM16201 RAZZA: VRA 1985 Kollezzjoni tal-kultura: Nru DSM 16202 RAZZA: VRA 1986 Kollezzjoni tal-kultura: Nru DSM 16203 RAZZA: FOC PG B20/5 Kollezzjoni tal-kultura: Nru IMI 390096	Mhux applikabbli	Ebda impuritajiet relevanti	1 ta' Mejju 2009	30 ta' April 2019	PARTI A L-użu bħala funġiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-Phlebiopsis gigantea (SANCO/1863/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali jridu jkunu kkunsidrati. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
	RAZZA: FOC PG SP log 6 Kollezzjoni tal-kultura: Nru IMI 390097 RAZZA: FOC PG SP log 5 Kollezzjoni tal-kultura: Nru IMI390098 RAZZA: FOC PG BU 3 Kollezzjoni tal-kultura: Nru IMI 390099 RAZZA: FOC PG BU 4 Kollezzjoni tal-kultura: Nru IMI 390100 RAZZA: FOC PG 410.3 Kollezzjoni tal-kultura: Nru IMI 390101 RAZZA: FOC PG97/1062/116/1.1 Kollezzjoni tal-kultura: Nru IMI 390102 RAZZA: FOC PG B22/SP1287/3.1 Kollezzjoni tal-kultura: Nru IMI 390103 RAZZA: FOC PG SH 1 Kollezzjoni tal-kultura: Nru IMI 390104 RAZZA: FOC PG B22/SP1190/3.2 Kollezzjoni tal-kultura: Nru IMI 390105					

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
202	Pythium oligandrum RAZZA: M1 Kollezzjoni tal-kultura Nru ATCC 38472	Mhux applikabbli	Ebda impuritajiet relevanti	1 ta' Mejju 2009	30 ta' April 2019	PARTI A L-użi bħala funġiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-Pythium oligandrum M1 (SANCO/1864/2008) u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali jridu jkunu kkunsidrati. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.
203	Streptomyces K61 (qabel kienet S. griseoviridis) RAZZA: K61 Kollezzjoni tal-kultura: Nru DSM 7206	Mhux applikabbli	Ebda impuritajiet relevanti	1 ta' Mejju 2009	30 ta' April 2019	PARTI A L-użu bħala funġiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-iStreptomyces (qabel kienet Streptomyces griseoviridis) K61 (SANCO/1865/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali jridu jkunu kkunsidrati. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.
204	Trichoderma atroviride (qabel kienet T. harzianum) RAZZA: IMI 206040 Kollezzjoni tal-kultura Nru IMI 206040, ATCC 20476; RAZZA: T11 Kollezzjoni tal-kultura: Nru Kollezzjoni tal-kultura tat-tip Spanjol 20498, l-istess bħal IMI 352941	Mhux applikabbli	Ebda impuritajiet relevanti	1 ta' Mejju 2009	30 ta' April 2019	PARTI A L-użu bħala funġiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-Trichoderma atroviride (qabel kienet T. harzianum) IMI 206040 (SANCO/1866/2008) u t-T-11 (SANCO/1841/2008) rispettivament, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali jridu jkunu kkunsidrati. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
205	Trichoderma polysporum RAZZA: Trichoderma polysporum IMI 206039 Kollezzjoni tal-kultura Nru IMI 206039, ATCC 20475	Mhux applikabbli	Ebda impuritajiet relevanti	1 ta' Mejju 2009	30 ta' April 2019	PARTI A L-użu bħala funġiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-Trichoderma polysporum IMI 206039 (SANCO/1867/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali jridu jkunu kkunsidrati. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.
206	Trichoderma harzianum Rifai RAZZA: Trichoderma harzianum T-22; Kollezzjoni tal-kultura Nru ATCC 20847 RAZZA: Trichoderma harzianum PARTITA 908; Kollezzjoni tal-kultura Nru CBS 118749	Mhux applikabbli	Ebda impuritajiet relevanti	1 ta' Mejju 2009	30 ta' April 2019	PARTI A L-użu bħala funġiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-Trichoderma harzianum T-22 (SANCO/1839/2008) u l-PARTITA 908 (SANCO/1840/208) rispettivament, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali jridu jkunu kkunsidrati. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.
207	Trichoderma asperellum (qabel kienet T. harzianum) RAZZA: ICC012 Kollezzjoni tal-kultura Nru CABI CC IMI 392716 RAZZA: Trichoderma asperellum (qabel kienet T. viride T25) T25 Kollezzjoni tal-kultura Nru CECT 20178	Mhux applikabbli	Ebda impuritajiet relevanti	1 ta' Mejju 2009	30 ta' April 2019	PARTI A L-użu bħala funġiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-Trichoderma asperellum (qabel kienet t-T. harzianum) ICC012 (SANCO/1842/2008) u t-Trichoderma asperellum (qabel kienet t-T. viride T25 u TV1) T25 u TV1 (SANCO/1868/2008) rispettivament, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali jridu jkunu kkunsidrati. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
	RAZZA: Trichoderma asperellum (qabel kienet T. viride TV1) TV1 Kollezzjoni tal-kultura Nru MUCL 43093					
208	Trichoderma gamsii (qabel kienet t-T. viride) RAZZA: ICC080 Kollezzjoni tal-kultura Nru IMI CC Numru 392151 CABI	Mhux applikabbli	Ebda impuritajiet relevanti	1 ta' Mejju 2009	30 ta' April 2019	PARTI A L-użu bħala funġiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-Trichoderma viride (SANCO/1868/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali jridu jkunu kkunsidrati. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.
209	Verticillium albo-atrum (qabel kienet Verticillium dahliae) RAZZA: Verticillium albo-atrum isolate WCS850 Kollezzjoni tal-kultura Nru CBS 276.92	Mhux applikabbli	Ebda impuritajiet relevanti	1 ta' Mejju 2009	30 ta' April 2019	PARTI A L-użu bħala funġiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-Verticillium albo-atrum (qabel kien il-Verticillium dahliae) WCS850 (SANCO/1870/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali jridu jkunu kkunsidrati. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
210	Abamectin Nru CAS 71751-41-2 avermectin B1a Nru CAS 65195-55-3 Avermectin B1b Nru CAS 65195-56-4 abamektina Nru CIPAC 495	AvermectinB1a (10E,14E,16E,22Z)-(1R,4S,5′S,6S,6′R,8R,12S,13S,20R,21R,24S)-6′-[(S)-sec-butyl]-21,24-dihydroxy-5′,11,13,22-tetramethyl-2-oxo-3,7,19-trioxatetracyclo[15.6.1.14,8020,24]-pentacosa-10,14,16,22-tetraene-6-spiro-2′-(5′,6′-dihydro-2′H-pyran)-12-yl 2,6-dideoxy-4-O-(2,6-dideoxy-3-O-methyl-α-L-arabino-hexopyranosyl)-3-O-methyl-α-L-arabino-hexopyranoside AvermectinB1b (10E,14E,16E,22Z)-(1R,4S,5′S,6S,6′R,8R,12S,13S,20R,21R,24S)-21,24-dihydroxy-6′-isopropyl-5′,11,13,22-tetramethyl-2-oxo-3,7,19-trioxatetracyclo[15.6.1.14,8020,24]-pentacosa-10,14,16,22-tetraene-6-spiro-2′-(5′,6′-dihydro-2′H-pyran)-12-yl 2,6-dideoxy-4-O-(2,6-dideoxy-3-O-methyl-α-L-arabino-hexopyranosyl)-3-O-methyl-α-L-arabino-hexopyranoside	≥ 850 g/kg	1 ta' Mejju 2009	30 ta' April 2019	PARTI A Użu biss bħala insettiċida, akariċida jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom l-abamectin għall-użu għajr dawk taċ-ċitru, ħass u tadam, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jiżguraw li jiġu pprovduti kull dejta u tagħrif meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar (l-abamectin), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-11 ta' Lulju 2008. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jixħtu attenzjoni partikolari fuq: — is-sikurezza tal-operaturi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali xieraq, — ir-residwi f'ikel li joriġina mill-pjanti u jivvalutaw l-espożizzjoni djetetika tal-konsumaturi, — il-ħarsien tan-naħal, l-artropodi mhux fil-mira, l-għasafar, il-mammiferi, u l-organiżmi akkwatiċi. B'rabta ma' dawn ir-riskji identifikati, il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, bħal żoni ta' lqugħ, perjodi ta' stennija, għandhom jiġu applikati fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu l-preżentazzjoni ta': — aktar studji ta' speċifikazzjoni, — tagħrif li jindirizza dejjem aktar l-istima tar-riskju għall-għasafar u l–mammiferi, — tagħrif li jindirizza r-riskju għall-organiżmi akkwatiċi fir-rigward tal-metaboliti prinċipali tal-ħamrija, — tagħrif li jindirizza r-riskju għall-ilma ta' taħt l-art fir-rigward tal-metabolit U8. Għandhom jiżguraw li n-notifikanti jipprovdu l-Kummissjoni bi studji bħal dawn fi żmien sentejn mill-approvazzjoni.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
211	Epoxiconazole Nru CAS 135319-73-2 (qabel 106325-08-0) Nru CIPAC 609	(2RS, 3SR)-1-[3-(2-chlorophenyl)-2,3-epoxy-2-(4-fluorophenyl)propyl]-1H-1,2,4-triazole	≥ 920 g/kg	1 ta' Mejju 2009	30 ta' April 2019	PARTI A L-użu bħala funġiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-epoxiconazole, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-11 ta' Lulju 2008. F'din l-evalwazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jixħtu attenzjoni partikolari fuq: — is-sikurezza tal-operaturi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni tat-tagħmir ta' protezzjoni personali xieraq, — l-espożizzjoni djetika tal-konsumaturi għall-metaboliti tal-epoxiconazole (triazole), — il-potenzjal għat-trasport fl-atmosfera fuq distanza kbira, — ir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi, għasafar u mammiferi. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jnaqqsu r-riskju, fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikant iressaq aktar studji lill-Kummissjoni li jindirizzaw il-proprjetajiet tal-epoxiconazole li potenzjalment iħawdu l-endokrina fi żmien sentejn wara l-adozzjoni tal-linji gwida ta' ttestjar tal-OECD dwar id-diżgregazzjoni endokrinali jew, alternattivament, linji gwida ta' ttestjar miftiehma mill-Komunità. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikant iressaq quddiem il-Kummissjoni programm ta' sorveljanza mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2009 li jevalwa l-possibbiltà tat-trasport fl-atmosfera fuq distanza kbira tal-epoxiconazole u r-riskji relatati mal-ambjent. Ir-riżultati ta' din is-sorveljanza għandhom jitressqu bħala rapport ta' sorveljanza lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikant iressaq mhux aktar tard minn sentejn mill-approvazzjoni tagħrif dwar ir-residwi tal-metaboliti tal-epoxiconazole fl-uċuħ ewlenin tar-raba', fir-rotazzjoni tal-ħsad u fil-prodotti li joriġinaw mill-annimali kif ukoll tagħrif biex jiġi indirizzat ir-riskju fit-tul lill-għasafar u lill-mammiferi erbivori.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
212	Fenpropimorph Nru CAS 67564-91-4 Nru CIPAC 427	(RS)-cis-4-[3-(4-tert-butylphenyl)-2-methylpropyl]-2,6-dimethylmorpholine	≥ 930 g/kg	1 ta' Mejju 2009	30 ta' April 2019	PARTI A L-użi bħala fungiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-fenpropimorph, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-11 ta' Lulju 2008. Fil-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jixħtu attenzjoni partikolari fuq: — is-sigurtà tal-operaturi u l-ħaddiema. Kundizzjonijiet awtorizzati ta' użu għandhom jippreskrivu l-applikazzjoni tat-tagħmir protettiv personali u tal-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju biex titnaqqas l-espożizzjoni, bħar-restrizzjoni tar-rata ta' ħidma ta' kuljum, — il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'kundizzjonijiet vulnerabbli tal-ħamrija u/jew klimatiċi, — il-ħarsien ta' organiżmi akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq, bħal żoni ta' lqugħ u t-tnaqqis tal-flussi ta' tifwir u żennuni li jnaqqsu t-tixrid tas-sustanzi sprejjati. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu l-preżentazzjoni ta' studji ulterjuri biex jikkonfermaw il-mobbiltà fil-ħamrija tal-metabolit BF-421-7. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikanti li fuq talba tagħhom ġiet inkluża l-fenpropimorph f'dan l-Anness jipprovdu dawn l-istudji lill-Kummissjoni fi żmien sentejn mill-approvazzjoni.
213	Fenpyroximate Nru CAS 134098-61-6 Nru CIPAC 695	tert-butyl (E)-alpha-(1,3-dimethyl-5-phenoxypyrazol-4-ylmethyleneamino-oxy)-p-toluate	> 960 g/kg	1 ta' Mejju 2009	30 ta' April 2019	PARTI A L-użu bħala akariċida biss jista' jiġi awtorizzat. L-użi li ġejjin ma għandhomx ikunu awtorizzati:

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— l-applikazzjonijiet f'uċuħ għolja b'riskju għoli ta' tifrix tal-bexx, pereżempju air-blast sprejer immuntat fuq trakk u applikazzjonijiet li jitħaddmu bl-idejn. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-fenpyroximate, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-11 ta' Lulju 2008. F'din l-evalwazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jixħtu attenzjoni partikolari fuq: — is-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali xieraq, — l-impatt fuq l-organiżmi akkwatiċi u l-artropodi mhux fil-mira u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni jinkludu, fejn jixraq, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu l-preżentazzjoni ta' tagħrif biex ikomplu jindirizzaw: — ir-riskju lill-organiżmi akkwatiċi minn metaboliti li fihom il-benzyl moiety, — ir-riskju ta' biotkabbir fil-katini tal-ikel akkwatiċi. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikanti li fuq talba tagħhom ġiet inkluża l-fenpyroximate f'dan l-Anness jipprovdu din l-informazzjoni lill-Kummissjoni fi żmien sentejn mill-approvazzjoni.
214	Tralkoxydim Nru CAS 87820-88-0 Nru CIPAC 544	(RS)-2-[(EZ)-1-(ethoxyimino)propyl]-3-hydroxy-5-mesityl-cyclohex-2-en-1-one	≥ 960 g/kg	1 ta' Mejju 2009	30 ta' April 2019	PARTI A L-użi bħala erbiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-tralkoxydim, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-11 ta' Lulju 2008. F'din l-evalwazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jixħtu attenzjoni partikolari fuq: — il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, b'mod partikolari mill-metabolit R173642 tal-ħamrija meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'kundizzjonijiet vulnerabbli tal-ħamrija u/jew klimatiċi, — il-ħarsien ta' mammiferi erbivori. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu l-preżentazzjoni ta': — tagħrif li jkompli jindirizza r-riskju fit-tul għall-mammiferi erbivori li jiġi mill-użu tat-tralkoxydim. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikanti li fuq talba tagħhom ġiet inkluża t-tralkoxydim f'dan l-Anness jipprovdu din l-informazzjoni lill-Kummissjoni fi żmien sentejn mill-approvazzjoni.
215	Aclonifen Nru CAS 74070-46-5 Nru CIPAC 498	2-chloro-6-nitro-3-phenoxyaniline	≥ 970 g/kg L-impurità phenol għandha relevanza tossikoloġika u qed jiġi stabbilit livell massimu ta' 5 g/kg.	1 ta' Awwissu 2009	31 ta' Lulju 2019	PARTI A Jistgħu jiġu awtorizzati biss użi bħala erbiċida. PARTI B Fil-valutazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti li fihom l-aclonifen għal użi oħra minbarra l-ġirasol, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-kriterji fl-Artikolu4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jassiguraw li kwalunkwe dejta u informazzjoni neċessarji jiġu provduti qabel ma tingħata awtorizzazzjoni ta' din ix-xorta.

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport tar-reviżjoni fuq l-aclonifen, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tagħhom, kif finalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tas-26 ta' Settembru 2008 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif manifatturat kummerċjalment, li għandu jkun ikkonfermat u appoġġjat b'dejta analitika xierqa. Il-materjal tat-test użat fid-dossiers tat-tossiċità għandu jiġi mqabbel u vverifikat ma' din l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku, — lill-protezzjoni tas-sigurtà tal-operaturi. Kundizzjonijiet tal-użu awtorizzati għandhom jistabbilixxu l-applikazzjoni ta' tagħmir protettiv personali xieraq u miżuri għat-tnaqqis tar-riskju sabiex titnaqqas l-espożizzjoni, — lir-residwi f'uċuħ rotazzjonali u li ssir evalwazzjoni tal-espożizzjoni mid-dietà tal-konsumaturi, — lill-protezzjoni ta' għasafar, mammiferi, organiżmi akkwatiċi, u pjanti mhux fil-mira. B'rabta ma' dawn ir-riskji identifikati, miżuri għat-tnaqqis tar-riskji, fosthom żoni bafer, għandhom jiġu applikati fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu s-sottomissjoni ta' iżjed studji dwar ir-residwi ta' uċuħ rotazzjonali u informazzjoni rilevanti li jikkonfermaw il-valutazzjoni tar-riskji għall-għasafar, mammiferi, organiżmi akkwatiċi u pjanti mhux fil-mira. Għandhom jassiguraw li n-notifikatur jipprovdi din id-dejta u informazzjoni konfermatorja lill-Kummissjoni fi żmien sentejn mill-approvazzjoni.
216	Imidacloprid Nru CAS 138261-41-3 Nru CIPAC 582	(E)-1-(6-Chloro-3-pyridinylmethyl)-N-nitroimidazolidin-2-ylideneamine	≥ 970 g/kg	1 ta' Awwissu 2009	31 ta' Lulju 2019	►**M65** PARTI A L-użu professjonali bħala insettiċida biss jista' jiġi awtorizzat. L-użu bħala trattament taż-żerriegħa jew trattament tal-ħamrija ma għandux jiġi awtorizzat għaċ-ċereali li ġejjin, meta dawn iċ-ċereali jinżergħu minn Jannar sa Ġunju.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						xgħir, millieġ, ħafur, ross, segala, sorgu, triticale, qamħ. It-trattamenti fuq il-weraq ma għandhomx ikunu awtorizzati għaċ-ċereali li ġejjin: xgħir, millieġ, ħafur, ross, segala, sorgu, triticale, qamħ. L-użu bħala trattament taż-żerriegħa, trattament tal-ħamrija jew applikazzjoni fuq il-weraq ma għandhomx ikunu awtorizzati għall-għelejjel li ġejjin, bl-eċċezzjoni tal-użu fis-serer u tat-trattamenti fuq il-weraq wara li joħorġu l-fjuri: Alfalfa (*Medicago sativa*) lewż (*Prunus amygdalus*; *P. communis; Amygdalus communis*) anisi (*Pimpinella anisum*); badjan jew anisi stilla (*Illicium verum*); karwija (*Carum carvi*); kosbor (*Coriandrum sativum*); kemmun (*Cuminum cyminum*); bużbież (*Foeniculum vulgare*); frott tal-ġnibru (*Juniperus communis*) tuffieħ (*Malus pumila*; *M. sylvestris*; *M. communis*; *Pyrus malus*) berquq (*Prunus armeniaca*) avokado (*Persea americana*) banana (*Musa sapientum*; *M. cavendishii*; *M. nana*) fażola (*Phaseolus* spp.) għollieq (*Rubus fruticosus*) blueberry, blueberry Ewropea, wild bilberry, whortleberry (*Vaccinium myrtillus*); blueberry Amerikana (*V. corymbosum*) ful, ful iż-żwiemel, (*Vicia faba* var. *major*; var. *equina*; var. *Minor*) qamħ Saraċin (*Fagopyrum esculentum*) ħarrub, siġra tal-ħarrub, ħarrub ('locust bean') (*Ceratonia siliqua*) żerriegħa taż-żejt tar-rignu (*Ricinus communis*) ċiras (*Prunus avium*) qastan (*Castanea* spp.) ċiċri (*Cicer arietinum*)

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						bżar aħmar (*Capsicum frutescens; C. annuum*); bżar tal-kukki, bżar tal-Ġamajka (*Pimenta officinalis*)
						silla (*Trifolium* spp.)
						kafe (*Coffea* spp. *arabica, robusta, liberica*)
						qoton (*Gossypium* spp.)
						fażola tal-għajn, fażola għajnha sewda (*Vigna unguiculata*)
						cranberries (*Vaccinium macrocarpon*); European cranberries (*Vaccinum oxycoccus*)
						ħjar (*Cucumis sativus*)
						passolina sewda (*Ribes nigrum*); ħamra u bajda (*R. rubrum*)
						tamal (*Phoenix dactylifera*)
						frott tas-sebuqa (*Sambucus nigra*)
						ir-ribes (*Ribes uva-cripsa*)
						grejpfrut (*C. paradisi*)
						għeneb (*Vitis vinifera*)
						ġewż tal-art/karawett (*Arachis hypogea*)
						ġellewż (*Corylus avellana*)
						qanneb (*Cannabis sativa*)
						japanese rose (*Rosa rugosa*)
						kiwi (*Actinidia chinensis*)
						mill-familja tal-legumi: sieq l-għasfur/trifoll (*Lotus corniculatus*); lespedeza (*Lespedeza* spp.); kudzu (*Pueraria lobata*); sesbania (*Sesbania* spp.); sanfwan, esparcette (*Onobrychis sativa*); silla (*Hedysarum coronarium*)
						lumi u lajm (*Citrus limon*); lajm qares (*C. aurantiifolia*); lajm ħelu (*C. limetta*)
						għads (*Lens esculenta; Ervum lens*)
						żerriegħa tal-kittien (*Linum usitatissimum*)

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						lupini (*Lupinus* spp.)
						qamħirrun/qamħ (*Zea mays*)
						żerriegħa tal-bettieħ (*Cucumis melo*)
						żerriegħa tal-mustarda: mustarda bajda (*Brassica alba; B. hirta; Sinapis alba*); mustarda sewda (*Brassica nigra; Sinapis nigra*)
						okra (*Abelmoschus esculentus*); gombo (*Hibiscus esculentus*)
						żebbuġ (*Olea europaea*)
						larinġ: larinġa ħelwa (*Citrus sinensis*); larinġa qarsa (*C. aurantium*)
						ħawħ u nuċiprisk (*Prunus persica*; *Amygdalus persica*; *Persica laevis*)
						lanġas (*Pyrus communis*)
						piżelli piżella tal-ġnien (*Pisum sativum*); piżelli (field pea) (*P. arvense*)
						nagħniegħ (*Mentha* spp.: *M. piperita*)
						kaki (*Diospyros kaki*: *D. virginiana*)
						pistaċċi (*Pistacia vera*)
						għanbaqar u prun selvaġġ greengage, mirabelle, damson (*Prunus domestica*); prun selvaġġ (*P. spinosa*)
						żerriegħet il-pepprin (*Papaver somniferum*)
						qargħa aħmar, qargħa xitwi ('squash'), gourds u qargħa bagħli (*Cucurbita* spp.)
						pyrethrum, (*Chrysanthemum cinerariifolium*)
						sfarġel (*Cydonia oblonga*; *C. vulgaris*; *C. japonica*)
						żerriegħa tal-kolza (*Brassica napus* var. *oleífera*)
						lampun (*Rubus idaeus*)
						żerriegħa tal-għosfor (*Carthamus tinctorius*)
						serradella/sieq l-għasfur (*Ornithopus sativus*)

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						ġulġlien (*Sesamum indicum*) fażola tas-sojja (*Glycine soja*) ħwawar: weraq randa (*Laurus nobilis*); xibta (*Anethum graveolens*); żerriegħa tal-fienu (*Trigonella foenumgraecum*); żagħfran (*Crocus sativus*): sagħtar (*Thymus vulgaris*); żagħfran tal-Indja (*Curcuma longa*) frawli (*Fragaria* spp.) żerriegħa tal-ġirasol (*Helianthus annuus*) mandolin (*Citrus tangerina*); mandolin (*Citrus reticulata*) klementini (*C. unshiu*); liftija u rapa tan-nevew (*Brassica rapa* var. *rapifera u oleifera* spp.) ġulbiena sewda/ġulbiena komuni (*Vicia sativa*) viper's Grass (*Scorzonera hispanica*) ġewż (*Jugland* spp.: *J. regia*) dulliegħ (*Citrullus vulgaris*) ħruġ ta' fjuri ornamentali fis-sena tat-trattament. PARTI B Fil-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom l-imidakloprid, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jaċċertaw li kull dejta u informazzjoni meħtieġa tiġi pprovduta qabel ma tingħata tali awtorizzazzjoni. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-imidakloprid, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-26 ta' Settembru 2008 u l-konklużjonijiet tal-addendum tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-imidakloprid kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tal-15 ta' Marzu 2013 għandhom jiġu kkunsidrati.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti: — għas-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali adegwat, — għall-impatt fuq organiżmi akkwatiċi, artropodi mhux fil-mira, ħniex, u makroorganiżmi oħra tal-ħamrija u għandhom jassiguraw li l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni jinkludu, fejn xieraq, miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li: — il-kisi taż-żerriegħa jsir biss f'faċilitajiet professjonali għat-trattament taż-żerriegħa. Dawk il-faċilitajiet iridu japplikaw l-aqwa metodi disponibbli biex jiżguraw li r-rilaxx ta' trab ikun minimizzat waqt l-applikazzjoni għaż-żerriegħa, il-ħażna u t-trasport, — għandu jintuża tagħmir xieraq tal-ħrit u ż-żrigħ biex jiżgura livell għoli ta' inkorporazzjoni fil-ħamrija, jimminimizza t-tixrid ta' żerriegħa u jimminimizza l-emissjoni tat-trab, — il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni jkunu jinkludu, fejn xieraq, miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju biex jiġu protetti n-naħal, — jinbdew programmi ta' monitoraġġ biex jiġi vverifikat l-esponiment reali tan-naħal għall-imidakloprid f'inħawi użati b'mod estensiv min-naħal għat-tfittxija tal-ikel jew minn min irabbi n-naħal, fejn u kif ikun xieraq. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju. In-notifikatur għandu jressaq informazzjoni konfermattiva fir-rigward ta' dan li ġej: (a) ir-riskju għal pollinaturi li mhumiex in-naħal tal-għasel; (b) ir-riskju għan-naħal tal-għasel li jfittxu n-nektar jew it-trab tad-dakra għall-ikel f'għelejjel sussegwenti;

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						(c) l-assorbiment potenzjali permezz tal-għeruq sabiex joħorġu l-fjuri mill-ħxejjex slavaġ; (d) ir-riskju għan-naħal tal-għasel li jfittxu n-nida tal-għasel tal-insetti għall-ikel; (e) l-esponiment ta' guttazzjoni potenzjali u r-riskju akut u fit-tul għas-soppravivenza u l-iżvilupp tal-kolonja, u r-riskju għad-duqqajs tan-naħal li jirriżulta minn tali esponiment; (f) l-esponiment għat-trab li jinġarr mir-riħ wara l-ħrit u ż-żrigħ u r-riskju akut u fuq perjodu twil ta' żmien għas-soppravivenza u l-iżvilupp tal-kolonja, u r-riskju għad-duqqajs tan-naħal li jirriżulta minn tali esponiment; (g) ir-riskju akut u fuq terminu twil ta' żmien għas-soppravivenza u l-iżvilupp tal-kolonja u r-riskju għad-duqqajs tan-naħal fil-każ tan-naħal tal-għasel minħabba l-inġestjoni tan-nektar u t-trab tad-dakra. In-notifikatur għandu jippreżenta tali informazzjoni lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sal-31 ta' Diċembru 2014. ◄
217	Metazachlor Nru CAS 67129-08-2 Nru CIPAC 411	2-chloro-N-(pyrazol-1-ylmethyl)acet-2′,6′-xylidide	≥ 940 g/kg L-impurità tal-manifattura tat-toluene għandha relevanza tossikoloġika u qed jiġi stabbilit livell massimu ta' 0,05 %.	1 ta' Awwissu 2009	31 ta' Lulju 2019	►**M28** PARTI A Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu bħala erbiċida. L-applikazzjonijiet tas-sustanza għandhom ikunu limitati għal doża totali ta' mhux aktar minn 1,0 kg ta' metażaklor/ha f'perjodu ta' tliet snin fl-istess għalqa. ◄ PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport tar-reviżjoni fuq il-metazachlor, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif finalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-26 ta' Settembru 2008 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarmenti attenti: — għas-sigurtà tal-operatur u jassiguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jirregolaw l-applikazzjoni ta' tagħmir protettiv personali xieraq,

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— għall-protezzjoni tal-organiżmi akkwatiċi, — għall-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet tal-klima vulnerabbli. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju u għandhom jinbdew programmi tas-sorveljanza biex tiġi vverifikata l-kontaminazzjoni potenzjali tal-ilma tal-art mill-metaboliti 479M04, 479M08, 479M09, 479M11 u 479M12 f'żoni vulnerabbli, fejn xieraq. Jekk il-metazachlor hu klassifikat skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 bħala "ssuspettat li jikkawża l-kanċer", l-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu s-sottomissjoni ta' iżjed informazzjoni dwar ir-rilevanza tal-metaboliti 479M04, 479M08, 479M09, 479M11 u 479M12 fir-rigward tal-kanċer. Għandhom jassiguraw li n-notifikaturi jipprovdu dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur min-notifika ta' din id-deċiżjoni tal-klassifikazzjoni.
▼M74						
218	Aċidu aċetiku CAS No 64-19-7 CIPAC 838	aċidu aċetiku	≥ 980 g/kg	L-1 ta' Settembru 2009	Il-31 ta' Awwissu 2019	PARTI A Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu bħala erbiċida. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar l-aċidu aċetiku (SANCO/2602/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-16 ta' Lulju 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-operaturi; il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art u l-protezzjoni tal-organiżmi akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju.

▼M74

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						In-notifikatur għandu jressaq informazzjoni ta' konferma dwar: — ir-riskju akut u fit-tul għall-għasafar u l-mammiferi; — ir-riskju għan-naħal tal-għasel; — ir-riskju għall-antropodi mhux fil-mira. In-notifikatur għandu jippreżenta din l-informazzjoni lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sal-31 ta' Diċembru 2015.
▼M36 219	Sulfat tal-aluminju u tal-ammonju Nru tas-CAS: 7784-26-1 (dodekaidrat), 7784-25-0 (anidruż) Nru tas-CIPAC: 840	Sulfat tal-ammonju u tal-aluminju	≥ 960 g/kg (espressi bħala dodekaidrat) ≥ 502 g/kg (anidruż)	l-1 ta' Settembru 2009	il-31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użijiet bħala repellent biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar is-sulfat tal-ammonju u tal-aluminju (SANCO/2985/2008) u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-1 ta' Ġunju 2012. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. In-notifikatur għandu jressaq informazzjoni konfermattiva fir-rigward ta' dan li ġej: (a) l-impatt fuq l-ambjent tal-prodotti ta' trasformazzjoni/dissoċjazzjoni tas-sulfat tal-ammonju u tal-aluminju, (b) ir-riskju għall-organiżmi terrestri mhux fil-mira għajr il-vertebrati u l-organiżmi akkwatiċi. Din l-informazzjoni għandha titressaq lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità sal-1 ta' Jannar 2016.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M32						
220	Silikat tal-aluminju Nru CAS 1332-58-7 Nru CIPAC 841	Mhux disponibbli Isem kimiku: Silikat tal-aluminju	≥ 999,8 g/kg	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użijiet bħala repellent biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar is-silikat tal-aluminju (SANCO/2603/08), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tal-1 ta' Ġunju 2012 għandhom jitqiesu. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għas-sikurezza tal-operaturi; il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu l-applikazzjoni ta' tagħmir protettiv personali u respiratorju adegwat, fejn xieraq. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-applikant jipprovdi informazzjoni ta' konferma lill-Kummissjoni rigward: (a) l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku, kif immanifatturat kummerċjalment, appoġġata minn dejta analitika xierqa; (b) ir-rilevanza tal-materjali tat-test użati fil-fajl tat-tossiċità fid-dawl tal-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku; L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-applikant jibgħat din l-informazzjoni lill-Kummissjoni sal-1 ta' Mejju 2013.
▼B						
221	Aċetat tal-ammonju Nru CAS 631-61-8 Nru CIPAC mhux assenjat	Aċetat tal-ammonju	≥ 970 g/kg Impurità rilevanti Metalli Tqal bħal Pb massimu 10 ppm	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użi bħala attirant biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-aċetat tal-ammonju (SANCO/2986/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.
▼M31 222	Smida tad-demm Nru tal-CAS: 90989-74-5 Nru CIPAC: 909	Mhux disponibbli	≥ 990 g/Kg	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użijiet bħala repellent biss jistgħu jkunu awtorizzati. Is-smida tad-demm trid tkun f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 ([17]) u r-Regolament (UE) Nru 142/2011 ([18]). PARTI B Fil-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-smida tad-demm għall-użijiet li mhumiex lokalizzati b'applikazzjoni diretta fuq pjanti individwali, l-Istati Membri għandhom jagħtu importanza partikolari lill-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jaċċertaw li kull dejta u informazzjoni neċessarja hija pprovduta qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni emendat dwar is-smida tad-demm (SANCO/2604/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tad-9 ta' Marzu 2012. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. In-notifikatur għandu jressaq lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità, informazzjoni ta' konferma dwar l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku sal-1 ta' Marzu 2013.
223	Karbur tal-kalċju Nru tal-CAS: 75-20-7 Nru CIPAC: 910	Aċetilid tal-kalċju	≥ 765 g/kg Li fih 0,08 - 0,9 g/kg ta' Fosfidu tal-Kalċju	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użijiet bħala repellent biss jistgħu jkunu awtorizzati.

▼M31

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni emendat dwar il-karbur tal-kalċju (SANCO/2605/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tad-9 ta' Marzu 2012. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju.
224	Karbonat tal-kalċju Nru tal-CAS: 471-34-1 Nru CIPAC: 843	Karbonat tal-kalċju	≥ 995 g/kg	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użijiet bħala repellent biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni emendat dwar il-karbonat tal-kalċju (SANCO/2606/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tad-9 ta' Marzu 2012. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. In-notifikatur għandu jressaq informazzjoni ta' konferma fir-rigward ta' dan li ġej: — aktar dejta dwar l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku, — il-metodi analitiċi għad-determinazzjoni tal-karbonat tal-kalċju fil-formulazzjoni rappreżentattiva u tal-impuritajiet fil-materjal tekniku. Din l-informazzjoni għandha titressaq lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità sal-1 ta' Marzu 2013.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M66						
225	diossidu tal-karbonju Nru CAS 124-38-9 Nru CIPAC: 844	diossidu tal-karbonju	≥ 99,9 % Impuritajiet rilevanti: fosfan massimu ta' 0,3 ppm v/v benżen massimu ta' 0,02 ppm v/v monossidu tal-karbonju massimu ta' 10 ppm v/v metanol massimu ta' 10 ppm v/v ċjanur tal-idroġenu massimu ta' 0,5 ppm v/v	fl-1 ta' Settembru 2009.	fil-31 ta' Awwissu 2019.	PARTI A L-użi bħala fumigant biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmi fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar id-diossidu tal-karbonju (SANCO/2987/2008) u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-17 ta' Mejju 2013. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju.
▼M37						
226	Benżoat tad-denatonju Nru tas-CAS: 3734-33-6 Nru tas-CIPAC: 845	Benżildietil[[2,6-xilil-karbamojl]metil]benżoat tal-ammonju	≥ 975g/kg	l-1 ta' Settembru 2009	il-31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użi bħala repellent biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Fil-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-benżoat tad-denatonju għall-użi li mhumiex l-ibbraxxjar b'tagħmir b'romblu awtomatiku fil-forestrija, l-Istati Membri għandhom jagħtu importanza partikolari lill-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jaċċertaw li kull dejta u informazzjoni neċessarja tkun ipprovduta qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din.

▼M37

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-benżoat tad-denatonju (SANCO/2607/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-1 ta' Ġunju 2012. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tal-operaturi. Il-kundizzjonijiet awtorizzati ta' użu jridu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir protettiv personali adattat. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju.

▼M49

227	Etilen Nru tal-CAS 74-85-1 Nru CIPAC 839	Etilen	≥ 90 % Impurità rilevanti: ossidu tal-etilen, kontenut massimu 1 mg/kg	fl-1 ta' Settembru 2009	fil-31 ta' Awwissu 2019	PARTI A Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu fuq ġewwa bħala regolatur għat-tkabbir tal-pjanti minn utenti professjonali. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-etilen (SANCO/2608/2008), u b'mod partikolari l-Annessi I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tal-1 ta' Frar 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: (a) għall-konformità tal-etilen mal-ispeċifikazzjonijiet rekwiżiti, irrispettivament mill-forma li qed tiġi fornuta lill-utent;

▼M49

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						(b) il-protezzjoni tal-operaturi, tal-ħaddiema u tal-persuni li jkunu fil-qrib. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu, fejn huwa xieraq, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju.
▼M106 228	Estratt mis-siġra tat-te Nru CAS taż-Żejt tas-Siġra tat-Te 68647-73-4 Komponenti ewlenin: terpinen-4-ol 562-74-3 γ-terpinene 99-85-4 α-terpinene 99-86-5 1,8-cineole 470-82-6 Nru CIPAC 914	Iż-Żejt tas-Siġra tat-Te hu taħlita kumplessa ta' sustanzi kimiċi.	Komponenti ewlenin: terpinen-4-ol ≥ 300 g/kg γ-terpinene ≥ 100 g/kg γ-terpinene ≥ 50 g/kg 1,8-cineole ≥ 1 g/kg Impurità rilevanti: Il-methyl eugenol: mhux aktar minn 1 g/kg tal-materjal tekniku	L-1 ta' Settembru 2009	Il-31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użi bħala fungiċida fis-serer biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar l-estratt mis-siġra tat-te (SANCO/2609/2008 finali), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-13 ta' Diċembru 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil: — il-protezzjoni tal-operaturi u l-ħaddiema, billi jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jkun fihom l-applikazzjoni ta' tagħmir adegwat tal-protezzjoni personali, meta xieraq, — il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet tal-klima vulnerabbli, — il-protezzjoni tal-ilma tal-wiċċ u tal-organiżmi akkwatiċi, — il-protezzjoni tan-naħal tal-għasel, tal-artropodi mhux fil-mira, tal-ħniex, u tal-mikroorganiżmi u l-makroorganiżmi mhux fil-mira.

▼M106

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						Meta xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju. In-notifikatur għandu jressaq informazzjoni ta' konferma dwar: (a) il-metaboliżmu tal-pjanti u l-esponiment tal-konsumatur; (b) it-tossiċità tal-komposti li jikkostitwixxu l-estratt u r-rilevanza ta' impuritajiet possibbli ħlief il-methyl eugenol; (c) l-esponiment tal-ilma ta' taħt l-art għall-komponenti assorbiti b'inqas qawwa li jikkostitwixxu l-estratt u għal prodotti potenzjali li jbiddlu l-ħamrija; (d) l-effetti fuq il-metodi bijoloġiċi għat-trattament tad-drenaġġ. Din l-informazzjoni, in-notifikatur għandu jagħtiha lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2016.

▼M36

229	Residwi mid-distillazzjoni tax-xaħam Nru tas-CAS: mhux assenjat Nru tas-CIPAC: 915	Mhux disponibbli	≥ 40 % tal-aċidi grassi separati Impurità rilevanti: Ni massimu ta' 200 mg/Kg	l-1 ta' Settembru 2009	il-31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użijiet bħala repellent biss jistgħu jkunu awtorizzati. Ir-residwi mid-distillazzjoni tax-xaħam iridu jkunu konformi mar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011(ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1). PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni emendat dwar ir-residwi mid-distillazzjoni tax-xaħam (SANCO/2610/2008) u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tal-1 ta' Ġunju 2012.

▼M36

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. In-notifikatur għandu jressaq l-informazzjoni konfermattiva fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku u l-analiżi tal-livelli massimi ta' impuritajiet u ta' kontaminanti li huma ta' tħassib tossikoloġiku. Din l-informazzjoni għandha titressaq lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità sal-1 ta' Mejju 2013.
▼B 230	Aċidi grassi C7 sa C20 Nru CAS 112-05-0 (Aċidu Pelargoniku) 67701-09-1 (Aċidi grassi C7-C18 u C18 imluħ mhux saturati tal-potassju) 124-07-2 (Aċidu Kapriliku) 334-48-5 (Aċidu Kapriku) 143-07-7 (Aċidu Lawriku) 112-80-1 (Aċidu Olejku) 85566-26-3 (Aċidi grassi C8-C10 Esteri Me) 111-11-5 (Methyl octanoate) 110-42-9 (Methyl decanoate) Nru CIPAC mhux assenjat	Aċidu nonanoiku Aċidu Kapriliku, Aċidu Pelargoniku, Aċidu Kapriku, Aċidu Lawriku, Aċidu Olejku (ISO f'kull każ) Aċidu Oktanojku, Aċidu Nonanojku, Aċidu Dekanojku, Aċidu Dodekanojku, Aċidu Oktadekanojku cis-9 (IUPAC f'kull każ) Aċidi grassi, C7-C10, esteri Me	≥ 889 g/kg (Aċidu Pelargoniku) ≥ 838 g/kg aċidi grassi ≥ 99 % aċidi grassi methyl esters	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użi bħala insettiċida, akariċida, u erbiċida u bħala regolatur għat-tkabbir tal-pjanti biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-aċidi grassi (SANCO/2610/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu. Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
231	Estratt tat-tewm Nru CAS 8008-99-9 Nru CIPAC mhux assenjat	Konċentrat ta' meraq tat-tewm bi grad ta' ikel	≥ 99,9 %	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użi bħala repellent, insettiċida u nematiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-estratt tat-tewm (SANCO/2612/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu. Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.
232	Gibberellic acid Nru CAS 77-06-5 Nru CIPAC 307	(3S,3aS,4S,4aS,7-S,9aR,9bR,12S)-7,12-dihydroxy-3-methyl-6-methylene-2-oxoperhydro-4a,7-methano-9b,3-propenol(1,2-b)furan-4-carboxylic acid Alt: (3S,3aR,4S,4aS,6-S,8aR,8bR,11S)-6,11-dihydroxy-3-methyl-12-methylene-2-oxo-4a,6-methano-3,8b-prop-lenoperhydroindenol (1,2-b) furan-4-carboxylic acid	≥ 850 g/kg	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użu bħala regolatur tat-tkabbir tal-pjanti biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-gibberellic acid (SANCO/2613/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu. Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
233	Gibberellins Nru CAS GA4: 468-44-0 GA7: 510-75-8 Taħlita ta' GA4A7: 8030-53-3 Nru CIPAC mhux assenjat	GA4: (3S,3aR,4S,4aR,7-R,9aR,9bR,12S)-12-hydroxy-3-methyl-6-methylene-2-oxoperhydro-4a,7-methano-3,9b-propanoazuleno[1,2-b]furan-4-carboxylic acid GA7: (3S,3aR,4S,4aR,7-R,9aR,9bR,12S)-12-hydroxy-3-methyl-6-methylene-2-oxoperhydro-4a,7-methano-9b,3-propenoazuleno[1,2-b]furan-4-carboxylic acid	Rapport ta' reviżjoni (SANCO/2614/2008).	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użu bħala regolatur tat-tkabbir tal-pjanti biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-gibberellins (SANCO/2614/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu. Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.

▼M32

234	Proteini idrolizzati Nru CAS mhux assenjat Nru CIPAC 901	Mhux disponibbli	Rapport ta' reviżjoni (SANCO/2615/2008)	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użijiet bħala attirant biss jistgħu jkunu awtorizzati. Il-proteini idrolizzati li ġejjin mill-annimali jridu jkunu f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 (17) u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 (18). PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-proteini idrolizzati (SANCO/2615/08), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tal-1 ta' Ġunju 2012 għandhom jitqiesu.

▼M32

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għas-sikurezza tal-operaturi u tal-ħaddiema; il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu l-applikazzjoni ta' tagħmir protettiv personali adegwat, fejn xieraq. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-applikant jipprovdi informazzjoni ta' konferma lill-Kummissjoni rigward: (a) l-ispeċifikazzjonijiet tal-materjal tekniku, kif immanifatturat kummerċjalment, appoġġati minn dejta analitika xierqa; (b) ir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-applikant jibgħat lill-Kummissjoni l-informazzjoni stabbilita fil-punt (a) sal-1 ta' Mejju 2013 u l-informazzjoni stabbilita fil-punti (b) sal-1 ta' Novembru 2013.

▼M38

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
235	*Sulfat tal-ħadid* Anidru tas-sulfat tal-ħadid(II): Nru CAS 7720-78-7 Monoidrat tas-sulfat tal-ħadid(II): Nru CAS 17375-41-6 Ettaidrat tas-sulfat tal-ħadid(II): Nru CAS 7782-63-0 Nru CIPAC 837	Sulfat tal-ħadid(II) jew sulfat tal-ħadid(2+)	Anidru tas-sulfat tal-ħadid(II): ≥ 350 g/kg total tal-ħadid. Impuritajiet rilevanti: arseniku, 18 mg/kg kadmju, 1,8 mg/kg kromju, 90 mg/kg ċomb, 36 mg/kg merkurju, 1,8 mg/kg Espressi abbażi tal-varjant anidru	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu bħala erbiċida. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni emendat dwar is-sulfat tal-ħadid (SANCO/2616/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tal-1 ta' Ġunju 2012. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu kas partikolari ta': — ir-riskju għall-operatur; — ir-riskju għat-tfal/residenti li jilagħbu fuq terf trattat; — ir-riskju għall-ilmijiet tal-wiċċ u għall-organiżmi akkwatiċi.

▼M38

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn huwa xieraq, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju u l-applikazzjoni ta' tagħmir protettiv personali adegwat. In-notifikatur għandu jippreżenta lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità, tagħrif ta' konferma dwar l-ekwivalenza bejn l-ispeċifikazzjonijiet tal-materjal tekniku, kif immanifatturat kummerċjalment, u dawk tal-materjal tat-test użat fid-dossiers dwar it-tossiċità. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikatur jibgħat dan it-tagħrif lill-Kummissjoni sal-1 ta' Mejju 2013.
▼M84 236	Kieselgur (trab tad-diatomi) Nru CAS 61790-53-2 Nru CIPAC 647	Kieselgur (m'għandux isem tal-IUPAC) Trab tad-diatomi Diossidu tas-siliċju amorfu Silika Diatomite	Il-prodott huwa magħul 100 % mit-trab tad-diatomi. Massimu ta' 0,1 % ta' partiċelli tas-silika kristallina b'dijametru ta' anqas minn 50 μm	L-1 ta' Settembru 2009	Il-31 ta' Awwissu 2019	IL-PARTI A Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu fuq ġewwa bħala insettiċida u akariċida minn utenti professjonali. IL-PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-kieselgur (trab tad-diatomi) (SANCO/2617/2008) u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-3 ta' Ottubru 2013. F'din il-verifika ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lis-sikurezza tal-operaturi u tal-ħaddiema. Il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu l-applikazzjoni ta' tagħmir protettiv personali u respiratorju xieraq. Fejn meħtieġ, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jipprojbixxu l-preżenza tal-ħaddiema wara l-applikazzjoni tal-prodott ikkonċernat għal perjodu xieraq fid-dawl tar-riskji kkawżati minn dak il-prodott. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikaturi jissottomettu, sal-25 ta' Novembru 2015, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità l-informazzjoni dwar it-tossiċità mill-inalazzjoni biex jikkonfermaw il-limiti tax-xogħol tal-kieselgur (trab tad-diatomi).

▼B

	Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M31	237	Ġebla tal-franka Nru tal-CAS: 1317-65-3 Nru CIPAC: 852	Karbonat tal-kalċju	≥ 980 g/kg	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użijiet bħala repellent biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni emendat dwar il-ġebla tal-franka (SANCO/2618/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tad-9 ta' Marzu 2012. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju.
▼M37	238	Metilnonilketon Nru tas-CAS: 112-12-9 Nru tas-CIPAC: 846	Undecan-2-one	►M118 ≥ 985 g/kg ◄	l-1 ta' Settembru 2009	il-31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użi bħala repellent biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-metilnonilketon (SANCO/2619/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-1 ta' Ġunju 2012. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. Għandu jiġi evitat il-kuntatt mal-ikel u mal-għelejjel tal-għalf. In-notifikatur għandu jressaq informazzjoni konfermattiva fir-rigward ta' dan li ġej: (a) l-ispeċifikazzjoni tal-materjal eżaminat fl-istudji tat-tossikoloġija u l-ekotossikoloġija tal-mammiferi.

▼M37

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						(b) l-ispeċifikazzjoni b'dejta tal-lott ġustifikattiva u metodi validati ta' analiżi; (c) valutazzjoni xierqa tad-destin u l-imġiba tal-metilnonilketon u prodotti potenzjalment trasformattivi fl-ambjent; (d) ir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi u għal organiżmi li jgħixu fil-ħamrija. In-notifikatur għandu jibgħat lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità l-informazzjoni stabbilita fil-punti (a) u (b) sat-30 ta' April 2013 u l-informazzjoni stabbilita fil-punti (c) u (d) sal-31 ta' Diċembru 2015.

▼M31

239	Residwu tal-estrazzjoni tat-trab tal-bżar (PDER) Nru tal-CAS: mhux assenjat Nru CIPAC: mhux assenjat	Bżar iswed iddistillat bil-fwar u estratt bis-solvent – *Piper nigrum*	Hija taħlita kumplessa ta' sustanzi kimiċi, il-komponent piperin bħala indikatur għandu jkun minimu ta' 4%	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użijiet bħala repellent biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Fil-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom ir-residwu tal-estrazzjoni tat-trab tal-bżar (PDER) għal użijiet li ma jsirux fiż-żona tal-ġnien tad-dar, l-Istati Membri għandhom jagħtu importanza partikolari lill-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jaċċertaw li kull dejta u informazzjoni neċessarja tkun ipprovduta qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni emendat dwar il-bżar (SANCO/2620/2008) u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tad-9 ta' Marzu 2012. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. In-notifikatur għandu jressaq lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità, informazzjoni ta' konferma dwar l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku sal-1 ta' Marzu 2013.

▼B

	Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M115	240	Żjut tal-pjanti/żejt taċ-ċitronella Nru tas-CAS: 8000-29-1 Nru CIPAC 905	Iż-Żejt taċ-Ċitronella hija taħlita kumplessa ta' sustanzi kimiċi. Il-komponenti ewlenin huma: Ċitronellal (3,7-dimetil-6-ottenal). Ġeranjol ((E)-3,7-dimetil-2,6-ottadien-1-ol). Ċitronellol (3,7-dimetil-6-ottan-2-ol). Aċetat tal-ġeranil (aċetat tat-3,7-dimetil-6-otten-1il).	Il-kwantità totali tal-impuritajiet li ġejjin ma għandhiex taqbeż 0,1 % tal-materja teknika: metil ewġenol u metil-isoewġenol	fl-1 ta' Settembru 2009.	fil-31 ta' Awwissu 2019.	PARTI A L-użu bħala erbiċida biss jista' jkun awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar iż-żejt taċ-ċitronella (SANCO/2621/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, għandhom jiġu meqjusa. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-protezzjoni ta' operaturi, ħaddiema, persuni fil-qrib u residenti, filwaqt li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet ta' użu jinkludu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali adegwat, fejn xieraq; — lill-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'kundizzjonijiet vulnerabbli tal-ħamrija; — lir-riskju għall-organiżmi li mhumiex fil-mira. In-notifikatur għandu jressaq informazzjoni ta' konferma dwar: (a) l-ispeċifikazzjoni teknika; (b) id-dejta li tqabbel is-sitwazzjonijiet ta' esponiment fl-ambjent naturali taż-żjut tal-pjanti/taż-żejt taċ-ċitronella u tal-metil ewġenol u l-metil isoewġenol b'rabta mal-esponiment mill-użu ta' żjut tal-pjanti/żejt taċ-ċitronella bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. Din id-dejta għandha tkopri l-esponiment uman kif ukoll l-esponiment ta' organiżmi mhux fil-mira;

▼M115

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						(c) il-valutazzjoni tal-esponiment tal-ilma ta' taħt l-art mill-metaboliti potenzjali taż-żjut tal-pjanti/żejt taċ-ċitronella, b'mod partikolari għall-metil ewġenol u l-metil isoewġenol. In-notifikatur għandu jissottometti din l-informazzjoni lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sat-30 ta' April 2016.
▼M100 241	Żjut tal-pjanti/essenza tal-qronfol Nru CAS 84961-50-2 (essenza tal-qronfol) 97-53-0 (Ewġenol — Komponent ewlieni) Nru CIPAC 906	L-essenza tal-qronfol hija taħlita kumplessa ta' sustanzi kimiċi. Il-komponent ewlieni huwa l-ewġenol.	≥ 800 g/kg Impurità relevanti: metil ewġenol massimu ta' 0,1 % tal-materjal tekniku	l-1 ta' Settembru 2009	il-31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użi għal ġewwa bħala funġiċida u batteriċida wara l-ħsad biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-essenza tal-qronfol (SANCO/2622/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-protezzjoni tal-operaturi u l-ħaddiema u jkunu żguri li, fejn ikun meħtieġ, il-kundizzjonijiet tal-użu jinkludu l-applikazzjoni ta' tagħmir personali protettiv adattat. In-notifikatur għandu jressaq informazzjoni konfermattiva dwar: (a) l-ispeċifikazzjoni teknika; (b) dejta li tqabbel is-sitwazzjonijiet ta' esponiment naturali fl-isfond taż-żjut tal-pjanti/essenza tal-qronfol, l-ewġenol u l-metil ewġenol fir-rigward tal-esponiment mill-użu taż-żjut tal-pjanti/essenza tal-qronfol, bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. Din id-data għandha tkopri l-esponiment tal-bniedem. In-notifikatur għandu jissottometti din l-informazzjoni lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità informazzjoni qabel it-30 ta' April 2016.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M87						
242	Żjut tal-pjanti/żejt tal-kolza Nru tas-CAS: 8002-13-9 Nru tas-CIPAC: mhux assenjat	Żejt tal-kolza	Iż-żejt tal-kolza huwa taħlita kumplessa ta' aċidi grassi Impurità rilevanti: Massimu ta' 2 % ta' aċidu eruċiku	fl-1 ta' Settembru 2009	fil-31 ta' Awwissu 2019	PARTI A Jistgħu jiġu awtorizzati l-użi bħala insettiċidi u akariċidi biss. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar iż-żejt tal-kolza (SANCO/2623/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-3 ta' Ottubru 2013. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju.
▼M37						
243	Żjut veġetali/żejt tan-nagħniegħ Nru tas-CAS: 8008-79-5 Nru tas-CIPAC: 908	Żejt tan-nagħniegħ	≥ 550 g/kg bħala (R)-Carvone	l-1 ta' Settembru 2009	il-31 ta' Awwissu 2019	PARTI A Għandhom jiġu awtorizzati biss l-użi bħala regolatur tat-tkabbir tal-pjanti għat-trattament ta' wara l-ħsad tal-patata. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet jipprovdu li l-"hot fogging" isir esklussivament b'faċilitajiet ta' ħażna professjonali u li l-aħjar tekniki disponibbli jiġu applikati biex jeskludu r-rilaxx fl-ambjent tal-prodott (evaporizzat) matul il-ħażna, it-trasport, ir-rimi u l-applikazzjoni. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni emendat dwar iż-żjut veġetali/żejt tan-nagħniegħ (SANCO/2624/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tal-1 ta' Ġunju 2012. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M39						
244	Karbonat idroġenat tal-potassju Nru CAS 298-14-6 Nru CIPAC 853	Karbonat idroġenat tal-potassju	≥ 99,5 % Impuritajiet: Massimu ta' Pb 10 mg/kg Massimu ta' As 3 mg/kg	fl-1 ta' Settembru 2009.	fil-31 ta' Awwissu 2019	PARTI A Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala fungiċida u insettiċida. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-karbonat idroġenat tal-potassju (SANCO/2625/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, fit-13 ta' Lulju 2012. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari għar-riskju għan-naħal tal-għasel. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju.
▼M32						
245	1,4-diamminobutan (putressin) Nru CAS 110-60-1 Nru CIPAC 854	Butan-1,4-diammin	≥ 990 g/kg	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użijiet bħala attirant biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-1,4-diamminobutan (putressin) (SANCO/2626/08), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tal-1 ta' Ġunju 2012 għandhom jitqiesu. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M75						
246	Piretrini: 8003-34-7 Nru CIPAC: 32 Estratt A: estrattivi ta' *Chrysanthemum cinerariaefolium*: 89997-63-7 Piretrin 1: CAS 121-21-1 Piretrin 2: CAS 121-29-9 Ċinerin 1: CAS 25402-06-6 Ċinerin 2: CAS 121-20-0 Jasmolin 1: CAS 4466-14-2 Jasmolin 2: CAS 1172-63-0 Estratt B: Piretrin 1: CAS 121-21-1 Piretrin 2: CAS 121-29-9 Ċinerin 1: CAS 25402-06-6 Ċinerin 2: CAS 121-20-0 Jasmolin 1: CAS 4466-14-2 Jasmolin 2: CAS 1172-63-0	Il-piretrini huma taħlita kumplessa ta' sustanzi kimiċi.	Estratt A: ≥ 500 g/kg Piretrini Estratt B: ≥ 480 g/kg Piretrini	fl-1 ta' Settembru 2009.	fil-31 ta' Awwissu 2019.	PARTI A Jistgħu jiġu awtorizzati biss użi bħala insettiċida. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif jissemmew fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tal-analiżi għall-piretrini (SANCO/2627/2008) u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu każ l-aktar: (a) ir-riskju għall-operaturi u għall-ħaddiema; (b) ir-riskju għall-organiżmi mhux fil-mira. Meta jixraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandu jkun fihom l-applikazzjoni ta' tagħmir adegwat għall-protezzjoni personali u miżuri oħra li jtaffu r-riskju. L-applikant għandu jressaq l-informazzjoni ta' konferma dwar: (1) l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku, kif manifatturat kummerċjalment, inkluża l-informazzjoni dwar kull impurità rilevanti u l-ekwivalenza tagħha bl-ispeċifikazzjonijiet tal-materjal tat-test użat fl-istudji tat-tossiċità; (2) ir-riskju mit-teħid man-nifs; (3) id-definizzjoni tar-residwi; (4) ir-rappreżentattività tal-akbar komponent "piretrin 1" fejn jidħlu d-destin u l-imġiba fil-ħamrija u fl-ilma. Lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, u lill-Awtorità, l-applikant għandu jressqilhom l-informazzjoni stabbilita fil-punt (1) sal-31 ta' Marzu 2014 u l-informazzjoni stabbilita fil-punti (2), (3) u (4) tal-31 ta' Diċembru 2015.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M31						
247	Ir-ramel tal-kwarz Nru tal-CAS: 14808-60-7, 7637-86-9 Nru CIPAC: 855	Kwarz, Diossidu tas-silikonju	≥ 915 g/kg Massimu ta' 0,1% ta' partiċelli tas-Silika Kristallina (b'dijametru anqas minn 50 um.)	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użijiet bħala repellent biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Fil-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom ir-ramel tal-kwarz għall-użijiet li mhumiex fuq siġar forestrali, l-Istati Membri għandhom jagħtu importanza partikolari lill-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jaċċertaw li kull dejta u informazzjoni neċessarja tkun ipprovduta qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar ir-ramel tal-kwarz (SANCO/2628/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju.
▼M36						
248	Żejt tal-ħuta Nru tas-CAS: 100085-40-3 Nru tas-CIPAC: 918	Żejt tal-ħuta	≥ 99 % Impurità rilevanti: Diossina massima ta' 6 pg/kg għall-għalf tal-annimali Hg mass. 0,5 mg/kg f'għalf derivat minn ħut u minn ipproċessar ieħor tal-ikel tal-baħar	l-1 ta' Settembru 2009	Il-31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użijiet bħala repellent biss jistgħu jkunu awtorizzati. Iż-żejt tal-ħuta jrid ikun konformi mar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 u r-Regolament (UE) Nru 142/2011. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmi fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar iż-żejt tal-ħuta (SANCO/2629/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tal-1 ta' Ġunju 2012. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju.

▼M36

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
			Cd mass. 2 mg/kg f'għalf li joriġina mill-annimali ħlief fl-għalf għall-annimali domestiċi Pb mass.10 mg/kg PCBs mass. 5 mg/kg			In-notifikatur għandu jressaq l-informazzjoni konfermattiva fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku u l-analiżi tal-livelli massimi ta'impuritajiet u ta' kontaminanti li huma ta' ħassib tossikoloġiku. Din l-informazzjoni għandha titressaq lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità sal-1 ta' Mejju 2013.
▼B 249	Repellenti permezz ta' riħa ta' oriġini mill-annimali jew mill-pjanti/xaħam tan-ngħaġ Nru CAS 98999-15-6 Nru CIPAC mhux assenjat	Xaħam tan-nagħaġ	Xaħam tan-nagħaġ pur li fih massimu ta' 0,18 % w/w/ ilma.	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użi bħala repellent biss jistgħu jkunu awtorizzati. Ix-xaħam tan-nagħaġ irid ikun f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar ix-xaħam tan-nagħaġ (SANCO/2630/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu. Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.
▼M38 250	*Ripellenti (permezz ta' riħa) ta' oriġini mill-annimali jew mill-pjanti/żejt tat-tall mhux raffinat* Nru CAS 8002-26-4 Nru CIPAC 911	Mhux disponibbli	Il-parametri kwalitattivi ta' hawn taħt jinkludu l-ispeċifikazzjoni ta' ripellenti permezz ta' riħa ta' oriġini mill-annimali jew mill-pjanti/żejt tat-tall mhux raffinat: numru tal-aċidu: minimu 125 mgKOH/g	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala ripellent applikat bl-ingwanti jew bl-ixkupilja. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi, kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni emendat dwar ripellenti permezz ta' riħa ta' oriġini mill-annimali jew mill-pjanti/żejt tat-tall mhux raffinat (SANCO/2631/2008), u

▼M38

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
			kontenut tal-ilma: massimu 2 % kontenut ta' aċidu tar-rożin minimu 35 % (propost) kontenut tal-irmied: massimu 0,2 % pH: Bejn wieħed u ieħor minimu ta' 5,5 materjal insaponifikabbli massimu 12 % aċidi minerali ħielsa: massimu 0,02 %			b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tal-1 ta' Ġunju 2012. Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom Ripellenti permezz ta' riħa ta' oriġini mill-annimali jew mill-pjanti/żejt tat-tall mhux raffinat għal użi oħra għajr bħala ripellent fil-forestrija, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jiżguraw li tiġi ppreżentata kull informazzjoni neċessarja qabel ma tingħata tali awtorizzazzjoni. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu kas partikolari ta': — il-protezzjoni tal-operatur, il-ħaddiem u l-persuni li jkunu fil-qrib; — ir-riskju għall-ispeċi li mhumiex fil-mira. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn huwa xieraq, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu li jintbagħat tagħrif ta' konferma rigward: (a) l-ekwivalenza bejn l-ispeċifikazzjonijiet tal-materjal tekniku, kif immanifatturat kummerċjalment, u dawk tal-materjal tat-test użat fid-dossiers dwar it-tossiċità, (b) il-profil tossikoloġiku ta' ripellenti permezz ta' riħa ta' oriġini mill-annimali jew mill-pjanti/żejt tat-tall mhux raffinat. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikatur jibgħat lill-Kummissjoni l-informazzjoni stabbilita fil-punt (a) sal-1 ta' Mejju 2013 u l-informazzjoni stabbilita fil-punt (b) sal-31 ta' Mejju 2014

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M38						
251	*Ripellenti (permezz ta' riħa) ta' oriġini mill-annimali jew mill-pjanti/żift taż-żejt tat-tall* Nru CAS 8016-81-7 Nru CIPAC 912	Mhux disponibbli	Taħlita kumplessa ta' esteri ta' aċidi grassi, rożin u ammonti żgħar ta' dimeri u trimeri ta' aċidi tar-reżina u aċidi grassi.	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala ripellent. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi, kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni emendat dwar ripellenti permezz ta' riħa ta' oriġini mill-annimali jew mill-pjanti/taż-żift taż-żejt tat-tall (SANCO/2632/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tal-1 ta' Ġunju 2012. Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom ripellenti permezz ta' riħa ta' oriġini mill-annimali jew mill-pjanti/żift taż-żejt tat-tall għal użi oħra għajr bħala ripellent fil-forestrija applikati bl-ingwanti jew bl-ixkupilja, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jiżguraw li tiġi ppreżentata kull informazzjoni neċessarja qabel ma tingħata tali awtorizzazzjoni. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu kas partikolari ta': — il-protezzjoni tal-operatur, il-ħaddiem u l-persuni li jkunu fil-qrib; — ir-riskju għall-ispeċi li mhumiex fil-mira. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu li jintbagħat tagħrif ta' konferma rigward: (a) l-ekwivalenza bejn l-ispeċifikazzjonijiet tal-materjal tekniku, kif immanifatturat kummerċjalment, u dawk tal-materjal tat-test użat fid-dossiers dwar it-tossiċità, (b) il-profil tossikoloġiku ta' ripellenti permezz ta' riħa ta' oriġini mill-annimali jew mill-pjanti/żift taż-żejt tat-tall. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notikatur jibgħat lill-Kummissjoni l-informazzjoni stabbilita fil-punt (a) sal-1 ta' Mejju 2013 u l-informazzjoni stabbilita fil-punt (b) sal-31 ta' Mejju 2014

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
252	Estratt mill-alka tal-baħar (magħruf qabel bħala estratt mill-alka tal-baħar u ħaxix tal-baħar) Nru CAS mhux assenjat Nru CIPAC mhux assenjat	Estratt mill-alka tal-baħar	L-estratt mill-alka tal-baħar hija taħlita kumplessa. Komponenti ewlenin bħala indikaturi: mannitol, fucoidans u alġinati. Rapport ta' reviżjoni SANCO/2634/2008	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użu bħala regolatur tat-tkabbir tal-pjanti biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-estratt tal-alka tal-baħar (SANCO/2634/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu. Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.
253	Silikat tal-aluminju tas-sodju Nru CAS 1344-00-9 Nru CIPAC mhux assenjat	Silikat tal-aluminju tas-sodju: Nax[(AlO2)x(SiO2)y] × zH2O	1 000 g/kg	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użi bħala repellent biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar is-silikat tal-aluminju tas-sodju (SANCO/2635/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu. Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.

▼M51

254	Ipoklorit tas-sodju Nru CAS: 7681-52-9 CIPAC: 848	Ipoklorit tas-sodju	Ipoklorit tas-sodju: 105 g/kg-126 g/kg (122 g/L-151 g/L) konċentrat tekniku 10-12 % (w/w) espress bħala kloru	fl-1 ta' Settembru 2009	fil-31 ta' Awwissu 2019	PARTI A Jista' jkun awtorizzat biss l-użu fuq ġewwa bħala diżinfettant. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-ipoklorit tas-sodju (SANCO/2988/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-1 ta' Frar 2013.

▼M51

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu każ b'mod partikolari: (a) ir-riskju għall-operaturi u għall-ħaddiema; (b) għandu jiġi evitat li l-ħamrija tiġi esposta għall-ipoklorit tas-sodju u l-prodotti tar-reazzjoni tiegħu permezz ta' tixrid ta' kompost ittrattat fuq art organika. Il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq.
▼M127 255	Feromoni tal-Lepidopteri ta' Katina Dritta	Rapport ta' analiżi (SANCO/2633/2008)	Rapport ta' analiżi (SANCO/2633/2008)	fl-1 ta' Settembru 2009	fil-31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użi bħala attiranti biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar il-feromoni tal-lepidopteri ta' katina dritta (SANCO/2633/2008) u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. In-notifikatur għandu jressaq informazzjoni ta' konferma dwar: (1) il-profil ġenotossiku tal-komposti tal-grupp aldeid; (2) l-espożizzjoni tal-bnedmin u tal-ambjent li tirriżulta mill-modi differenti ta' applikazzjoni tal-Feromoni tal-Lepidopteri ta' Katina Dritta bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, meta mqabbla mal-livelli ta' sfond naturali ta' dawk il-feromoni. L-applikant għandu jippreżenta lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità l-informazzjoni stabbilita fil-punt (1) sal-31 ta' Diċembru 2015 u l-informazzjoni stabbilita fil-punt (2) sal-31 ta' Diċembru 2016.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
256	Idroklorur tat-trimetilamin Nru CAS 593-81-7 Nru CIPAC mhux assenjat	Idroklorur tat-trimetilamin	≥ 988 g/kg	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użu bħala attirant biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-idroklorur tat-trimetilamin (SANCO/2636/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali għandhom jitqiesu. Il-kundizzjonijiet ta' użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.
▼M36 257	Urea Nru tas-CAS: 57-13-6 Nru tas-CIPAC: 913	Urea	≥ 98 % w/w	l-1 ta' Settembru 2009	Il-31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użi bħala attirant u bħala funġiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-urea (SANCO/2637/2008), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tal-1 ta' Ġunju 2012. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. In-notifikatur għandu jressaq informazzjoni konfermattiva fir-rigward ta' dan li ġej: (a) il-metodu ta' analiżi għall-urea u għall-impurità bjuret, (b) ir-riskju għall-operaturi, għall-ħaddiema u għal persuni fil-qrib. L-informazzjoni stipulata fil-punt (a) u dik stipulata fil-punt (b) għandhom jitressqu lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità rispettivament sal-1 ta' Mejju 2013 u l-1 ta' Jannar 2016.
▼M180 _____						
▼M179 _____						

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
260	Aluminium phosphide Nru CAS 20859-73-8 Nru CIPAC 227	Aluminium phosphide	≥ 830 g/kg	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A Jistgħu jiġu awtorizzati biss użi bħala insettiċida, rodentiċida, talpiċida jew leporiċida fil-forma ta' prodotti lesti għall-użu li fihom aluminium phosphide. Għall-użu bħala rodentiċida, talpiċida jew leporiċida l-użi ta' barra biss jistgħu jiġu awtorizzati. L-awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu limitati għal utenti professjonali. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar aluminium phosphide, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Ottubru 2008. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-protezzjoni ta' konsumaturi u jiżguraw li l-prodotti skaduti lesti għall-użu li fihom aluminium phosphide jitneħħew mill-komodità tal-ikel fl-użi kontra organiżmi ta' ħsara u sussegwentament jiġi applikat perjodu addizzjonali adegwat ta' kustodja; — lis-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir xieraq ta' protezzjoni personali u respiratorja; — lill-protezzjoni ta' operaturi u ħaddiema matul l-affumugazzjoni għal użi fuq ġewwa; — lill-protezzjoni ta' operaturi u ħaddiema malli jidħlu lura (wara perjodu ta' affumugazzjoni) għal użi fuq ġewwa; — lill-protezzjoni ta' persuni fl-inħawi kontra t-tnixxija tal-gass għal użi fuq ġewwa; — lill-protezzjoni tal-għasafar u l-mammiferi. Il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' taffija tar-riskju, pereżempju jingħalqu ħofor fl-art tal-annimali u l-kisba tal-inkorporazzjoni kompleta ta' granuli fil-ħamrija, fejn xieraq;

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— lill-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi. Kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri tat-taffija tar-riskju, bħalma huma żoni ta' paraventu bejn żoni trattati u korpi tal-ilma ta' taħt l-art, fejn xieraq.
261	Calcium phosphide Nru CAS 1305-99-3 Nru CIPAC 505	Calcium phosphide	≥ 160 g/kg	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A Jistgħu jiġu awtorizzati biss użi bħala rodentiċida u talpiċida fil-forma ta' prodotti lesti għall-użu li fihom calcium phosphide. L-awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu limitati għal utenti professjonali. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar calcium phosphide, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Ottubru 2008. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — lis-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir xieraq ta' protezzjoni personali u respiratorja; — lill-protezzjoni tal-għasafar u l-mammiferi. Il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' taffija tar-riskju, pereżempju jingħalqu ħofor fl-art tal-annimali u l-kisba tal-inkorporazzjoni kompleta ta' granuli fil-ħamrija, fejn xieraq; — lill-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi. Kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri tat-taffija tar-riskju, bħalma huma żoni ta' paraventu bejn żoni trattati u korpi tal-ilma ta' taħt l-art, fejn xieraq.
262	Magnesium phosphide Nru CAS 12057-74-8 Nru CIPAC 228	Magnesium phosphide	≥ 880 g/kg	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A Jistgħu jiġu awtorizzati biss użi bħala insettiċida, rodentiċida, talpiċida jew leporiċida fil-forma ta' prodotti lesti għall-użu li fihom magnesium phosphide. Għall-użu bħala rodentiċida, talpiċida jew leporiċida l-użi ta' barra biss jistgħu jiġu awtorizzati.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						L-awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu limitati għal utenti professjonali. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar magnesium phosphide, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Ottubru 2008. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-protezzjoni ta' konsumaturi u jiżguraw li l-prodotti skaduti lesti għall-użu li fihom magnesium phosphide jitneħħew mill-komodità tal-ikel fl-użi kontra organiżmi ta' ħsara u sussegwentament jiġi applikat perjodu addizzjonali adegwat ta' kustodja; — lis-sikurezza tal-operaturi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir xieraq ta' protezzjoni personali u respiratorja; — lill-protezzjoni ta' operaturi u ħaddiema matul l-affumugazzjoni għal użi fuq ġewwa; — lill-protezzjoni ta' operaturi u ħaddiema malli jidħlu lura (wara perjodu ta' affumugazzjoni) għal użi fuq ġewwa; — lill-protezzjoni ta' persuni fl-inħawi kontra t-tnixxija tal-gass għal użi fuq ġewwa; — lill-protezzjoni tal-għasafar u l-mammiferi. Il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' taffija tar-riskju, pereżempju jingħalqu ħofor fl-art tal-annimali u l-kisba tal-inkorporazzjoni kompleta ta' granuli fil-ħamrija, fejn xieraq; — lill-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi. Kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri tat-taffija tar-riskju, bħalma huma żoni ta' paraventu bejn żoni trattati u korpi tal-ilma ta' taħt l-art, fejn xieraq.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
263	Cymoxanil Nru CAS 57966-95-7 Nru CIPAC 419	1-[(E/Z)-2-cyano-2-methoxyiminoacetyl]-3-ethylurea	≥ 970 g/kg	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użi bħala fungiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-cymoxanil, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Ottubru 2008. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — lis-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali xieraq; — lill-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'kundizzjonijiet vulnerabbli tal-ħamrija u/jew klimatiċi; — lill-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn xieraq, miżuri ta' taffija tar-riskju bħalma huma ż-żoni ta' paraventu.
264	Dodemorph Nru CAS 1593-77-7 Nru CIPAC 300	cis/trans-[4-cyclododecyl]-2,6-dimethylmorpholine	≥ 950 g/kg	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala funġiċida fuq pjanti ornamentali f'serer. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar id-dodemorphu b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Ottubru 2008. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — lis-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir xieraq ta' protezzjoni personali fejn xieraq;

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— lill-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'kundizzjonijiet vulnerabbli tal-ħamrija; — il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għat-taffija tar-riskju, fejn xieraq.
265	2,5-Dichlorobenzoic acid methylester Nru CAS 2905-69-3 Nru CIPAC 686	methyl-2,5-dichlorobenzoate	≥ 995 g/kg	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A Jitgħu jiġu awtorizzati biss bħala regolatur tal-kobor tal-pjanti u fungiċida għat-tlaqqim tad-dwieli. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar 2,5-Dichlorobenzoic acid methylester u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Ottubru 2008.
266	Metamitron Nru CAS 41394-05-2 Nru CIPAC 381	4-amino-4,5-dihydro-3-methyl-6-phenyl-1,2,4-triazin-5-one	≥ 960 g/kg	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użi bħala erbiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom metamitron għal użu għajr uċuh b'għeruq speċjalizzati, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jiżguraw li tiġi pprovduta kull dejta u informazzjoni meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni għal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar metamitron, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Ottubru 2008. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari:

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— lis-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir xieraq ta' protezzjoni personali u respiratorja fejn xieraq; — lill-ħarsien tal-ilma taħt l-art, meta s-sustanza attiva hija applikata fir-reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet ta' klima vulnerabbli; — lir-riskju għall-għasafar u l-mammiferi, u pjanti terrestri mhux immirati. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' taffija tar-riskju, fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jirrikjedu l-preżentazzjoni ta' informazzjoni ulterjuri fir-rigward tal-metabolit M3 tal-ħamrija fuq l-ilma ta' taħt l-art, fuq residwi fl-uċuh tar-raba' rotazzjonali, fuq ir-riskju fit-tul għal għasafar insettivori u fuq ir-riskju speċifiku għall-għasafar u l-mammiferi li jistgħu jiġu kkontaminati mix-xorb ta' ilma f'raba' li jinħarat. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikanti li fuq talba tagħhom ġiet inkluża metamitron f'dan l-Anness jipprovdu informazzjoni bħal din lill-Kummissjoni sal-31 ta' Awwissu 2011.
267	Sulcotrione Nru CAS 99105-77-8 Nru CIPAC 723	2-(2-chloro-4-mesylbenzoyl)cyclohexane-1,3-dione	≥ 950 g/kg Impuritajiet: — hydrogen cyanide: mhux iktar minn 80 mg/kg — toluene: mhux iktar minn 4 g/kg	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użi bħala erbiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar sulcotrione, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Ottubru 2008. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — lis-sikurezza tal-operaturi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni tat-tagħmir ta' protezzjoni personali fejn xieraq; — lir-riskju għal għasafar insettivori, pjanti akkwatiċi u terrestri mhux immirati, u artropodi mhux immirati.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' taffija tar-riskju, fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jirrikjedu l-preżentazzjoni ta' informazzjoni ulterjuri dwar id-degradazzjoni fil-ħamrija u l-ilma tal-grupp ta' atomi cyclohexadione u r-riskju fit-tul għall-għasafar insettivori. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikanti li fuq talba tagħhom ġiet inkluża sulcotrione f'dan l-Anness jipprovdu informazzjoni bħal din lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2011.
268	Tebuconazole Nru CAS 107534-96-3 Nru CIPAC 494	(RS)-1-p-chlorophenyl-4,4-dimethyl-3-(1H-1,2,4-triazol-1-ylmethyl)- pentan-3-ol	≥ 905 g/kg	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	►**M128** PARTI A L-użi bħala fungużida u regolatur għat-tkabbir tal-pjanti biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar it-tebukonażol, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fit-28 ta' Ottubru 2008 mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri jridu joqogħdu attenti b'mod partikolari: — għas-sikurezza tal-operaturi u tal-ħaddiema u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali adegwat; — għall-esponiment alimentari tal-konsumaturi għall-metaboliti tat-tebukonażol (triażol); — għall-possibilità ta' kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'kundizzjonijiet vulnerabbli ta' ħamrija jew ta' klima, b'mod partikolari fir-rigward tal-okkorrenza tal-metabolit 1,2,4-triażol fl-ilma ta' taħt l-art; — għall-protezzjoni tal-għasafar u l-mammiferi granivori u tal-mammiferi erbivori u jridu jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn xieraq, miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju; — għall-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi, u jridu jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn xieraq, miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju bħalma huma ż-żoni ta' protezzjoni.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						L-Istati Membri konċernati għandhom jiżguraw li n-notifikatur jissottometti lill-Kummissjoni aktar informazzjoni li tindirizza l-proprjetajiet potenzjali ta' tħarbit endokrinali tat-tebukonażol fi żmien sentejn wara l-adozzjoni tal-linji gwida ta' ttestjar tal-OECD dwar it-tħarbit endokrinali jew, alternattivament, ta' linji gwida ta' ttestjar miftiehma mill-Komunità. ◄
269	Triadimenol Nru CAS 55219-65-3 Nru CIPAC 398	(1RS,2RS;1RS,2SR)-1-(4-chlorophenoxy)-3,3-dimethyl-1-(1H-1,2,4-triazol-1-yl)butan-2-ol	≥ 920 g/kg isomer A (1RS,2SR), isomer B (1RS,2RS) Diastereomer A, RS + SR, firxa: 70 sa 85 % Diastereomer B, RR + SS, firxa: 15 sa 30 %	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użi bħala fungiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar triadimenol, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Ottubru 2008. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-preżenza ta' N-methylpyrrolidone fi prodotti formulati fir-rigward tal-esponiment tal-operaturi, il-ħaddiema u l-persuni fl-inħawi; — lill-protezzjoni tal-għasafar u l-mammiferi. B'rabta ma' dawn ir-riskji identifikati, il-miżuri għat-taffija tar-riskju, bħal żoni ta' paraventu, għandhom jiġu applikati fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikant jippreżenta lill-Kummissjoni: — informazzjoni ulterjuri dwar l-ispeċifikazzjoni; — informazzjoni biex tindirizza dejjem aktar l-istima tar-riskju għall-għasafar u l-mammiferi. — informazzjoni biex tindirizza dejjem aktar ir-riskju ta' effetti ta' tħarbit endokrinali fuq il-ħut. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikanti li fuq talba tagħhom ġiet inkluża triadimenol f'dan l-Anness jipprovdu informazzjoni bħal din lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2011.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikant iressaq aktar informazzjoni lill-Kummissjoni li jindirizzaw il-proprjetajiet potenzjali ta' tħarbit endokrinali ta' triadimenol fi żmien sentejn wara l-adozzjoni tal-linji gwida ta' prova tal-OECD dwar it-tħarbit endokrinali jew, minflok, linji gwida ta' prova miftiehma mill-Komunità.
270	Methomyl Nru CAS 16752-77-50 Nru CIPAC 264	S-methyl (EZ)-N-(methylcarbamoyloxy)thioacetimidate	≥ 980 g/kg	1 ta' Settembru 2009	31 ta' Awwissu 2019	PARTI A L-użu ta' insettiċida fuq il-ħaxix biss jista' jiġi awtorizzat f'rati li ma jaqbżux 0,25 kg tas-sustanza attiva għal kull ettaru għal kull applikazzjoni u għal massimu ta' 2 applikazzjonijiet għal kull staġun. L-awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu limitati għal utenti professjonali. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-methomyl, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-12 ta' Ġunju 2009 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti: — għas-sigurtà tal-operatur: kundizzjonijiet tal-użu għandhom jippreskrivu l-użu ta' tagħmir protettiv personali adegwat. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-espożizzjoni tal-operaturi li jużaw apparat ta' applikazzjoni li jinġarr fuq id-dahar jew li jinżamm fl-idejn, — għall-protezzjoni tal-għasafar, — għall-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi: il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq, bħal żoni ta' lqugħ u t-tnaqqis tal-flussi ta' tifwir u żennuni li jnaqqsu t-tixrid tas-sustanzi sprejjati, — il-protezzjoni ta' artropodi li ma jinsabux fil-mira b'mod partikolari n-naħal: miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju biex jevitaw il-kuntatt man-naħal għandhom japplikaw.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						L-Istati Membri għandhom jassiguraw li formulazzjonijiet ibbażati mill-methomyl ikun fihom aġenti kimiċi li jbiegħdu l-insetti u/jew aġenti emitiċi effettivi. Il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jinkludu aktar miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq.
271	Bensulfuron Nru CAS 83055-99-6 Nru CIPAC 502.201	α-[(4,6-dimethoxypyrimidin-2-ylcarbamoyl)sulfamoyl]-o-toluic acid (bensulfuron) methyl α-[(4,6-dimethoxypyrimidin-2-ylcarbamoyl)sulfamoyl]-o-toluate (bensulfuron-methyl)	≥ 975 g/kg	1 ta' Novembru 2009	31 ta' Ottubru 2019	PARTI A Jista' jiġi awtorizzat biss għal użi bħala erbiċida. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-bensulfuron, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-8 ta' Diċembru 2008. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għal li ġej: — il-ħarsien ta' organiżmi akkwatiċi; b'rabta ma' dawn ir-riskji identifikati, miżuri għat-tnaqqis tar-riskji, fosthom żoni ta' paraventu, għandhom jiġu applikati fejn xieraq, — il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'kundizzjonijiet vulnerabbli tal-ħamrija u/jew klimatiċi. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikant jippreżenta lill-Kummissjoni: — aktar studji ta' speċifikazzjoni, — informazzjoni biex jindirizza iktar ir-rotta u r-rata tad-degredazzjoni tal-bensulfuron-methyl f'kundizzjonijiet ta' ħamrija aerobika mifqugħa bl-ilma, — informazzjoni biex tiġi indirizzata r-relevanza tal-metaboliti għall-valutazzjoni tar-riskju għall-konsumatur. Għandhom jiżguraw li n-notifikanti jipprovdu l-Kummissjoni bi studji bħal dawn sal-31 ta' Ottubru 2011.
272	Sodium 5-nitroguaiacolate Nru CAS 67233-85-6 CIPAC Nru mhux allokat	Sodium 2-methoxy-5-nitrophenolate	≥ 980 g/kg	1 ta' Novembru 2009	31 ta' Ottubru 2019	PARTI A L-użu bħala regolatur tat-tkabbir tal-pjanti biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar is-sodium 5-nitroguaiacolate, is-sodium

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						o-nitrophenolate u s-sodium p-nitrophenolate, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-2 ta' Diċembru 2008. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif manifatturat kummerċjalment, li għandu jkun ikkonfermat u appoġġjat b'dejta analitika xierqa. Il-materjal tat-test użat fid-dossiers tat-tossiċità għandu jiġi mqabbel u vverifikat ma' din l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku, — lill-ħarsien tas-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema. Kundizzjonijiet tal-użu awtorizzati għandhom jistabbilixxu l-applikazzjoni ta' tagħmir protettiv personali xieraq u miżuri għat-tnaqqis tar-riskju sabiex titnaqqas l-espożizzjoni, — għall-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet tal-klima vulnerabbli. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għat-taffija tar-riskju, fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu l-preżentazzjoni ta' studji ulterjuri sabiex jikkonfermaw ir-riskju għall-ilma ta' taħt l-art. Għandhom jiżguraw li n-notifikanti jipprovdu l-Kummissjoni bi studji bħal dawn sal-31 ta' Ottubru 2011.
273	Sodium o-nitrophenolate Nru CAS 824-39-5 CIPAC Nru mhux allokat	Sodium 2-nitrophenolate; sodium o-nitrophenolate	≥ 980 g/kg L-impuritajiet li ġejjin huma ta' ħassib tossikoloġiku: Fenol Kontenut massimu: 0,1 g/kg 2,4 dinitrophenol kontenut massimu: 0,14 g/kg 2,6 dinitrophenol kontenut massimu: 0,32 g/kg	1 ta' Novembru 2009	31 ta' Ottubru 2019	PARTI A L-użu bħala regolatur tat-tkabbir tal-pjanti biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar is-sodium 5-nitroguaiacolate, is-sodium o-nitrophenolate u s-sodium p-nitrophenolate, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-2 ta' Diċembru 2008. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif manifatturat kummerċjalment, li għandu jkun ikkonfermat u appoġġjat b'dejta analitika xierqa. Il-materjal tat-test użat fid-dossiers tat-tossiċità għandu jiġi mqabbel u vverifikat ma' din l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku;

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— lill-ħarsien tas-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema. Kundizzjonijiet tal-użu awtorizzati għandhom jistabbilixxu l-applikazzjoni ta' tagħmir protettiv personali xieraq u miżuri għat-tnaqqis tar-riskju sabiex titnaqqas l-espożizzjoni, — għall-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet tal-klima vulnerabbli. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għat-taffija tar-riskju, fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu l-preżentazzjoni ta' studji ulterjuri sabiex jindirizzaw ir-riskju għall-ilma ta' taħt l-art. Għandhom jiżguraw li n-notifikanti jipprovdu l-Kummissjoni bi studji bħal dawn sal-31 ta' Ottubru 2011.
274	Sodium p-nitrophenolate Nru CAS 824-78-2 Numru CIPAC mhux allokat	Sodium 4-nitrophenolate; Sodium o-nitrophenolate	≥ 998 g/kg L-impuritajiet li ġejjin huma ta' ħassib tossikoloġiku: Fenol kontenut massimu: 0,1 g/kg 2,4 dinitrophenol kontenut massimu: 0,07 g/kg 2,6 dinitrophenol kontenut massimu: 0,09 g/kg	1 ta' Novembru 2009	31 ta' Ottubru 2019	PARTI A L-użu bħala regolatur tat-tkabbir tal-pjanti biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar is-sodium 5-nitroguaiacolate, is-sodium o-nitrophenolate u s-sodium p-nitrophenolate, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-2 ta' Diċembru 2008. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif manifatturat kummerċjalment, li għandu jkun ikkonfermat u appoġġjat b'dejta analitika xierqa. Il-materjal tat-test użat fid-dossiers tat-tossiċità għandu jiġi mqabbel u vverifikat ma' din l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku, — lill-ħarsien tas-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema. Kundizzjonijiet tal-użu awtorizzati għandhom jistabbilixxu l-applikazzjoni ta' tagħmir protettiv personali xieraq u miżuri għat-tnaqqis tar-riskju sabiex titnaqqas l-espożizzjoni, — għall-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'kundizzjonijiet vulnerabbli tal-ħamrija u/jew klimatiċi. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għat-taffija tar-riskju, fejn xieraq.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu l-preżentazzjoni ta' studji ulterjuri sabiex jindirizzaw ir-riskju għall-ilma ta' taħt l-art. Għandhom jiżguraw li n-notifikanti jipprovdu l-Kummissjoni bi studji bħal dawn sal-31 ta' Ottubru 2011.
275	Tebufenpyrad Nru CAS 119168-77-3 Nru CIPAC 725	N-(4-tert-butylbenzyl)-4-chloro-3-ethyl-1-methylpyrazole-5-carboxamide	≥ 980 g/kg	1 ta' Novembru 2009	31 ta' Ottubru 2019	PARTI A L-użi bħala insettiċidi u akariċidi biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom it-tebufenpyrad għal użu għajr dak tal-baskitjiet li jinħallu fl-ilma, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jiżguraw li tiġi pprovduta kull dejta u tagħrif meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-tebufenpyrad, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tat-2 ta' Diċembru 2008. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — lis-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali xieraq, — lill-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn xieraq, miżuri ta' taffija tar-riskju bħalma huma ż-żoni ta' paraventu, — lill-protezzjoni tal-għasafar insettivori u jridu jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn xieraq, miżuri ta' taffija tar-riskju. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikant jippreżenta lill-Kummissjoni: — iktar informazzjoni li tikkonferma li l-ebda impuritajiet ma huma preżenti, — informazzjoni biex jindirizzaw aħjar ir-riskju għall-għasafar insettivori. Għandhom jiżguraw li n-notifikanti jipprovdu l-Kummissjoni b'informazzjoni bħal din sal-31 ta' Ottubru 2011.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
276	Chlormequat Nru CAS 7003-89-6 (chlormequat) Nru CAS 999-81-5 (chlormequat chloride) Nru CIPAC 143 (chlormequat) Nru CIPAC 143.302 (chlormequat chloride)	2-chloroethyltrimethylammonium (chlormequat) 2-chloroethyltrimethylammonium chloride (chlormequat chloride)	≥ 636 g/kg Impuritajiet 1,2-dichloroethane: mass. ta' 0,1 g/kg (fuq il-kontenut niexef tal-chlormequat chloride). Chloroethene (vinylchloride): mass. ta' 0,0005 g/kg (fuq il-kontenut niexef tal-chlormequat chloride)	1 ta' Diċembru 2009	30 ta' Novembru 2019	PARTI A L-użu bħala regolatur tat-tkabbir tal-pjanti fuq iċ-ċereali u l-għelejjel edibbli biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-chlormequat għal użu għajr dak fis-segala u t-triticale, notevolment fejn jidħol l-esponiment tal-konsumaturi, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jiżguraw li tiġi pprovduta kull dejta u informazzjoni meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-chlormequat u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-23 ta' Jannar 2009. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti: — għas-sikurezza tal-operaturi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali adegwat; — għall-protezzjoni tal-għasafar u l-mammiferi. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jnaqqsu r-riskju, fejn ikun xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu l-preżentazzjoni ta' aktar informazzjoni dwar id-destin u l-imġiba (studji ta' assorbiment li għandhom isiru fl-20 °C, kalkolu mill-ġdid tal-konċentrazzjonijiet imbassra fl-ilma taħt l-art, fl-ilma tal-wiċċ u s-sediment), il-metodi ta' monitoraġġ għall-kalkolu tas-sustanza fi prodotti u ilma għall-annimali, u r-riskju għall-organiżmi akkwatiċi, l-għasafar u l-mammiferi. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikant li fuq talba tiegħu ġiet inkluża l-chlormequat f'dan l-Anness jipprovdi informazzjoni bħal din lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2011.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M135						
277	Komposti tar-ram: Idrossidu tar-ram Nru tas-CAS 20427-59-2 Nru tas-CIPAC Nru 44.305	Idrossidu tar-ram (II)	≥ 573 g/kg	fl-1 ta' Diċembru 2009	fil-31 ta' Jannar 2018	PARTI A L-użi bħala batteriċida u ta' fungiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom ir-ram għall-użi għajr dawk tat-tadam fis-serer, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u għandhom jiżguraw li tiġi pprovduta kull data jew informazzjoni meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-komposti tar-ram u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-23 ta' Jannar 2009. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-ispecifikazzjoni tal-materjal tekniku kif manifatturat kummerċjalment għandu jkun appoġġat b'dejta analitika xierqa. Il-materjal tat-test użat fil-fajls tat-tossiċità għandu jiġi mqabbel u vverifikat ma' din l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku; — lis-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir xieraq ta' protezzjoni personali fejn xieraq; — lill-protezzjoni tal-ilma u tal-organiżmi mhux fil-mira. B'rabta ma' dawn ir-riskji identifikati, il-miżuri għat-taffija tar-riskju, bħalma huma ż-żoni ta' paraventu, għandhom jiġu applikati fejn xieraq; — lill-ammont tas-sustanza attiva applikat, filwaqt li għandu jiġi żgurat li l-ammonti awtorizzati, f'termini ta' rati u għadd ta' applikazzjonijiet, huma l-minimu meħtieġ biex jitwettqu l-effetti mixtieqa, u li dawn ma jikkawżaw l-ebda effett inaċettabbli fuq l-ambjent meta jitqiesu l-livelli ta' bażi ta' ram fis-sit ta' applikazzjoni.
	Ossikloridu tar-ram Nru tas-CAS 1332-65-6 jew 1332-40-7 Nru tas-CIPAC Nru 44.602	Diklorur tar-ram triidrossidu	≥ 550 g/kg			
	Ossidu tar-ram Nru tas-CAS 1317-39-1 Nru tas-CIPAC Nru 44.603	Ossidu tar-ram	≥ 820 g/kg			
	Taħlita bordeaux Nru tas-CAS 8011-63-0 Nru tas-CIPAC Nru 44.604	Mhux allokat	≥ 245 g/kg			
	sulfat tar-ram tribażiku Nru tas-CAS 12527-76-3 Nru tas-CIPAC Nru 44.306	Mhux allokat	≥ 490 g/kg L-impuritajiet li ġejjin huma ta' preokkupazzjoni tossikoloġika u ma għandhomx jaqbżu l-livelli ta' hawn taħt (fi g/g): Ċomb massimu 0,0005 g/g ta' kontenut ta' ram; Ċomb massimu 0,0001 g/g ta' kontenut ta' ram; Arseniku massimu 0,0001 g/g ta' kontenut ta' ram.			

▼M135

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						In-notifikaturi għandhom jippreżentaw, lill-Kummissjoni, lill-Awtorità u lill-Istati Membri, programm ta' monitoraġġ għaż-żoni vulnerabbli fejn il-kontaminazzjoni tal-ħamrija u tal-ilma (inkluż tad-depożiti) bir-ram hija raġuni għal tħassib jew tista' ssir raġuni għal tħassib. Dan il-programm ta' monitoraġġ għandu jiġi ppreżentat sal-31 ta' Lulju 2015. Ir-riżultati provviżorji ta' dak il-programm ta' monitoraġġ għandhom jintbagħtu bħala rapport provviżorju ta' monitoraġġ lill-Istat Membru relatur, lill-Kumissjoni u lill-Awtorità sal-31 ta' Diċembru 2016. Ir-riżultati finali għandhom jiġu ppreżentati sal-31 ta' Diċembru 2017.

▼B

278	Propaquizafop Nru CAS 111479-05-1 Nru CIPAC 173	2-isopropylidenamino-oxyethyl (R)-2-[4-(6-chloro-quinoxalin-2-yloxy)phenoxy]propionate	≥ 920 g/kg Toluene kontenut massimu 5 g/kg	1 ta' Diċembru 2009	30 ta' Novembru 2019	PARTI A L-użi bħala erbiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-propaquizafop u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-23 ta' Jannar 2009. F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-ispecifikazzjoni tal-materjal tekniku kif manifatturat kummerċjalment għandu jkun appoġġat b'dejta analitika xierqa. Il-materjal tat-test użat fil-fajls tat-tossiċità għandu jiġi mqabbel u vverifikat ma' din l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku, — lis-sikurezza tal-operaturi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali xieraq, — lill-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi u ta' pjanti li ma għandhomx jintlaqtu u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn xieraq, miżuri ta' tnaqqis tar-riskju bħalma huma ż-żoni ta' lqugħ, — lill-protezzjoni ta' artropodi li ma għandhomx jintlaqtu u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn xieraq, miżuri li jnaqqsu r-riskju.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikant jippreżenta lill-Kummissjoni: — aktar informazzjoni dwar l-impurità rilevanti Ro 41-5259, — informazzjoni biex jiġi indirizzat aktar ir-riskju tal-organiżmi akkwatiċi u tal-artropodi li ma għandhomx jintlaqtu. Għandhom jiżguraw li n-notifikanti jipprovdu l-Kummissjoni b'informazzjoni bħal din sat-30 ta' Novembru 2011.
279	Quizalofop-P:			1 ta' Diċembru 2009	30 ta' Novembru 2019	PARTI A L-użi bħala erbiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-quizalofop-P, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-23 ta' Jannar 2009. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-ispecifikazzjoni tal-materjal tekniku kif manifatturat kummercjalment għandu jkun appoġġat b'dejta analitika xierqa. Il-materjal tat-test użat fil-fajls tat-tossiċità għandu jiġi mqabbel u vverifikat ma' din l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku, — lis-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali xieraq, — lill-protezzjoni ta' pjanti li ma għandhomx jintlaqtu u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn xieraq, miżuri li jtaffu r-riskju bħal żoni ta' lqugħ. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju, fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikanti jippreżentaw lill-Kummissjoni aktar informazzjoni dwar ir-riskju għall-artropodi li ma għandhomx jintlaqtu. Għandhom jiżguraw li n-notifikanti jipprovdu l-Kummissjoni b'informazzjoni bħal din sat-30 ta' Novembru 2011.
	Quizalofop-P-ethyl Nru CAS 100646-51-3 Nru CIPAC 641.202	ethyl (R)-2-[4-(6-chloroquinoxalin-2-yloxy)phenoxy]propionate	≥ 950 g/kg			
	Quizalofop-P-tefuryl Nru CAS 119738-06-6 Nru CIPAC 641.226	(RS)-Tetrahydrofurfuryl (R)-2-[4-(6-chloroquinoxalin-2-yloxy)phenoxy]propionate	≥ 795 g/kg			

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
280	Teflubenzuron Nru CAS 83121-18-0 Nru CIPAC 450	1-(3,5-dichloro-2,4-difluorophenyl)-3-(2,6-difluorobenzoyl)urea	≥ 970 g/kg	1 ta' Diċembru 2009	30 ta' Novembru 2019	PARTI A L-użi biss bħala insettiċidi fis-serer tal-ħġieġ (fuq sottostratt artifiċjali jew fuq sistemi magħluqa ta' idroponiċi) jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom it-teflubenzuron għall-użi għajr dawk tat-tadam fis-serer, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jiżguraw li tiġi pprovduta kull dejta u informazzjoni meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-teflubenzuron u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-23 ta' Jannar 2009. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — lis-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir xieraq ta' protezzjoni personali fejn xieraq, — lill-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi. Reħi mill-applikazzjoni f'serer tal-ħġieġ għandu jkun imminimizzat u, f'kull każ, ma għandux ikollu l-potenzjal li jilħaq livelli sinifikanti fi ġbir ta' ilma fil-viċinità, — lill-protezzjoni tan-naħal li ma għandhomx jitħallew jidħlu fis-serra tal-ħġieġ, — lill-protezzjoni ta' kolonji ta' naħal pollinaturi mqegħdin fis-serra tal-ħġieġ, — it-tneħħija sikura tal-ilma kkondensat, tal-ilma tad-dranaġġ u sottostratt sabiex jiġu evitati r-riski għall-organiżmi mhux milquta u l-kontaminazzjoni tal-ilma fil-wiċċ u tal-ilma taħt l-art. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju, fejn xieraq.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
281	Zeta-cypermethrin Nru CAS 52315-07-8 Nru CIPAC 733	Taħlita ta' stereoisomers (S)-α-cyano-3-phenoxybenzyl (1RS,3RS;1RS,3SR)-3-(2,2-dichlorovinyl)-2,2 dimethylcyclopropanecarboxylate fejn il-porzjon tal-(S);(1RS,3RS) iżomeriku hu bħall-(S);(1RS,3SR) il-par iżomeriku jinsab fi proporzjon ta' 45-55 għal 55-45 rispettivament	≥ 850 g/kg Impuritajiet: toluene: massimu ta' 2 g/kg tars: massimu ta' 12,5 g/kg	1 ta' Diċembru 2009	30 ta' Novembru 2019	PARTI A Jistgħu jiġu awtorizzati biss użi bħala insettiċida. PARTI B Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom iż-zeta-cypermethrin għal użu għajr dak fiċ-ċereali, notevolment fl-esponiment tal-konsumaturi għall-mPBAldehyde, prodott ta' degradazzjoni li jista' jifforma matul l-ipproċessar, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jiżguraw li tiġi pprovduta kull dejta u informazzjoni meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar iż-zeta-cypermethrin, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-23 ta' Jannar 2009 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — lis-sikurezza tal-operaturi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni tat-tagħmir ta' protezzjoni personali, fejn xieraq, — lill-protezzjoni tal-għasafar, l-organiżmi akkwatiċi, in-naħal, l-artropodi u l-mikroorganiżmi fil-ħamrija li ma għandhomx jintlaqtu. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju, fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu l-preżentazzjoni ta' aktar informazzjoni dwar id-destin u l-imġiba (id-degradazzjoni erobika tal-ħamrija), ir-riskju fit-tul għall-għasafar, l-organiżmi akkwatiċi u l-artropodi li ma għandhomx jintlaqtu. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikanti li fuq talba tagħhom ġiet inkluża ż-zeta-cypermethrin f'dan l-Anness jipprovdu informazzjoni bħal din lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2011.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
282	Chlorsulfuron Nru CAS 64902-72-3 Nru CIPAC 391	1-(2-chlorophenylsulfonyl)-3-(4-methoxy-6-methyl-1,3,5-triazin-2-yl)urea	≥ 950 g/kg Impuritajiet: 2-Chlorobenzenesulfonamide (IN-A4097) mhux aktar minn 5 g/kg u 4-methoxy-6-methyl-1,3,5-triazin-2-amine (IN-A4098) mhux iktar minn 6 g/kg	1 ta' Jannar 2010	31 ta' Diċembru 2019	PARTI A L-użi bħala erbiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-chlorsulfuron, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-26 ta' Frar 2009. F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti: — għall-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi u pjanti mhux fil-mira; b'rabta ma' dawn ir-riskji identifikati, miżuri għat-tnaqqis tar-riskji, fosthom żoni ta' lqugħ, għandhom jiġu applikati fejn xieraq, — għall-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet tal-klima vulnerabbli. L-Istati Membri kkonċernati għandhom: — jiżguraw li n-notifikant jibgħat lill-Kummissjoni studji ulterjuri dwar l-ispeċifikazzjoni sal-1 ta' Jannar 2010. Jekk il-chlorsulfuron huwa kklassifikat bħala kategorija karċinoġenika 2 b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu t-tressiq ta' iktar informazzjoni dwar ir-rilevanza tal-metaboliti IN-A4097, IN-A4098, IN-JJ998, IN-B5528 u IN-V7160 fir-rigward tal-kankru u jiżguraw li n-notifikant jipprovdi dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur min-notifika tad-deċiżjoni ta' klassifikazzjoni li tikkonċerna dik is-sustanza.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
283	Cyromazine Nru CAS 66215-27-8 Nru CIPAC 420	N-cyclopropyl-1,3,5-triazine-2,4,6-triamine	≥ 950 g/kg	1 ta' Jannar 2010	31 ta' Diċembru 2019	PARTI A L-użi bħala insettiċida fis-serer biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-cyromazine għal użi li mhumiex fit-tadam, li mhumiex fit-tadam, jiġifieri fir-rigward tal-espożizzjoni tal-konsumaturi, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jiżguraw li tiġi pprovduta kwalunkwe dejta u informazzjoni meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar is-cyromazine, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-26 ta' Frar 2009. F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti: — għall-protezzjoni tal-ilma taħt l-art, meta s-sustanza attiva tkun applikata fir-reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet ta' klima vulnerabbli, — għall-protezzjoni tal-organiżmi akkwatiċi, — għall-protezzjoni ta' impollinaturi. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju, fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu t-tressiq ta' aktar informazzjoni dwar id-destin u l-imġiba tal-metabolit tal-ħamrija NOA 435343 u dwar ir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikant li fuq talba tiegħu s-cyromazine ġiet inkluża f'dan l-Anness jipprovdu informazzjoni bħal din lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
284	Dimethachlor Nru CAS 50563-36-5 Nru CIPAC 688	2-chloro-N-(2-methoxyethyl)acet-2′,6′-xylidide	≥ 950 g/kg Impurità 2,6-dimethylaniline: Mhux iktar minn 0,5 g/kg	1 ta' Jannar 2010	31 ta' Diċembru 2019	PARTI A L-użi bħala erbiċidi f'applikazzjoni ta' massimu ta' 1,0 kg/ha unikament kull tielet sena fl-istess għalqa biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar id-dimethachlor, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-26 ta' Frar 2009. F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti: — għas-sikurezza tal-operaturi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali adegwat, — għall-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi u pjanti mhux fil-mira; b'rabta ma' dawn ir-riskji identifikati, miżuri għat-tnaqqis tar-riskji, fosthom żoni ta' lqugħ, għandhom jiġu applikati fejn xieraq, — għall-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet tal-klima vulnerabbli. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju u għandhom jinbdew programmi ta' sorveljanza biex tiġi vverifikata l-kontaminazzjoni potenzjali tal-ilma taħt l-art mill-metaboliti CGA 50266, CGA 354742, CGA 102935 u SYN 528702 f'żoni vulnerabbli, fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom: — jiżguraw li n-notifikant jibgħat lill-Kummissjoni studji ulterjuri dwar l-ispeċifikazzjoni sal-1 ta' Jannar 2010.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						Jekk id-dimethachlor huwa kklassifikat bħala kategorija karċinoġenika 2 b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu t-tressiq ta' iktar informazzjoni dwar ir-rilevanza tal-metaboliti CGA 50266, CGA 354742, CGA 102935 u SYN 528702 fir-rigward tal-kankru u jiżguraw li n-notifikant jipprovdi dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur min-notifika ta' deċiżjoni ta' klassifikazzjoni li tikkonċerna dik is-sustanza.
285	Etofenprox Nru CAS 80844-07-1 Nru CIPAC 471	2-(4-ethoxyphenyl)-2-methylpropyl 3-phenoxybenzyl ether	≥ 980 g/kg	1 ta' Jannar 2010	31 ta' Diċembru 2019	PARTI A L-użu bħala insettiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-etofenprox, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-26 ta' Frar 2009. F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti: — għas-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali adegwat, — għall-protezzjoni tal-organiżmi akkwatiċi; b'rabta ma' dawn ir-riskji identifikati, miżuri għat-tnaqqis tar-riskji, fosthom żoni ta' lqugħ, għandhom jiġu applikati fejn xieraq, — għall-protezzjoni ta' naħal u artropodi mhux fil-mira; b'rabta ma' dawn ir-riskji identifikati, miżuri għat-tnaqqis tar-riskji, fosthom żoni ta' lqugħ, għandhom jiġu applikati fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom: — jiżguraw li n-notifikant jibgħat informazzjoni ulterjuri lill-Kummissjoni dwar ir-riskju lill-organiżmi akkwatiċi inkluż ir-riskju għall-annimali li jgħixu fis-sediment u l-bijomanjifikazzjoni,

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— jiżguraw it-tressiq ta' studji ulterjuri dwar potenzjal ta' xkiel endokrinali f'organiżmi akkwatiċi (studju dwar iċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tal-ħut). Huma għandhom jiżguraw li n-notifikanti jipprovdu dawn l-istudji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2011.
286	Lufenuron Nru CAS 103055-07-8 Nru CIPAC 704	(RS)-1-[2,5-dichloro-4-(1,1,2,3,3,3-hexafluoro-propoxy)-phenyl]-3-(2,6-difluorobenzoyl)-urea	≥ 970 g/kg	1 ta' Jannar 2010	31 ta' Diċembru 2019	PARTI A L-użi fuq ġewwa jew użu fi stazzjonijiet ta' lixka fuq barra bħala insettiċida biss huma awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-lufenuron u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-26 ta' Frar 2009. F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti: — għall-persistenza għolja fl-ambjent u r-riskju għoli ta' bijoakkumulazzjoni u għandhom jiżguraw li l-użu tal-lufenuron ma għandu l-ebda effetti ħżiena fit-tul fuq l-organiżmi li mhumiex fil-mira, — għall-protezzjoni tal-għasafar, il-mammiferi, l-organiżmi fil-ħamrija li mhumiex fil-mira, in-naħal, l-artropodi li mhumiex fil-mira, l-organiżmi akkwatiċi u dawk tal-ilmijiet tal-wiċċ f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. L-Istati Membri kkonċernati għandhom: — jiżguraw li n-notifikant jibgħat lill-Kummissjoni studji ulterjuri dwar l-ispeċifikazzjoni sal-1 ta' Jannar 2010.
287	Penconazole Nru CAS 66246-88-6 Nru CIPAC 446	(RS) 1-[2-(2,4-dichloro-phenyl)-pentyl]-1H-[1,2,4] triazole	≥ 950 g/kg	1 ta' Jannar 2010	31 ta' Diċembru 2019	PARTI A L-użu bħala fungiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjonidwar il-penconazole u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-26 ta' Frar 2009.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti: — għall-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tkun applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet ta' klima vulnerabbli. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju, fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu li tingħata iktar informazzjoni dwar l-imġiba tal-metabolit tal-ħamrija CGA179944, u xi jsir minnu, fil-ħamrija aċidika. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikant li fuq talba tiegħu ġie inkluż il-penconazole f'dan l-Anness jipprovdi din l-informazzjoni lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011.
288	Tri-allate Nru CAS 2303-17-5 Nru CIPAC 97	S-2,3,3-trichloroallyl di-isopropyl (thiocarbamate)	≥ 940 g/kg NDIPA (Nitroso-diisopropylamine) massimu ta' 0,02 mg/kg	1 ta' Jannar 2010	31 ta' Diċembru 2019	PARTI A L-użi bħala erbiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-tri-allate u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-26 ta' Frar 2009. F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti: — għas-sikurezza tal-operaturi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali adegwat, — għall-espożizzjoni djetetika tal-konsumaturi għar-residwu ta' tri-allate f'għelejjel ittrattati kif ukoll f'għelejjel rotazzjonali suċċessivi u fi prodotti ta' oriġini mill-annimali — għall-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi u ta' pjanti li mhumiex fil-mira u jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn xieraq, miżuri ta' tnaqqis tar-riskju bħal żoni ta' lqugħ,

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— il-possibbiltà ta' kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art mill-prodotti ta' degredazzjoni TCPSA meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet tal-klima vulnerabbli. Il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jridu jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikant jippreżenta lill-Kummissjoni: — informazzjoni ulterjuri biex tivvaluta l-metaboliżmu ewlieni tal-pjanti, — informazzjoni ulterjuri dwar id-destin u l-imġiba tal-metabolit tal-ħamrija diisopropylamine, — informazzjoni ulterjuri dwar il-potenzjal għal bijomanjifikazzjoni fil-ktajjen alimentari akkwatiċi, — informazzjoni biex ikompli jiġi indirizzat ir-riskju għall-mammiferi li jieklu l-ħut u r-riskju fit-tul għall-ħniex. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikant jipprovdi din l-informazzjoni lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2011.
289	Triflusulfuron Nru CAS 126535-15-7 Nru CIPAC 731	2-[4-dimethylamino-6-(2,2,2-trifluoroethoxy)-1,3,5-triazin-2-ylcarbamoylsulfamoyl]-m-toluic acid	►**M29** ≥ 960 g/kg ◄	1 ta' Jannar 2010	31 ta' Diċembru 2019	►**M29** PARTI A L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat. ◄ PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-triflusulfuron u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-26 ta' Frar 2009. F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti: — għall-espożizzjoni djetetika tal-konsumaturi għar-residwu tal-metaboliti IN-M7222 u IN-E7710 f'għelejjel rotazzjonali suċċessivi u fi prodotti ta' oriġini mill-annimali,

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— għall-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi u ta' pjanti akkwatiċi mir-riskju li ġej mit-triflusulfuron u l-metabolit IN-66036 u jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn xieraq, miżuri ta' tnaqqis tar-riskju bħal żoni ta' lqugħ; — għall-possibbiltà ta' kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art mill-prodotti ta' degredazzjoni IN-M7222 u IN-W6725 meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet tal-klima vulnerabbli. Il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jridu jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. Jekk it-triflusulfuron huwa kklassifikat bħala kategorija karċinoġenika 2 b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, l-Istat Membru kkonċernat għandu jitlob it-tressiq ta' iktar informazzjoni dwar ir-rilevanza tal-metaboliti IN-M7222, IN-D8526 u IN-E7710 fir-rigward tal-kankru. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikant jipprovdi dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur min-notifika tad-deċiżjoni ta' klassifikazzjoni li tikkonċerna s-sustanza.
290	Difenacoum Nru CAS 56073-07-5 Nru CIPAC 514	3-[(1RS,3RS;1RS,3SR)-3-biphenyl-4-yl-1,2,3,4-tetrahydro-1-naphthyl]-4-hydroxycoumarin	≥ 905 g/kg	1 ta' Jannar 2010	30 ta' Diċembru 2019	PARTI A Huma awtorizzati biss l-użi biss bħala rodentiċida fl-għamla ta' lixka preparata minn qabel f'nases mibnija apposta, reżistenti għat-tbagħbis u sikuri. Il-konċentrazzjoni nominali tas-sustanza attiva fil-prodotti ma għandhiex taqbeż il-50 g/kg. L-awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu limitati għal utenti professjonali. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jiġu kkunsidrati l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar id-difenacoum, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-26 ta' Frar 2009. F'din l-evalwazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tal-għasafar u mammali mhux fil-mira minn ivvelenar primarju u sekondarju. Miżuri ta' tnaqqis tar-riskju għandhom ikunu applikati fejn ikun xieraq.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikant jippreżenta aktar informazzjoni lill-Kummissjoni dwar il-metodi għad-determinazzjoni tar-residwi tad-difenacoum fil-fluwidi tal-ġisem. Għandhom jiżguraw li n-notifikant jipprovdi l-Kummissjoni b'din l-informazzjoni sat-30 ta' Novembru 2011. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikant jippreżenta lill-Kummissjoni aktar informazzjoni dwar l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva kif immanifatturata. Għandhom jiżguraw li n-notifikant jipprovdi lill-Kummissjoni b'din l-informazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2009.
▼M48						
▼B						
292	kubrit Nru CAS 7704-34-9 Nru CIPAC 18	kubrit	≥ 990 g/kg	1 ta' Jannar 2010	31 ta' Diċembru 2019	PARTI A Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu bħala funġiċida u akariċida. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jiġu kkunsidrati l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-kubrit, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-12 ta' Marzu 2009. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti: — għall-protezzjoni ta' għasafar, mammali, organiżmi akkwatiċi, u artropodi mhux fil-mira. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju, fejn ikun xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikant jippreżenta lill-Kummissjoni b'aktar informazzjoni biex tikkonferma l-evalwazzjoni tar-riskju għall-għasafar, il-mammali, l-organiżmi li jgħixu fis-sediment u l-artropodi mhux fil-mira. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikant, li fuq talba tiegħu ġie inkluż il-kubrit f'dan l-Anness, jipprovdi din l-informazzjoni lill-Kummissjoni qabel it-30 ta' Ġunju 2011.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
293	Tetraconazole Nru CAS 112281-77-3 Nru CIPAC 726	(RS)-2-(2,4-dichlorophenyl)-3-(1H-1,2,4-triazol-1-yl)-propyl-1,1,2,2-tetrafluoroethyl ether	≥ 950 g/kg (taħlita racemic) Impurità toluene: mhux iktar minn 13 g/kg	1 ta' Jannar 2010	31 ta' Diċembru 2019	PARTI A L-użi bħala funġiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-tetraconazole, u b'mod partikolari għandhom jitqiesu l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-26 ta' Frar 2009. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti: — għall-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi u pjanti mhux fil-mira; b'rabta ma' dawn ir-riskji identifikati, miżuri għat-tnaqqis tar-riskji, fosthom żoni ta' lqugħ, għandhom jiġu applikati fejn xieraq, — għall-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet tal-klima vulnerabbli. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu: — it-tressiq ta' iktar informazzjoni dwar valutazzjoni rfinuta tar-riskju lill-konsumatur, — informazzjoni ulterjuri dwar l-ispeċifikazzjoni fir-rigward tal-ekotossikoloġija, — informazzjoni ulterjuri dwar xi jsir mill-metaboliti potenzjali u dwar l-imġiba tagħhom fil-kompartimenti rilevanti kollha, — il-valutazzjoni rfinuta tar-riskju ta' metaboliti bħal dawn lill-għasafar, il-mammali, l-organiżmi akkwatiċi u l-artropodi mhux fil-mira, — iktar informazzjoni dwar il-potenzjal ta' effetti ħżiena fuq l-endokrina tal-għasafar, il-mammali u l-ħut. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikant jipprovdi din l-informazzjoni lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2011.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
294	Żjut tal-paraffin Nru CAS 64742-46-7 Nru CAS 72623-86-0 Nru CAS 97862-82-3 Nru CIPAC mhux applikabbli	żejt tal-paraffin	Farmakopea Ewropea 6.0	1 ta' Jannar 2010	31 ta' Diċembru 2019	PARTI A L-użi bħala insettiċidi u akariċidi biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandu jittieħed kont tal-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar iż-żjut tal-paraffin CAS Nru 64742-46-7, CAS Nru 72623-86-0 u CAS Nru 97862-82-3, u b'mod partikolari tal-Appendiċijiet I u II tiegħu. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn adatt, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu: — il-preżentazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif manifatturat kummerċjalment sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-kriterji ta' purità tal-Farmakopea Ewropea. 6.0. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikanti jipprovdu tali informazzjoni lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2010.
295	Żejt tal-paraffin Nru CAS 8042-47-5 Nru CIPAC mhux applikabbli	żejt tal-paraffin	Farmakopea Ewropea. 6,0	1 ta' Jannar 2010	31 ta' Diċembru 2019	PARTI A L-użi bħala insettiċidi u akariċidi biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandu jittieħed kont tal-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar iż-żejt tal-paraffin 8042-47-5, u b'mod partikolari tal-Appendiċijiet I u II tiegħu. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn adatt, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu: Il-preżentazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif manifatturat kummerċjalment sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-kriterji ta' purità tal-Farmakopea Ewropea. 6,0 Huma għandhom jiżguraw li n-notifikant jipprovdi tali informazzjoni lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2010.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
296	Cyflufenamid Nru CAS 180409-60-3 Nru CIPAC 759	(Z)-N-[α-(cyclopropylmethoxyimino) – 2,3-difluoro-6-(trifluoromethyl)-benzyl]-2-phenylacetamide	> 980 g/kg	1 ta' April 2010	31 ta' Marzu 2020	PARTI A L-użu bħala funġiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar is-cyflufenamid, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-2 ta' Ottubru 2009. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri għandhom iqisu partikolarment il-ħarsien tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' mitigazzjoni ta' riskju, fejn xieraq.
297	Fluopicolide Nru CAS 239110-15-7 Nru CIPAC 787	2,6-dichloro-N-[3-chloro-5-(trifluoromethyl)-2-pyridylmethyl]benzamide	≥ 970 g/kg L-impurità bit-toluene ma tistax teċċedi t-3 g/kg fil-materjal tekniku.	1 ta' Ġunju 2010	31 ta' Mejju 2020	PARTI A L-użu bħala funġiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-fluopicolide, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-27 ta' Novembru 2009 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — għall-ħarsien tal-organiżmi akkwatiċi, — għall-protezzjoni tal-ilma taħt l-art meta s-sustanza attiva tkun applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli, — għar-riskju tal-operaturi matul l-applikazzjoni, — għall-potenzjal għat-trasport bl-ajru fuq distanza kbira.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' trażżin tar-riskju u t-tnedija ta' programmi ta' monitoraġġ għall-verifika tal-potenzjal ta' akkumulu u esponiment f'żoni vulnerabbli, fejn dan huwa xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikatur jissottometti lill-Kummissjoni iktar informazzjoni dwar ir-rilevanza tal-metabolita M15 għall-ilma ta' taħt l-art sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2012.
298	Heptamaloxyloglucan Nru CAS 870721-81-6 Nru CIPAC Mhux disponibbli	L-isem sħiħ tal-IUPAC fin-nota ta' qiegħ il-paġna (1) Xyl p: xylopyranosyl Glc p: glucopyranosyl Fuc p: fucopyranosyl Gal p: galactopyranosyl Glc p: glucitol	≥ 780 g/kg L-impurità tal-Patulin ma għandhiex taqbeż 50 µg/kg f'materjal tekniku.	1 ta' Ġunju 2010	31 ta' Mejju 2020	PARTI A Huma biss użi bħala regolatur tal-iżvilupp tal-pjanti li jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-heptamaloxyloglucan, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-27 ta' Novembru 2009 għandhom jiġu kkunsidrati.
299	2-Fenilfenol (inkluż il-melħ tiegħu, bħall-melħ sodju) Nru CAS 90-43-7 Nru CIPAC 246	bifenil-2-ol	≥ 998 g/kg	1 ta' Jannar 2010	31 ta' Diċembru 2019	PARTI A Jista' jkun awtorizzat biss l-użu bħala funġiċida ta' wara l-ħsad għal użu fuq ġewwa. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-2-fenilfenol, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-27 ta' Novembru 2009, u emendat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tat-28 ta' Ottubru 2010. F'din l-istima ġenerali l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — lis-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali adegwat,

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— li jdaħħlu fis-seħħ prattiki xierqa ta' ġestjoni tal-iskart biex tiġi mmaniġġata s-soluzzjoni għar-rimi li tifdal wara l-applikazzjoni, inkluż l-ilma tat-tindif tat-tixrib u sistemi ta' applikazzjoni oħrajn. L-Istati Membri li jippermettu r-rilaxx tal-ilma użat fis-sistema tad-drenaġġ għandhom jiżguraw li ssir valutazzjoni lokali tar-riskju. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikant jippreżenta lill-Kummissjoni: — aktar tagħrif dwar il-potenzjal ta' tnaqqis ta' pigmentazzjoni fil-ġilda għall-haddiema u għall-konsumaturi minħabba l-possibbiltà tal-espożizzjoni għall-metabolit 2-phenylhydroquinone (PHQ) fuq il-qoxra taċ-ċitru, — aktar tagħrif li jikkonferma li l-metodu analitiku li ġie applikat fil-provi għar-residwi jikkwantifika korrettament ir-residwi tat-2-phenylphenol, PHQ u l-konjugati tagħhom. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikatur jipprovdi din l-informazzjoni lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2011. Għaldaqstant, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikatur iressaq informazzjoni addizzjonali biex jikkonferma l-livelli ta' residwu li jokkorru bħala riżultat ta' tekniki ta' applikazzjoni oħra għajr dwak fil-kmamar imxarrba. Huma għandhom jiżguraw li n-notifikatur jipprovdi din l-informazzjoni lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2012.
300	Malatajon Nru CAS 121-75-5 Nru CIPAC 12	diethyl (dimethoxyphosphinothioylthio)-succinate jew S-1,2-bis(ethoxycarbonyl)ethyl O,O-dimethyl phosphorodithioate raċemat	≥ 950 g/kg Impuritajiet: Isomalatajon: mhux iktar minn 2 g/kg	1 ta' Mejju 2010	30 ta' April 2020	PARTI A L-użi bħala insettiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. L-awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu limitati għal utenti professjonali. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-malatajon, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-22 ta' Jannar 2010. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti għal dan li ġej:

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— is-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema: il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jippreskrivu l-użu ta' tagħmir protettiv personali adegwat; — il-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi: il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għat-trażżin tar-riskju, fejn huwa xieraq, bħalma huma żoni ta' lqugħ adegwati; — il-protezzjoni ta' għasafar insettivori u naħal tal-għasel: il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għat-trażżin tar-riskju, fejn xieraq. Fir-rigward tan-naħal, l-indikazzjonijiet meħtieġa għandhom jingħataw fuq it-tikkettar u l-istruzzjonijiet li jakkumpanjawhom biex jiġi evitat l-esponiment. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-formulazzjonijiet ibbażati fuq il-malatajon ikunu akkumpanjati mill-istruzzjonijiet meħtieġa biex jiġi evitat kull riskju ta' formazzjoni ta' isomalatajon li jkun jaqbeż il-kwantitajiet massimi permessi waqt il-ħażna u t-trasport. Fejn xieraq, il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jinkludu aktar miżuri għat-trażżin tar-riskju. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikatur jippreżenta lill-Kummissjoni: — informazzjoni li tikkonferma l-valutazzjoni tar-riskju għall-konsumatur u l-valutazzjoni tar-riskju akut u fuq medda twila ta' żmien għal għasafar insettivori; — informazzjoni dwar il-kwantifikazzjoni tal-potenza differenti tal-malaoxon u l-malatajon.
301	Penoxsulam Nru CAS 219714-96-2 Nru CIPAC 758	3-(2,2-difluoroethoxy)-N-(5,8-dimethoxy[1,2,4]triazolo[1,5-c]pyrimidin-2-yl)-α,α,α-trifluoro-toluene-2-sulfonamide	> 980 g/kg L-impurità Bis-CHYMP 2-chloro-4-[2-(2-chloro-5-methoxy-4-pyrimidinyl)hydrazino]-5-methoxypyrimidine ma jridux jaqbżu ż-0,1 g/kg fil-materjal tekniku	1 ta' Awwissu 2010	31 ta' Lulju 2020	PARTI A L-użi bħala erbiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-penoxsulam, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-22 ta' Jannar 2010. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari:

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— għall-ħarsien tal-organiżmi akkwatiċi, — għall-espożizzjoni djetetika tal-konsumaturi għar-residwi tal-metabolit BSCTA f'uċuħ tar-raba' rotazzjonali suċċessivi, — għall-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tkun applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet ta' klima vulnerabbli. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jnaqqsu r-riskju, fejn ikun xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikant jippreżenta lill-Kummissjoni b'aktar informazzjoni biex jiġi indirizzat ir-riskju barra mill-għalqa għall-pjanti akkwatiċi aktar għoljin. Għandhom jiżguraw li n-notifikant jipprovdi lill-Kummissjoni b'din l-informazzjoni sal-31 ta' Lulju 2012. L-Istat Membru Relatur għandu jinforma lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 bl-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif immanifatturat kummerċjalment.
302	Proquinazid Nru CAS 189278-12-4 Nru CIPAC 764	6-iodo-2-propoxy-3-propylquinazolin-4(3H)-one	> 950 g/kg	1 ta' Awwissu 2010	31 ta' Lulju 2020	PARTI A L-użi bħala funġiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-proquinazid, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-22 ta' Jannar 2010. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — għar-riskju fit-tul lill-għasafar li jieklu l-ħanex għall-użi fid-dwieli, — għar-riskju lill-organiżmi akkwatiċi, — għall-espożizzjoni djetetika tal-konsumaturi għar-residwi ta' proquinazid fil-prodotti li joriġinaw mill-annimali u mill-uċuħ tar-raba' rotazzjonali suċċessivi, — għas-sigurtà tal-operatur.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jnaqqsu r-riskju, fejn ikun xieraq. L-Istat Membru Relatur għandu jinforma lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 bl-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif immanifatturat kummerċjalment.
303	Spirodiclofen Nru CAS 148477-71-8 Nru CIPAC 737	3-(2,4-dichlorophenyl)-2-oxo-1-oxaspiro[4.5]dec-3-en-4-yl 2,2-dimethylbutyrate	> 965 g/kg L-impuritajiet li ġejjin ma għandhomx jeċċedu ċertu ammont fil-materjal tekniku: 3-(2,4-dichlorophenyl)-4-hydroxy-1-oxaspiro[4.5]dec-3-en-2-one (BAJ-2740 enol): ≤ 6 g/kg N,N-dimethylacetamide: ≤ 4 g/kg	1 ta' Awwissu 2010	31 ta' Lulju 2020	PARTI A L-użi bħala akariċidi u insettiċidi biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-ispirodiclofen, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-22 ta' Jannar 2010. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — għar-riskju fit-tul lill-organiżmi akkwatiċi, — għas-sigurtà tal-operatur, — għar-riskju lid-duqqajs tan-naħal. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jnaqqsu r-riskju, fejn xieraq.
304	Metalaxyl Nru CAS 57837-19-1 Nru CIPAC 365	Methyl N-(methoxyacetyl)-N-(2,6-xylyl)-DL-alaninate	950 g/kg L-impurità 2,6-dimethylaniline tqieset ta' relevanza tossikoloġika u huwa stabbilit livell massimu ta' 1 g/kg.	1 ta' Lulju 2010	30 ta' Ġunju 2020	PARTI A L-użi bħala funġiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-metalaxyl, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-12 ta' Marzu 2010 għandhom jiġu kkunsidrati.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-kontaminazzjoni potenzjali tal-ilma ta' taħt l-art mis-sustanza attiva jew il-prodotti tad-degradazzjoni tagħha CGA 62826 u CGA 108906 meta s-sustanza attiva tiġi applikata fir-reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli. Għandhom jiġu applikati miżuri ta' tnaqqis tar-riskju fejn jixraq.
305	Flonicamid (IKI-220) Nru CAS 158062-67-0 Nru CIPAC 763	N-cyanomethyl-4-(trifluoromethyl)nicotinamide	≥ 960 g/kg L-impurità bit-toluene ma tistax teċċedi t-3 g/kg fil-materjal tekniku.	1 ta' Settembru 2010	31 ta' Awwissu 2020	PARTI A L-użi bħala insettiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-flonicamid, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-22 ta' Jannar 2010. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — lir-riskju għall-operaturi u d-dħul mill-ġdid tal-ħaddiema, — lir-riskju għan-naħal. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jnaqqsu r-riskju fejn ikun xieraq. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 dwar l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif kummerċjalment manifatturat.
306	Triflumizole Nru CAS 99387-89-0 Nru CIPAC 730	(E)-4-chloro-α,α,α-trifluoro-N-(1-imidazol-1-yl-2-propoxyethylidene)-o-toluidine	≥ 980 g/kg Impuritajiet: Toluene: mhux iktar minn 1 g/kg	1 ta' Lulju 2010	30 ta' Ġunju 2020	PARTI A Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala fungiċida fis-serer fuq substrati artifiċjali. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-triflumizole u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-12 ta' Marzu 2010.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti għal dan li ġej: — is-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema: il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jippreskrivu l-użu ta' tagħmir protettiv personali adegwat, — l-impatt potenzjali fuq l-organiżmi akkwatiċi u jridu jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni jinkludu, fejn jixraq, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju.
307	Sulfuryl fluoride Nru CAS 002699-79-8 Nru CIPAC 757	Sulfuryl fluoride	> 994 g/kg	1 ta' Novembru 2010	31 ta' Ottubru 2020	PARTI A L-użu biss bħala insettiċida/nematiċida (fumigant) applikat minn nies professjonali fi strutturi li jistgħu jkunu ssiġillati — li jkunu vojta; jew — fejn il-kundizzjonijiet tal-użu jaċċertaw li l-esponiment tal-konsumatur huwa aċċettabbli; jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar is-sulfuryl fluoride, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-11 ta' Mejju 2010 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari: — għar-riskju tal-fluworidu inorganiku permezz ta' prodotti kkontaminati, bħad-dqiq u n-nuħħala li jibqgħu fil-makkinarju tal-mitħna waqt il-fumigazzjoni, jew permezz ta' qmuħ li jkunu maħżuna f'fosos fil-mitħna. Għandhom jittieħdu passi biex ikun żgur li dawn il-prodotti ma jidħlux fil-katina tal-ikel jew tal-għalf, — għar-riskju għall-operaturi u għall-ħaddiema, pereżempju meta jidħlu mill-ġdid f'bini ffumigat wara l-arjazzjoni. Huma meħtieġa l-miżuri li jiżguraw li dawn jilbsu apparat li jistgħu jieħdu n-nifs minnu jew xi apparat personali protettiv xieraq ieħor,

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— jitnaqqas ir-riskju għal min jinzerta jkun fil-viċinanzi billi japplikaw żona xierqa ta' esklużjoni madwar il-bini ffumigat. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jnaqqsu r-riskju, fejn ikun meħtieġ. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikant jippreżenta l-Kummissjoni b'aktar informazzjoni u b'mod partikolari, dejta konfermattiva dwar: — il-kundizzjonijiet tal-proċess tat-tħin meħtieġa biex jiżguraw li r-residwi tal-jone tal-fluworidu fid-dqiq, fin-nuħħala u fil-qmuħ ma jeċċedux il-livelli naturali tal-isfond, — il-konċentrazzjonijiet troposferiċi tas-sulfuryl fluoride. Il-konċentrazzjonijiet imkejla għandhom ikunu aġġornati regolarment. Il-limitu ta' detezzjoni għall-analiżi għandu jkun ta' tal-anqas 0,5 ppt (ekwivalenti għal 2,1 ng sulfuryl fluoride/m3 ta' arja troposferika), — valutazzjonijiet tat-tul tal-ħajja tas-sulfuryl fluoride fl-arja bbażati fuq l-għar possibbiltajiet b'relazzjoni mal-potenzjal ta' riskaldament globali (GWP). Għandhom jiżguraw li n-notifikant jipprovdi din l-informazzjoni lill-Kummissjoni sal-31 ta' Awwissu 2012.
308	FEN 560 (magħruf ukoll bħala żerriegħa tal-fienu mitħuna) Nru CAS Xejn Nru CIPAC Xejn Is-sustanza attiva hija preparata miż-żerriegħa mitħuna tat-Trigonella foenum-graecum L. (fienu).	Mhux applikabbli	100 % żerriegħa tal-fienu mitħuna bla ebda addittivi u l-ebda estrazzjoni; iż-żerriegħa hija tajba għall-konsum mill-bniedem.	1 ta' Novembru 2010	31 ta' Ottubru 2020	PARTI A Użi bħala stimulant tal-mekkaniżmi ta' awtodifiża tal-għelejjel biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-FEN 560 (żerriegħa tal-fienu mitħuna) u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-11 ta' Mejju 2010. F'dan l-assessjar ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lir-riskju għall-operaturi, il-ħaddiema u l-osservaturi. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jnaqqsu r-riskju fejn ikun xieraq.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
309	Haloxyfop-P Nru CAS Aċidu: 95977-29-0 Ester: 72619-32-0 Nru CIPAC Aċidu: 526 Ester: 526.201	Aċidu: (R)-2-[4-(3-kloro-5-trifluworometil-2- piridilossi)fenossi]propjoniku Ester: Metil (R)-2-{}{4-[3-kloro-5-(trifluworometil)-2-piridilossi]fenossi}}-propjoniku	≥ 940 g/kg (Haloxyfop-P-metil ester)	1 ta' Jannar 2011	31 ta' Diċembru 2020	►**M168** PARTI A Jistgħu jiġu awtorizzati biss użijiet bħala erbiċid f'rati li ma jaqbżux il-0,052 kg ta' sustanza attiva għal kull ettaru għal kull applikazzjoni, u tista' tiġi awtorizzata applikazzjoni waħda biss kull tliet snin. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif jissemma fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' rieżami dwar haloxyfop-P, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Ottubru 2010. F'din il-valutazzjoni kumplessiva, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-protezzjoni tal-ilma tal-pjan mill-metabolit rilevanti tal-ħamrija DE-535 piridinon meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'kundizzjonijiet tal-ħamrija u/jew klimatiċi vulnerabbli, — lis-sikurezza tal-operaturi, u li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali adegwat; — lill-protezzjoni tal-organiżmi akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' taffija tar-riskju, fejn huwa xieraq, bħalma huma żoni ta' lqugħ adegwati; — lis-sikurezza tal-konsumaturi fir-rigward tal-okkorrenza tal-metabolit DE-535 piridinol fl-ilma tal-pjan. ◄
310	Napropammid Nru CAS 15299-99-7	(RS)-N,N-dietil-2-(1-naftilossi)propjonamid	≥ 930 g/kg (Taħlita raċemika) Impurità relevanti Toluwen: mhux iktar minn 1,4 g/kg	1 ta' Jannar 2011	31 ta' Diċembru 2020	PARTI A L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar in-napropammid, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Ottubru 2010. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti għal dan li ġej:

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— is-sikurezza tal-operatur: il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jippreskrivu l-użu ta' tagħmir protettiv personali adegwat, fejn hu neċessarju, — il-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi: il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għat-trażżin tar-riskju, fejn huwa xieraq, bħalma bħal ma huma żoni adegwati ta' lqugħ, — is-sikurezza tal-konsumatur fejn tidħol l-okkurenza fl-ilma ta' taħt l-art tal-metabolit 2-(1-naftilossi)aċidu propjoniku,minn hawn 'il quddiem "NOPA". L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiggarantixxu li l-applikant jippreżenta informazzjoni lill-Kummissjoni, li tikkonferma l-valutazzjoni ta' esponiment għall-ilma tal-wiċċ dwar il-metaboliti tal-fotoliżi u l-metabolit NOPA u l-informazzjoni dwar il-valutazzjoni tar-riskju għall-pjanti akkwatiċi, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012.
311	Kinimerak Nru CAS 90717-03-6 Nru CIPAC 563	aċidu 7-kloro-3-metil-kinolin-8-karboksilik	≥ 980 g/kg	1 ta' Mejju 2011	30 ta' April 2021	PARTI A L-użi bħala erbiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-kinimerak, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Ottubru 2010. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti għal dan li ġej: — is-sikurezza tal-ilma tal-pjan meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli; — l-espożizzjoni djetetika tal-konsumaturi għar-residwi tal-kinimerak (u l-metaboliti tiegħu) f'uċuħ tar-raba' rotazzjonali suċċessivi — ir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi u r-riskju fit-tul għall-ħniex. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu li jitressaq tagħrif rigward: — il-potenzjal tal-metaboliżmu tal-pjanti li jirriżulta fi ftuħ taċ-ċirku tal-quinoline; — ir-residwi f'uċuh tar-raba' rotazzjonali u r-riskju fit-tul għall-ħniex minħabba l-metabolit BH 518-5. Dawn għandhom jiżguraw li l-applikant jipprovdi tali dejta u informazzjoni konfermatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' April 2013.
312	Metosulam Nru CAS 139528-85-1 Nru CIPAC 707	2′,6′-dikloro-5,7-dimetoksi-3′-metil[1,2,4]triazolo [1,5-a]pirimidin-2-sulfonanilide	≥ 980 g/kg	1 ta' Mejju 2011	30 ta' April 2021	PARTI A L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-metosulam, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Ottubru 2010. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti għal dan li ġej: — għall-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art meta s-sustanza attiva tkun applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli; — ir-riskju għal organiżmi akkwatiċi; — ir-riskju għal pjanti mhux fil-mira fiż-żona 'l barra mill-għalqa. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-applikant jippreżenta lill-Kummissjoni, sat-30 ta' Ottubru 2011, aktar informazzjoni dwar l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva kif immanifatturata. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-applikant jibgħat lill-Kummissjoni, sat-30 ta' April 2013, tagħrif ta' konferma fir-rigward ta':

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— il-potenzjal ta' dipendenza tal-pH tal-assorbiment tal-ħamrija, lissija sal-ilma ta' taħt l-art u espożizzjoni għall-ilma tal-wiċċ għall-metaboliti M01 u M02; — il-ġenotossiċità potenzjali ta' impurità waħda.
313	Piridaben Nru CAS 96489-71-3 Nru CIPAC 583	2-terz-butil-5-(4-terz-butilbenżiltijo)-4-kloropirididažin-3(2H)-on	> 980 g/kg	1 ta' Mejju 2011	30 ta' April 2021	PARTI A Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala insettiċidi u akariċidi. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-piridaben u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Ottubru 2010. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti dwar dan li ġej: — is-sikurezza tal-operaturi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni tat-tagħmir ta' protezzjoni personali fejn xieraq; — ir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi, l-għasafar u l-mammiferi, — ir-riskju għall-artropodi li mhumiex fil-mira, inklużi n-naħal. Il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' mitigazzjoni u għandhom jinbdew programmi ta' sorveljanza biex tiġi vverifikata l-esponiment reali tan-naħal għall-piridaben f'żoni fejn dawn in-naħal l-iżjed ifittxu l-ikel, jew fejn jinżammu l-iżjed minn dawk li jrabbu n-naħal, skont kif ikun rilevanti. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu li jintbagħat tagħrif ta' konferma rigward: — ir-riskji għall-korpi tal-ilma mill-esponiment għall-metaboliti W-1 u B-3 tal-fotoliżi akkwea, — ir-riskju potenzjali għall-mammiferi fuq medda twila ta' żmien, — il-valutazzjoni ta' reżidwi li jinħallu fix-xaħam. Għandhom jiżguraw li l-applikant jipprovdi dan it-tagħrif konfermatorju lill-Kummissjoni sat-30 ta' April 2013.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
314	Fosfid taż-żingu Nru CAS 1314-84-7 Nru CIPAC 69	Difosfid tat-triżingu	≥ 800g/kg	1 ta' Mejju 2011	30 ta' April 2021	PARTI A Jistgħu jkunu awtorizzati l-użi biss bħala bħala rodentiċidju fil-forma ta' lixki lesti fi stazzjonijiet tal-lixki jew lokazzjonijiet fil-mira. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-fosfidu taż-żingu, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Ottubru 2010. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti għal dan li ġej: — għall-protezzjoni ta' organiżmi mhux fil-mira. Skont il-każ, għandhom ikunu applikati miżuri li jnaqqsu r-riskju, u dan b'mod partikolari biex ikun evitat it-tifrix tal-lixki fejn tkun ġiet ikkonsmata biss parti mill-kontenut.
315	Fenbukonażolu Nru CAS 114369-43-6 Nru CIPAC 694	(R,S) 4-(4-klorofenil)-2-fenil-2-(1H-1,2,4-triazol-1-ylmethyl)butyronitrile	≥ 965 g/kg	1 ta' Mejju 2011	30 ta' April 2021	PARTI A L-użi bħala funġiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-fenbukonażolu, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Ottubru 2010. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti għal dan li ġej: — is-sikurezza tal-operaturi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni tat-tagħmir ta' protezzjoni personali xieraq, — l-espożizzjoni tad-dieta tal-konsumaturi għall-fdalijiet tal-metaboliti derivattivi tat-triazole (TDMs), — ir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi u mammali.

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu s-sottomissjoni tad-dejta konfirmatorja dwar il-fdalijiet tal-metaboliti derivatttivi tat-triazole (TDMs) fil-ħxejjex primarji, ir-rotazzjoni tal-ħsad u l-prodotti tal-oriġini tal-annimali. Huma għandhom jiżguraw li l-applikant jipprovdi dawn l-istudji lill-Kummissjoni sat-30 ta' April 2013. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-applikant jissottometti lill-Kummissjoni aktar informazzjoni li tindirizza l-proprjetajiet potenzjali endokrinali li jħarbtu tal-fenbukonażolu fi żmien sentejn wara l-adozzjoni tal-linji gwida tat-test tal-OECD dwar it-tħarbit endokrinali, jew alternattivament, tal-linji gwida tat-test Komunitarji maqbula.
316	Ċiklossidim Nru CAS 101205-02-1 Nru CIPAC 510	(5RS)-2-[(EZ)-1-(etossimmino)butil]-3-idrossi-5-[(3RS)-tijan-3-il] ċikloeż-2-en-1-on	≥ 940 g/kg	1 ta' Ġunju 2011	31 ta' Mejju 2021	PARTI A L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar iċ-ċiklossidim, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-23 ta' Novembru 2010. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għar-riskju għall-pjanti mhux fil-mira. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu għas-sottomissjoni ta' aktar tagħrif rigward il-metodi għall-analiżi tar-residwi taċ-ċiklossidim fil-prodotti tal-pjanti u tal-annimali. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-applikant iressaq tali metodi ta' analiżi lill-Kummissjoni sal-31 ta' Mejju 2013.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
317	6-Benżiladenina Nru CAS 1214-39-7 Nru CIPAC 829	N6-benżiladenina	≥ 973 g/kg	1 ta' Ġunju 2011	31 ta' Mejju 2021	PARTI A Huma biss użi bħala regolatur tal-iżvilupp tal-pjanti li jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar is-6-benżiladenina u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-23 ta' Novembru 2010. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien ta'organiżmi akkwatiċi. Għandhom jiġu applikati miżuri li jnaqqsu r-riskju bħaż-żoni ta' protezzjoni, fejn xieraq.
318	Bromukonażol Nru CAS 116255-48-2 Nru CIPAC 680	1-[(2RS,4RS:2RS,4SR)-4-bromo-2-(2,4-diklorofenil) tetraidrofurfuril]-1H-1,2,4-triażol	≥ 960 g/kg	1 ta' Frar 2011	31 ta' Jannar 2021	PARTI A L-użi bħala fungiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-bromukonażol, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-23 ta' Novembru 2010. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għal dan li ġej: — lis-sikurezza tal-operaturi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni tat-tagħmir ta' protezzjoni personali adgwat fejn xieraq; — il-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għat-trażżin tar-riskju, fejn huwa xieraq, bħalma huma żoni adegwati ta' lqugħ. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li n-notifikant jippreżenta lill-Kummissjoni: — tagħrif ulterjuri dwar ir-residwi ta' metaboliti b'derivattiv ta' triażol (TDMs) f'għelejjel ewlenin, għelejjel rotazzjonali u prodotti ta' oriġini mill-annimali;

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— informazzjoni biex jindirizzaw aħjar ir-riskju fit-tul għall-għasafar u l-mammiferi erbivori. Huma għandhom jiżguraw li l-applikant, li fuq talba tiegħu il-bromukonażol ġie inkluż f'dan l-Anness, jipprovdi informazzjoni konfermatorja tali lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2013. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-applikant jibgħat aktar informazzjoni li tindirizza l-proprjetajiet potenzjali endokrinali li jħarbtu tal-bromukonażol lill-Kummissjoni fi żmien sentejn wara l-adozzjoni tal-linji gwida tat-test tal-OECD dwar it-tħarbit endokrinali, jew alternattivament, tal-linji gwida tat-test Komunitarji maqbula.
319	Miklobutanil Nru CAS 88671-89-0 Nru CIPAC 442	RS)-2-(4-klorufenil)-2-(1H-1,2,4-triażol-1-ilmetil)eżanonitril	≥ 925 g/kg L-impurità 1-metilpirrolidin-2-wieħed ma għandhiex taqbeż 1 g/kg fil-materjal tekniku	1 ta' Ġunju 2011	31 ta' Mejju 2021	PARTI A L-użu bħala funġiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-miklobutanil, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-23 ta' Novembru 2010. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għas-sigurtà tal-operatur u jkunu żguri li, fejn huwa meħtieġ, il-kundizzjonijiet għall-użu jippreskirivu l-applikazzjoni ta' tagħmir personali protettiv adattat. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri xierqa li jtaffu r-riskju, fejn meħtieġ. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu s-sottomissjoni ta' informazzjoni konfermatorja dwar ir-residwu tal-miklobutanil u l-metaboliti tiegħu biex ikunu segwiti l-istaġuni tat-tkabbir u l-informazzjoni li tikkonferma li d-dejta disponibbli dwar ir-residwu tkopri l-komposti kollha tad-definizzjoni tar-residwu. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-applikant jipprovdi dan it-tagħrif konfermatorju lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar 2013.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
320	Buprofeżin Nru CAS 953030-84-7 Nru CIPAC 681	(Z)-2-tert-butilimmino-3-iżopropil-5-fenil-1,3,5-tijadiażinan-4-on	≥ 985 g/kg	1 ta' Frar 2011	31 ta' Jannar 2021	PARTI A Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala insettiċidi u akariċidi. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-buprofeżin, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-23 ta' Novembru 2010. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti għal dan li ġej: — is-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema kif ukoll jiżguraw li, fejn hu f'loku, il-kundizzjonijiet tal-użu jimponu tagħmir xieraq ta' protezzjoni personali; — l-esponiment f'dik li hi dieta tal-konsumaturi għall-metaboliti (anilini) tal-buprofeżin fl-ikel ipproċessat; — l-applikazzjoni ta' perjodu ta' stennija xieraq għan-newbiet tal-għelejjel fisserer; — ir-riskju lill-organiżmi akkwatiċi u jiżguraw li, fejn hu lokhom, il-kundizzjonijiet tal-użu jimponu miżuri adegwati għat-trażżin tar-riskju. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu t-tressiq ta' informazzjoni ta' konferma fir-rigward tal-fatturi tal-ipproċessar u l-konverżjoni għall-valutazzjoni tar-riskju għall-konsumaturi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikant jipprovdi dan it-tagħrif konfermatorju lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar 2013.
321	Triflumuron Nru CAS 64628-44-0 Nru CIPAC: 548	1-(2-klorobenżoil)-3-[4-trifluworometossifenil] urea	≥ 955 g/kg Impuritajiet: — N,N′-bis-[4-(trifluworometossi)fenil] urea: mhux aktar minn 1 g/kg — 4-trifluworometossiannilina: mhux aktar minn 5 g/kg	1 ta' April 2011	31 ta' Marzu 2021	PARTI A Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu bħala insettiċida. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-triflumuron u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Jannar 2011. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għal dan li ġej: — il-protezzjoni tal-ambjent akkwatiku; — il-protezzjoni tan-naħal tal-għasel. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri tal-mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri tal-mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-applikant iressaq lill-Kummissjoni informazzjoni li tikkonferma fir-rigward tar-riskju fuq żmien twil għall-għasafar, ir-riskju għall-invertebrati akkwatiċi u r-riskju għall-iżvilupp tal-larvae tan-naħal. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-applikant jipprovdi dan it-tagħrif lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2013.
322	Imessażol Nru CAS 10004-44-1 Nru CIPAC 528	5-metilisoxazol-3-ol (or 5-metil-1,2-oxazol-3-ol)	≥ 985 g/kg	1 ta' Ġunju 2011	31 ta' Mejju 2021	PARTI A L-użi biss bħala funġiċida għall-gerbub taż-żerriegħa tal-pitravi taz-zokkor f'faċilitajiet professjonali tat-trattament taż-żerriegħa jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-imessażol, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-23 ta' Novembru 2010 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-evalwazzjoni ġenerali, l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti dwar dan li ġej: — is-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema. Il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' ħarsien, fejn huma xierqa. — ir-riskju għall-għasafar u l-mammali granivori. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. L-Istati Membri konċernati għandhom jitolbu l-preżentazzjoni tal-informazzjoni konfirmatorja li tirrigwarda l-fdalijiet fir-raba' tal-għeruq u r-riskju għall-għasafar u mammali granivori. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikant jipprovdi dan it-tagħrif konfermatorju lill-Kummissjoni sal-31 ta' Mejju 2013.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
323	Dodina Nru CAS 2439-10-3 Nru CIPAC 101	1-aċetat tad-dodesilgwanidinju	≥ 950 g/kg	1 ta' Ġunju 2011	31 ta' Mejju 2021	PARTI A L-użi bħala fungiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar id-dodina, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-23 ta' Novembru 2010. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti dwar dan li ġej: — ir-riskju potenzjali fuq medda twila ta' żmien għall-għasafar u l-mammali; — ir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jimponu miżuri xierqa ta' taffija tar-riskju; — ir-riskju għall-pjanti mhux fil-mira fiż-żona lil hinn mill-għalqa u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jimponu miżuri xierqa ta' taffija tar-riskju; — il-monitoraġġ tal-livelli ta' residwu fil-frott bħat-tuffieħ u l-lanġas. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu li jitressaq tagħrif ta' konferma rigward: — il-valutazzjoni tar-riskju fuq medda twila ta' żmien għall-għasafar u l-mammali, — il-valutazzjoni tar-riskju fis-sistemi naturali tal-ilma tal-wiċċ fejn potenzjalment ikunu ġew iffurmati l-metaboliti ewlenin. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikant jipprovdi dan it-tagħrif ta' konferma lill-Kummissjoni sal-31 ta' Mejju 2013.
324	Dietofenkarb Nru CAS 87130-20-9 Nru CIPAC 513	isopropil 3,4-dietossikarbanilat	≥ 970 g/kg Impuritajiet: Toluwen: mhux aktar minn 1 g/kg	1 ta' Ġunju 2011	31 ta' Mejju 2021	PARTI A L-użi bħala fungiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar id-dietofenkarb, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Jannar 2011 għandhom jiġu kkunsidrati.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu każ partikolari tar-riskji lill-organiżmi akkwatiċi u lill-artropodi li mhumiex fil-mira, u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jinkludu l-applikazzjoni ta' miżuri li jtaffu r-riskji. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu li jitressaq tagħrif ta' konferma rigward: — il-potenzjal tal-assorbiment tal-metabolit 6-NO2-DFC minn uċuħ susseguenti; — il-valutazzjoni tar-riskju għall-ispeċi artropodi li mhumiex fil-mira. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-applikant jipprovdi dan it-tagħrif lill-Kummissjoni sal-31 ta' Mejju 2013.
325	Etridiażol Nru CAS 2593-15-9 Nru CIPAC 518	etil-3-trikloorometil-1,2,4-tiadiażol-5-il etere	≥ 970 g/kg	1 ta' Ġunju 2011	31 ta' Mejju 2021	PARTI A L-użi bħala fungiċida f'sistemi mhux marbuta mal-ħamrija fis-serer jistgħu jiġu awtorizzati biss. PARTI B Waqt il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom l-etridiażol għall-użi għajr dawk fuq pjanti għat-tiżjin, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-kriterji fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u għandhom jiżguraw li tiġi pprovduta kwalunkwe informazzjoni meħtieġa qabel ma tingħata awtorizzazzjoni bħal din. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-etridiażol, u b'mod partikolari għandhom jitqiesu l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Jannar 2011. F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri għandhom: — jagħtu attenzjoni partikolari lir-riskju għall-operaturi u l-ħaddiema u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jinkludu l-applikazzjoni ta' miżuri xierqa għall-mitigazzjoni tar-riskji; — jiżguraw li jiġu applikati prattiċi xierqa għall-ġestjoni tal-iskart fir-rigward tal-ilma mormi mill-irrigazzjoni tas-sistemi ta' tkabbir mhux marbuta mal-ħamrija; L-Istati Membri li jippermettu r-rilaxx tal-ilma mormi fis-sistema tad-drenaġġ jew f'korpi tal-ilma naturali għandhom jiżguraw li ssir valutazzjoni xierqa tar-riskji;

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— jagħtu attenzjoni partikolari lir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jinkludu l-applikazzjoni ta' miżuri xierqa għall-mitigazzjoni tar-riskji. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu li titressaq informazzjoni ta' konferma rigward: 1. l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif immanifatturat kummerċjalment, permezz ta' dejta analitika xierqa; 2. ir-rilevanza tal-impuritajiet; 3. l-ekwivalenza bejn l-ispeċifikazzjonijiet tal-materjal tekniku, kif immanifatturat kummerċjalment, u dawk tal-materjal tat-test li ntuża fil-fajls tal-ekotossiċità; 4. ir-rilevanza tal-metaboliti tal-pjanti l-aċidu 5-idrossi-etossietridiażol u 3-idrossimetiletridiażol; 5. l-espożizzjoni indiretta tal-ilma ta' taħt l-art u l-organiżmi li jgħixu fil-ħamrija għall-etridiażol u għall-metaboliti tal-ħamrija tiegħu dikloro-etridiażol u l-aċidu tal-etridiażol; 6. it-trasport ta' medda twila u qasira tal-aċidu tal-etridiażol fl-atmosfera. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-applikant iressaq lill-Kummissjoni l-informazzjoni stabbilita fil-punti (1), (2) u (3) sat-30 ta' Novembru 2011 u l-informazzjoni stabbilita fil-punti (4), (5) u (6) sal-31 ta' Mejju 2013.
326	Aċidu indolibutriku Nru CAS 133-32-4 Nru CIPAC 830	4-(1H-indol-3-il)aċidu butiriku	≥ 994 g/kg	1 ta' Ġunju 2011	31 ta' Mejju 2021	PARTI A L-użu bħala regolatur tat-tkabbir tal-pjanti fil-pjanti tat-tiżjin biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-aċidu indolibutriku, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Jannar 2011 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni għall-konsistenza ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għas-sigurtà tal-operaturi u l-ħaddiema. Kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu l-applikazzjoni ta' tagħmir protettiv personali xieraq u miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju sabiex jitnaqqas l-esponiment.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu l-preżentazzjoni ta' aktar tagħrif biex jikkonfermaw: — l-assenza tal-potenzjal tal-klastroġeniċità tal-aċidu indolibutriku; — il-pressjoni tal-fwar tal-aċidu indolibutriku u, konsegwentement, studju dwar it-tossiċità mat-teħid tan-nifs; — il-konċentrazzjoni naturali tal-isfond tal-aċidu indolibutriku fil-ħamrija. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikant jipprovdi dan it-tagħrif ta' konferma lill-Kummissjoni sal-31 ta' Mejju 2013.
327	Oriżalina Nru CAS 19044-88-3 Nru CIPAC 537	3,5-dinitro-N4,N4-dipropilsulfanilammid	≥ 960 g/kg N-nitrosodipropilammina: ≤ 0.1mg/kg Toluwen: ≤ 4 g/kg	1 ta' Ġunju 2011	31 ta' Mejju 2021	PARTI A L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-oriżalina, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Jannar 2011 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti dwar dan li ġej: — is-sikurezza tal-operaturi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jinkludu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali xieraq; — il-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi u pjanti mhux fil-mira; — il-protezzjoni tal-ilma taħt l-art, meta s-sustanza attiva tkun applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet ta' klima vulnerabbli; — ir-riskju għall-għasafar u l-mammiferi erbivori; — ir-riskju għan-naħal fl-istaġun tal-fjur. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom iwettqu programmi ta' monitoraġġ biex jivverifikaw it-tniġġis potenzjali tal-ilma taħt l-art mill-metaboliti OR13 (4) u OR15 (5) f'żoni vulnerabbli, fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu li tintbagħat informazzjoni ta' konferma dwar:

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						(1) l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku, kif manifatturat kommerċjalment, b'dejta analitika xierqa, inkluża informazzjoni dwar ir-rilevanza tal-impuritajiet li għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità jissemmgħu bħala l-impuritajiet 2, 6, 7, 9, 10, 11, 12; (2) ir-rilevanza tal-materjali tat-test użat fid-dossiers tat-tossiċità fid-dawl tal-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku; (3) il-valutazzjoni tar-riskju għall-organiżmi akkwatiċi; (4) ir-rilevanza tal-metaboliti OR13 u OR15, u l-valutazzjoni tar-riskju għall-ilma ta' taħt l-art korrispondenti, kemm-il darba l-oriżalina tiġi kklassifikata skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 bħala "issuspettat li jikkawża l-kanċer". L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-applikant iressaq lill-Kummissjoni l-informazzjoni stabbilita fil-punti (1) u (2) sat-30 ta' Novembru 2011 u l-informazzjoni stabbilita fil-punti (3) sal-31 ta' Mejju 2013. L-informazzjoni stabbilita fil-punt (4) għandha tintbagħat fi żmien sitt xhur minnotifika ta' deċiżjoni li tikklassifika l-oriżalina.
328	Tau fluvalinat Nru CAS 102851-06-9 Nru CIPAC 786	(RS)-α-ċjano-3-fenossibenżil N-(2-kloro-α,α α- trifluoro-p-tolil)-D-valinat (Proporzjon Isomer 1:1)	≥ 920 g/kg (proporzjon 1:1 ta' R-α-ċjano u S-α-ċjano iżomeri) Impuritajiet: Toluwen: mhux aktar minn 5 g/kg	1 ta' Ġunju 2011	31 ta' Mejju 2021	PARTI A Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala insettiċidi u akariċidi. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-tau-fluvalinat, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Jannar 2011. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti dwar dan li ġej: — ir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' miżuri xierqa ta' taffija tar-riskju; — ir-riskju għall-artropodi mhux fil-mira u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' miżuri xierqa ta' taffija tar-riskju; — li l-materjal tat-test użat fil-fajls tat-tossiċità għandu jiġi mqabbel u vverifikat ma' din l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku mmanifatturat b'mod kummerċjali.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu li jitressaq tagħrif ta' konferma rigward: — ir-riskju ta' bijoakkumulazzjoni/bijotkabbir fl-ambjent akkwatiku; — lir-riskju għall-artropodi mhux fil-mira; L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-applikant jipprovdi dan it-tagħrif konfermatorju lill-Kummissjoni sal-31 ta' Mejju 2013. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-applikant jippreżenta lill-Kummissjoni tagħrif konfermatorju, sentejn wara l-adozzjoni ta' gwida speċifika, fir-rigward: — tal-impatt possibbli fuq l-ambjent tad-degradazzjoni potenzjali antiselettiva fil-matriċijiet ambjentali.
▼M27						
329	Kletodim Nru tal-CAS *99129-21-2* Nru CIPAC 508	(5RS)-2-(1EZ)-1-[(2E)-3-kloroallilossimino]propil-5-[(2RS)-2-(etiltijo)propil]-3-idrossiċikloeks-2-en-1-on	≥ 930 g/kg Impuritajiet: tolwen massimu ta' 4 g/kg	l-1 ta' Ġunju 2011	il-31 ta' Mejju 2021	PARTI A L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-kletodim u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-9 ta' Diċembru 2011. F'din il-valutazzjoni kumplessiva l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi, għasafar u mammiferi, u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet għall-użu jinkludu l-applikazzjoni ta' miżuri adegwati ta' mitigazzjoni tar-riskju. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu li jitressaq tagħrif ta' konferma, fuq il-bażi tal-iktar tagħrif xjentifiku reċenti, rigward: — il-valutazzjonijiet tal-espożizzjoni tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art, — id-definizzjoni tar-residwu għall-valutazzjoni tar-riskju. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-applikant jibgħat dan it-tagħrif ta' konferma lill-Kummissjoni sal-31 ta' Mejju 2013.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
330	Bupirimat Nru CAS 41483-43-6 Nru CIPAC 261	5-butil-2-etilammino-6-metilpirimidin-4-il dimetilsulfamat	≥ 945 g/kg Impuritajiet: Etirimol: Massimu ta' 2 g/kg Toluwen: massimu ta' 3 g/kg	1 ta' Ġunju 2011	31 ta' Mejju 2021	PARTI A L-użi bħala fungiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-bupirimat, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Jannar 2011. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti dwar dan li ġej: — il-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jnaqqsu r-riskju, fejn ikun meħtieġ, — il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jnaqqsu r-riskju fejn ikun xieraq, — ir-riskju fil-qasam għall-artropodi mhux fil-mira. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu li jitressaq tagħrif ta' konferma rigward: (1) l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif immanifatturat kummerċjalment, permezz ta' dejta analitika xierqa; l-inklużjoni ta' tagħrif dwar ir-rilevanza tal-impuritajiet, (2) l-ekwivalenza bejn l-ispeċifikazzjonijiet tal-materjal tekniku; kif immanifatturat kummerċjalment, u dawk tal-materjal tat-test użat fil-fajls dwar it-tossiċità, (3) il-parametri kinetiċi, id-degradazzjoni tal-ħamrija u l-parametru tal-assorbiment u d-deassorbiment għall-metabolit prinċipali tal-ħamrija, id-DE-B [6]. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-applikant jibgħat tali dejta u informazzjoni ta' konferma lill-Kummissjoni stabbiliti fil-punt (1) u (2) sat-30 ta' Novembru 2011 u l-informazzjoni stabbilita fil-punt (3) sal-31 ta' Mejju 2013.

▼B

Numru	Isem komuni, numri ta' identifikazzjoni	Isem IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M112						
▼B						
332	Fenossikarb Nru CAS 79127-80-3 Nru CIPAC: 425	Etil 2-(4-fenossifenossi)etil karbamat	≥ 970 g/kg Impuritajiet: Toluwen: massimu ta' 1 g/kg	1 ta' Ġunju 2011	31 ta' Mejju 2021	PARTI A Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu bħala insettiċida. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-fonessikarb, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Jannar 2011. F'din il-valutazzjoni kumplessiva, l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti dwar dan li ġej: — il-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju, fejn xieraq, — ir-riskju għan-naħal u l-artropodi mhux fil-mira. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu l-preżentazzjoni ta' tagħrif li jikkonferma l-valutazzjoni tar-riskju għal artropodi mhux fil-mira u għad-duqqajs tan-naħal. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-applikant jipprovdi dan it-tagħrif lill-Kummissjoni sal-31 ta' Mejju 2013.
						F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għal: (1) il-fatt li l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif immanifatturat kummerċjalment għandha tkun ikkonfermata u appoġġata b'dejta analitika xierqa. Il-materjal tat-test użat fil-fajls tat-tossiċità għandu jiġi mqabbel u vverifikat ma' din l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku; (2) il-possibbiltà ta' kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'kundizzjonjiet vulnerabbli tal-ħamrija u/jew tal-klima; (3) il-protezzjoni tal-organiżmi akkwatiċi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni jinkludu miżuri ta' tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu t-tressiq ta' informazzjoni ta' konferma fir-rigward il-valutazzjoni tar-riskju fuq l-ilma ta' taħt l-art u l-organiżmi akkwatiċi. In-notifikatur għandu jressaq tali informazzjoni lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità sal-31 ta' Diċembru 2013.

▼M6

5	Imażalil Nru CAS 35554-44-0 73790-28-0 (sostitwit) Nru CIPAC 335	(RS)-1-(β-allilossi-2,4-diklorofenetil)imidażol jew allil (RS)-1-(2,4-diklorofenil)-2-imidażol-1-iletil eteru	≥ 950 g/kg	fl-1 ta' Jannar 2012.	fil-31 ta' Diċembru 2021.	PARTI A L-użi bħala funġiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-imażalil, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-17 ta' Ġunju 2011.

▼M6

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						F'din il-valutazzjoni kumplessiva l-Istati Membri għandhom: (1) joqogħdu partikolarment attenti għall-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif immanifatturat kummerċjalment li għandha tkun ikkonfermata u appoġġjata b'dejta analitika xierqa. Il-materjal tat-test użat fid-dossiers tat-tossiċità għandu jiġi mqabbel u vverifikat ma' din l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku; (2) joqogħdu partikolarment attenti għas-sitwazzjoni ta' esponiment akut tad-dieta tal-konsumaturi fid-dawl ta' reviżjonijiet futuri tal-livelli massimi ta' residwu; (3) joqogħdu partikolarment attenti għas-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema. Il-kundizzjonijiet awtorizzati ta' użu għandhom jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir protettiv personali adegwat u ta' miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju biex jitnaqqas l-esponiment; (4) jiżguraw li jiġu implimentati prattiki xierqa ta' mmaniġġjar tal-iskart biex tiġi trattata s-soluzzjoni tal-iskart li tibqa' wara l-applikazzjoni, bħal pereżempju l-ilma tat-tindif tas-sistema tat-tixrib u r-rimi tal-iskart tal-ipproċessar. Prevenzjoni ta' tixrid aċċidentali ta' soluzzjoni tat-trattament. L-Istati Membri li jippermettu r-rilaxx tal-ilma użat fis-sistema tad-drenaġġ għandhom jiżguraw li ssir valutazzjoni lokali tar-riskju; (5) joqogħdu partikolarment attenti għar-riskju għall-organiżmi akkwatiċi u mikroorganiżmi li jgħixu fil-ħamrija u r-riskju fuq medda twila ta' żmien għal għasafar u mammiferi li jieklu ż-żrieragħ taċ-ċereali. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jnaqqsu r-riskju, fejn xieraq. In-notifikatur għandu jippreżenta tagħrif konfermatorju fir-rigward ta' dan li ġej: (a) ir-rotta tad-degradazzjoni tal-imażalil fil-ħamrija u s-sistemi tal-ilma tal-wiċċ;

▼M6

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						(b) id-dejta ambjentali biex tappoġġja l-miżuri ta' ġestjoni li l-Istati Membri għandhom jimplimentaw biex jiżguraw li l-esponiment tal-ilma ta' taħt l-art huwa negliġibbli; (ċ) l-istudju tal-idroliżi biex tiġi investigata n-natura tar-residwi fil-prodotti bażiċi pproċessati. In-notifikatur għandu jippreżenta dan it-tagħrif lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità sal-31 ta' Diċembru 2013.
▼M3 6	Proeżadjon CAS Nru 127277-53-6 (*proeżadjon-kalċju*) CIPAC Nru 567 (*proeżadjon*) Nru 567.020 (*proeżadjon-kalċju*)	3,5-diosso-4-aċidu propjonilċikloeżankarbossiliku	≥ 890 g/kg (espress bħala proeżadjon-kalċju)	fl-1 ta' Jannar 2012	fil-31 ta' Diċembru 2021	PARTI A Huma biss użi bħala regolatur tal-iżvilupp tal-pjanti li jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-proeżadjon, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-17 ta' Ġunju 2011.
▼M13 7	Spirossammina Nru CAS 1181134-30-8 Nru CIPAC 572	8-*tert*-butil-1,4-diossaspiro[4.5]dekan-2-ilmetil(etil)(propil)ammina (ISO)	≥ 940 g/kg (diastereomeri A u B ikkombinati)	l-1 ta' Jannar 2012	il-31 ta' Diċembru 2021	PARTI A L-użi bħala funġiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitiqesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-ispirossammina, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-17 ta' Ġunju 2011. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri jridu joqogħdu partikolarment attenti għal dan li ġej: (1) ir-riskju tal-operaturi u l-ħaddiema u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jinkludu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali xieraq;

▼M13

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						(2) il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'kundizzjonijiet tal-ħamrija u/jew klimatiċi vulnerabbli; (3) ir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jnaqqsu r-riskju, fejn xieraq. In-notifikatur għandu jippreżenta informazzjoni konfermatorja fir-rigward ta' dan li ġej: (a) l-impatt possibbli fuq il-ħaddiem, il-konsumatur u l-valutazzjoni tar-riskju ambjentali tad-degradazzjoni stereoselettiva potenzjali ta' kull isomeru fil-pjanti, l-annimali u l-ambjent; (b) it-tossiċità tal-metaboliti tal-pjanti ffurmati fir-raba' tal-frott u l-idroliżi potenzjali tar-residwi tar-raba tal-frott fil-prodotti bażiċi pproċessati; (c) il-valutazzjoni tal-esponiment tal-ilma ta' taħt l-art għall-metabolit M03 ([7]); (d) ir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi. In-notifikatur għandu jippreżenta lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità, l-informazzjoni stabbilita fil-punt (a) sa sentejn wara l-adozzjoni ta' gwida speċifika u l-informazzjoni stabbilita fil-punti (b), (c) u (d) sal-31 ta' Diċembru 2013.

▼M18

8	Krežossim-metil Nru CAS 143 390-89-0 Nru CIPAC 568	metil (E)-metossimmino[a-(o-tolilossi)-o-tolil]aċetat	≥ 910 g/kg Metanol: massimu ta' 5 g/kg Klorur tal-metil: massimu ta' 1 g/kg Toluwen: massimu ta' 1 g/kg	l-1 ta' Jannar 2012	il-31 ta' Diċembru 2021	PARTI A Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala fungiċida. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-krežossim-metil u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-17 ta' Ġunju 2011.

▼M18

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-ilma ta' taħt l-art f'kundizzjonijiet vulnerabbli, u l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri tat-taffija tar-riskju. L-applikant għandu jibgħat informazzjoni ta' konferma dwar: L-esponiment tal-ilma ta' taħt l-art u b'mod partikolari: — l-istudju tal-lisimetru biex jappoġġa l-fatt li żewġ quċċati mhux identifikati ma jikkorrispondux għal metaboliti li individwalment jaqbżu l-valur ta' skattar ta' 0,1 μg/L; — l-irkupru tal-metabolit BF 490-5 sabiex tkun ikkonfermata l-assenza tiegħu fil-lissija tal-lisimetru f'livelli ogħla minn 0,1 μg/L; — valutazzjoni tar-riskju tal-esponiment tal-ilma ta' taħt l-art għall-applikazzjoni tard għat-tuffieħ/lanġas u l-għeneb. L-applikant għandu jressaq tali informazzjoni lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità sal-31 ta' Diċembru 2013.

▼M8

9	Fluroksipir CAS Nru 69377-81-7 Nru ta' CIPAC 431	4-amino-3,5-dikloro-6-fluoro-2-aċidu piridilossiaċetiku	≥ 950 g/kg (flurossipir-meptil)	fl-1 ta' Jannar 2012.	fil-31 ta' Diċembru 2021.	PARTI A L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-flurossipir, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-17 ta' Ġunju 2011.

▼M8

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						F'din il-valutazzjoni kumplessiva l-Istati Membri għandhom: (1) jagħtu attenzjoni partikolari lill-potenzjal ta' kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art mill-metabolit flurossipir piridinol, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġuni b'ħamrija alkalina jew vulnerabbli u/jew b'kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli; (2) għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lir-riskju lill-organiżmi akkwatiċi. Fejn xieraq, il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jnaqqsu r-riskju. In-notifikant għandu jibgħat informazzjoni ta' konferma dwar: (a) ir-rilevanza tal-impuritajiet preżenti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi; (b) ir-rilevanza tal-materjali tat-test użati fid-dossiers tat-tossiċità fid-dawl tal-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku; (c) ir-relevanza tossikoloġika tal-metaboliti flurossipir piridinol u flurossipir metossipiridin; (d) il-metodi analitiċi tar-residwi għall-pjanti; (e) id-destin tal-esteri tal-flurossipir fil-matriċijiet tal-annimali; (f) lir-riskju fit-tul lill-ħniex u l-organiżmi tal-ħamrija. In-notifikant għandu jibgħat lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità l-informazzjoni stipulata fil-punt (a) u (b) sal-1 ta' Lulju 2012, u l-informazzjoni stipulata fil-punti (c), (d), (e) u (f) sal-31 ta' Diċembru 2013.

▼M15

10	Teflutrina Nru CAS: *79538-32-2* Nru CIPAC: 451	2,3,5,6-tetrafluworo-4-metilbenżil (1*RS, 3RS*)-3-[(*Z*)-2-kloro-3,3,3-trifluworoprop-1-enil]-2,2-dimetilċiklopropanekarbossilat It-teflutrina hija taħlita 1:1 ta' *Z*-(1*R*, 3*R*) u *Z*-(1*S*, 3*S*) enantiomeri.	≥ 920 g/kg Eżaklorobenżin: mhux iktar minn 1 mg/kg	1 ta' Jannar 2012	31 ta' Diċembru 2021	PARTI A L-użu bħala insettiċida biss jista' jiġi awtorizzat. Il-kisi taż-żerriegħa għandu jsir biexx f'faċilitajiet professjonali tat-trattament taż-żerriegħa. Dawn il-faċilitajiet għandhom japplikaw l-aħjar tekniċi disponibbli sabiex ikun eskluż il-ħruġ tat-trabijiet waqt il-ħażna, it-trasport u l-applikazzjoni.

▼M15

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-teflutrina u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-17 ta' Jannar 2011. F'din il-valutazzjoni kumplessiva l-Istati Membri għandhom jagħtu kas partikolari: — lis-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema u, fost il-kundizzjonijiet awtorizzati għall-użu, jinkludu l-applikazzjoni ta' tagħmir xieraq ta' protezzjoni personali kif ukoll ta' tagħmir protettiv respiratorju adegwat; — ir-riskju għall-għasafar u l-mammiferi. Għandhom jiġu applikati miżuri li jrażżnu r-riskju biex ikun hemm grad għoli ta' inkorporazzjoni fil-ħamrija u biex jiġi evitat li s-sustanza tinxtered; — l-assigurazzjoni li t-tikketta taż-żerriegħa trattata tinkludi l-indikazzjoni li ż-żrieragħ ġew trattati bit-teflutrina u li hija stipulata fil-miżuri tat-tnaqqis tar-riskji previsti fl-awtorizzazzjoni; L-applikant għandu jressaq informazzjoni li tikkonferma fir-rigward: (1) l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku, kif immanifatturat kummerċjalment, (2) il-metodu analitiku vvalidat għall-ilma, (3) l-impatt ambjentali li possibbilment jista' jirriżulta mid-degradazzjoni/konverżjoni preferenzjali tal-iżomeri flimkien ma' stima tat-tossiċità relattiva u valutazzjoni tar-riskju għall-ħaddiema. L-applikant għandu jressaq lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità, l-informazzjoni stabbilita fil-punt (1) sat-30 ta' Ġunju 2012, l-informazzjoni stabbilita fil-punt (2) sal-31 ta' Diċembru 2012, u l-informazzjoni stabbilita fil-punt (3) sentejn wara l-adozzjoni ta' dokument ta' gwida speċifika dwar l-evalwazzjoni tat-taħlita tal-iżomeri.

▼M1

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M14						
11	Ossifluworfen Nru CAS 42874-03-3 Nru CIPAC 538	2-kloro-α,α,α-triflworo-*p*-tolil 3-etossi-4-nitrofenil etere	≥ 970 g/kg Impuritajiet: N,N-dimetilnitrosammin: mhux aktar minn 50 µg/kg,	1 ta' Jannar 2012	31 ta' Diċembru 2021	PARTI A Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala erbiċida għal applikazzjonijiet identifikati qrib il-ħamrija mill-ħarifa sal-bidu tar-rebbiegħa. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-ossiflworfen u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-17 ta' Ġunju 2011. F'din il-valutazzjoni kumplessiva l-Istati Membri għandhom: (a) jagħtu attenzjoni partikolari għas-sikurezza tal-operatur u jiżguraw li l-kondizzjonijiet tal-użu jippreskrivu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali fejn ikun xieraq; (b) jagħtu attenzjoni partikolari għar-riskji għall-organiżmi akkwatiċi, il-mammali li jieklu d-dud tal-art, makroorganiżmi li jgħixu fil-ħamrija, artropodi mhux fil-mira u pjanti mhux fil-mira. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-taffija tar-riskju, fejn xieraq. L-applikant għandu jibgħat tagħrif ta' konferma dwar: (1) l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif immanifatturat kummerċjalment inkluż tagħrif dwar ir-rilevanza tal-impuritajiet; (2) l-ekwivalenza bejn l-ispeċifikazzjonijiet tal-materjal tekniku, kif immanifatturat kummerċjalment, u l-ispeċifikazzjonijiet tal-materjal tat-test li ntuża fl-istudju dwar it-tossiċità; (3) ir-riskju potenzjali għall-organiżmi akkwatiċi minħabba s-sustanza attiva u l-metaboliti RH-45469 ([8]), MW 306 ([9]), MW 347 ([10]), MW 274 ([11]) u l-metabolit Deg 27 mhux identifikat;

▼M14

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						(4) ir-riskju potenzjali mill-bijoakkumulazzjoni u l-bijomanjifikazzjoni fil-katina alimentari akkwatika, inkluži l-organiżmi li jgħixu fil-ħama; (5) dejta ta' espożizzjoni għall-applikazzjoni identifikata xierqa għall-użu bħala kejl tat-taffija ta' tifrix. L-applikant għandu jibgħat lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità t-tagħrif stabbilit fil-punti (1) u (2) sat-30 ta' Ġunju 2012 u t-tagħrif stabbilit fil-punti (3) sa (5) sal-31 ta' Diċembru 2013.
▼M10 12	1-naftilaċetammid Nru CAS 86-86-2 Nru CIPAC 282	2-(1-naftil)aċetammid	≥ 980 g/kg	l-1 ta' Jannar 2012	il-31 ta' Diċembru 2021	PARTI A L-użi bħala regolatur tal-iżvilupp tal-pjanti biss jistgħu jiġu awtorizzati PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-1-naftilaċetammid u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-17 ta' Ġunju 2011. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri: (a) għandhom jagħtu kas partikolari tar-riskju għall-operaturi u l-ħaddiema u jiżguraw li l-kundizzjonijiet għall-użu jinkludu l-applikazzjoni ta' tagħmir protettiv personali adegwat fejn xieraq; (b) għandhom jagħtu kas partikolari għall-ħarsien tal-ilma ta' taħt l-art meta s-sustanza attiva tkun applikata f'reġjuni b'kondizzjonijiet klimatiċi u/jew ħamrija vulnerabbli; (c) għandhom jagħtu kas partikolari tar-riskju għall-organiżmi akkwatiċi;

▼M10

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						(d) għandhom jagħtu kas partikolari tar-riskju għall-pjanti mhux fil-mira; (e) għandhom jagħtu kas partikolari tar-riskju għall-għasafar. Il-kondizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq. L-applikant għandu jissottometti tagħrif konfermatorju fir-rigward ta': (1) ir-riskju għall-pjanti mhux fil-mira; (2) ir-riskju fit-tul għall-għasafar. L-applikant għandu jissottometti lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità informazzjoni bħal din sal-31 ta' Diċembru 2013.

▼M11

13	Aċidu 1-naftilaċetiku Nru CAS 86-87-3 Nru CIPAC 313	Aċidu 1-naftilaċetiku	≥ 980 g/kg	fl-1 ta' Jannar 2012.	fil-31 ta' Diċembru 2021.	PARTI A Huma biss l-użi bħala regolatur tal-iżvilupp tal-pjanti li jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi, kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-aċidu 1-naftilaċetiku, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-17 ta' Ġunju 2011. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom: (a) jagħtu kas partikolari tas-sikurezza tal-operaturi u l-ħaddiema u jiżguraw li l-kundizzjonijiet għall-użu jinkludu l-użu ta' tagħmir protettiv personali adegwat. fejn xieraq; (b) jagħtu kas partikolari tal-espożizzjoni djetetika tal-konsumaturi fid-dawl tar-reviżjonijiet futuri tal-livelli massimi tar-residwi;

▼M11

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						(c) jagħtu kas partikolari tal-ħarsien tal-ilma ta' taħt l-art meta s-sustanza attiva tkun applikata fir-reġjuni b'kundizzjonijiet klimatiċi u/jew ħamrija vulnerabbli; (d) jagħtu kas partikolari tar-riskju lill-organiżmi akkwatiċi; (e) jagħtu kas partikolari għar-riskju lill-għasafar. Il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq. L-applikant għandu jibgħat informazzjoni ta' konferma dwar: (1) ir-rotta u r-rata ta' degradazzjoni fil-ħamrija inkluż valutazzjoni tal-potenzjal għall-fotoliżi; (2) ir-riskju fit-tul lill-għasafar. L-applikant għandu jibgħat din l-informazzjoni lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sal-31 ta' Diċembru 2013.

▼M16

14	Flukwinkonażol Nru CAS 136426-54-5 Nru CIPAC 474	3-(2,4-diklorofenil)-6-flworo-2-(1*H*-1,2,4-triażol-1-yl)kwina-żolin-4(3*H*)-on	≥ 955 g/kg	l-1 ta' Jannar 2012	il-31 ta' Diċembru 2021	PARTI A L-użi bħala funġiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-flukwinkonażol u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-17 ta' Ġunju 2011. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri: (a) għandhom jagħtu kas partikolari tar-riskju għall-operaturi u l-ħaddiema u jiżguraw li l-kondizzjonijiet għall-użu jinkludu l-applikazzjoni ta' tagħmir protettiv personali adegwat fejn xieraq;

▼M16

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						(b) għandhom jagħtu kas partikolari tal-espożizzjoni djetetika tal-konsumaturi għar-residwi tal-metaboliti derivattivi tat-triażol (TDMs); (ċ) għandhom jagħtu kas partikolari tar-riskju għall-għasafar u l-mammiferi. Il-kondizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq. L-applikant għandu jissottometti tagħrif konfermatorju fir-rigward ta': (1) ir-residwi tal-metaboliti derivattivi tat-triażol (TDMs) fl-għelejjel primarji, l-għelejjel rotazzjonali u l-prodotti ta' oriġini mill-annimali; (2) il-kontribut tar-residwi potenzjali tal-metabolit dion fl-għelejjel rotazzjonali għall-espożizzjoni ġenerali tal-konsumatur; (3) ir-riskju akut għall-mammiferi insettivori; (4) ir-riskju fit-tul għall-għasafar u l-mammiferi insettivori u erbivori; (5) ir-riskju għall-mammiferi li jieklu l-ħniex; (6) il-potenzjal li jinħoloq xkiel endokrinali fl-organiżmi akkwatiċi (studju taċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tal-ħut). L-applikant għandu jissottometti lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità tagħrif bħal dan sal-31 ta' Diċembru 2013.

▼M12

15	Fluważifop-P Nru CAS 83066-88-0 (fluważifop-P) Nru CIPAC 467 (fluważifop-P)	(*R*)-2-{4-[5-(trifluworometil)-2-piridilossi]-fenossi}aċtu propjoniku (fluważifop-P)	≥ 900 g/kg fil-fluważifop-P-butil L-impurità li ġejja 2-kloro-5-(trifluworometil)piridin ma għandhiex taqbeż il-1,5 g/kg fil-materjal kif manifatturat	1- ta' Jannar 2012	il-31 ta' Diċembru 2021	►M53 PARTI A Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu bħala erbiċida. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-fluważifop-P, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-1 ta' Frar 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom: — jagħtu kas tas-sikurezza tal-konsumatur fir-rigward tal-okkurenza tal-metabolit kompost X ([5]) fl-ilma ta' taħt l-art,

▼M12

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— għandhom jagħtu kas partikolari għas-sikurezza tal-operaturi u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet għall-użu jinkludu l-applikazzjoni ta' tagħmir personali protettiv adegwat, fejn xieraq, — għandhom jagħtu kas partikolari tal-protezzjoni tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art f'żoni vulnerabbli, — għandhom jagħtu kas partikolari tar-riskju ta' pjanti li mhumiex fil-mira. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju. L-applikant għandu jressaq informazzjoni li tikkonferma fir-rigward ta' dawn li ġejjin: (1) l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku, kif kummerċjalment manifatturat, inkluż it-tagħrif dwar ir-rilevanza tal-impurità R154719; (2) l-ekwivalenza bejn l-ispeċifikazzjonijiet tal-materjal tekniku, kif immanifatturat kummerċjalment, u l-ispeċifikazzjonijiet tal-materjal tat-test li ntuża fl-istudji tat-tossiċità; (3) ir-riskju fit-tul potenzjali għall-mammiferi erbivori; (4) id-destin u l-imġiba fl-ambjent tal-metaboliti komposti X ([5]) u IV ([6]); (5) ir-riskju potenzjali għall-ħut u għall-invertebri akkwatiċi mill-metabolit kompost IV ([6]). L-applikant għandu jressaq lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità l-informazzjoni stabbilita fil-punti (1) u (2) sat-30 ta' Ġunju 2012 u l-informazzjoni stabbilita fil-punti (3), (4) u (5) sal-31 ta' Diċembru 2013. ◄

▼M19

16	Terbutilażin Nru CAS 5915-41-3 Nru CIPAC 234	N2-tert-butil-6-kloro-N4-etil-1,3,5-trijażin-2,4-dijamin	≥ 950 g/kg Impuritajiet: Propażin: mhux iktar minn 10 g/kg Atrażin: mhux iktar minn 1 g/kg Simażin mhux iktar minn 30 g/kg	l-1 ta' Jannar 2012	il-31 ta' Diċembru 2021	PARTI A L-użi bħala erbiċida biss jistgħu jkunu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-terbutilażin u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-17 ta' Ġunju 2011.

▼M19

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						F'din il-valutazzjoni kumplessiva l-Istati Membri għandhom jagħtu kas partikolari għal dan li ġej: (a) il-protezzjoni tal-ilma taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kondizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli; (b) ir-riskju għall-mammiferi u l-ħniex tal-art. Il-kondizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju u u l-obbligu li jitwettqu programmi biex jeżaminaw il-kontaminazzjoni potenzjali tal-ilma ta' taħt l-art; fiż-żoni li huma vulnerabbli, fejn dan huwa xieraq. L-applikant għandu jissottometti informazzjoni konfirmatorja fir-rigward ta': (1) l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif immanifatturat kummerċjalment, skont dejta analitika xierqa, inkluża informazzjoni dwar ir-rilevanza tal-impuritajiet; (2) l-ekwivalenza bejn l-ispeċifikazzjonijiet tal-materjal tekniku, kif immanifatturat kummerċjalment, u l-ispeċifikazzjonijiet tal-materjal tat-test li ntuża fl-istudji tat-tossiċità; (3) il-valutazzjoni tal-espożizzjoni tal-ilma ta' taħt l-art għall-metaboliti mhux identifikati LM1, LM2, LM3, LM4, LM5 u LM6; (4) ir-rilevanza tal-metaboliti MT1 (N-tert-butil-6-kloro-1,3,5-trijażin-2,4-dijamin), MT13 (4-(tert-butilamino)-6-(etilamino)-1,3,5-trijażin-2-ol jew 6-idroksi-N2-etil-N4- tert-butil-1,3,5-trijażin-2,4-dijamin), MT14 (4-amino-6-(tert-butilamino)-1,3,5-trijażin-2-ol jew N-tert-butil-6-idroksi-1,3,5-trijażin-2,4-dijamin) u tal-metaboliti mhux identifikati LM1, LM2, LM3, LM4, LM5 u LM6 fir-rigward tal-kanċer, jekk it-terbutilażin huwa kklassifikat skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 bħala "ssuspettat li jikkawża l-kanċer". L-applikant għandu jippreżenta lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità l-informazzjoni stabbilita fil-punti (1) u (2) sat-30 ta' Ġunju 2012, l-informazzjoni stabbilita fil-punt (3) sat-30 ta' Ġunju 2013 u l-informazzjoni stabbilita fil-punt (4) fi żmien sitt xhur min-notifika tad-deċiżjoni tal-klassifikazzjoni li tikkonċerna dik is-sustanza.

▼M1

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M17						
17	Triażossidu Nru CAS 72459-58-6 Nru CIPAC 729	7-kloro-3-imidażol-1-il-1,2,4-benżotriażina 1-ossidu	≥ 970 g/kg Impuritajiet: toluwina: mhux aktar minn 3 g/kg	l-1 ta' Ottubru 2011	it-30 ta' Settembru 2021	PARTI A Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu bħala funġiċida għat-trattament taż-żrieragħ. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jiġu kkunsidrati l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-triażossidu, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif finalizzati fis-17 ta' Ġunju 2011 fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri: (a) għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tal-operaturi u tal-ħaddiema u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jinkludu l-applikazzjoni ta' tagħmir protettiv personali adegwat, fejn meħtieġ; (b) għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lir-riskju għall-għasafar granivori u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni jinkludu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju. L-applikant għandu sat-30 ta' Settembru 2013 sabiex jippreżenta lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità, informazzjoni konfermatorja fir-rigward tar-riskju fit-tul għall-mammiferi granivori.
▼M21						
18	8-idrossikwinolina Nru CAS 148-24-3 (8-idrossikwinolina) Nru CIPAC 677 (8-idrossikwinolina)	8-kwinolinol	≥ 990 g/kg	fl-1 ta' Jannar 2012.	Il-31 ta' Diċembru 2021	PARTI A L-użu bħala funġiċida u batteriċida fis-serrer biss jista' jiġi awtorizzat. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar 8-idrossikwinolina u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-15 ta' Lulju 2011.

▼M21

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għas-sigurtà tal-operatur u jkunu żguri li, fejn huwa meħtieġ, il-kundizzjonijiet tal-użu jinkludu l-applikazzjoni ta' tagħmir personali protettiv adattat. L-applikant għandu jibgħat informazzjoni ta' konferma dwar 8-idrossikwinolina u l-imluħ tagħha dwar: (1) il-metodu ta' analiżi għall-arja; (2) stabilità ta' ħażna ġdida li tkopri l-perjodi taż-żmien ta' ħażna tal-kampjuni kemm mill-istudju tal-metaboliżmu kif ukoll mill-provi tar-residwi ssorveljati. L-applikant għandu jibgħat din l-informazzjoni lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sal-31 ta' Diċembru 2013.

▼M20

19	Akrinatrina Nru CAS 101007-06-1 Nru CIPAC 678	(*S*)-α-ċjano-3-fenossibenżil (*Z*)-(1*R*,3*S*)-2,2-dimetil-3-[2-(2,2,2-trifluworo-1-trifluworometiletossikarbonil)-vinil]ċiklopropankarbossilat jew (*S*)-α-ċjano-3-fenossibenżil (*Z*)-(1*R*)-*cis*-2,2-dimetil-3-[2-(2,2,2-trifluworo-1-trifluworometiletossikarbonil)vinil]ċiklopropankarbossilat	≥ 970 g/kg Impuritajiet: 1,3-diċikloessilurea: mhux iktar minn 2 g/kg	fl-1 ta' Jannar 2012.	fil-31 ta' Diċembru 2021.	PARTI A Huma awtorizzati biss l-użi bħala insettiċida u akariċida f'rati li ma jaqbżux l-22,5 g/ha għal kull applikazzjoni. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitiqesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni fuq l-akrinatrina, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-15 ta' Lulju 2011. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom: (a) jagħtu attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tal-operaturi u tal-ħaddiema u jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jinkludu l-applikazzjoni ta' tagħmir protettiv personali adegwat, fejn meħtieġ; (b) jagħtu attenzjoni partikolari lir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi, partikolarment il-ħut, u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni jinkludu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, skont il-każ;

▼M20

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						(ċ) jagħtu attenzjoni partikolari lir-riskju lill-antropodi u n-naħal mhux fil-mira u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni jinkludu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju. L-applikant għandu jressaq informazzjoni li tikkonferma fir-rigward: (1) tar-riskju potenzjali lill-ilma tal-qiegħ mill-metabolit 3-PBAld ([12]); (2) tar-riskju kroniku lill-ħut; (3) tal-valutazzjoni tar-riskju għall-artropodi li mhumiex fil-mira; (4) tal-impatt possibbli fuq il-ħaddiem, il-konsumatur u l-valutazzjoni tar-riskju ambjentali tad-degradazzjoni stereoselettiva potenzjali ta' kull isomeru fil-pjanti, l-annimali u l-ambjent. L-applikant għandu jippreżenta lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, u lill-Awtorità, l-informazzjoni stabbilita fil-punti 1, 2 u 3 sal-31 ta' Diċembru 2013 u l-informazzjoni stabbilita fil-punt 4 sentejn wara l-adozzjoni tal-gwida speċifika.

▼M25

20	Prokloraż Nru CAS 67747-09-5 Nru CIPAC 407	*N*-propil-*N*-[2-(2,4,6-triklorofenossi)etil]imidażol-1-karbossammid	≥ 970 g/kg Impuritajiet: L-għadd ta' dijossini u furani (WHO-PCDD/T TEQ) ([13]): mhux iktar minn 0,01 mg/kg	fl-1 ta' Jannar 2012	fil-31 ta' Diċembru 2021	PARTI A Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala fungiċida. F'każ ta' użi fuq barra, ir-rati ma għandhomx jaqbżu l-450 g/ha għa -kull applikazzjoni. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-prokloraż u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-27 ta' Settembru 2011.

▼M25

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri: (a) għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tal-operaturi u tal-ħaddiema u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jinkludu l-applikazzjoni ta' tagħmir protettiv personali adegwat, fejn meħtieġ; (b) għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni jinkludu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, fejn ikun xieraq; (c) għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lir-riskju fit-tul għall-mammiferi u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni jinkludu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, fejn ikun xieraq. L-applikanti għandhom iressqu informazzjoni li tagħti konferma rigward: (1) it-tqabbil u l-verifika tal-materjal użat fit-test fid-dossiers tat-tossiċità mammifera u l-ekotossiċità kontra l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku; (2) il-valutazzjoni tar-riskju ambjentali għall-kumplessi tal-metall tal-prokloraż; (3) il-proprjetajiet tal-prokloraż li potenzjalment jistgħu jinterferixxu fl-endokrini tal-għasafar. In-notifikant għandu jippreżenta l-informazzjoni stabbilita fil-punti 1 u 2 sal-31 ta' Diċembru 2013 u l-informazzjoni stabbilita fil-punt 3 fi żmien sentejn wara l-adozzjoni tal-linji gwida tat-test OECD pertinenti dwar l-interferenza endokrinali, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, u lill-Awtorità.
▼M72 —						

▼M1

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M30						
22	Metam Nru tal-CAS 144-54-7 Nru ta' CIPAC 20	Aċidu metilditijokarbamiku	≥ 965 g/kg Espress bħala metam-sodju fuq bażi ta' piż xott ≥ 990 g/kg Espress bħala metam-potassju fuq bażi ta' piż xott Impuritajiet rilevanti: metilisotijoċjanat (MITC) — mass. 12 g/kg fuq bażi ta' piż xott (metam-sodju) — mass. 0,42 g/kg fuq bażi ta' piż xott (metam-potassju) *N,N'*-dimetiltijourea (DMTU) — mass. 23 g/kg fuq bażi ta' piż xott (metam-sodju) — mass. 6 g/kg fuq bażi ta' piż xott (metam-potassju)	fl-1 ta' Lulju 2012	fit-30 ta' Ġunju 2022	PARTI A Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi bħala nematiċida, fungiċida, erbiċida u insettiċida għall-applikazzjoni bħala fumigant tal-ħamrija qabel iż-żriegħ, b'limitu ta' applikazzjoni waħda kull tliet snin għall-istess għalqa. L-applikazzjoni tista' tiġi awtorizzata b'injezzjoni fil-ħamrija jew l-irrigazzjoni bil-qtar fl-għelieqi miftuħa, u bl-irrigazzjoni bil-qtar biss fis-serer. Għandu jkun preskritt l-użu ta' folja tal-plastik li ma jgħaddix minnha l-gass għall-irrigazzjoni bil-qtar. Ir-rata massima tal-applikazzjoni għandha tkun ta' 153 kg/ha (li tikkorrispondi għal 86,3 kg/ha ta' MITC) fil-każ ta' applikazzjonijiet f'għelieqi miftuħa. L-awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu limitati għall-utenti professjonali. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tar-reviżjoni dwar il-metam u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fid-9 ta' Marzu 2012. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom: (a) jagħtu attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tal-operaturi u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jkunu jinkludu miżuri tal-mitigazzjoni tar-riskju bħall-applikazzjoni ta' tagħmir protettiv personali xieraq u limitu fuq ir-rata ta' ħidma kuljum; (b) jagħtu attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tal-ħaddiema u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jkunu jinkludu miżuri tal-mitigazzjoni tar-riskju bħall-użu ta' tagħmir protettiv personali xieraq, perjodu għad-dħul mill-ġdid u limitu fuq ir-rata ta' ħidma kuljum;

▼M30

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						(ċ) għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tan-nies fil-viċin u tar-residenti u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jkunu jinkludu miżuri tal-mitigazzjoni tar-riskju, bħal żona bafer xierqa waqt l-applikazzjoni, u sa 24 siegħa wara, mill-perimetru taż-żona tal-applikazzjoni sa kwalunkwe residenza okkupata u kwalunkwe żona li tintuża mill-pubbliku ġenerali bl-obbligu li jintużaw sinjali ta' twissija u marki fl-art; (d) għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jkunu jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju, bħal żona bafer xierqa; (e) għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lir-riskju lill-organiżmi mhux fil-mira u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jkunu jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju, fejn ikun xieraq. L-applikant għandu jressaq informazzjoni ta' konferma dwar il-metilisotijoċjanat dwar: (1) il-valutazzjoni tal-potenzjal tat-trasport atmosferiku għal distanzi twal u r-riskji ambjentali relatati; (2) il-potenzjal tal-kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art. L-applikant għandu jissottometti dan it-tagħrif lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità qabel il-31 ta' Mejju 2014.

▼M33

23	Bifentrin Nru CAS 82657-04-3 Nru CIPAC 415	2-metilbifenil-3-ilmetil (1*RS*,3*RS*)-3-[(*Z*)-2-kloro-3,3,3-trifluworuprop-1-enil]-2,2-dimetilċiklopropankarbossilat jew 2-metilbifenil-3-ilmetil (1*RS*)-*cis*-3-[(*Z*)-2-kloro-3,3,3-trifluworuprop-1-enil]-2,2-dime-	≥ 930 g/kg Impuritajiet: Toluwen: mhux aktar minn 5 g/kg	l-1 ta' Awwissu 2012	il-31 ta' Lulju 2019	PARTI A L-użu bħala insettiċida biss jista' jiġi awtorizzat PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitiqesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-bifentrin, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-1 ta' Ġunju 2012. F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri għandhom jagħtu kas partikolari ta': (a) l-persistenza fl-ambjent;

▼M33

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
		tilċiklopropankarbossilat				(b) ir-riskju ta' bijoakkumulazzjoni u bijotkabbir; (c) il-protezzjoni ta' operaturi u ħaddiema, filwaqt li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet ta' użu jinkludu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali adegwat, fejn xieraq; (d) ir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi, b'mod partikolari l-ħut u l-invertebrati, l-artropodi u n-naħal mhux immirati, filwaqt li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni jinkludu miżuri tal-mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq. L-applikant għandu jressaq informazzjoni li tikkonferma fir-rigward: (1) tat-tossiċità residwa għall-artropodi mhux immirati u l-potenzjal għall-kolonizzazzjoni mill-ġdid; (2) tad-destin u l-imġiba tal-metabolit tal-ħamrija 4'-OH bifentrin; (3) tad-degradazzjoni fil-ħamrija tal-isomeri li jagħmlu l-bifentrin, 4'-OH bifenthrin u l-aċidu TFP. L-applikant għandu jippreżenta lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità l-informazzjoni stabbilita fil-punti 1, 2 u 3 sal-31 ta' Lulju 2014. L-applikant għandu jippreżenta lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità programm ta' monitoraġġ biex jivvaluta l-potenzjal ta' bijoakkumulazzjoni u bijotkabbir fl-ambjent akkwatiku u terrestri sal-31 ta' Lulju 2013. Ir-riżultati ta' dan il-programm ta' monitoraġġ għandhom jitressqu bħala rapport ta' monitoraġġ lill-Istat Membru relatur, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità sal-31 ta' Lulju 2015.

▼M34

24	Fluksapirossad Nru tal-CAS 907204-31-3 Nru tas-CIPAC 828	3-(difluworometil)-1-metil-*N*-(3′,4′,5′-trifluworobifenil-2-il)pirażol-4-karbossammid	≥ 950 g/kg L-impurità bit-toluwen ma tridx taqbeż il-1 g/kg fil-materjal tekniku	l-1 ta' Jannar 2013	il-31 ta' Diċembru 2022	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-fluksapirossad, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tal-1 ta' Ġunju 2012.

▼M34

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom joqogħdu attenti b'mod partikolari għar-riskju tal-ilma ta' taħt l-art, jekk is-sustanza attiva tiġi applikata f'kundizzjonijiet vulnerabbli tal-ħamrija u/jew tal-klima. Il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq. Il-purità mogħtija f'din l-entrata hija bbażata fuq produzzjoni bi prova tal-pjanti. L-Istat Membru eżaminant għandu jinforma lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 bl-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif immanifatturat kummerċjalment.

▼M35

25	Fenpirażammina Nru tal-CAS 473798-59-3 Nru tas-CIPAC 832	S-allil 5-ammino-2,3-diidro-2-iżopropil-3-osso-4-(o-tolil)pirażol-1-karbotijoat	≥ 940 g/kg	l-1 ta' Jannar 2013	il-31 ta' Diċembru 2022	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-fenpirażammina, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-1 ta' Ġunju 2012. Il-purità mogħtija f'din l-entrata hija bbażata fuq produzzjoni bi prova tal-pjanti. L-Istat Membru eżaminanti għandu jinforma lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 bl-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif immanifatturat kummerċjalment.

▼M40

26	*Adoxophyes orana granulovirus* Kollezzjoni tal-kultura Nru DSM BV-0001 Nru tas-CIPAC 782	Mhux applikabbli	Ebda impurità rilevanti	fl-1 ta' Frar 2013	fil-31 ta' Jannar 2023	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar l-*Adoxophyes orana granulovirus* u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-13 ta' Lulju 2012.

▼M1

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M41						
27	Isopirażam Nru CAS 881685-58-1 (sin-isomeru: 683777-13-1/anti-isomeru: 683777-14-2) Nru CIPAC 963	*Taħlita ta'*: 3- (diflworometil) -1-metilu-*N*-[(1*RS*,4*SR*,9*SR*) -1,2,3,4-tetraidro-9-isopropil-1,4-metanonaftalen-5-yl pirażol-4-karbossamid] (sin-isomeru – taħlita 50:50 taż-żewġ enantjomeri) *kif ukoll* 3- (difluworometil) -1-metil-N-[(1*RS*,4*SR*,9*SR*) -1,2,3,4-tetrahidro-9-isopropil-1,4-metanonaftalen-5-yl]pirażol-4-karbossamid (anti-isomeru – taħlita 50:50 taż-żewġ enantjomeri) F'firxa ta' 78:15 % għal 100:0 % sin għal anti.	≥ 920 g/kg F'firxa ta' 78:15 % għal 100:0 % sin- sa anti-isomeri	fl-1 ta' April 2013	fil-31 ta' Marzu 2023	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-isopirażam, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Settembru 2012. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: (a) għar-riskju għal organiżmi akkwatiċi; (b) għar-riskju għall-ħniex jekk is-sustanza hija applikata fil-qafas ta' prattiki tal-ebda kultivazzjoni/ta' kultivazzjoni minima; (c) għall-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tkun applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet ta' klima vulnerabbli. Il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, bħall-esklużjoni ta' prattiki tal-ebda kultivazzjoni/ta' kultivazzjoni minima, u l-obbligu li jkun hemm programmi ta' monitoraġġ biex jivverifikaw kontaminazzjoni potenzjali tal-ilma ta' taħt l-art f'żoni vulnerabbli, fejn xieraq. L-applikant għandu jibgħat tagħrif konfermatorju dwar ir-rilevanza tal-metaboliti CSCD 459488 u CSCD 459489 u għall-ilma ta' taħt l-art. ►M145 L-applikant għandu jippreżenta din l-informazzjoni lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sal-31 ta' Lulju 2017. ◄
▼M42						
28	Fosfan Nru CAS 7803-51-2 Nru CIPAC 127	Fosfan	≥ 994 g/kg L-impurità rilevanti arsan ma tridx taqbeż iż-0,023 g/kg fil-materjal tekniku	fl-1 ta' April 2013	fil-31 ta' Marzu 2023	L-awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu limitati għall-utenti professjonali. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar il-fosfan, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Settembru 2012.

▼M42

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu kas b'mod partikolari lil: — il-protezzjoni ta' operaturi fil-bini ttrattat u madwaru matul it-trattament kif ukoll matul u wara l-arjazzjoni; — il-protezzjoni tal-ħaddiema fil-bini ttrattat u madwaru matul it-trattament kif ukoll matul u wara l-arjazzjoni; — il-protezzjoni tal-persuni fl-inħawi madwar il-bini ttrattat matul it-trattament kif ukoll matul u wara l-arjazzjoni. Il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, bħall-monitoraġġ permanenti tal-konċentrazzjoni tal-fosfan b'apparat awtomatiku, l-użu ta' apparat ta' protezzjoni personali u t-twaqqif ta' żona madwar il-bini ttrattat fejn persuni li jkunu fl-inħawi ma jitħallewx jidħlu, fejn xieraq.

▼M45

29	*Trichoderma asperellum* (razza T34) In-numru CECT: 20417	*Mhux applikabbli*	1×10^{10} cfu/g	fl-1 ta' Ġunju 2013	fil-31 ta' Mejju 2023	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar it-*Trichoderma asperellum* (razza T34), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-20 ta' Novembru 2012. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-operaturi u tal-ħaddiema, waqt li jitqies li t-*Trichoderma asperellum* (razza T34) huwa kkunsidrat bħala sensitizzatur potenzjali. Il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq.

▼M44

30	*Zucchini Yellow Mosaic Virus* — tal-varjazzjoni dgħajfa Numru tal-adeżjoni tal-ATCC: PV-593	*Mhux applikabbli*	≥ 0,05 mg/l	fl-1 ta' Ġunju 2013.	fil-31 ta' Mejju 2023.	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar iz-*Zucchini Yellow Mosaic Virus* — tal-varjazzjoni dgħajfa, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-20 ta' Novembru 2012. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lir-riskju għall-pjanti mhux fil-mira, jekk il-pjanti tal-uċuħ tar-raba' jiġu infettati wkoll b'virus ieħor li jista' jkun trasmess permezz ta' afidi.

▼M44

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju.
▼M47						
31	Iċ-ċiflumetofen Nru CAS 400882-07-7 Nru CIPAC 721	*2-metoksitil (RS)-2-(4-tert-butilfenil)-2-ċjano-3-okso-3-(α,α,α-trifluworo-o-tolil)-propjonat*	≥ 975 g/kg (raċemiku)	l-1 ta' Ġunju 2013	l-31 ta' Mejju 2023	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar iċ-ċiflumetofen, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tal-20 ta' Novembru 2012. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu kas b'mod partikolari lil: — il-ħarsien tal-operaturi u tal-ħaddiema; — il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tkun applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet ta' klima vulnerabbli. — il-protezzjoni tal-ilma tax-xorb; — ir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, bħal l-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali, fejn xieraq. L-applikant għandu jressaq informazzjoni li tikkonferma fir-rigward: (a) il-potenzjal mutaġeniku possibbli tal-metabolit B3 (2-(trifluworometil) benżammid), billi tiġi eskluża r-rilevanza *in vivo* tal-effetti osservati *in vitro* permezz ta' protokoll ta' test xieraq (assaġġ *in vivo* Comet); (b) aktar informazzjoni biex jiġi stabbilit ARfD għall-metabolit B3; (c) aktar studji ekotossikoloġiċi u valutazzjonijiet għal vertebrati akkwatiċi li jkopru ċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tagħhom. L-applikant għandu jissottometti lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità informazzjoni bħal din sal-31 ta' Mejju 2015.
▼M46						
32	ir-razza I-1237 tat-*Trichoderma atroviride* Numru CNCM: I-1237	Mhux applikabbli	1×10^9 cfu/g (1×10^{10} spores/g)	fl-1 ta' Ġunju 2013	fil-31 ta' Mejju 2023	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar ir-razza I-1237 tat-*Trichoderma atroviride*, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-20 ta' Novembru 2012.

▼M46

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni speċjali għall-protezzjoni tal-operaturi u tal-ħaddiema, u jqisu li r-razza I-1237 tat-*Trichoderma atroviride* għandha titqies bħala sensitizzatur. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn ikun xieraq.
▼M52 33	Ametoktradin Nru tal-CAS 865318-97-4 Nru tas-CIPAC 818	5-etil-6-ottil [1,2,4]triażolo[1,5-a] pirimidina-7-ammina	≥ 980 g/kg ►C2 L-impuritajiet amitrolu u o-ksilin huma ta' rilevanza tossikoloġika u ma għandhomx jaqbżu l-50 mg/kg u ż-2 g/kg rispettivament fil-materjal tekniku. ◄	l-1 ta' Awwissu 2013	il-31 ta' Lulju 2023	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tar-reviżjoni dwar l-ametoktradin, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tal-1 ta' Frar 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għat-tnixxija ta' metabolit M650F04 ([14]) fl-ilma ta' taħt l-art skont f'kundizzjonijiet vulnerabbli. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju.
▼M50 34	Mandipropammid Nru tal-CAS 374726-62-2 Nru tas-CIPAC 783	*(RS)-2-(4-klorufenil)-N-[3-metossi-4-(prop-2-inilossi)fenetil]-2-(prop-2-inilossi)aċetammid*	≥ 930 g/kg L-impurità N-{2-[4-(2-kloru-allilossi)-3-metossi-fenil]-etil}-2-(4-kloru-fenil)-2-prop-2-inilossi-aċetamid hija ta' rilevanza tossikoloġika u ma għandhiex taqbeż 0.1 g/kg fil-materjal tekniku.	fl-1 ta' Awwissu 2013	fil-31 ta' Lulju 2023	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tar-reviżjoni dwar il-mandipropammid, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tal-1 ta' Frar 2013. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju. L-applikant għandu jressaq l-informazzjoni ta' konferma fir-rigward tal-potenzjal għat-trasformazzjoni enantjomerika jew ir-raċemizzazzjoni tal-mandipropammid fuq il-wiċċ tal-ħamrija bħala riżultat tal-fotolożi tal-ħamrija. L-applikant għandu jissottometti lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità informazzjoni bħal din sal-31 ta' Lulju 2015.

▼M1

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M56						
35	Alosulfuron-metil CAS No 100785-20-1 CIPAC No 785.201	*methyl 3-chloro-5-(4,6-dimethoxypyrimidin-2-ylcarbamoylsulfamoyl)-1-methylpyrazole-4-carboxylate*	≥ 980 g/kg	fl-1 ta' Ottubru 2013	It-30 ta' Settembru 2023	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-alosulfuron-metil u partikolarment l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-15 ta' Marzu 2013 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — ir-riskju ta' rilaxx lejn l-ilma ta' taħt l-art tal-metabolita "riarranġament alosulfuron (HSR)" (15) taħt kundizzjonijiet vulnerabbli. Din il-metabolita kkunsidrata tossikoloġikament relevanti skont l-informazzjoni disponibbli fuq l-alosulfuron. — ir-riskju lejn pjanti terrestri mhux fil-mira. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju. L-applikant għandu jressaq informazzjoni li tikkonferma fir-rigward: (a) informazzjoni fir-rigward tal-ekwivalenza bejn l-ispeċifikazzjonijiet tal-materjal tekniku, kif immanifatturat kummerċjalment, u dawk tal-materjal test użati fl-istudji tossikoloġiċi u ekotossikoloġiċi; (b) informazzjoni fuq ir-relevanza tossikoloġika tal-impuritajiet preżenti fl-ispeċifikazzjoni teknika kif ifabbrikat kummerċjalment. (c) Dejta biex tiċċara il-propertajiet potenzjali ġenotossiċi tal-aċidu kloro-sulfonamid (16). L-applikant għandu jissottometti lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità informazzjoni bħal din sal-30 ta' Settembru 2015.
▼M58						
36	*Bacillus firmus* I-1582 Numru tal-kollezzjoni: CNCMI-1582	*Mhux applikabbli*	Konċentrazzjoni minima: $7{,}1 \times 10^{10}$ CFU/g	fl-1 ta' Ottubru 2013	fit-30 ta' Settembru 2023	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-*Bacillus firmus* I-1582, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-15 ta' Marzu 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni speċjali għall-protezzjoni tal-operaturi u tal-ħaddiema, u jqisu li l-*Bacillus fimus* I-1582 għandu jitqies bħala sensitizzatur potenzjali. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn ikun f'loku, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju.

▼M1

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M62						
37	Razza O tal-Candida oleophila Numru tal-kollezzjoni: MUCL40654	Mhux applikabbli	Kontenut nominali 3 × 10^{10} CFU/g prodott imnixxef Firxa: 6 × 10^{9} – 1 × 10^{11} CFU/g prodott inixxef	fl-1 ta' Ottubru 2013.	fit-30 ta' Settembru 2023.	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar ir-razza O tal-*Candida oleophila*, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-15 ta' Marzu 2013.
▼M60						
38	*Helicoverpa armigera nucleopolyhedrovirus* Numru DSMZ: BV-0003	*Mhux applikabbli*	Konċentrazzjoni minima: 1,44 × 10^{13} OB/l (korpi tal-okklużjoni/l)	fl-1 ta' Ġunju 2013	fil-31 ta' Mejju 2023	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar il-*Helicoverpa armigera nucleopolyhedrovirus*, u partikolarment l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tal-15 ta' Marzu 2013.
▼M64						
39	Ir-razza FE 9901 tal-*Paecilomyces fumosoroseus* Numru tal-ġbir: USDA-ARS collection of Entomopathogenic Fungal Cultures U.S. Plant Soil and Nutrition laboratory. New York. Numru ta' reġistrazzjoni ARSEF 4490	*Mhux applikabbli*	Minimu ta' 1,0 × 10^{9} CFU/g Massimu ta' 3,0 × 10^{9} CFU/g	fl-1 ta' Ottubru 2013	fit-30 ta' Settembru 2023	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar ir-razza FE 9901 tal-*Paecilomyces fumosoroseus*, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tal-15 ta' Marzu 2013.

▼M64

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-protezzjoni tal-operaturi u tal-ħaddiema, u jqisu li r-razza FE 9901 tal-*Paecilomyces fumosoroseus* għandha titqies bħala sensitizzatur potenzjali. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju.

▼M61

40	Fosfonati tal-potassju (l-ebda isem tal-ISO) Nru tal-CAS 13977-65-6 għall-fosfonat idroġenat tal-potassju 13492-26-7 għall-fosfonat tad-dipotassju Taħlita: xejn Nru tas-CIPAC 756 (għall-fosfonati tal-potassju)	Fosfonat idroġenat tal-potassju Fosfonat tad-dipotassju	31,6 sa 32,6 % joni tal-fosfonat (is-somma tal-fosfonat idroġenat u l-joni tal-fosfonat) 17,8 sa 20,0 % ≥ 990 g/kg abbażi ta' piż niexef	L-1 ta' Ottubru 2013	It-30 ta' Settembru 2023	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tar-reviżjoni dwar il-fosfonati tal-potassju, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tal-15 ta' Marzu 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti: — għar-riskju għall-għasafar u l-mammiferi, — għar-riskju ta' ewtrofikazzjoni tal-ilma tal-wiċċ, jekk is-sustanza tiġi applikata f'reġjuni jew taħt kundizzjonijiet li jiffavorixxu l-ossidazzjoni tas-sustanza attiva fl-ilma tal-wiċċ. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju. L-applikant għandu jressaq informazzjoni ta' konferma fir-rigward tar-riskju fit-tul ta' għasafar insettivori. L-applikant għandu jissottometti lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità informazzjoni bħal din sat-30 ta' Settembru 2015.

▼M63

41	Spiromesifen Nru tal-CAS 283594-90-1 Nru tas-CIPAC 747	3-mesitil-2-osso-1-ossaspiro[4.4]non-3-en-4-il 3,3-dimetilbutirat	≥ 965 g/kg (raċemiku) L-impurità N,N-dimetilaċetammid hija ta' rilevanza tossikoloġika u ma għandhiex taqbeż l-4	fl-1 ta' Ottubru 2013	fit-30 ta' Settembru 2023	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tar-reviżjoni dwar l-ispiromesifen, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tal-15 ta' Marzu 2013.

▼M63

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
			g/kg f'materjal tekniku.			F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti: — għar-riskju fit-tul għall-invertebrati akkwatiċi; — għar-riskju li l-imenotteri dakkara (pollinating hymenoptera) u l-antropodi mhux fil-mira jekk l-esponiment mhuwiex negliġibbli; — għall-protezzjoni tal-ħaddiema u l-operaturi. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju. L-applikant għandu jressaq informazzjoni ta' konferma fir-rigward tal-kalkolu mill-ġdid tal-konċentrazzjoni prevista fl-ilma ta' taħt l-art (PECGW) b'xenarju FOCUS GW adattat għall-użi indikati u billi jintuża l-valur Q10 ta' 2,58. L-applikant għandu jressaq lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità informazzjoni bħal din sat-30 ta' Settembru 2015.

▼M59

42	*Spodoptera littoralis nucleopolyhedrovirus* Numru maħruġ mid-DSMZ: BV-0005	*Mhux applikabbli*	Konċentrazzjoni massima: 1×10^{12} OB/l (korpi tal-okklużjoni/l)	L-1 ta' Ġunju 2013	fil-31 ta' Mejju 2023.	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar is-sustanza attiva *Spodoptera littoralis nucleopolyhedrovirus*, u partikolarment l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-15 ta' Marzu 2013.

▼M54

43	Bixafen Nru tal-CAS 581809-46-3 Nru tas-CIPAC 819	*N*-(3′,4′-dichloro-5-fluorobiphenyl-2-yl)-3-(difluoromethyl)-1-methylpyrazole-4-carboxamide	≥ 950 g/kg	L-1 ta' Ottubru 2013	It-30 ta' Settembru 2023	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar il-bixafen, u partikolarment l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tal-15 ta' Marzu 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu każ partikolarment: (a) ir-residwi tal-bixafen u l-metaboliti tiegħu f'uċuħ tan-newba;

▼M54

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						(b) il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tkun applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet ta' klima vulnerabbli; (c) għar-riskju għal organiżmi akkwatiċi; (d) ir-riskju lil ħamrija u l-organiżmi li jgħixu fis-sediment. Fejn xieraq, il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju.
▼M55 44	Maltodestrina Nru tal-CAS 9050-36-6 Nru tas-CIPAC 801	Mhux allokat	≥ 910 g/kg	L-1 ta' Ottubru 2013	It-30 ta' Settembru 2023	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni fuq il-maltodestrina, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-15 ta' Marzu 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu każ b'mod partikolari: (a) it-tkabbir miżjud potenzjali ta' fungi u l-preżenza possibbli ta' mikotossini fuq is-superfiċje tal-frott ittrattat; (b) ir-riskju potenzjali għan-naħal tal-għasel u l-artropodi mhux immirati. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju.
▼M68 45	Ewġenol Nru tal-CAS 97-53-0 Nru tas-CIPAC 967	4-allil-2-metoksifenol	≥ 990 g/kg Impurità rilevanti: ewġenol metil massimu ta' 0,1 % tal-materjal tekniku	fl-1 ta' Diċembru 2013.	fit-30 ta' Novembru 2023.	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tar-reviżjoni dwar l-ewġenol, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-17 ta' Mejju 2013.

▼M68

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-protezzjoni ta' operaturi, ħaddiema, persuni li jkunu fil-qrib u residenti, filwaqt li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet ta' użu jinkludu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali adegwat, fejn xieraq; — lill-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tkun applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet ta' klima vulnerabbli. — għar-riskju għal organiżmi akkwatiċi; — għar-riskju akut għall-għasafar insettivori. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju. L-applikant għandu jressaq informazzjoni li tikkonferma fir-rigward: (a) tal-istabbiltà tal-ħażna (sentejn) f'temperatura ambjentali fuq il-prodott ifformulat; (b) tad-dejta li tqabbel sitwazzjonijiet ta' esponiment fl-isfond naturali tal-ewġenol u tal-metilewġenol fir-rigward ta' esponiment mill-użu ta' ewġenol bħala prodott għall-ħarsien tal-pjanti. Din id-dejta għandha tkopri l-esponiment uman kif ukoll l-esponiment tal-għasafar u l-organiżmi akkwatiċi; (c) il-valutazzjoni tal-esponiment tal-ilma ta' taħt l-art mill-metaboliti potenzjali ta' ewġenol, b'mod partikolari għal metilewġenol. L-applikant għandu jissottometti lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità informazzjoni bħal din sat-30 ta' Novembru 2015.

▼M70

46	Ġeranjol Nru tal-CAS 106-24-1 Nru tas-CIPAC 968	(*E*) 3,7-dimetil-2,6-ottadjen-1-ol	≥ 980 g/kg	L-1 ta' Diċembru 2013	It-30 ta' Novembru 2023	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tar-reviżjoni dwar il-ġeranjol, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tas-17 ta' Mejju 2013.

▼M70

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti: — għall-protezzjoni ta' operaturi, ħaddiema, persuni fil-qrib u residenti, filwaqt li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet ta' użu jinkludu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali adegwat, fejn xieraq; — għall-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tkun applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet ta' klima vulnerabbli; — għar-riskju għall-organiżmi akkwatiċi; — għar-riskju għall-għasafar u l-mammiferi. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju. L-applikant għandu jressaq informazzjoni ta' konferma fir-rigward: (a) id-dejta li tqabbel bejn sitwazzjonijiet ta' esponiment dwar l-oriġini naturali tal-ġeranjol u l-esponiment minħabba l-użu tal-ġeranjol bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. Din id-dejta għandha tkopri l-esponiment uman kif ukoll l-esponiment ta' għasafar, mammiferi u organiżmi akkwatiċi; (b) l-esponiment tal-ilma ta' taħt l-art. L-applikant għandu jressaq lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità informazzjoni bħal din sat-30 ta' Novembru 2015.

▼M69

47	Timol Nru tal-CAS 89-83-8 Nru tas-CIPAC 969	5-metil-2-propan-2-il-fenol	≥ 990 g/kg	L-1 ta' Diċembru 2013	It-30 ta' Novembru 2023	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tar-reviżjoni dwar it-timol, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tas-17 ta' Mejju 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti: — għall-protezzjoni ta' operaturi, ħaddiema, persuni fil-qrib u residenti, filwaqt li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet ta' użu jinkludu l-applikazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali adegwat, fejn xieraq;

▼M69

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— għall-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tkun applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet ta' klima vulnerabbli; — għar-riskju għall-organiżmi akkwatiċi; — għar-riskju għall-għasafar u l-mammiferi. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju. L-applikant għandu jressaq informazzjoni ta' konferma fir-rigward: (a) id-dejta li tqabbel bejn sitwazzjonijiet ta' esponiment dwar l-oriġini naturali tat-timol u l-esponiment minħabba l-użu tat-timol bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. Din id-dejta għandha tkopri l-esponiment uman kif ukoll l-esponiment ta' għasafar, mammiferi u organiżmi akkwatiċi; (b) it-tossiċità fuq perjodu twil ta' żmien u t-tossiċità riproduttiva, fil-forma ta' rapport sħiħ (bl-Ingliż) tat-Test Ikkombinat dwar it-Tossiċità tat-Timol li jirrikjedi Amministrazzjoni Orali Ripetuta u dwar it-Tossiċità tiegħu Riproduttiva; (c) l-esponiment tal-ilma ta' taħt l-art. L-applikant għandu jressaq lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità informazzjoni bħal din sat-30 ta' Novembru 2015.

▼M77

48	Sedaxane Nru CAS 874967-67-6 (isomeru trans: 599197-38-3/isomeru cis: 599194-51-1) Nru CIPAC 833	taħlita ta' 2 isomeri cis 2′-[(1RS,2RS)-1,1′-biċikloprop-2-il]-3-(difluworometil)-1-metilpirażol-4-karbok-sanilid u 2 isomeri trans 2′-[(1RS,2SR)-1,1′-biċikloprop-2-il]-3-(difluworometil)-1-metilpirażol-4-karbok-sanilid	≥ Sedaxane 960 g/kg (firxa 820-890 g/kg għal 2 isomeri trans 50:50 taħlita ta' enantjomeri u l-firxa 100-150 g/kg għal 2 isomeri cis 50:50 taħlita ta' enantjomeri)	L-1 ta' Frar 2014	Il-31 ta' Jannar 2024	TAQSIMA A Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu għat-trattament taż-żrieragħ. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar sedaxane, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-16 ta' Lulju 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti: (a) għall-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza tkun applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet ta' klima vulnerabbli;

▼M77

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						(b) għar-riskju fuq medda ta' żmien twil għall-għasafar u l-mammiferi. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jnaqqsu r-riskju, fejn jixraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom iwettqu programmi ta' monitoraġġ biex jivverifikaw il-kontaminazzjoni possibbli tal-ilma ta' taħt l-art mill-metabolit CSCD465008 f'żoni vulnerabbli, fejn jixraq. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu s-sottomissjoni tat-tagħrif ta' konferma rigward ir-rilevanza tal-metabolit CSCD465008, u l-valutazzjoni tar-riskju għall-ilma ta' taħt l-art korrispondenti, jekk sedaxane ikun ikklassifikat skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 bħala "ssuspettat li jikkawża l-kanċer". In-notifikatur għandu jibgħat lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità l-informazzjoni rilevanti fi żmien sitt xhur mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament li jikklassifika sedaxane.

▼M79

49	Emamektin Nru CAS emamektin: 119791-41-2 (li qabel kien 137335-79-6) u 123997-28-4 benżoat tal-emamektin: 155569-91-8 (li qabel kien 137512-74-4 u 179607-18-2)	Emamektin B1a: (10*E*,14*E*,16*E*)-(1*R*,4S,5′*S*,6*S*,6′*R*,8-*R*,12*S*,13*S*,20*R*,21*R*,24*S*)-6′-[(*S*)-*sek*-butil]-21,24-diidrossi-5′,11,13,22-tetrametil-2-osso-(3,7,19-triossa-tetraċiklo[15.6.1.$1^{4,8}$.$0^{20,24}$]pentakoża-10,14,16,22-tetraen)-6-spiro-2′-(5′,6′-diidro-2′*H*-piran)-12-il 2,6-dideossi-3-*O*-metil-4-*O*-(2,4,6-trideossi-3-*O*-metil-4-metilammino-α-L-*likso*-eżapiranożil)-α-L-*arabino*-eżapiranosida	≥ 950 g/kg bħala benżoat tal-emamektin anidruż (taħlita ta' minimu 920 g/kg benżoat tal-emamektin B_{1a} u massimu 50 g/kg benżoat tal-emamektin B_{1b})	L-1 ta' Mejju 2014	It-30 ta' April 2024	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tar-reviżjoni dwar emamektin, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-16 ta' Lulju 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti: — għar-riskju għall-invertebrati li mhumiex fil-mira; — għall-protezzjoni tal-ħaddiema u l-operaturi. Fejn xieraq, il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju. L-applikant għandu jissottometti informazzjoni ta' konferma dwar ir-riskju ta' degradazzjoni jew metabolizzazzjoni enantjo-selettiva. L-applikant għandu jissottometti l-informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sentejn wara l-adozzjoni tad-dokument ta' gwida pertinenti dwar l-evalwazzjoni tat-taħlitiet ta' isomeri.

▼M79

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
	benżoat tal-emamektin B_{1a}: 138511-97-4 benżoat tal-emamektin B_{1b}: 138511-98-5 Nru CIPAC emamektin: 791 benżoat tal-emamektin: 791.412	Emamektin B1b: (10*E*,14*E*,16*E*)-(1*R*,4*S*,5′*S*,6*S*,6′*R*,8*R*,12*S*,13*S*,20*R*,21*R*,24*S*)-21,24-diidrossi-6′-isopropil-5′,11,13,22-tetrametil-2-osso-(3,7,19-triossatetraċiklo[15.6.1.$1^{4,8}$.$0^{20,24}$]pentakoża-10,14,16,22-tetraen)-6-spiro-2′-(5′,6′-diidro-2′*H*-piran)-12-il 2,6-dideoxy-3-*O*-metil-4-*O*-(2,4,6-trideossi-3-*O*-metil-4-metilammino-α-L-*likso*-eżapiranożil)-α-L-*arabino*-eżapiranosida Benżoat tal-Emamektin B_{1a}: (10*E*,14*E*,16*E*)-(1*R*,4S,5′*S*,6*S*,6′*R*,8*R*,12*S*,13*S*,20*R*,21*R*,24*S*)-6′-[(*S*)-*sek*-butil]-21,24-diidrossi-5′,11,13,22-tetrametil-2-osso-(3,7,19-triossatetraċiklo[15.6.1.$1^{4,8}$.$0^{20,24}$]pentakoża-10,14,16,22-tetraen)-6-spiro-2′-				

▼M79

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
		(5′,6′-diidro-2′*H*-piran)-12-il 2,6-dideossi-3-*O*-metil-4-*O*-(2,4,6-trideossi-3-*O*-metil-4-metilammino-α-L-*likso*-eżapiranożil)-α-L-*arabino*-benżoat tal-eżapiranosida Benżoat tal-Emamektin B_{1b}: (10*E*,14*E*,16*E*)-(1*R*,4*S*,5′*S*,6*S*,6′*R*,8*R*,12*S*,13*S*,20*R*,21*R*,24*S*)-21,24-diidrossi-6′-isopropil-5′,11,13,22-tetrametil-2-osso-(3,7,19-triossatetraċiklo[15.6.1.1^{4,8}.0^{20,24}]pentakoża-10,14,16,22-tetraen)-6-spiro-2′-(5′,6′-diidro-2′*H*-piran)-12-il 2,6-dideoxy-3-*O*-metil-4-*O*-(2,4,6-trideossi-3-*O*-metil-4-metilammino-α-L-*likso*-eżapiranożil)-α-L-*arabino*-benżoat tal-eżapiranosida				

▼M1

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M80						
50	*Pseudomonas* sp. ir-razza DSMZ 13134 Numru tal-kollezzjoni: DSMZ 13134	Mhux applikabbli	Konċentrazzjoni minima 3×10^{14} cfu/kg	L-1 ta' Frar 2014	Il-31 ta' Jannar 2024	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar il-*Pseudomonas* sp ir-razza DSMZ 13134, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-16 ta' Lulju 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-protezzjoni tal-operaturi u tal-ħaddiema, u jqisu li l-*Pseudomonas* sp ir-razza DSMZ 13134 għandha titqies bħala sensitizzatur potenzjali. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju. L-applikant għandu jressaq informazzjoni li tikkonferma n-nuqqas ta' tossiċità/infettività/patoġeniċità potenzjali intraperitoneali u intratrakeali akuta. L-applikant għandu jissottometti din l-informazzjoni lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sal-31 ta' Jannar 2016.
▼M76						
51	Fluwopiram Nru CAS 658066-35-4 Nru CIPAC 807	N-{2-[3-kloro-5-(trifluworometil)-2-piridil]etil}-α,α,α-trifluworo-o-toluammid	≥ 960 g/kg	fl-1 ta' Frar 2014.	fil-31 ta' Jannar 2024.	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif jissemmew fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tar-reviżjoni għall-fluwopiram, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tas-16 ta' Lulju 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lir-riskju għall-annimali u għall-organiżmi akkwatiċi. Meta jixraq, il-kundizzjonijiet għall-użu għandu jkun fihom miżuri li jtaffu r-riskju. L-applikant għandu jressaq l-informazzjoni ta' konferma dwar: (1) ir-riskju fit-tul għall-għasafar insettivori;

▼M76

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						(2) il-potenzjal li jitħallew effetti ta' tħarbit endokrinali f'vertebrati mhux fil-mira ħlief il-mammiferi. Lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, u lill-Awtorità, l-applikant għandu jressqilhom l-informazzjoni stabbilita fil-punt 1 sal-1 ta' Frar 2016 u l-informazzjoni stabbilita fil-punt 2 fi żmien sentejn wara l-adozzjoni tal-linji gwida tat-test OECD korrispondenti dwar it-tħarbit endokrinali.

▼M78

52	*Aureobasidium pullulans* (ir-razez DSM 14940 u DSM 14941) Nru tal-kollezzjoni: Kollezzjoni Ġermaniża ta' mikroorganiżmi u Kulturi ta' ċelloli (DSMZ) bin-numri ta' adeżjoni DSM 14940 u DSM 14941	Mhux applikabbli	Minimu ta' 5,0 × 10^9 CFU/g għal kull razza; Minimu ta' 5,0 × 10^{10} CFU/g għal kull razza	fl-1 ta' Frar 2014	fil-31 ta' Jannar 2024	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-*Aureobasidium pullulans* (ir-razez DSM 14940 u DSM 14941), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tas-16 ta' Lulju 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-protezzjoni tal-operaturi u tal-ħaddiema, u jqisu li l-*Aureobasidium pullulans* (ir-razez DSM 14940 u DSM 14941) għandha titqies bħala sensitizzatur potenzjali. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri għat-tnaqqis tar-riskju, fejn xieraq.

▼M82

53	Pirjofenon: Nru tal-CAS 688046-61-9 Nru tas-CIPAC 827	(5-kloro-2-metossi-4-metil-3-piridil)(4,5,6-trimetossi-o-tolil)metanon	≥ 965 g/kg	l-1 ta' Frar 2014	il-31 ta' Jannar 2024	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar il-pirjofenon, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tas-16 ta' Lulju 2013. Fejn huwa rilevanti, il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskji. L-applikant għandu jressaq l-informazzjoni ta' konferma rigward (a) l-identità ta' żewġ impuritajiet biex isostnu l-ispeċifikazzjoni provviżorja bis-sħiħ;

▼M82

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						(b) ir-rilevanza tossikoloġika tal-impuritajiet preżenti fl-ispeċifikazzjoni teknika proposta minbarra waħda għal dik l-impurità unika li dwarha ngħataw studju orali akut u test Ames. L-applikant għandu jissottometti din l-informazzjoni lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sal-31 ta' Jannar 2016.
▼M81 54	Fosfonat tad-disodju Nru CAS 13708-85-5 Nru CIPAC 808	fosfonat tad-disodju	281-337 g/kg (TK) ≥ 917 g/kg (TC)	l-1 ta' Frar 2014	il-31 ta' Jannar 2024	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tal-analiżi dwar il-fosfonat tad-disodju, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali tas-16 ta' Lulju 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lir-riskju għall-ewtrofikazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art. Fejn huwa xieraq, il-kundizzjonijiet għall-użu għandu jkun fihom miżuri li jtaffu r-riskju. L-applikant għandu jressaq informazzjoni ta' konferma fir-rigward (a) ir-riskju kroniku lill-ħut; (b) ir-riskju fit-tul għall-ħniex tal-art u makro-organiżmi tal-ħamrija. L-applikant għandu jissottometti dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sal-31 ta' Jannar 2016.
▼M83 55	Penflufen Nru CAS 494793-67-8 Nru CIPAC 826	2'-[(RS)-1,3-dimethyl-butyl]-5-fluoro-1,3-dimethylpyrazole-4-carboxanilide	≥ 950 g/kg 1: 1 (R S) proporzjon ta' enantjomeri	fl-1 ta' Frar 2014.	fil-31 ta' Jannar 2024.	PARTI A L-użi biex jiġu trattati t-tuberi tal-patata għaż-żrigħ qabel jew matul it-tħawwil biss jistgħu jiġu awtorizzati, b'limitu ta' applikazzjoni waħda, kull tlett snin għall-istess għalqa.

▼M83

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tar-reviżjoni dwar il-penflufen, u partikolarment l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-15 ta' Marzu 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu każ b'mod partikolari: (a) il-ħarsien tal-operaturi; (b) il-ħarsien tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet ta' klima vulnerabbli. Il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu, fejn xieraq, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju. L-applikant għandu jressaq informazzjoni konfermatorja rigward: (1) ir-riskju fit-tul għall-għasafar; (2) ir-rilevanza tal-metabolit M01 (penflufen-3-hydroxy-butyl) għall-ilma ta' taħt l-art jekk il-penflufen huwa klassifikat skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 bħala "karċinoġenu kategorija 2". L-applikant għandu jissottometti lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità t-tagħrif stabbilit fil-punt (1) sat-30 ta' Settembru 2015 u l-informazzjoni stabbilita fil-punt (2) fi żmien sitt xhur min-notifika tad-deċiżjoni ta' klassifikazzjoni li tikkonċerna dik is-sustanza. Il-purità mogħtija f'din l-entrata hija bbażata fuq produzzjoni bi prova tal-pjanti. L-Istat Membru eżaminanti għandu jinforma lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 bl-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif immanifatturat kummerċjalment.

▼M1

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M88						
56	Żejt tal-lariġ Nru tas-CAS 8028-48-6 (Estratt tal-lariġ) 5989-27-5 (D-limonene) Nru tas-CIPAC 902	(*R*)-4-isopropenil-1-metilċikloesan jew *p*-menta-1,8-dien	≥ 945 g/kg (ta' D-limonene) Is-sustanza attiva għandha tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tal-Ph. Eur. (Pharmacopoeia Europea) 5.0 (Aurantii dulcis aetheroleum) u ISO 3140:2011(E)	l-1 ta' Mejju 2014	it-30 ta' April 2024	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar iż-żejt tal-lariġ u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-3 ta' Ottubru 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għal: (a) il-ħarsien tal-operaturi u tal-ħaddiema; (b) ir-riskju għall-għasafar u l-mammiferi. Fejn huwa xieraq, il-kundizzjonijiet għall-użu għandu jkun fihom miżuri li jtaffu r-riskju. L-applikant għandu jressaq informazzjoni konfirmatorja fir-rigward taddestin metaboliku taż-żejt tal-lariġa u r-rotta u r-rata tad-degredazzjoni fil-ħamrija u fir-rigward tal-validazzjoni tal-punti tat-tmiem użati fil-valutazzjoni tar-riskju ekotossikoloġiku. L-applikant għandu jressaq dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sat-30 ta' April 2016.
▼M94						
57	Pentijopirad Nru CAS 183675-82-3 Nru CIPAC 824	*RS*)-*N*-[2-(1,3-dimetilbutil)-3-tijenil]-1-metil-3-(trifluworometil)pirażol-4-karbossammid	≥ 980 g/kg (50:50 ta' taħlita racemic)	l-1 ta' Mejju 2014	it-30 ta' April 2024	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif jissemma fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar il-pentijopirad, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-3 ta' Ottubru 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil: (a) il-protezzjoni tal-operaturi u tal-ħaddiema;

▼M94

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						(b) ir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi u tal-ħamrija. (c) ir-riskju għall-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli; (d) il-livell ta' residwi fl-uċuħ tar-raba' rotazzjonali wara l-applikazzjoni konsekuttiva tas-sustanza attiva għal bosta snin. Meta xieraq, il-kundizzjonijiet għall-użu għandu jkun fihom miżuri li jtaffu r-riskju. L-applikant għandu jressaq informazzjoni ta' konferma dwar: (1) in-nonrilevanza tal-metabolit M11 (aċidu 3-metil-1-{3-[(1-metil-3-trifluworometil-1H-pirażol-4-karbonil)ammino]tijofen-2-il}pentanojku) għall-ilma ta' taħt l-art ħlief evidenza relatata mar-riskju tal-karċinoġeniċità, li jiddependi fuq il-klassifikazzjoni tal-ġenitur u speċifikat b'mod separat fi (3) hawn taħt; (2) il-profil tossikoloġiku u l-valuri ta' referenza tal-metabolit PAM; (3) ir-rilevanza tal-metaboliti M11 (aċidu 3-metil-1-{3-[(1-metil-3-trifluworometil-1H-pirażol-4-karbonil)ammino]tijofen-2-il}pentanojku), DM-PCA (aċidu 3-trifluworometil-1H-pirażol-4-karbossiliku), PAM (1-metil-3-trifluworometil-1H-pirażol-4-karbossammid) u PCA (aċidu 1-metil-3-trifluworometil-1H-pirażol-4-karbossiliku) u r-riskju tagħhom li jniġġsu l-ilma ta' taħt l-art, jekk il-pentijopirad ikun klassifikat bir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 bħala karċinoġeniku tal-kategorija nru 2. L-applikant għandu jressaq lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità, l-informazzjoni rilevanti stabbilita fil-punti (1) u (2) sat-30 ta' April 2016 u l-informazzjoni stabbilita fil-punt (3) fi żmien sitt xhur min-notifika bid-deċiżjoni ta' klassifikazzjoni dwar il-pentijopirad.

▼M1

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M90						
58	Benalaksil-M Nru CAS 98243-83-5 Nru CIPAC 766	N-(fenilaċetil)-N-(2,6-ksilil)-D-alaninat tal-metil	≥ 950 g/kg	l-1 ta' Mejju 2014	it-30 ta' April 2024	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif jissemma fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar il-benalaksil-M, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-3 ta' Ottubru 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil: — il-protezzjoni tal-ħaddiema mad-dħul mill-ġdid. — ir-riskju għall-ilma ta' taħt l-art mill-metaboliti BM-M2 (N-(malonil)-N-(2,6-ksilil)-DL-alanina) u BM-M3 (N-(malonil)-N-(2,6-ksilil)-D-alanina), meta s-sustanza tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli. Meta xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju.
▼M95						
59	Tembotrion Nru CAS 335104-84-2 Nru CIPAC 790	2-{2-kloro-4-meżil-3-[(2,2,2-trifluworoetossi)metil]benżojl}ċikloeżan-1,3-dion	≥ 945 g/kg Dawn l-impuritajiet rilevanti ma għandhomx jaqbżu ċertu limitu fil-materjal tekniku: Toluwen: ≤ 10 g/kg HCN: ≤ 1 g/kg	fl-1 ta' Mejju 2014	fit-30 ta' April 2024	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif jissemma fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar it-tembotrion, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-3 ta' Ottubru 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil: (a) il-protezzjoni tal-operaturi u tal-ħaddiema; (b) ir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi. Meta xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju.

▼M1

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M92						
60	Spirotetramat Nru tas-CAS 203313-25-1 Nru tas-CIPAC 795	*cis*-4-(ethoxycarbonyloxy)-8-methoxy-3-(2,5-xylyl)-1-azaspiro[4.5]dec-3-en-2-one	≥ 970 g/kg	fl-1 ta' Mejju 2014.	fit-30 ta' April 2024.	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tar-reviżjoni dwar is-spirotetramat, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-3 ta' Ottubru 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għar-riskju għall-għasafar insettivori. Fejn huwa xieraq, il-kundizzjonijiet għall-użu għandu jkun fihom miżuri li jtaffu r-riskju. Fi żmien sentejn wara l-adozzjoni tal-linji gwida tat-test tal-OECD dwar l-interferent endokrinali jew, inkella tal-linji gwida ta' ttestjar miftiehma mill-Komunità, l-applikant għandu jippreżenta informazzjoni ta' konferma lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità fir-rigward tal-potenzjal ta' effetti interferenti endokrinali f'għasafar u ħut.
▼M91						
61	Pirossulam Nru tas-CAS 422556-08-9 Nru tas-CIPAC 793	*N*-(5,7-dimethoxy[1,2,4]triazolo[1,5-*a*]pyrimidin-2-yl)-2-metossi-4-(trifluworometil)piridina-3-sulfonamide	≥ 965 g/kg	fl-1 ta' Mejju 2014	fit-30 ta' April 2024	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tar-reviżjoni dwar il-pirossulam, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-3 ta' Ottubru 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti: (a) għall-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tkun applikata f'reġjuni b'ħamrija jew kundizzjonijiet ta' klima vulnerabbli; (b) għar-riskju lill-organiżmi akkwatiċi. Fejn huwa xieraq, il-kundizzjonijiet għall-użu għandu jkun fihom miżuri li jtaffu r-riskju.

▼M91

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						L-applikant għandu jippreżenta l-informazzjoni ta' konferma dwar: (1) ir-rilevanza tossikoloġika tal-impurità numru 3 (kif inhu msemmi fir-rapport tal-analiżi); (2) it-tossiċità akuta tal-metabolita PSA; (3) ir-rilevanza tossikoloġika tal-metabolita 6-Cl-7-OH-XDE-742. L-applikant għandu jissottometti dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sat-30 ta' April 2016.

▼M97

62	Klorantraniliprol Nru CAS 500008-45-7 Nru CIPAC 794	3-bromo-4'-kloro-1-(3-kloro-2-piridil)-2'-metil-6'-(metilkarbamojl) pirażol-5-karbossanilid	≥ 950 g/kg Dawn l-impuritajiet rilevanti ma għandhomx jaqbżu ċertu limitu fil-materjal tekniku: Aċetonitril ≤ 3 g/kg 3-pikolin: ≤ 3 g/kg Aċidu metanesulfoniku: ≤ 2 g/kg	fl-1 ta' Mejju 2014	fl-30 ta' April 2024	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif jissemma fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar il-klorantraniliprol, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-3 ta' Ottubru 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi u għall-makroorganiżmi tal-ħamrija. Fejn huwa xieraq, il-kundizzjonijiet għall-użu għandu jkun fihom miżuri li jtaffu r-riskju. L-applikant għandu jressaq l-informazzjoni ta' konferma dwar: (1) ir-riskju għall-ilma ta' taħt l-art mis-sustanza attiva u l-metaboliti tagħha-IN-EQW78 (2-[3-bromo-1-(3-kloropiridin-000-2-il)-1H-pirażol-5-il]-6-kloro-3,8-dimetilkwinażolin-4(3H)-on), IN-ECD73 (2,6-dikloro-4-metil-11H-pirido[2,1-b]kwinażolin-11-on), IN-F6L99 (3-bromo-N-metil-1H-pirażol-5-karbossamid), IN-GAZ70 (2-[3-bromo-1-(3-kloropiridin-2-il)-1H-pirażol-5-il]-6-kloro-8-metilkwinażolin-4(1H)-on u IN-F9N04 (3-bromo-N-(2-karbomojl-4-kloro-6-metilfenil)-1-(3-kloropiridin-2-il)-1H-pirażol-5-karbossamid);

▼M97

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						(2) ir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi mill-metaboliti tal-fotoliżi IN-LBA22 (2-{[(4Z)-2-bromo-4H-pirażolo[1,5-d]pirido[3,2-b][1,4]ossażin-4-iliden] amino}-5-kloro-N,3-dimetilbenżamid), IN-LBA23 (2-[3-bromo-1-(3-idrossipiridin-2-il)-1H-pirażol-5-il]-6-kloro-3,8-dimetilkwinażolin-4(3H)-on) u IN-LBA24 (2-(3-bromo-1H-pirażol-5-il)-6-kloro-3,8-dimetilkwinażolin-4(3H)-on). L-applikant għandu jressaq din l-informazzjoni lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sat-30 ta' April 2016.

▼M96

63	Tijosulfat tal-fidda u s-sodju Nru CAS mhux allokat Nru CIPAC 762	mhux applikabbli	≥ 10,0 g Ag/kg espress f'fidda (Ag)	fl-1 ta' Mejju 2014.	fit-30 ta' April 2024.	PARTI A Għandhom jiġu awtorizzati biss għall-użi fuq ġewwa f'għelejjel li ma jittiklux. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif jissemma fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar it-tijosulfat tal-fidda u s-sodju, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-3 ta' Ottubru 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil: (a) il-protezzjoni tal-operaturi u tal-ħaddiema; (b) il-limitazzjoni ta' rilaxx possibbli ta' joni tal-fidda mir-rimi tas-soluzzjoni użati; (c) ir-riskju ta' vertebrati terrestri u invertebrati tal-ħamrija mill-użu ta' ħama tad-drenaġġ fl-agrikoltura. Meta xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju.

▼M1

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M101						
64	Piridalil Nru CAS 179101-81-6 Nru CIPAC 792	2,6-dikloro-4-(3,3-dikloroallilossi)fenil 3-[5-(trifluworometil)-2-piridilossi]propil etere	≥ 910 g/kg	l-1 ta' Lulju 2014.	it-30 ta' Ġunju 2024.	PARTI A L-użi fis-serer bi struttura permanenti biss jistgħu jiġu awtorizzati. PARTI B Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-piridalil, u b'mod partikolari l-Annessi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali nhar it-13 ta' Diċembru 2013 għandhom jitqiesu. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil: (a) ir-riskju lill-ħaddiema li jerġgħu jidħlu fiż-żona ttrattata; (b) ir-riskju lill-ilma ta' taħt l-art meta s-sustanza tiġi applikata fir-reġjuni bil-ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli; (c) ir-riskju lill-għasafar, mammiferi u organiżmi akkwatiċi. Fejn ikun il-każ, il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri ta' tnaqqis tar-riskju. L-applikant għandu jibgħat informazzjoni ta' konferma dwar: 1. l-informazzjoni tossikoloġika u ekotossikoloġika biex tindirizza r-relevanza tal-impuritajiet 4, 13, 16, 22 u 23; 2. ir-relevanza tal-metabolit HTFP u, fir-rigward ta' dak il-metabolit, il-valutazzjoni tar-riskju lill-ilma ta' taħt l-art għall-użi kollha fuq il-ħxejjex fis-serer; 3. ir-riskju lill-invertebrati akkwatiċi.

▼M101

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						L-applikant għandu jissottometti lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità l-informazzjoni relevanti fir-rigward tal-punt 1) sal-31 ta' Diċembru 2014 u l-informazzjoni fir-rigward tal-punti 2) u 3) sat-30 ta' Ġunju 2016. L-applikant għandu jippreżenta lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità programm ta' monitoraġġ għall-valutazzjoni tal-potenzjal ta' kontaminazzjoni lill-ilma ta' taħt l-art mill-metabolit HTFP fiż-żoni vulnerabbli qabel it-30 ta' Ġunju 2016. Ir-riżultati ta' dak il-programm ta' monitoraġġ għandhom jintbagħtu bħala rapport ta' monitoraġġ lill-Istat Membru relatur, lill-Kumissjoni u lill-Awtorità qabel it-30 ta' Ġunju 2018.

▼M105

65	L-aċidu S-abxissiku Nru tas-CAS 21293-29-8 Nru tas-CIPAC Mhux allokat	aċidu (2Z,4E)-5-[(1S)-1-idrossi-2,6,6-trimetil-4-ossoċikloeż-2-en-1-il]-3-metil-penta-2,4-dienojku jew aċidu (7E,9Z)-(6S)-6-idrossi-3-osso-11-apo-ε-karoten-11-ojku	960 g/kg	l-1 ta' Lulju 2014	it-30 ta' Ġunju 2024	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tal-analiżi dwar l-aċidu S-abxissiku, u partikolarment l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Pemanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-13 ta' Diċembru 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tal-organiżmi akkwatiċi. Meta xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju.

▼M104

66	Aċidu L-assorbiku Nru CAS 50-81-7 Nru CIPAC 774	(5*R*)-5-[(1*S*)-1,2-diidrossietil]-3,4-diidrossifuran-2(5*H*)-on	≥ 990 g/kg L-impuritajiet rilevanti li ġejjin ma għandhomx jaqbżu: Metanol: ≤ 3 g/kg Metalli Tqal: ≤ 10 mg/kg (express bħala Pb)	1 ta' Lulju 2014	30 ta' Ġunju 2024	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif hemm referenza fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jiġu kkunsidrati l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-aċidu L-assorbiku, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-13 ta' Diċembru 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil: (a) ir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi u tal-ħamrija. (b) il-ħarsien tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet ta' klima vulnerabbli.

▼M104

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						Meta jkun xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju. L-applikant għandu jressaq informazzjoni ta' konferma dwar: (1) l-isfond naturali tal-aċidu L-assorbiku fl-ambjent li jikkonferma livell ta' riskju kroniku baxx għall-ħut u livell ta' riskju baxx għal invertebrati akkwatiċi, alga, ħniex u mikroorganiżmi tal-ħamrija; (2) ir-riskju ta' kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art. L-applikant għandu jissottometti l-informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sat-30 ta' Ġunju 2016.

▼M99

67	Spinetoram Nru CAS 935545-74-7 Nru CIPAC 802	*XDE-175-J (Fattur maġġuri)* (2*R*,3a*R*,5a*R*,5b*S*,9-*S*,13*S*,14*R*,16a*S*,16b*R*)-2-(6-deossi-3-*O*-etil-2,4-di-*O*-metil-α-L-mannopiranosilossi)-13-[(2*R*,5*S*,6*R*)-5-(dimetilammino)tetraidro-6-metilpiran-2-ilossi]-9-etil-2,3,3a,4,5,5a,5-b,6,9,10,11,12,13,14,-16a,16b-eżadekaidro-14-metil-1*H*-*as*-indakeno[3,2-*d*]ossaċiklododekin-7,15-dion *XDE_175-L (Fattur minuri)*	≥ 830 g/kg 50-90 % XDE-175-J; u 50-10 % XDE-175-L Limiti ta' tolleranza (g/kg): XDE-175-J = 581-810 XDE-175-L = 83-270	1 ta' Lulju 2014	30 ta' Ġunju 2024	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tar-reviżjoni dwar l-ispinetoram, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-13 ta' Diċembru 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil: (a) ir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi u tal-ħamrija; (b) ir-riskju għall-antropodi mhux fil-mira fil-ħamrija; (c) ir-riskju għan-naħal waqt l-applikazzjoni (bexx żejjed) u sussegwentement. Fejn huwa xieraq, il-kundizzjonijiet għall-użu għandu jkun fihom miżuri li jtaffu r-riskju.

▼M99

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
		(2S,3aR,5aS,5bS,9-S,13S,14R,16aS,16b-S)-2-(6-deossi-3-O-etil-2,4-di-O-metil-α-L-mannopiranosi-lossi)-13-[(2R,5S,6R)-5-(dimetilammino)te-traidro-6-metilpiran-2-ilossi]-9-etil-2,3,3a,5a,5-b,6,9,10,11,12,13,14,-16a,16b-tetradekaidro-4,14-dimetil-1H-as-indakeno[3,2-d]ossa-ċiklododekin-7,15-dion				L-applikant għandu jibgħat informazzjoni ta' konferma dwar l-ekwivalenza bejn l-isterjokimika tal-metaboliti identifikati fl-istudji dwar il-metaboliżmu/id-degradazzjoni u fl-ittestjar ta' materjal użat għall-istudji tat-tossiċità u l-ekotossiċità. L-applikant għandu jressaq it-tagħrif rilevanti quddiem il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Awtorità ►C3 fi żmien 6 xhur wara l-adozzjoni tal-gwida pertinenti dwar il-valutazzjoni tal-isomeri ◄.

▼M108

68	1,4-dimetilnaftalina Nru CAS 571-58-4 Nru CIPAC 822	1,4-dimetilnaftalina	≥ 980 g/kg	L-1 ta' Lulju 2014	It-30 ta' Ġunju 2024	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-1,4-dimetilnaftalina u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-13 ta' Diċembru 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil: (a) lill-protezzjoni tal-operaturi u tal-ħaddiema meta dawn jidħlu mill-ġdid fil-maħżen u waqt l-ispezzjoni fil-maħżen; (b) ir-riskju għall-organiżmi akwatiċi u għall-mammiferi li jieklu l-ħut meta s-sustanza attiva toħroġ mill-imħażen għal ġol-arja u għal ġol-ilma tal-wiċċ mingħajr ma tkompli tiġi trattata. Meta xieraq, il-kundizzjonijiet għall-użu għandu jkun fihom miżuri li jtaffu r-riskju.

▼M108

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						L-applikant għandu jissottometti informazzjoni ta' konferma fir-rigward tad-definizzjoni tar-residwi għas-sustanza attiva. L-applikant għandu jissottometti l-informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sat-30 ta' Ġunju 2016.

▼M109

69	Amisulbrom CAS 348635-87-0 CIPAC 789	3-(3-bromo-6-fluworo-2-metilindol-1-ilsulfonil)-*N*,*N*-dimetil-1*H*-1,2,4-trijażol-1-sulfonamid	≥ 985 gm/kg L-impurità rilevanti li ġejja ma għandhiex taqbeż ċertu limitu fil-materjal tekniku: 3-bromo-6-fluworo-2-metil-1-(1H-1,2,4-trijażol-3-ilsulfonil)-1H-indol: ≤ 2 gm/kg	1 ta' Lulju 2014	30 ta' Ġunju 2024	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tar-reviżjoni dwar l-amisulbrom, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-13 ta' Diċembru 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi u tal-ħamrija. Fejn xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju. L-applikant għandu jressaq informazzjoni ta' konferma rigward: (1) in-nonsinifikanza tal-fotodegradazzjoni fil-metaboliżmu tal-ħamrija tal-amisulbrom fir-rigward tal-metaboliti 3-bromo-6-fluworo-2-metil-1-(1*H*-1,2,4-trijażol-3-ilsulfonil)-1*H*-indol u 1-(dimetilsulfamoil)-1*H*-1,2,4-trijażol-3-aċidu sulfoniku li tniġġes l-ilma ta' taħt l-art; (2) il-potenzjal baxx tal-amisulbrom (ATTENZJONI xenarji ta' skular biss) u l-metaboliti 1-(dimetilsulfamoil)-1*H*-1,2,4-trijażol-3-aċidu sulfoniku, 1*H*-1,2,4-trijażol-3-aċidu sulfoniku, 1*H*-1,2,4-trijażol, *N*,*N*-dimetil-1*H*-1,2,4-trijażol-3-sulfonamid, 2-aċetamid-4-aċidu fluworobenżojku, 2-aċetamid-4-fluworo-aċidu idrossibenżojku u 2,2′-ossibis(6-fluworo-2-metil-1,2-dijidro-3*H*-indol-3-on) li jniġġes l-ilma tal-wiċċ jew li jesponi l-organiżmi akkwatiċi bl-iskol;

▼M109

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						(3) skont ir-riżultat tal-valutazzjoni kif jidher fil-punti (1) u (2), fejn hemm kwantità konsiderevoli ta' fotodegradazzjoni fil-ħamrija jew fejn hemm potenzjal kbir għat-tniġġis jew ta' espożizzjoni, metodi analitiċi addizzjonali li jiddeterminaw l-komposti kollha tad-definizzjoni tar-residwu għall-monitoraġġ fl-ilma tal-wiċċ; (4) ir-riskju mill-avvelenament sekondarju għall-għasafar u l-mammali permezz ta' 3-bromo-6-fluworo-2-metil-1-(1*H*-1,2,4-trijażol-3-ilsulfonil)-1*H*-indol; (5) il-potenzjal li jkun ta' interferent endokrinali fl-għasafar u l-ħut permezz tal-amisulbrom u l-metabolit tiegħu 3-bromo-6-fluworo-2-metil-1-(1H-1,2,4-trijażol-3-ilsulfonil)-1H-indol. L-applikant għandu jippreżenta l-informazzjoni rilevanti stabbilita fil-punti 1 sa 4 sat-30 ta' Ġunju 2016 u dik fil-punt 5 fi żmien sentejn wara l-adozzjoni tal-linji gwida rilevanti tat-test OECD dwar l-interferenza endokrinali, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità.
▼M102 70	Valifenalat Nru CAS 283159-90-0 Nru CIPAC 857	Metil *N*-(isopropossikarbonil)-L-valil-(3*RS*)-3-(4-klorofenil)-β-alaninat	≥ 980 g/kg	L-1 ta' Lulju 2014	It-30 ta' Ġunju 2024	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tar-reviżjoni dwar il-valifenalat, u b'mod partikolari l-Annessi I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-13 ta' Diċembru 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lir-riskju għall-organiżmu akkwatiku. Fejn huwa xieraq, il-kundizzjonijiet għall-użu għandu jkun fihom miżuri ta' mitigazzjoni. L-applikant għandu jibgħat informazzjoni ta' konferma dwar il-potenzjal tal-metabolit S5 li jniġġes l-ilma ta' taħt l-art. In-notifikatur għandu jissottometti lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità t-tagħrif rilevanti sat-30 ta' Ġunju 2016.

▼M1

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M103						
71	Tijenkarbażon Nru CAS 317815-83-1 Nru CIPAC 797	4- [(4,5-diidro- 3-metossi- 4-metil- 5-osso-1H-1,2,4-triażol-1-il)karbonilsulfamojl]-5-metiltijofen-3-karbossilat tal-metil	≥ 950 g/kg	L-1 ta' Lulju 2014	It-30 ta' Ġunju 2024	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tar-reviżjoni dwar it-tijenkarbażon, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-13 ta' Diċembru 2013. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari (a) lir-riskju għall-ilma ta' taħt l-art jekk is-sustanza tkun applikata f'kundizzjonijiet ġeografiċi jew klimatiċi vulnerabbli; (b) lir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi. Meta jkun xieraq, il-kundizzjonijiet għall-użu għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju. L-applikant għandu jibgħat informazzjoni ta' konferma dwar il-potenzjal li t-tijenkarbażon jiġi trasportat fl-atmosfera fuq distanza kbira u dwar l-impatti ambjentali relatati. Dik l-informazzjoni ta' konferma għandha tikkonsisti mir-riżultati ta' programm ta' monitoraġġ li jevalwa l-possibbiltà li t-tijenkarbażon jiġi ttrasportat fl-atmosfera fuq distanza kbira u l-impatti ambjentali relatati. L-applikant għandu jissottometti lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità dan il-programm ta' monitoraġġ sat-30 ta' Ġunju 2016, filwaqt li r-riżultati f'forma ta' rapport ta' monitoraġġ għandu jissottomettihom sat-30 ta' Ġunju 2018.
▼M114						
72	Aċekinoċil Nru tal-CAS 57960-19-7 Nru CIPAC 760	3-dodeċil-1,4-diidro-1,4-diosso-2-naftil aċetat	≥ 960 g/kg	fl-1 ta' Settembru 2014.	fil-31 ta' Awwissu 2024.	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-aċekinoċil, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-20 ta' Marzu 2014. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil:

▼M114

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						— protezzjoni tal-ħaddiema u l-operaturi; — riskju lill-għasafar, il-mammiferi u l-organiżmi akkwatiċi. Fejn huwa xieraq, il-kundizzjonijiet għall-użu għandu jkun fihom miżuri li jtaffu r-riskju. L-applikant għandu jressaq l-informazzjoni konfermatorja dwar: (a) metodu analitiku għal reżidwi fi fluwidi u tessuti tal-ġisem; (b) l-aċċettabbiltà tar-riskju fit-tul għal għasafar granivori żgħar u mammiferi erbivori u fruġivori żgħar, fir-rigward tal-użu f'ġonna tat-tuffieħ u l-lanġas; (c) l-aċċettabbiltà tar-riskju fit-tul għal mammiferi omnivori u erbivori żgħar, fir-rigward tal-użu fuq pjanti ornamentali ta' barra. L-applikant għandu jressaq dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sal-31 ta' Awwissu 2016.

▼M117

73	Ipkonażol Nru tas-CAS 125225-28-7 (taħlita ta' dijasterjoisomeri) 115850-69-6 (ipkonażol cc, isomeru cis) 115937-89-8 (ipkonażol ct, trans isomeru) Nru CIPAC 798	(1*RS*,2*SR*,5*RS*;1*RS*,2*SR*,5*SR*)-2-(4-kloro-benżil)-5-iżopropil-1-(1*H*-1,2,4-trijażol-1-ilmetil) ċiklopentanol	≥ 955 g/kg Ipkonażol cc: 875–930 g/kg Ipkonażol ct: 65-95 g/kg	L-1 ta' Settembru 2014	Il-31 ta' Awwissu 2024	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif jissemma fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar l-ipkonażol, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-20 ta' Marzu 2014. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: 1. lir-riskju għal għasafar granivori; 2. lill-protezzjoni tal-ħaddiema u tal-operaturi; 3. lir-riskju għall-ħut. Meta xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju.

▼M117

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						L-applikant għandu jressaq l-informazzjoni ta' konferma dwar: (a) l-aċċettabbiltà tar-riskju fuq terminu twil għall-għasafar granivori; (b) l-aċċettabbiltà tar-riskju għall-makroorganiżmi li jinsabu fil-ħamrija; (c) ir-riskju ta' metabolizzazzjoni jew ta' degradazzjoni enantjoselettiva; (d) il-proprjetajiet potenzjali tal-ipkonażol li jikkawżaw tħarbit endokrinali fl-għasafar u l-ħut. L-applikant għandu jressaq l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (b) lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sal-31 ta' Awwissu 2016. L-informazzjoni msemmija fil-punt (c) għandha tiġi mressqa fi żmien sentejn wara l-adozzjoni tad-dokument ta' gwida rilevanti dwar il-valutazzjoni tat-taħlitiet ta' isomeri, filwaqt li l-informazzjoni msemmija fil-punt (d) għandha tiġi mressqa fi żmien sentejn wara l-adozzjoni tal-linji gwida ta' ttestjar tal-OECD dwar it-tħarbit endokrinali jew, alternattivament, ta' linji gwida ta' ttestjar li jkun sar qbil dwarhom fil-livell tal-UE.

▼M119

74	Flubendiammid Nru CAS 272451-65-7 Nru CIPAC 788	3-jodo-*N*'-(2-meżil-1,1-dimetiletil)-*N*-{4-[1,2,2,2-tetrafluworo-1-(trifluworometil)etil]-o-tolil}ftalammid	≥ 960 g/kg	L-1 ta' Settembru 2014	Il-31 ta' Awwissu 2024	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif jissemma fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar il-Flubendiammid, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-20 ta' Marzu 2014. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil: (a) ir-riskju lill-invertebrati akkwatiċi; (b) il-preżenza potenzjali ta' residwi fl-għelejjel ta' rotazzjoni. Meta xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju.

▼M1

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M111						
75	*Bacillus pumilus* QST 2808 USDA Agricultural Research Service (NRRL) Patent culture collection f'Peoria Illinois, l-Istati Uniti, bin-numru ta' referenza B-30087	Mhux applikabbli	≥ 1×10^{12} CFU/kg	l-1 ta' Settembru 2014	il-31 ta' Awwissu 2024	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar il-*Bacillus pumilus* QST 2808, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-20 ta' Marzu 2014. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni speċjali lill-protezzjoni tal-operaturi u tal-ħaddiema, u jqisu li l-*Bacillus pumilus* QST 2808 għandu jitqies bħala sensitizzatur potenzjali. Fejn huwa xieraq, il-kundizzjonijiet għall-użu għandu jkun fihom miżuri li jtaffu r-riskju. L-applikant għandu jressaq l-informazzjoni konfermatorja dwar: (a) l-identifikazzjoni taz-zokkor amminiku li jipproduċi l-*Bacillus pumilus* QST 2808; (b) dejta analitika għall-kontenut taz-zokkor amminiku fil-lottijiet ta' produzzjoni. L-applikant għandu jressaq dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sal-31 ta' Awwissu 2016.
▼M123						
76	Metobromuron Nru CAS 3060-89-7 Nru CIPAC 168	3-(4-bromofenil)-1-methossi-1-metilurea	≥ 978 g/kg	fl-1 ta' Jannar 2015	fil-31 ta' Diċembru 2024	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi, kif imsemmi fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar l-metobromuron, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-11 ta' Lulju 2014. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil: (a) protezzjoni tal-ħaddiema u l-operaturi;

▼M123

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						(b) ir-riskju lill-għasafar, lill-mammali, lill-organiżmi akwatiċi u lill-pjanti terrestri li mhumiex fil-mira. Meta jixraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju. L-applikant għandu jressaq informazzjoni ta' konferma rigward: (a) il-valutazzjoni tossikoloġika tal-metaboliti CGA 18236, CGA 18237, CGA 18238 u 4-bromoanilina; (b) l-aċċettabbiltà tar-riskju fuq terminu twil għall-għasafar u l-mammali. L-applikant għandu jressaq din l-informazzjoni lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sal-31 ta' Diċembru 2016.

▼M124

77	Amminopiralid Nru tal-CAS 150114-71-9 Nru tas-CIPAC 771	Aċidu 4-ammino-3,6-dikloropiridina-2-karbossiliku	≥ 920 g/kg L-impurità rilevanti li ġejja ma għandhiex taqbeż ċertu limitu: Pikloram ≤ 40 g/kg	fl-1 ta' Jannar 2015	fil-31 ta' Diċembru 2024	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar l-amminopiralid, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf fil-11ta' Lulju 2014. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil: (a) ir-riskju għall-ilma ta' taħt l-art, jekk is-sustanza tkun applikata f'kundizzjonijiet pedoklimatiċi vulnerabbli; (b) ir-riskju għall-makrofiti akkwatiċi u għall-pjanti terrestri mhux fil-mira; (c) ir-riskju kroniku għall-ħut. Fejn xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju.

▼M1

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M129						
78	Metaflumiżon Nru CAS 139968-49-3 Nru CIPAC 779	(EZ)-2′-[2-(4-ċjanofenil)-1-(α,α,α-triflworo-m-tolil)etilidene]-4-(triflworometossi)karbaniloidrażid	≥ 945 g/kg (90-100 % E-iżomeru (10-0 % Z-iżomeru) Dawn l-impuritajiet rilevanti ma għandhomx jaqbżu ċertu limitu: Idrażin ≤ 1 mg/kg 4-(triflworometossi)iżoċjanat tal-fenil ≤ 100 mg/kg Toluwen: ≤ 2 g/kg	1 ta' Jannar 2015.	31 ta' Diċembru 2024.	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-metaflumiżon, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf fil-11 ta' Lulju 2014. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil: (a) ir-riskju lill-ħut u l-organiżmi li jgħixu fis-sediment; (b) ir-riskju għall-għasafar li jieklu l-bebbux u d-dud. Fejn huwa xieraq, il-kundizzjonijiet għall-użu għandu jkun fihom miżuri li jtaffu r-riskju. L-applikant għandu jressaq l-informazzjoni ta' konferma dwar: (1) l-ekwivalenza tal-materjal użat fl-istudji tossikoloġiċi u ekotossikoloġiċi bl-ispeċifikazzjoni teknika proposta; (2) informazzjoni li tindirizza l-potenzjal tal-metaflumizone għall-bijoakkumulazzjoni f'organiżmi akkwatiċi u bijomanjifikazzjoni fil-katini tal-ikel akwatiċi. L-applikant għandu jissottometti lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità l-informazzjoni relevanti mitluba skont (1) sat-30 ta' Ġunju 2015 u skont (2) sal-31 ta' Diċembru 2016.

▼M1

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M126						
79	*Streptomyces lydicus* tar-razza WYEC 108 Numru tal-kollezzjoni: American Type Culture Collection (USDA) ATCC 55445	Mhux applikabbli	Konċentrazzjoni minima: 5.0×10^8 CFU/g	fl-1 ta' Jannar 2015	fil-31 ta' Diċembru 2024	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar l-i*Streptomyces lydicus* tar-razza WYEC 108, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-11 ta' Lulju 2014 fil-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil dawn il-fatturi li ġejjin: (a) ir-riskju lill-organiżmi akkwatiċi, (b) ir-riskju lill-organiżmi li jgħixu fil-ħamrija. Meta xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju.
▼M131						
80	Meptildinokap Nru CAS 6119-92-2 Nru CIPAC 811	Taħlita ta' 75–100 % (*RS*)-2-(1-metileptil)-4,6-dinitrofenil krotonat u 25 – 0 % (*RS*)-2-(1-metileptiyl)-4,6-dinitrofenil isokrotonat	≥ 900 g/kg (taħlita ta' *trans*- u *cis*-isomeri b'firxa ta' proporzjon definita ta' 25:1 sa 20:1) Impurità rilevanti: 2,6-dinitro-4-[(4*RS*)-oktan-4- il]fenil (2*E*/*Z*)-but-2-enoat kontenut massimu 0,4 g/kg	L-1 ta' April 2015	Il-31 ta' Marzu 2015	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' valutazzjoni dwar il-meptildinokap, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-16 ta' Mejju 2014. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil: (a) ir-riskju għall-operaturi, (b) ir-riskju għall-invertebrati akkwatiċi. Fejn xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. L-applikant għandu jressaq l-informazzjoni ta' konferma dwar: (a) il-valutazzjoni tal-esponiment tal-ilma tal-pjan għall-metaboliti tal-aċidu (3*RS*)-3-(2-idrossi-3,5-dinitro-fenil)-butanojku (X103317) u tal-aċidu (2*RS*)-2-(2-idrossi-3,5-dinitro-fenil)-propjoniku (X12335709);

▼M131

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						(b) l-impatt possibbli tal-konverżjoni u/jew id-degredazzjoni preferenzjali tat-taħlita tal-isomeri fuq il-valutazzjoni tar-riskju għall-ħaddiema, il-valutazzjoni tar-riskju għall-konsumaturi u għall-ambjent. L-applikant għandu jressaq lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità l-informazzjoni stabbilita fil-punt (a) sal-31 ta' Marzu 2017, kif ukoll l-informazzjoni stabbilita fil-punt (b) sentejn wara l-adozzjoni tal-gwida speċifika mill-Kummissjoni.

▼M133

81	Kromafenożid Nru CAS 143807-66-3 Nru CIPAC 775	*N′-tert*-butyl-5-methyl-N′-(3,5-xyloyl)chromane-6-carbohydrazide	≥ 935 g/kg L-impurità rilevanti li ġejja ma għandhiex taqbeż ċertu limitu fil-materjal tekniku: Aċetat butilitku (n-buthyl acetate, Nru CAS 123-86-4): ≤ 8 g/kg	fl-1 ta' April 2015	fil-31 ta' Marzu 2025	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-kromafenożid, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf fl-10 ta' Ottubru 2014. F'din il-valutazzjoni globali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-: (a) ir-riskju għall-ilma ta' taħt l-art, jekk is-sustanza tiġi applikata f'ħamrija jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli. (b) ir-riskju għal-Lepidoptera fil-mira f'żoni off-crop; (c) ir-riskju lil organiżmi li jgħixu fis-sediment. Il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq. L-applikant għandu jressaq l-informazzjoni konfermatorja dwar: (1) in-nonsinifikanza tad-differenza bejn il-materjal użat għall-ittestjar ekotossikoloġiku u l-ispeċifikazzjoni miftiehma tal-materjal tekniku għall-valutazzjoni tar-riskju;(2) il-valutazzjoni tar-riskju tal-metabolit M-010 għal organiżmi li jgħixu fis-sediment;

▼M133

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						(3) il-potenzjal tal-kontaminazzjoni tal-ilma tal-pjan mill-metaboliti M-006 u M-023. L-applikant għandu jissottometti lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità l-informazzjoni relevanti mitluba skont (1) sat-30 ta' Settembru 2015 u skont (2) u (3) sal-31 ta' Marzu 2017.

▼M132

82	Gamma-ċjalotrina Nru tal-CAS 76703-62-3 Nru tas-CIPAC 768	(*S*)-α-ċjano-3-fenossibenżil (1*R*,3*R*)-3-[(*Z*)-2-kloro-3,3,3-trifluworopropenil]-2,2-dimetilċiklopropankarbossilat jew (*S*)-α-ċjano-3-fenossibenżil (1*R*)-*cis*-3-[(*Z*)-2-kloro-3,3,3-trifluworopropenil]-2,2-dimetilċiklopropankarbossilat	≥ 980 g/kg	L-1 ta' April 2015	Il-31 ta' Marzu 2025	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar il-gamma-ċjalotrina, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf fl-10 ta' Ottubru 2014. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil dan li ġej: (a) is-sikurezza tal-operaturi u tal-ħaddiema, (b) ir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi. Fejn xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. L-applikant għandu jressaq l-informazzjoni ta' konferma dwar: (1) il-metodi analitiċi għall-monitoraġġ tar-residwi fil-fluwidi tal-ġisem, tessuti u matriċijiet ambjentali; (2) il-profil tat-tossiċità tal-metaboliti CPCA, PBA u PBA(OH); (3) ir-riskju fit-tul għal mammiferi selvaġġi; (4) il-potenzjal għal bijomanjifikazzjoni fil-katini alimentari terrestri u akkwatiċi. L-applikant għandu jissottometti l-informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sal-31 ta' Marzu 2017.

▼M1

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M130						
83	*Bacillus amyloliquefaciens* subsp. *plantarum* razza D747 In-numru tal-aċċess fl-Agricultural Research Culture Collection (NRRL), Peoria, Illinois, l-Istati Uniti tal-Amerika: B-50405 Numru tad-depożitu fid-Depożitarju tal-Organiżmi bi Privattivi Internazzjonali, Tokjo, il-Ġappun: FERM BP-8234.	Mhux applikabbli	Konċentrazzjoni minima: $2,0 \times 10^{11}$ CFU/g	fl-1 ta' April 2015.	fil-31 ta' Marzu 2025.	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar il-*Bacillus amyloliquefaciens* subsp. *plantarum* razza D747, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fl-10 ta' Ottubru 2014 fil-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tal-operaturi u tal-ħaddiema, waqt li jitqies li l-*Bacillus amyloliquefaciens* subsp. *plantarum* razza D747 huwa kkunsidrat bħala sensitizzatur potenzjali. Fejn xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. Il-produttur għandu jiżgura li jkun hemm manutenzjoni stretta tal-kundizzjonijiet ambjentali kif ukoll analiżi ta' kontroll tal-kwalità matul il-proċess tal-manifattura.
▼M154						
84	Taħlita ta' terpenojdi QRD 460 Nru CIPAC: 982	It-taħlita ta' terpenojdi QRD 460 fiha tliet komponenti: — α-terpinin: 1-isopropil-4-metil-ċikloeża-1,3-dien; — *p*-ċimen: 1-isopropil-4-metil-benżen; — *d*-limonen: (*R*)-4-isopropenil-1-metilċikloeżen.	Il-konċentrazzjoni nominali ta' kull komponent fis-sustanza attiva mmanifatturata trid tkun din li ġejja: — α-terpinen: 59,7 %; — *p*-ċimen: 22,4 %; — *d*-limonen: 17,9 %.	l-10 ta' Awwissu 2015	l-10 ta' Awwissu 2025	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi, kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tar-rieżami dwar it-taħlita ta' terpenojdi QRD-460, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: (a) għall-istabbiltà tal-preparazzjonijiet meta jinħażnu; (b) għall-protezzjoni tal-operaturi u l-ħaddiema, billi jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jinkludu li għandu jintuża tagħmir adegwat tal-protezzjoni personali, fejn japplika; (c) għall-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza tintuża f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet tal-klima vulnerabbli; (d) għall-protezzjoni tal-ilma tal-wiċċ u tal-organiżmi akkwatiċi; (e) għall-protezzjoni tan-naħal u ta' artropodi li mhumiex fil-mira.

▼M154

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
			Kull komponent irid ikollu l-purità minima li tidher hawn taħt: — α-terpinen: 89 %; — *p*-ċimen: 97 %; — *d*-limonen: 93 %.			Fejn hemm bżonn, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskji. L-applikant għandu jressaq l-informazzjoni konfermatorja dwar: (1) L-ispeċifikazzjoni teknika tas-sustanza attiva mmanifatturata (għandha tingħata analiżi ta' 5 lottijiet tat-taħlita), sostnuta minn metodi ta' analiżi aċċettati u vvalidati. Għandu jiġi kkonfermat li l-materjal tekniku ma jkunx fih impuritajiet rilevanti; (2) L-ekwivalenza tal-materjal użat fl-istudji tossikoloġiċi u ekotossikoloġiċi bl-ispeċifikazzjoni teknika kkonfermata. L-applikant għandu jippreżenta din l-informazzjoni lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sal-10 ta' Frar 2016.

▼M155

85	Feneżamid Nru tas-CAS: 126833-17-8 Nru CIPAC: 603	N-(2,3-dikloru-4-idrossifenil)-1- metil-ċikloeżan-1-karbos-sammid	≥ 975 g/kg L-impurità rilevanti li ġejja ma għandhiex taqbeż ċertu limitu fil-materjal tekniku: — toluwen: massimu ta' 1 g/kg; — 4-amino-2,3-diklorofenol: massimu ta' 3 g/kg.	fl-1 ta' Jannar 2016.	l-It-Tlieta, 31 ta' Diċembru 2030	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmi fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar il-feneżamid, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — Lill-protezzjoni ta' operaturi waqt operazzjonijiet manwali li jsiru fuq uċuħ tar-raba'; — Lill-protezzjoni ta' ħaddiema li jkunu qed jerġgħu jidħlu ħdejn għelejjel li ma jkunux ġew trattati fil-beraħ; — Lir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi; — Lir-riskju fit-tul għall-mammiferi li jintużaw fl-għelieqi. Meta xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju.

▼M1

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M151						
86	Ħalauksifen-metil Nru tas-CAS: 943831-98-9 Nru CIPAC: 970.201 (ħalauksifen-metil) 970 (ħalauksifen)	4-amino-3-kloro-6-(4-kloro-2-fluworo-3-metossifenil)pyridina-2-karbossilat tal-metil	≥ 930 g/kg	Il-5 ta' Awwissu 2015	Il-5 ta' Awwissu 2025	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmi fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-ħalauksifen-metil, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil dawn li ġejjin: — Ir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi u għall-pjanti terrestri mhux fil-mira. Fejn xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. L-applikant għandu jippreżenta informazzjoni ta' konferma dwar: — L-ispeċifikazzjoni teknika tas-sustanza attiva kif immanifatturata (abbażi tal-produzzjoni fuq skala kummerċjali). Ir-rilevanza tal-impuritajiet li jinsabu fil-materjal tekniku għandha tiġi kkonfermata; — Il-konformità tal-lottijiet maħsuba għall-istudji tossikoloġiċi mal-ispeċifikazzjoni teknika. L-applikant għandu jippreżenta dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sal-5 ta' Frar 2016.
▼M148						
87	Piridat Nru tal-CAS: 55512-33-9 Nru tas-CIPAC: 447	O-6-kloru-3-fenilpiridazin-4-yl S-oktil tiokarbonat	≥ 900 g/kg	L-1 ta' Jannar 2016	Il-31 ta' Diċembru 2030	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar il-piridat, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din l-evalwazzjoni kumplessiva, l-Istati Membri għandhom jagħtu kas partikularment lir-riskju lill-organiżmi akkwatiċi, lill-pjanti terrestri mhux fil-mira, u lill-mammiferi erbivori. Fejn xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju.

▼M1

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M156						
88	Sulfoksaflor Nru tas-CAS: 946578-00-3 Nru CIPAC: 820	[metil(osso){1-[6-(trifluworometil)-3-piridil]etil}-λ^6-sulfaniliden]ċijanammid	≥ 950 g/kg	It-18 ta' Awwissu 2015	It-18 ta' Awwissu 2025	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmi fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar is-sulfoksaflor, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: (a) ir-riskju għan-naħal u għal antropodi oħra mhux fil-mira; (b) ir-riskju għan-naħal u għal naħal bagħli li jiġi rilaxxat għad-dakkir, meta s-sustanza tintuża fis-serer. Fejn xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. L-applikant għandu jippreżenta informazzjoni ta' konferma dwar: (a) ir-riskju għan-naħal tal-għasel permezz ta' rotot differenti ta' esponiment, b'mod partikolari n-nektar, l-għabra tad-dakra, il-fluwidu tal-guttazzjoni u t-trab; (b) ir-riskju għan-naħal tal-għasel li jfittxu n-nektar jew l-għabra tad-dakra fl-għelejjel li jitkabbru wara u fil-ħxejjex slavaġ; (c) ir-riskju għal dakkara oħra apparti n-naħal tal-għasel; (d) ir-riskju għad-duqqajs tan-naħal. L-applikant għandu jippreżenta dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sa mhux aktar tard mit-18 ta' Awwissu 2017.
▼M150						
89	Sulfosulfuron Nru tal-CAS: 141776-32-1 Nru CIPAC: 601	1-(4,6-dimetossipirimidin-2-il)-3-(2-etilsulfonilimidażo[1,2-a]piridina-3-ilsulfonil)urea	≥ 980 g/kg L-impurità rilevanti li ġejja ma għandhiex taqbeż ċertu livell limitu fil-materjal tekniku: Fenol: < 2 g/kg	fl-1 ta' Jannar 2016.	fil-31 ta' Diċembru 2030.	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmi fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' rieżami dwar is-sulfosulfuron, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-ħarsien tal-ilma tal-pjan, meta s-sustanza tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet tal-klima vulnerabbli; — lir-riskju għal makroorganiżmi tal-ħamrija mhux fil-mira għajr għall-ħniex, għall-pjanti terrestri mhux fil-mira u għall-organiżmi akkwatiċi.

▼M1

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M159						
90	Florasulam Nru tal-CAS 145701-23-1 Nru CIPAC 616	2′,6′,8-trifluworo-5-metossi[1,2,4]triażolo[1,5-*c*]pirimidina-2-sulfonanilida	≥ 970 g/kg Impurità: 2,6-DFA, mhux aktar minn 2 g/kg	L-1 ta' Jannar 2016	L-It-Tlieta, 31 ta' Diċembru 2030	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' eżami dwar il-florasulam, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din l-evalwazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu kas partikularment lir-riskju lill-organiżmi akkwatiċi u lill-pjanti terrestri mhux fil-mira. Meta xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju.
▼M164						
91	Flupiradifuron Nru CAS: 951659-40-8 Nru CIPAC: 987	4- [(6-kloro-3-piridilmetil)(2,2-difluworoetil) amino]furan-2(5H)-on	≥ 960 g/kg	id-9 ta' Diċembru 2015	id-9 ta' Diċembru 2025	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-flupiradifuron, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-protezzjoni tal-ħaddiema u tal-operaturi; — liir-riskju għall-artropodi li mhumiex fil-mira, għall-invertebrati akkwatiċi u għall-mammiferi erbivori żgħar; — lill-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza tintuża f'reġjuni b'kundizzjonijiet vulnerabbli tal-ħamrija u/jew tal-klima; — lir-residwi fil-matriċital-annimali u fl-uċuħ tan-newba. Fejn xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. L-applikant għandu jippreżenta informazzjoni ta' konferma dwar: (1) l-ispeċifikazzjoni teknika tas-sustanza attiva kif immanifatturata (ibbażata fuq l-produzzjoni fuq skala kummerċjali) inkluż ir-rilevanza ta' xi impuritajiet individwali; (2) il-konformità tal-lottijiet maħsuba għall-istudji tossikoloġiċi mal-ispeċifikazzjoni teknika. (3) l-effett ta' proċessi ta' trattament tal-ilma fuq in-natura tar-residwi preżenti fl-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art, meta l-ilma tal-wiċċ jew l-ilma ta' taħt l-art huwa estratt għal ilma tajjeb għax-xorb.

▼M164

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						L-applikant għandu jissottometti lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità, l-informazzjoni mitluba fil-punti (1) u (2) sad-9 ta' Ġunju 2016, u l-informazzjoni mitluba fil-punt (3), fi żmien sentejn wara l-adozzjoni ta' dokument ta' gwida dwar l-evalwazzjoni tal-effett ta' proċessi ta' trattament tal-ilma fuq in-natura tar-residwi preżenti fl-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art.

▼M167

92	Rescalure Nru CAS: 67601-06-3 Nru CIPAC: Mhux disponibbli	(3*S*,6*R*)-(3*S*,6*S*)-6-isopropenil-3-metildek-9-en-1-il aċetat	≥ 750 g/kg Il-proporzjon ta' *(3S, 6R) u (3S, 6S)* għandu jkun fil-firxa ta' 55/45 sa 45/55. Il-firxa tal-purità għal kull isomeru għandha tkun ta' 337,5 g/kg sa 412,5 g/kg.	It-18 ta' Diċembru 2015	It-18 ta' Diċembru 2025	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar ir-rescalure, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu.

▼M165

93	Mandestrobin Nru tal-CAS: 173662-97-0 Nru CIPAC: Mhux disponibbli	(RS) — 2-methoxy-n-methyl- 2- [α- (2,5-xylyloxy) -o-tolil] acetamide	≥ 940 g/kg (fuq bażi ta' piż xott) Ksilini (orto, meta, para), etil benżin mass. 5 g/kg (TK)	Id-9 ta' Diċembru 2015	Id-9 ta' Diċembru 2025	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmi fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar is-sulfoksaflor, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — għar-riskju għall-organiżmi akkwatiċi; — il-ħarsien tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet ta' klima vulnerabbli. Fejn xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. L-applikant għandu jippreżenta informazzjoni ta' konferma dwar: (1) l-ispeċifikazzjoni teknika tas-sustanza attiva kif iffabbrikata (ibbażata fuq l-produzzjoni fuq skala kummerċjali) inkluż ir-rilevanza ta' xi impuritajiet individwali; (2) Il-konformità tal-lottijiet maħsuba għall-istudji tossikoloġiċi mal-ispeċifikazzjoni teknika. L-applikant għandu jippreżenta dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sad-9 ta' Ġunju 2016.

▼M1

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M161						
94	2,4-D In-Nru tal-CAS: 94-75-7 In-Nru CIPAC: 1	(2,4-diklorofenossi) aċidu aċetiku	≥ 960 g/kg Impuritajiet: Fenoli ħielsa (espressi bħala 2,4-DCP): mhux iktar minn 3 g/kg. L-għadd totali ta' dijossini u furani (WHO-TCDD TEQ) ([31]): mhux iktar minn 0,01 mg/kg.	L-1 ta' Jannar 2016	Il-31 ta' Diċembru 2030	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' eżami dwar il-2,4-D, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din l-evalwazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lir-riskju lill-organiżmi akkwatiċi, lill-organiżimi terrestri u lill-konsumaturi f'każijiet ta' aktar minn 750 g/ha. Fejn xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. In-notifikatur għandu jressaq quddiem il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Awtorità: (1) informazzjoni ta' konferma fil-forma tal-preżentazzjoni tar-riżultati sħaħ mill-istudju eżistenti fuq ġenerazzjoni waħda estiża; (2) informazzjoni ta' konferma fil-forma tal-preżentazzjoni tal-Assaġġ tal-Metamorfosi tal-Amfibji (AMA) (It-test Nru 231 tal-OECD (2009)) li tivverifika l-proprjetajiet endokrinali potenzjali tas-sustanza. L-informazzjoni stabbilita fil-punt (1) għandha tiġi ppreżentata sl-4 ta' Ġunju 2016 u l-informazzjoni stipulata fil-punt (2) sal-4 ta' Diċembru 2017.
▼M173						
95	Piraflufen-etil Nru tal-CAS 129630-19-9 Nru tas-CIPAC 605.202	etil [2-kloro-5-(4-kloro-5-difluorometossi-1-metilpirażol-3-il)-4-fluworofenossi]aċetat	≥ 956 g/kg	L-1 ta' April 2016	Il-31 ta' Marzu 2031	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' rieżami dwar il-piraflufen-etil, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-protezzjoni tal-organiżmi akkwatiċi, — lill-protezzjoni ta' pjanti terrestri mhux fil-mira. Fejn ikun rilevanti, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju.

▼M1

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M171						
96	Iprovalikarb Nru CAS 140923-17-7 Nru CIPAC 620	isopropil [(1S)-2-metil-1-{[(1RS)-1-p-toliletil]karbamojl}-propil]karbamat	≥ 950 g/kg Impuritajiet: Toluwen: mhux aktar minn 3 g/kg	L-1 ta' April 2016	Il- 31 ta' Marzu 2031	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmi fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar l-iprovalikarb, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din il-valutazzjoni kumplessiva, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art mill-metabolit tal-ħamrija rilevanti PMPA [17] meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'tipi ta' ħamrija b'livell baxx ta' tafal; — lis-sikurezza tal-operaturi u tal-ħaddiema, — lill-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi fil-każ ta' prodotti formulati li fihom sustanzi attivi oħra. Meta xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. L-applikant għandu jissottometti lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità, informazzjoni ta' konferma dwar il-potenzjal ġenotossiku tal-metabolita PMPA tal-ħamrija. Din l-informazzjoni għandha tiġi sottomessa sat-30 ta' Settembru 2016.
▼M174						
97	Pinoksaden Nru CAS 243973-20-8 Nru CIPAC 776	8-(2,6-dietil-p-tolil)-1,2,4,5-tetraidro-7-osso-7H-pirazolo[1,2-d][1,4,5]ossadiazepin-9-yl 2,2-dimetilpropjonat	≥ 970 g/kg Kontenut massimu ta' toluwen 1 g/kg	fl-1 ta' Lulju 2016.	fit-30 ta' Ġunju 2026.	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-pinoksaden, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf fid-29 ta' Jannar 2016. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli. L-Istati Membri kkonċernati għandhom iwettqu programmi ta' monitoraġġ biex jivverifikaw il-kontaminazzjoni possibbli tal-ilma ta' taħt l-art mill-metabolit M2 f'żoni vulnerabbli, fejn jixraq.

▼M174

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						L-applikant għandu jissottometti l-informazzjoni ta' konferma dwar: (a) metodu vvalidat ta' analiżi tal-metaboliti M11, M52, M54, M55 u M56 fl-ilma ta' taħt l-art; (b) ir-rilevanza tal-metaboliti M3, M11, M52, M54, M55 u M56, u l-valutazzjoni tar-riskju tal-ilma ta' taħt l-art korrispondenti, jekk il-pinoksaden huwa kklassifikat skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 bħala H361d (suspettat li jagħmel ħsara lit-tarbija fil-ġuf). L-applikant għandu jissottometti lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità l-informazzjoni rilevanti stabbilita fil-punt (a) sat-30 ta' Ġunju 2018 u l-informazzjoni stabbilita fil-punt (b) fi żmien sitt xhur min-notifika tad-deċiżjoni ta' klassifikazzjoni dwar il-pinoksaden skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

▼M175

98	Aċibenżolar-s-metil In-nru tal-CAS 135158-54-2 CIPAC Nru 597	S-metil benżo[1,2,3]tiadijażol-7-karbotijoat	970 g/kg Toluwen: massimu ta' 5 g/kg	L-1 ta' April 2016	Il-31 ta' Marzu 2031	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' rieżami dwar l-aċibenżolar-s-metil, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din il-valutazzjoni kumplessiva, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: (a) lir-riskju għall-konsumaturi permezz tal-konsum tal-ikel, (b) lill-protezzjoni tal-operaturi u tal-ħaddiema, (c) lir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi. Fejn xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju.

▼M175

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						L-applikant għandu sal-1 ta' Ġunju 2017 sabiex jippreżenta lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità tagħrif konfermatorju dwar ir-rilevanza u r-riproduċibbiltà tal-bidliet morfometriċi osservati fiċ-ċervellett tal-feti marbuta mal-espożizzjoni għall-aċibenżolar-s-metil u jekk dawn il-bidliet jistgħux jiġu prodotti permezz ta' mod ta' azzjoni endokrinali. L-informazzjoni li għandha tingħata għandha tinkludi reviżjoni sistematika tal-evidenza disponibbli vvalutata abbażi tal-gwida disponibbli (eż. l-"EFSA GD on Systematic Review methodology" tal-2010).

▼M189

99	Ċjantraniliprol Nru CAS: 736994-63-1 Nru CIPAC: Mhux assenjat.	3-bromo-1-(3-kloro-2-piridil)-4′-ċjano-2′-metil-6′-(metilkarbamojl)pirażol-5-karbossanilid	≥ 940 g/kg IN-Q6S09 massimu ta' 1 mg/kg IN-RYA13 massimu ta' 20 mg/kg aċidu metanesulfoniku, massimu ta' 2 g/kg aċetonitril massimu ta' 2 g/kg ettan massimu ta' 7 g/kg 3-pikolina massimu ta' 3 g/kg.	l-14 ta' Settembru 2016	l-14 ta' Settembru 2026	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar iċ-ċjantraniliprol, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din il-valutazzjoni kumplessiva, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għal: (a) ir-riskju għall-operaturi; (b) ir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi, in-naħal u artropodi oħra mhux fil-mira; (c) ir-riskju għan-naħal u għal naħal bagħli li jiġi rilaxxat għad-dakkir, meta s-sustanza attiva tintuża fis-serer; (d) il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet ta' klima vulnerabbli. Fejn xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. L-applikant għandu jissottometti lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità, informazzjoni konfermatorja fir-rigward tal-effett ta' proċessi ta' trattament tal-ilma fuq in-natura tar-residwi preżenti fl-ilma tal-wiċċ u fl-ilma ta' taħt l-art, meta l-ilma tal-wiċċ jew l-ilma ta' taħt l-art jiġi estratt għall-użu bħala ilma tajjeb għax-xorb fi żmien sentejn wara l-adozzjoni ta' dokument ta' gwida dwar l-evalwazzjoni tal-effett tal-proċessi ta' trattament tal-ilma fuq in-natura tar-residwi preżenti fl-ilma tal-wiċċ u fl-ilma ta' taħt l-art.

▼M1

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M192						
100	Isofetammid Numru tal-CAS: 875915-78-9 Numru CIPAC: 972	*N*-[1,1-dimetil-2-(4-isopropossi-o-tolil)-2-ossoetil]-3-metiltiofen-2-karbossammid	≥ 950 g/kg	Il-15 ta' Settembru 2016	Il-15 ta' Settembru 2026	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-isofetammid, u b'mod partikulari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom joqogħdu attenti b'mod partikulari għar-riskju għall-operaturi, għall-ħaddiema u għall-organiżmi akkwatiċi, b'mod partikulari l-ħut. Meta jkun xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju. L-applikant għandu jibgħat lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità informazzjoni ta' konferma dwar l-affarijiet li ġejjin: (1) l-ispeċifikazzjoni teknika tas-sustanza attiva kif immanifatturata (abbażi tal-produzzjoni fuq skala kummerċjali), inkluż kemm huma rilevanti l-impuritajiet; (2) il-konformità tal-lottijiet maħsuba għall-istudji tossikoloġiċi u ekotossikoloġiċi mal-ispeċifikazzjoni teknika kkonfermata; (3) l-effett tal-proċess ta' trattament tal-ilma tal-klorurazzjoni fuq in-natura tar-residwi, fosthom il-potenzjal li jiġu ffurmati residwi miżjuda bil-klorin li jistgħu jiġu ffurmati minn residwi li jkun hemm fl-ilma tal-wiċċ meta dan jittieħed għall-ilma tax-xorb. L-applikant għandu jibgħat l-informazzjoni mitluba fil-punti (1) u (2) sal-15 ta' Marzu 2017 u dik mitluba fil-punt (3) fi żmien sentejn minn meta jiġi adottat dokument ta' gwida dwar l-evalwazzjoni tal-effett tal-proċessi ta' trattament tal-ilma fuq in-natura tar-residwi li jkun hemm fl-ilma tal-wiċċ u fl-ilma ta' taħt l-art.

▼M1

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M194						
101	*Bacillus amyloliquefaciens* — ir-razza MBI 600. Numru tal-adeżjoni fil-ġabra ta' batterji tal-kumpanija National Collection of Industrial, Marine and Food Bacteria Ltd (NCIMB) tal-Iskozja: NCIMB 12376 Numru tad-depożitu fil-ġabra ta' organiżmi tal-organizzazzjoni American Type Culture Collection (ATCC): SD-1414	Mhux applikabbli	Konċentrazzjoni minima: $5{,}0 \times 10^{14}$ CFU/kg	Is-16 ta' Settembru 2016	Is-16 ta' Settembru 2026	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar is-sustanza attiva *Bacillus amyloliquefaciens* — ir-razza MBI 600, u b'mod partikulari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom joqogħdu attenti b'mod partikulari għall-affarijiet li ġejjin: (b) l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif immanifatturat mil-lat kummerċjali, inkluża karatterizzazzjoni sħiħa tal-impuritajiet u tal-metaboliti; (b) il-ħarsien tal-operaturi u tal-ħaddiema, meta wieħed iqis li s-sustanza attiva *Bacillus amyloliquefaciens* — ir-razza MBI 600 għandha titqies bħala sensitizzatur potenzjali. Meta jkun xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju. Il-produttur għandu jiżgura li jinżammu strettament il-kundizzjonijiet ambjentali u li ssir analiżi tal-kontroll tal-kwalità matul il-proċess tal-manifattura.
▼M193						
102	Etofumesat Numru tal-CAS 26225-79-6 Numru CIPAC 233	(RS)-2-etossi-2,3-diidro-3,3-dimetilbenżofuran-5-il metansulfonat	≥ 970 g/kg L-impuritajiet li ġejjin huma ta' ħassib mil-lat tossikoloġiku u ma għandhomx jaqbżu l-livelli li ġejjin fil-materjal tekniku:	L-1 ta' Novembru 2016	Il-31 ta' Ottubru 2031	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tat-tiġdid dwar l-etofumesat, u b'mod partikulari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom joqogħdu attenti b'mod partikulari għal dan li ġej: — ir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi. Meta jkun xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju.

▼M193

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
			— l-EMS; il-metansulfonat etiliku: ammont massimu ta' 0,1 mg/kg — l-iBMS; il-metansulfonat tal-isobutil: ammont massimu ta' 0,1 mg/kg			

▼M190

103	Pikolinafen Numru tal-CAS 137641-05-5 Numru CIPAC 639	4′-fluworo-6-(α,α,α-trifluworo-m-tolilossi)-piridina-2-karbossanilida	≥ 980 g/kg	L-1 ta' Novembru 2016	It-30 ta' Ġunju 2031	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-pikolinafen, u b'mod partikulari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom joqogħdu attenti b'mod partikulari għall-affarijiet li ġejjin: — l-impuritajiet tas-sustanza attiva teknika; — il-ħarsien tal-mammiferi, b'mod speċjali tal-mammiferi erbivori l-kbar; — il-ħarsien tal-pjanti terrestri mhux fil-mira; — il-ħarsien tal-ilma ta' taħt l-art meta s-sustanza attiva tintuża f'reġjuni li jkollhom kundizzjonijiet klimatiċi u/jew tal-ħamrija vulnerabbli; — il-ħarsien tal-organiżmi akkwatiċi, b'mod speċjali tal-alka. Meta jkun xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju.

▼M1

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M191						
104	Tifensulfuron-metil Numru tal-CAS 79277-27-3 Numru CIPAC 452	Metil 3-(4-metossi-6-metil-1,3,5-triażin-2-ilkarbamoil-sulfamoil)tiofen-2-karbossilat	≥ 960 g/kg	L-1 ta' Novembru 2016	Il-31 ta' Ottubru 2031	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-tifensulfuron-metil, u b'mod partikulari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom joqogħdu attenti b'mod partikulari għall-affarijiet li ġejjin: — il-ħarsien tal-ilma ta' taħt l-art; — il-ħarsien tal-pjanti mhux fil-mira u tal-organiżmi akkwatiċi. Meta jkun xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju u l-obbligu li jiġi mmonitorjat l-ilma ta' taħt l-art. L-applikant għandu jibgħat lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità informazzjoni ta' konferma dwar l-affarijiet li ġejjin: (1) in-nuqqas ta' ġenotossicità tal-metabolita IN-A4098 u tad-derivattiv tagħha IN-B5528, u tal-metaboliti IN-A5546 u IN -W8268; (2) dejta mekkanistika sabiex jiġi eskluż mod ta' azzjoni medjat mis-sistema endokrinali għat-tumuri tal-glandola mammarja; (3) ir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi mit-tifensulfuron-metil u mill-metabolita IN- D8858 u r-riskju għall-organiżmi tal-ħamrija mill-metaboliti IN-JZ789 u 2 aċidu 3 trijuret; (4) kemm huma rilevanti l-metaboliti IN-A4098, IN — L9223 u IN-JZ789 jekk it-tifensulfuron-metil jiġi kklassifikat bħala sustanza tossika għar-riproduzzjoni tal-kategorija 2 fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u r-riskju li dawk il-metaboliti jniġġsu l-ilma ta' taħt l-art.

▼M191

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
						L-applikant għandu jibgħat l-informazzjoni mitluba fil-punt (1) sal-31 ta' Marzu 2017, dik mitluba fil-punti (2) u (3) sat-30 ta' Ġunju 2017 u dik mitluba fil-punt (4) fi żmien sitt xhur minn meta ssir in-notifika tad-deċiżjoni dwar il-klassifikazzjoni tat-tifensulfuron-metil.

▼M1

(1) Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanzi attivi huma pprovduti fir-rapport ta' reviżjoni.
►M9 (2) 2-idrossi-4,6-dimetossipirimidina.
(3) 2,4-diidrossi-6-metossipirimidina.
(4) sodju 2-idrossi-6-(4- idrossi -6-metossipirimidina-2-il)ossibenżoat. ◄
►M53 (5) 5-(trifluworometil)-2(1H)-piridinon.
(6) 4-{[5-(trifluworometil)-2-piridinil]ossi}fenol. ◄
►M13 (7) M03: [(8-tert-butil-1,4-diossaspiro[4.5]dek-2-il)metil]etil(propil)ammina ossidu. ◄
►M14 (8) 5-[2-kloro-4-(triflworometil)fenossi]-2-[(metossimetil)amino]fenol.
(9) 3-kloro-4-[3-(etenilossi)-4-idrossifenossi]aċidu benżojku.
(10) 2-kloro-1-(3-metossi-4-nitrofenossi)-4-(triflworometil)benzin.
(11) 4-(3-etossi-4-idrossifenossi)aċidu benzojku. ◄
►M20 (12) 3-Fenossibenżaldeide. ◄
►M25 (13) Dijossini (l-għadd ta' dibenżo-para-dijossini poliklorinati (PCDDs) u dibenżofurani poliklorinati (PCDFs) espressi bħala l-ekwivalent tossiku (TEQ) tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) bl-użu tal-fatturi ta' ekwivalenza tossika tal-WHO (WHO–TEFs)). ◄
►M52 (14) 7-ammino-5-etil[1,2,4]triażolo[1,5-*a*]pirimidina-6-aċidu karbossiliku. ◄
►M56 (15) 3-chloro-5-[(4,6-dimethoxy-2-pyrimidinyl)amino]-1-methyl-1*H*-pyrazole-4-carboxylic acid.
(16) 3-chloro-1-methyl-5-sulfamoyl-1*H*-pyrazole-4-carboxylic acid. ◄
►M171 (17) *p*-metil-fenetilammina. ◄

▼M110

PARTI C

Sustanzi bażiċi

Id-dispożizzjonijiet ġenerali li japplikaw għas-sustanzi kollha elenkati f'din il-Parti: il-Kummissjoni għandha żżomm disponibbli r-rapporti ta' analiżi kollha (minbarra informazzjoni kunfidenzjali skont it-tifsira tal-Artikolu 63 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009) biex ikunu jistgħu jiġu kkonsultati minn kwalunkwe partijiet interessati, jew tagħmilhom disponibbli għalihom fuq talba speċifika.

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
1	*Equisetum arvense* L. Nru CAS: mhux assenjat Nru CIPAC: mhux assenjat	Mhux applikabbli	Farmakopea Ewropea	fl-1 ta' Lulju 2014.	*Equisetum arvense* L. tista' tintuża skont il-kundizzjonijiet speċifiċi inklużi fil-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar l-*Equisetum arvense* L. (SANCO/12386/2013) u b'mod partikolari fl-Appendiċi I u II tiegħu, kif ġie ffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-20 ta' Marzu 2014.
▼M116 2	Idroklorur tal-kitosan Nru CAS: 9012-76-4	Mhux applikabbli	Farmakopea Ewropea Kontenut massimu ta' metalli tqal: 40 ppm	fl-1 ta' Lulju 2014.	L-idroklorur tal-kitosan għandu jikkonforma mar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 u mar-Regolament (UE) Nru 142/2011. L-idroklorur tal-kitosan jista' jintuża skont kundizzjonijiet speċifiċi inklużi fil-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-idrokolur tal-kitosan (SANCO/12388/2013) u b'mod partikolari fl-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-20 ta' Marzu 2014.
▼M125 3	Sukrożju Nru CAS: 57-50-1	α-D-glukopiranosil-(1→2)-β-D-fruktofuranosur jew β-D-fruktofuranosil-(2→1)-α-D-glukopiranosur	Grad tal-ikel	L-1 ta' Jannar 2015	L-użi bħala sustanza bażika li tkun stimulant tal-mekkaniżmi ta' difiża naturali tal-għelejjel biss huma approvati. Is-sukrożju jista' jintuża f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi inklużi fil-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar is-sukrożju (SANCO/11406/2014) u b'mod partikolari fl-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf fil-11 ta' Lulju 2014.

▼M110

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M144					
4	Idrossidu tal-kalċju Nru tal-CAS 1305-62-0	Idrossidu tal-kalċju	920 g/kg Grad tal-ikel L-impuritajiet li ġejjin huma ta' preokkupazzjoni tossikoloġika u ma għandhomx jaqbżu l-livelli ta' hawn taħt (espressi f'mg/kg fuq il-materja niexfa): Barju 300 mg/kg Fluworur ta' 50 mg/kg Arseniku 3 mg/kg Ċomb, 2 mg/kg	l-1 ta' Lulju 2015	L-idrossidu tal-kalċju jista' jintuża b'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi inklużi fil-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar l-idrossidu tal-kalċju (SANCO/10148/2015) u b'mod partikolari fl-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf fl-20 ta' Marzu 2015.
▼M147					
5	Ħall Nru tal-CAS: 90132-02-8	Mhux disponibbli	Grad ta' ikel li jkun fih massimu ta' 10 % ta' aċidu aċetiku.	fl-1 ta' Lulju 2015.	L-użi approvati huma biss dawk ta' funġiċida u ta' batteriċida bħala sustanza bażika. Il-ħall jista' jintuża f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi inklużi fil-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar il-ħall (SANCO/12896/2014) u b'mod partikolari fl-Appendiċijiet I u II tiegħu.
▼M149					
6	Il-leċitina Nru tal-CAS: 8002-43-5 Nru CIPAC: mhux assenjat Einecs 232-307-2	Mhux assenjat	Kif deskritt fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012.	fl-1 ta' Lulju 2015.	Ġew approvati biss l-użi bħala sustanza bażika bħala funġiċida. Il-leċitina tista' tintuża f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi inklużi fil-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar il-leċitina (SANCO/12798/2014) u b'mod partikolari fl-Appendiċijiet I u II tiegħu.
▼M146					
7	*Salix* spp. cortex Nru tas-CAS: mhux assenjat Nru CIPAC: mhux assenjat	Mhux applikabbli	Farmakopea Ewropea	fl-1 ta' Lulju 2015.	Il-kortiċi *Salix* għandha tintuża f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi inklużi fil-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar is-*Salix* spp cortex (SANCO/12173/2014) u b'mod partikolari fl-Appendiċijiet I u II tiegħu.

▼M110

	Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ([1])	Data tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M157	8	Fruttożju Nru tal-CAS: 57-48-7	β-D-fruttofuranożju	Grad tal-ikel	fl-1 ta' Ottubru 2015.	L-użi bħala sustanza bażika li tkun stimulant tal-mekkaniżmi ta' difiża naturali tal-għelejjel biss huma approvati. Il-fruttożju jintuża f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi inklużi fil-konklużjonijiet tar-rapport ta' eżami dwar il-fruttożju (SANCO/12680/2014) u b'mod partikolari fl-Appendiċijiet I u II tiegħu.
▼M163	9	Idroġenu karbonat tas-sodju Nru CAS: 144-55-8	Idroġenu karbonat tas-sodju	Grad tal-ikel	It-8 ta' Diċembru 2015	L-idroġenu karbonat tas-sodju għandu jintuża skont il-kundizzjonijiet speċifiċi inklużi fil-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar l-idroġenu karbonat tas-sodju (SANTE/10667/2015) u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu.
▼M178	10	Xorrox Nru tal-CAS: 92129-90-3	Mhux disponibbli	STANDARD TAL-CODEX 289-1995 ([2])	It-2 ta' Mejju 2016	Ix-xorrox jista' jintuża f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi inklużi fil-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar ix-xorrox (SANCO/12354/2015) u b'mod partikolari fl-Appendiċijiet I u II tiegħu.
▼M176	11	Fosfat tad-diammonju Nru tas-CAS: 7783-28-0	Idroġenufosfat tad-diammonju	Grad enoloġiku	Id-29 ta' April 2016	Il-fosfat tad-diammonju jista' jintuża f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi inklużi fil-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar il-fosfat tad-diammonju (SANCO/12351/2015) u b'mod partikolari fl-Appendiċijiet I u II tiegħu.
▼M195	12	Żejt tal-ġirasol Nru CAS: 8001-21-6	Żejt tal-ġirasol	Grad tal-ikel	it-2 ta' Diċembru 2016	Iż-żejt tal-ġirasol jista' jintuża f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi inklużi fil-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar iż-żejt tal-ġirasol (SANCO/10875/2016) u b'mod partikolari fl-Appendiċijiet I u II tiegħu.

▼M110

([1]) Aktar dettalji dwar l-identità, l-ispeċifikazzjoni u l-modalitajiet tal-użu tas-sustanza attiva jinsabu fir-rapport ta' analiżi.
►M178 ([2]) Disponibbli onlajn fuq: http://www.fao.org/fao-who-codexalimentarius/standards/list-of-standards/en/ ◄

▼M136

PARTI D

Sustanzi attivi ta'riskju żgħir

Id-dispożizzjonijiet ġenerali li japplikaw għas-sustanzi kollha elenkati f'din il-Parti: il-Kummissjoni għandha żżomm disponibbli r-rapporti tal-analiżi kollha (minbarra l-informazzjoni kunfidenzjali skont it-tifsira tal-Artikolu 63 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009) għall-konsultazzjoni minn kwalunkwe parti interessata jew għandha tpoġġihom għad-dispożizzjoni tagħhom meta jintalbu b'mod speċifiku.

	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
1	*Isaria fumosorosea* tar-razza Apopka 97 Iddepożitata fl-American Type Culture Collection (ATCC) bl-isem *Paecilomyces fumosoroseus* Apopka ATCC 20874	Ma japplikax	Konċentrazzjoni minima: $1,0 \times 10^8$ CFU/ml Konċentrazzjoni massima: $2,5 \times 10^9$ CFU/ml	fl-1 ta' Jannar 2016.	fil-31 ta' Diċembru 2030.	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tal-analiżi dwar l-*Isaria fumosorosea* tar-razza Apopka 97, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fis-seduta tat-12 ta' Diċembru 2014 tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-protezzjoni tal-operaturi u tal-ħaddiema, u jqisu li l-*Isaria fumosorosea* tar-razza Apopka 97 għandha titqies bħala sensitizzatur potenzjali. Il-produttur għandu jiżgura li jkun hemm manutenzjoni stretta tal-kundizzjonijiet ambjentali kif ukoll analiżi tal-kontrolli tal-kwalità matul il-proċess tal-manifattura.
▼M142						
2	COS-OGA Nru CAS: mhux assenjat Nru CIPAC: 979	Kopolimeru lineari ta' aċidi α-1,4-D-galattopiranosiluroniċi u ta' aċidi galattopiranosiluroniċi metilesterifikati (minn 9 sa 20 residwu) b'kopolimeru lineari ta' 2-ammino-2-deossi-D-glukopiranożi b'rabta β-1,4 u ta' 2-aċetamido-2-deossi-D-glukopiranożi (5 sa 10 residwi)	≥ 915 g/kg — Porzjon ta' OGA/COS magħmul minn bejn 1 u 1,6 — Grad ta' polimerizzazzjoni ta' COS magħmul minn bejn 5 u 10 — Grad ta' polimerizzazzjoni ta' OGA magħmul minn bejn 9 u 20 — Grad ta' metilazzjoni ta' OGA < 10 % — Grad ta' aċetilazzjoni ta' COS < 50 %	It-22 ta' April 2015	It-22 ta' April 2030	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jiġu kkunsidrati l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar COS-OGA, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu.

▼M136

	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità (1)	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M143						
3	Cerevisane (l-ebda isem tal-ISO adottat) Nru tal-CAS: mhux assenjat Nru CIPAC: 980	Mhux rilevanti	≥ 924 g/kg	it-23 ta' April 2015	it-23 ta' April 2030	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmi fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-cerevisane, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu.
▼M153						
4	Virus tal-mużajk tal-pepino arblu CH2 iżolat 1906 GenBank, numru tal-adeżjoni JN835466 Nru CIPAC: mhux assenjat	Mhux applikabbli	Konċentrazzjoni minima 5×10^5 kopji ta' ġenomi virali għal kull µL	Is-7 ta' Awwissu 2015	Is-7 ta' Awwissu 2030	Jista' jkun awtorizzat biss l-użu fis-serer. Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif hemm referenza fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jiġu kkunsidrati l-konklużjonijiet tar-rapport ta' eżami dwar il-virus tal-mużajk tal-pepino arblu CH2 iżolat 1906, u b'mod partikolari tal-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għall-protezzjoni tal-operaturi u tal-ħaddiema, u jqisu li l-virus tal-mużajk tal-pepino arblu CH2 iżolat 1906 għandu jitqies bħala sensitizzatur potenzjali. Fejn xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. Il-produttur għandu jiżgura li jkun hemm manutenzjoni stretta tal-kundizzjonijiet ambjentali kif ukoll analiżi tal-kontrolli tal-kwalità matul il-proċess tal-manifattura.
▼M152						
5	Fosfat ferriku In-Nru tal-CAS: 10045-86-0 In-Nru CIPAC: 629	Fosfat ferriku	Il-fosfat ferriku 703 g/kg ekwivalenti għal 260 g/kg ħadid u 144 g/kg ta' fosforu	L-1 ta' Jannar 2016.	Il-31 ta' Diċembru 2030.	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmi fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-fosfat ferriku, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu.

▼M136

	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M186						
6	*Saccharomyces cerevisiae* tar-razza LAS02 Numru tal-adeżjoni fil-ġbir tal-"Collection Nationale de Cultures de Microorganismes" (CNCM) tal-Istitut Pasteur: CNCM I-3936	Mhux applikabbli	Konċentrazzjoni minima: 1×10^{13} CFU/kg	Is-6 ta' Lulju 2016	Is-6 ta' Lulju 2031	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' rieżami dwar Saccharomyces cerevisiae tar-razza LAS02, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tal-operaturi u tal-ħaddiema, filwaqt li jitqies li Saccharomyces cerevisiae tar-razza LAS02 hija kkunsidrata bħala sensitizzatur potenzjali. Fejn xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. Il-produttur għandu jiżgura li jkun hemm manutenzjoni stretta tal-kundizzjonijiet ambjentali kif ukoll analiżi tal-kontrolli tal-kwalità matul il-proċess tal-manifattura.
▼M185						
7	*Trichoderma atroviride* tar-razza SC1 In-numru tal-adeżjoni CBS 122089 fil-ġbir ta' Centraalbureau voor Schimmelcultures (CBS) f'Utrecht, in-Netherlands Nru CIPAC: 988	Mhux applikabbli	Konċentrazzjoni minima ta' 1×10^{10} CFU/g	Is-6 ta' Lulju 2016	Is-6 ta' Lulju 2031	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport tar-reviżjoni dwar it-*Trichoderma atroviride* tar-razza SC1, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni speċjali lill-protezzjoni tal-operaturi u tal-ħaddiema, u jagħrfu li l-mikroorganiżmi huma meqjusin bħala sensitizzaturi potenzjali. Meta xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. Il-produttur għandu jiżgura li l-kundizzjonijiet ambjentali jinżammu b'mod strett u li matul il-proċess tal-manifattura ssir analiżi tal-kontroll tal-kwalità.

▼M136

[1] Jinsabu aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva fir-rapport tal-analiżi.

▼M166

PARTI E

Il-kandidati għas-sostituzzjoni

	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
1	Il-flumetralin Nru tal-CAS 62924-70-3 Nru tas-CIPAC 971	*N*-(2-kloro-6-fluworobenzil)-*N*-etil-α,α,α-trifluworo-2,6-dinitro-*p*-tolwidin	980 g/kg L-impurità Nitrosamina (ikkalkulata bħala nitrosodimetilamin) ma għandhiex taqbeż iż-0,001 g/kg fil-materjal tekniku.	Il-11 ta' Diċembru 2015	Il-11 ta' Diċembru 2022	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, iridu jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' rieżami dwar il-flumetralin, b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil: (a) il-protezzjoni tal-operaturi u l-ħaddiema, billi jiżguraw li fejn xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu jkunu jispeċifikaw li jrid jintuża t-tagħmir adegwat għall-protezzjoni personali; (b) il-protezzjoni tal-ilma ta' tal-pjan, meta s-sustanza tintuża f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet tal-klima vulnerabbli; (c) ir-riskju għall-mammiferi erbivori; (d) ir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi. Meta xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskji. L-applikant għandu jippreżenta informazzjoni ta' konferma dwar: 1. l-ispeċifikazzjoni teknika tas-sustanza attiva kif manifatturata (abbażi tal-produzzjoni fuq skala kummerċjali); 2. il-konformità tal-lottijiet maħsuba għall-istudji tossikoloġiċi mal-ispeċifikazzjoni teknika kkonfermata. L-applikant għandu jressaq l-informazzjoni msemmija fil-punti 1 u 2 lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sal-11 ta' Ġunju 2016.

02011R0540 — MT — 12.12.2016 — 032.001 — 330

▼M166

	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M162						
2	Esfenvalerat Nru tal-CAS: 66230-04-4 Nru CIPAC: 481	(αS)-α-ċjanu-3-fenossibenżil-(2S)-2-(4-klorofenil)-3-metilbutirat	830 g/kg L-impurità toluwen ma għandhiex taqbeż 10 g/kg fil-materjal tekniku.	L-1 ta' Jannar 2016	Il-31 ta' Diċembru 2022	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' eżami dwar l-esfenvalerat, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — lir-riskju mill-esfenvalerat u l-isomeru 2Sαr tal-fenvalerat lill-organiżmi akkwatiċi inkluż ir-riskju ta' bijoakkumulazzjoni fil-katina alimentari; — lir-riskju lin-naħal u lill-artropodi mhux fil-mira; — lill-ħarsien tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet ta' klima vulnerabbli. Meta xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju.
▼M169						
3	Metsulfuron-metil Nru tal-CAS 74223-64-6 Nru CIPAC 441.201	2-(4-metossi-6-metil-1,3,5,-triazin-2-ilkarbamojlsulfamojl) benżoat tal-metil	967 g/kg	fl-1 ta' April 2016.	fil-31 ta' Marzu 2023.	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' rieżami dwar il-metsulfuron-metil, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din il-valutazzjoni kumplessiva, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari: — lill-protezzjoni tal-konsumaturi, — lill-protezzjoni tal-ilma tal-pjan, — lill-protezzjoni ta' pjanti terrestri mhux fil-mira. Meta jixraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. Sat-30 ta' Settembru 2016, l-applikant għandu jissottometti lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità, informazzjoni ta' konferma dwar il-potenzjal ġenotossiku tal-metabolit triażinammina (IN-A 4098) biex jikkonferma li dan il-metabolit mhuwiex ġenotossiku u mhux rilevanti għall-valutazzjoni tar-riskju.

▼M166

	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M172						
4	Benżovindiflupir Nru tal-CAS: 1072957-71-1 Nru CIPAC: mhux disponibbli	*N*-[(1*RS*,4*SR*)-9-(diklorometilen)-1,2,3,4-tetraidro-1,4-metanonaftalen-5-il]-3-(difluworometil)-1-metilpirażol-4-karbossammid	960 g/kg (50/50) raċemat	2.3.2016	2.3.2023	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' rieżami dwar il-benżovindiflupir, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi. Fejn rilevanti, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskji. L-applikant għandu jippreżenta informazzjoni ta' konferma dwar: (1) l-ispeċifikazzjoni teknika tas-sustanza attiva kif iffabbrikata (abbażi tal-produzzjoni fuq skala kummerċjali) inkluż ir-rilevanza ta' xi impuritajiet; (2) il-konformità tal-lottijiet maħsuba għall-istudji tossikoloġiċi u ekotossikoloġiċi mal-ispeċifikazzjoni teknika kkonfermata; (3) l-effett tal-proċessi ta' trattament tal-ilma fuq in-natura tar-residwi preżenti fl-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art, meta l-ilma tal-wiċċ jew l-ilma ta' taħt l-art jiġi estratt biex jintuża għax-xorb. L-applikant għandu jippreżenta l-informazzjoni mitluba skont il-punti (1) u (2) lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sat-2 ta' Settembru 2016 u l-informazzjoni li hija mitluba fil-punt (3) qabel ma jgħaddu sentejn wara l-adozzjoni ta' dokument ta' gwida dwar l-evalwazzjoni tal-effett tal-proċessi ta' trattament tal-ilma fuq in-natura tar-residwi li jinsabu fl-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art.

▼M166

	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità [1]	Data tal-approvazzjoni	Skadenza tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
▼M170						
5	Lambda Ċjalotrina Nru tal-CAS 91465-08-6 Nru CIPAC 463	A 1:1 taħlita ta': (R)-α-cjano- 3-fenossibenżil (1S, 3S)-3-[(Z)-2-kloro-3,3,3-trifluworopropenil]-2,2-dimetilċiklopropankarbossilat u (S)-α-ċjano-3-fenossibenżil (1R,3R)-3-[(Z)-2-kloro-3,3,3-trifluworopropenil]-2,2-dimetilċiklopropankarbossilat jew ta' (R)-α-ċjano-3-fenossibenżil (1S)-cis-3-[(Z)-2-kloro-3,3,3-trifluworopropenil]-2,2-dimetilċiklopropankarbossilat u (S)-α-ċjano-3-fenossibenżil (1R)-cis-3-[(Z)-2-kloro-3,3,3-trifluworopropenil]-2,2-dimetilċiklopropankarbossilat	900 g/kg	fl-1 ta' April 2016.	fil-31 ta' Marzu 2023.	Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi, kif imsemmi fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' rieżami dwar il-lambda ċjalotrina, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu. F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għal dan li ġej: (a) il-protezzjoni tal-operaturi, tal-ħaddiema u tal-persuni li jkunu fil-qrib; (b) il-metaboliti li potenzjalment ġew ifformati fi prodotti pproċessati; (c) ir-riskju għall-organiżmi akkwatiċi, mammiferi u artropodi mhux fil-mira. Meta xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. L-applikanti għandhom iressqu informazzjoni li tagħti konferma rigward: 1. rieżami sistematiku li jevalwa l-provi disponibbli rigward l-effetti potenzjali fuq l-isperma b'rabta mal-esponiment għal-lambda ċjalotrina, bl-użu tal-gwida disponibbli (eż. l-linji gwida tal-EFSA tal-2010 dwar il-metodoloġija ta' rieżami sistematiku); 2. informazzjoni tossikoloġika sabiex jiġi evalwat il-profil tossikoloġiku tal-metaboliti V (PBA) u XXIII (PBA(OH)). L-applikanti għandhom iressqu dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sal-1 ta' April 2018.

▼M166

[1] Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva jinsabu fir-rapport ta' rieżami.